



Edizzjoni bil-Malti

## Informazzjoni u Avviżi

Volum 64

29 ta' Ottubru 2021

Werrej

### I *Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet*

#### RIŻOLUZZJONIJIET

##### **Il-Kumitat tar-Reġjuni**

##### **Interactio – ibrida – il-145 Sessjoni Plenarja tal-KtR, 30.6.2021–1.7.2021**

2021/C 440/01	Riżoluzzjoni dwar il-proposti tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni fid-dawl tal-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni Ewropea għall-2022 . . . . .	1
2021/C 440/02	Riżoluzzjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni dwar viżjoni għall-Ewropa: il-futur tal-kooperazzjoni transfruntiera . . . . .	6

#### OPINJONIJIET

##### **Il-Kumitat tar-Reġjuni**

##### **Interactio – ibrida – il-145 Sessjoni Plenarja tal-KtR, 30.6.2021–1.7.2021**

2021/C 440/03	Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Strateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti . . .	11
2021/C 440/04	Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Sħubija mgiedda mal-Viċinat tan-Nofsinhar —Aġenda Ġdida għall-Mediterran . . . . .	19
2021/C 440/05	Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — It-tiżhij tal-ambizzjoni klimatika tal-Ewropa għall-2030 għall-COP26 . . . . .	25
2021/C 440/06	Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea . . . . .	31
2021/C 440/07	Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — It-Twettiq tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli sal-2030	36
2021/C 440/08	Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Insawru Ewropa reżiljenti għall-klima — l-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima . . . . .	42

2021/C 440/09	Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Strategġja biex tissaħħaħ l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali fl-UE . . . . .	49
2021/C 440/10	Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni dwar “Il-futur tal-ajruporti reġjonali — Sfidi u opportunitajiet” . . . . .	51
2021/C 440/11	Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Pjan għall-futur għall-ħaddiema fis-setturi tal-kura u l-indukrar — Sfida Ewropea u opportunitajiet lokali u reġjonali . . . . .	56
2021/C 440/12	Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Pjan ta’ azzjoni għall-ekonomija soċjali . . . . .	62

---

### III *Atti preparatorji*

#### **Il-Kumitat tar-Reġjuni**

##### **Interactio – ibrida – il-145 Sessjoni Plenarja tal-KtR, 30.6.2021–1.7.2021**

2021/C 440/13	Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni dwar l-Att dwar is-Servizzi Diġitali u l-Att dwar is-Swieq Diġitali . . . . .	67
2021/C 440/14	Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni dwar “Ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi” . . . . .	99
2021/C 440/15	Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni dwar “Regolament Rivedut dwar l-Infrastruttura tal-Enerġija Trans-Ewropea, adatt għat-Tranżizzjoni Ekoloġika u dik Diġitali” . . . . .	105

## I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

## RIŻOLUZZJONIJIET

## IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

INTERACTIO – IBRIDA – IL-145 SESSJONI PLENARJA TAL-KTR, 30.6.2021–1.7.2021

**Riżoluzzjoni dwar il-proposti tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni fid-dawl tal-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni Ewropea għall-2022**

(2021/C 440/01)

IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI,

wara li kkunsidra:

- il-Protokoll ta' Kooperazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea ta' Frar 2012,
- ir-Riżoluzzjoni tal-KtR dwar il-prijoritajiet tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni għall-2020-2025 <sup>(1)</sup>,
- il-kontributi tal-parlamenti reġjonali b'setgħat leġislattivi li ġew riċevuti fil-qafas tal-ftehim ta' kooperazzjoni KtR-CALRE

*Irkupru u Koeżjoni*

1. peress li l-implimentazzjoni tal-istrument Next Generation EU ser tkun prijorità fundamentali tal-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni Ewropea għall-2022, il-KtR jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jkunu involuti fl-implimentazzjoni tal-Pjani Nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza (NRRPs), li huwa fattur essenzjali biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF), biex tiġi żgurata koordinazzjoni aħjar mal-programmi tal-politika ta' koeżjoni u mal-Istrateġiji ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti żviluppata mir-reġjuni, u biex jiġu evitati rati ta' assorbiment potenzjalment baxxi. Jenfasizza wkoll il-ħtieġa li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jiġu involuti fil-proċessi tas-Semestru Ewropew, peress li l-maġġoranza tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi għandhom dimensjoni lokali u reġjonali;
2. itenni l-appell tiegħu lill-Kummissjoni biex tintegra l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli fi ħdan Semestru Ewropew riformat, timmappjahom fl-NRRPs, u fuq din il-bażi tintegrahom fiċ-ċiklu li jmiss, billi tibda bl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli. Il-KtR jistenna wkoll li tiġi stabbilita pjattaforma ta' diversi partijiet ikkonċernati tal-UE dwar l-SDGs biex tappoġġja u toffri pariri lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni f'waqtha tal-SDGs;
3. jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tressaq proposta biex testendi sa tmiem l-2022 il-miżuri attwali ta' flessibilità ta' eċċezzjoni taħt l-Inizjattiva ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus Plus, bħall-possibilità ta' rata ta' kofinanzjament tal-UE ta' 100 %, u tikkunsidra żieda temporanja tal-livell limitu tal-għajjnuna mill-Istat *de minimis* sabiex tkompli tappoġġja l-investimenti sostenibbli għall-istess perjodu;
4. ihegġegħ lill-Kummissjoni tieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa tal-pjan direzzjonali legalment vinkolanti biex jiġu introdotti riżorsi proprji ġodda matul il-perjodu tal-QFP attwali, inkluż billi tagħmel proposti leġislattivi f'waqthom;

<sup>(1)</sup> COR-2020-01392-00-00-RES-TRA.

5. jistieden lill-Kummissjoni biex, fit-tnedija mill-ġdid tagħha tar-rieżami tal-qafas ta' governanza ekonomika Ewropea, tqis ir-realtà u l-ħtiġijiet tal-awtoritajiet lokali u reġjonali kif ukoll l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq il-livelli tad-dejn u tad-defiċit, b'mod partikolari fir-rigward tal-investiment pubbliku fil-livelli kollha tal-gvern;

6. jistieden lill-Kummissjoni Ewropea biex tqiegħed l-iżvilupp sostenibbli u l-ħolqien tal-impjiegi fil-qalba tar-reviżjoni tal-Istrateġija tal-UE għar-Reġjuni Ultraperiferiċi, fid-dawl tal-konsegwenzi serji li l-pandemija tal-COVID-19 kellha fuq dawn ir-reġjuni; jieħu impenn li jinvolvi ruħu fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' din l-istrateġija f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet preċedenti tiegħu;

7. jistieden lill-Kummissjoni tintegra l-kunsiderazzjonijiet demografiċi fil-politiki kollha tagħha u tippredvi strumenti finanzjarji li jippermettu l-iżvilupp ta' azzjonijiet u miżuri biex jiġu indirizzati l-isfidi demografiċi f'dawk ir-reġjuni fejn il-konsegwenzi tat-tibdil demografiku għandhom impatt partikolari;

#### *Ambjent u Sostenibbiltà*

8. jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni li tistabbilixxi monitoraġġ tat-Tniġġis Żero b'mod konġunt mal-KtR u, fi stadju aktar tard, Tabella ta' Valutazzjoni tal-prestazzjoni ekoloġika tar-reġjuni tal-UE fi ħdan il-pjan ta' azzjoni tagħha ta' tniġġis żero; jipproponi li ssir hídma flimkien għall-monitoraġġ tal-progress u tal-impatti tal-politiki kollha tal-Patt Ekoloġiku, inkluża l-implimentazzjoni tal-azzjoni klimatika u tal-Irkupru Ekoloġiku, fil-livell reġjonali; jitlob li jkun involut fl-organizzazzjoni tas-Sena Ewropea għal Bliet Aktar Ekoloġiċi, jekk din tiġi kkonfermata għall-2022, u li jitqiesu l-partikolaritajiet taż-żoni rurali, speċjalment dawk l-aktar depopolati, fl-implimentazzjoni tal-politiki tal-Patt Ekoloġiku;

9. jistieden lill-Kummissjoni biex fil-Patt Ekoloġiku Ewropew tintegra Liġi dwar l-Oċeani bħala strateġija globali b'miri li jistgħu jitkejlu u bi skadenzi għall-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar, għat-tnaqqs tat-tniġġis u għall-irkupru lura mit-telfien tal-bijodiversità, filwaqt li jiġu protetti u promossi l-operaturi tas-sajd fuq skala żgħira;

10. jissuġġerixxi lill-Kummissjoni tintroduċi l-kunċett ta' koeżjoni ambjentali u klimatika bħala dimensjoni komplementari għall-kunċett ta' koeżjoni ekonomika, soċjali, territorjali u diġitali, bħala element ewlieni għall-irkupru fl-Ewropa u fid-dinja, kif ukoll għall-iżvilupp sostenibbli, l-aġenda 2030 tan-NU, l-SDGs u l-oġettiv ta' newtralità f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju;

11. jingħaqad mat-talba tal-Parlament Ewropew biex il-Kummissjoni tippreżenta Liġi dwar il-Bijodiversità legalment vinkolanti sa tmiem l-2022. Din jenħtieġ li tkun akkumpanjata minn mekkaniżmu ta' monitoraġġ b'indikaturi, u li tinvolvi formalment lill-awtoritajiet lokali u reġjonali;

12. jistieden lill-Kummissjoni twestaq rieżami tar-Regolament dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija, sabiex ir-Regolament ikun adatt għall-implimentazzjoni tal-Patt Ekoloġiku, sabiex tissaħħaħ l-integrazzjoni tal-kontributi sottonazzjonali fil-pjani nazzjonali, u sabiex il-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima (NECPs) jiġu allinjati mal-pjani nazzjonali tal-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 u l-qafas tal-SDGs tan-NU; jipproponi qafas għal azzjoni sottonazzjonali biex jitqies b'mod formali fil-qafas tal-UNFCCC u l-governanza klimatika tal-UE li tirriżulta minnu;

13. jistenna li l-Kummissjoni tibda bil-proċess biex tintegra d-dimensjoni tal-ġeneru fil-proċessi ta' politika tagħha: fil-Patt Ekoloġiku, fl-NRRPs u fil-Ftehimiet ta' Sħubija taħt il-Fondi Strutturali u ta' Investiment tal-UE, b'mod speċifiku billi, f'konformità mal-Artikolu 16(f) tal-Ftehim Interistituzzjonali u mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2023, tressaq metodoloġija li tivvaluta l-impatt tal-programmi tal-UE b'rabta mad-dimensjoni tal-ġeneru;

14. jistieden lill-Kummissjoni tiftaħ djalogu strutturat mal-awtoritajiet lokali u reġjonali dwar it-tfassil u l-implimentazzjoni tal-pakkett "Fit for 55";

15. jappoġġja l-miri ppreżentati mill-Istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt", li għad iridu jiġu trasposti fil-leġiżlazzjoni tal-Politika Agrikola Komuni. Jistieden ukoll lill-Kummissjoni tressaq skemi għal tikkettar ġust dwar in-nutrizzjoni, kif ukoll tikkettar dwar l-orijini u l-metodi ta' produzzjoni tal-prodotti tal-annimali;

16. jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tiżgura li l-Aġenda Rurali Ewropea tiġi implimentata fil-politiki kollha u jkollha oġettivi politiċi ambizzjużi u konkreti biex tissaħħaħ id-dinamika innovattiva tat-territorji rurali, torganizza l-kooperazzjoni interterritorjali intelliġenti, u tistimola l-azzjoni taċ-ċittadini fl-istrateġiji ta' żvilupp lokali;

#### *Tranżizzjoni diġitali u Industrija*

17. jistieden lill-Kummissjoni tintegra l-koeżjoni diġitali bħala dimensjoni komplementari għall-kunċett ta' koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, u b'hekk tipprevjeni "distakk diġitali doppju" li jinħoloq minn nuqqas ta' infrastruttura, nuqqas ta' aċċess għal apparat elettroniku, u nuqqas ta' kompetenzi diġitali;

18. jistieden lill-Kummissjoni tqis id-differenzi reġjonali u lokali u l-indikaturi relatati fir-rapport ta' valutazzjoni komparattiva tal-gvern elettroniku, peress li d-distakk urban-rurali qed jikber f'termini tal-użu tas-servizzi tal-gvern elettroniku;

19. jistieden lill-Kummissjoni tipprevedi djalogu strutturat mal-bliet u r-reġjuni tal-Ewropa dwar kif jistgħu jissaħħu l-ekosistemi industrijali reġjonali, ir-raggruppamenti u l-alleanzi interreġjonali matul l-implimentazzjoni tal-istrateġija industrijali, filwaqt li jitqiesu l-Istrateġiji ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti, peress li l-approċċ ibbażat fuq il-post fil-biċċa l-kbira mhuwiex inkluż fil-Komunikazzjoni dwar "Aġġornament tal-Istrateġija Industrijali tal-2020";

#### *Kooperazzjoni transfruntiera u Mobilità*

20. jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni li tipproponi Strument ta' Emerġenza tas-Suq Uniku, u jitlob li titfassal leġislazzjoni li tiżgura standards u proċeduri minimi Ewropej li jiggarrantixxu fruntieri interni miftuħa, anke waqt il-kriżijiet;

21. jenfasizza l-ħtieġa għal qafas ta' politika tal-UE li jippermetti li s-servizzi pubbliċi transfruntiera jiġu stabbiliti u ġestiti b'mod effiċjenti; iħeġġeġ ukoll lil-leġislatur Ewropew, lill-Istati Membri, lir-reġjuni u lill-awtoritajiet lokali biex ikomplu jiżviluppaw u jippromovu għodod għal demokrazija transfruntiera parteċipattiva li jikkontribwixxu għall-involvement taċ-ċittadini fil-proċess ta' integrazzjoni Ewropea fuq il-post;

22. huwa diżappuntat ħafna li ma rnexxewx id-diskussjonijiet bejn l-Istati Membri dwar il-Mekkaniżmu Transfruntier Ewropew (ECBM) propost; peress li l-ostakli legali u amministrattivi jillimitaw ħafna l-kooperazzjoni transfruntiera u l-kwalità tal-ħajja fir-reġjuni tal-fruntiera, il-KtR jappella għal proposta ġdida tal-Kummissjoni għal Regolament tal-ECBM;

23. jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tagħti segwitu permezz ta' linji gwida konkreti dwar il-qafas il-ġdid tal-mobilità urbana, li se jagħmel il-mobilità urbana aktar sostenibbli u jnaqqas l-impatt tagħha fuq is-saħħa tan-nies;

24. jilqa' l-ftehim interistituzzjonali dwar il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF). Jittama li l-proġetti kofinanzjati b'rabta man-network trans-Ewropew tat-trasport (TEN-T) u mal-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea (TEN-E) ser jikkontribwixxu biex jeliminaw il-konnessjonijiet neqsin, speċjalment fir-reġjuni transfruntiera, u jfakkar lill-Kummissjoni dwar il-ħtieġa li tiddedika biżżejjed baġit għall-kofinanzjament ta' proġetti dwar in-network komprensiv;

#### *Migrazzjoni u Protezzjoni soċjali*

25. jissuġġerixxi li tiġi stabbilita tabella ta' valutazzjoni soċjali fil-livell reġjonali sabiex jittieħed kont sħiħ tal-isfidi soċjali fl-UE u biex jiġi żgurat li l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (EPRS) jiġi implimentat fil-livelli kollha;

26. jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja u timmonitorja l-implimentazzjoni mill-Istati Membri tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal, u tiffaċilita l-iskambju tal-aħjar prattiki f'dan ir-rigward;

27. jistenna li l-Kummissjoni tressaq proposta ambizzjuża dwar it-Titjib tal-Kundizzjonijiet tax-Xogħol għall-Ħaddiema tal-Pjattaformi li tirrispetta l-mudelli nazzjonali tas-suq tax-xogħol u s-setgħat tat-teħid tad-deċizzjonijiet tal-UE;

28. jistieden lill-Kummissjoni tinkludi r-rakkomandazzjonijiet tal-KtR fl-Inizjattiva dwar il-Kura fit-Tul, minħabba r-rabta qawwija tagħha man-nuqqas serju ta' hiliel f'dan il-qasam u mat-tibdil demografiku, li huma partikolarment akuti f'reġjuni b'popolazzjoni li qed tixjieħ;

29. jimpenja ruħu li jaqdi rwol attiv fil-Pjattaforma Ewropea dwar il-ġlieda kontra l-problema ta' persuni mingħajr dar, li għandha tiġi kkomplementata minn proposta tal-Kummissjoni għal qafas tal-UE għal strateġiji nazzjonali għall-problema ta' persuni mingħajr dar;

30. jistieden lill-Kummissjoni tagħti attenzjoni speċjali biex tirrinforza l-irkupru u r-reżiljenza tas-setturi kulturali u kreattivi fid-dawl tal-pandemija tal-COVID-19, u tindirizza l-prekarjetà tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-artisti billi tiffaċilita l-mobilità u r-rikonnoxximent reċiproku tal-istatus tagħhom;

#### *Migrazzjoni u Integrazzjoni*

31. jistieden lill-Kummissjoni tiżgura progress lejn l-istabbiliment ta' qafas Ewropew għall-ġestjoni tal-migrazzjoni u l-ażil, skont il-Patt il-Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil; itenni li d-dimensjoni lokali u reġjonali tal-migrazzjoni u tal-integrazzjoni għandha titqies u tiġi appoġġjata mis-sħubija l-ġdida bejn il-KtR u l-Kummissjoni dwar l-integrazzjoni;

*Sigurtà*

32. jistieden lill-Kummissjoni tinkludi lill-KtR bħala msieħeb sħiħ fl-Impenn tal-UE dwar is-Sigurtà Urbana u r-Reżiljenza, u fl-inizjattiva l-għdida dwar il-Bliet kontra r-Radikalizzazzjoni u t-Terroriżmu;

*Saħħa, Protezzjoni Ċivili u Turiżmu*

33. ifakkar lill-Kummissjoni li kwalunkwe rieżami tal-qafas legali ta' Schengen irid iqis il-fehmiet u l-ħtiġijiet tal-bliet u r-reġjuni qrib il-fruntieri interni; jitlob li jiġi kkonsultat fi stadju bikri, skont il-Protokoll Nru 2 dwar l-Applikazzjoni tal-Prinċipji tas-Sussidjarjetà u l-Proporzjonalità;

34. ihegġegħ lill-Kummissjoni Ewropea tmexxi proċedura rapida bil-għan li tinstab soluzzjoni sodisfaċenti u permanenti għall-problema tal-kriżi umanitarja fil-Mediterran, qabel kolloxx iffukata fuq il-protezzjoni tal-ħajja tal-migranti, iżda wkoll fuq l-iżgurar tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali. Il-KtR u l-awtoritajiet lokali u reġjonali joffru l-kooperazzjoni l-aktar profonda tagħhom;

35. jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposti kuraġġużi għall-iżvilupp u l-produzzjoni ta' mediċini essenzjali fl-UE, sabiex tiġi żgurata l-awtonomija strateġika tal-UE billi titnaqqas id-dipendenza fuq pajjiżi terzi; jistenna li l-Kummissjoni tippromovi wkoll miżuri konkreti u robusti biex jiġi stimolat l-aċċess għal mediċini ġeneriċi u bijosimili u anke biex jiġi żgurat l-aċċess għall-farmaċewtiċi fi żminijiet ta' kriżi;

36. jappoġġja rieżami tar-rwol tal-Unjoni Ewropea fil-politika dwar is-saħħa pubblika fil-kuntest tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, meta jitqies li l-politika tas-saħħa hija kompetenza primarja tal-Istati Membri u spiss tiġi indirizzata fil-livell sottonazzjonali;

37. jistenna li l-Opinjoni tiegħu dwar id-drittijiet tal-pazjenti fil-kura tas-saħħa transfruntiera, kif ukoll ir-riżultati tat-tielet konsultazzjoni tar-RegHub jiġu riflessi fit-tielet rapport dwar it-tħaddim tad-Direttiva mistenni fl-2022;

38. jistenna bil-ħerqa li jikkontribwixxi għall-Proposta tal-Kummissjoni għal kalendarju tat-tilqim u kard tat-tilqim Ewropej biex jiġi żgurat li l-Ewropej kollha jkollhom id-dritt għal – u prova ta' – protezzjoni offruta permezz tal-inokulazzjoni, irrispettivament minn fejn jgħixu;

39. ihegġegħ lill-Kummissjoni tavvanza bl-istabbiliment u l-iżvilupp tal-għanijiet tal-Unjoni dwar ir-reżiljenza għad-diżastri fil-qasam tal-protezzjoni ċivili, bħala objettivi mhux vinkolanti li jappoġġjaw azzjonijiet ta' prevenzjoni u tħejjija, filwaqt li jenfasizza li dan jeħtieġ li jsir f'kooperazzjoni mhux biss mal-gvernijiet nazzjonali iżda wkoll mal-awtoritajiet lokali u reġjonali; jistenna bil-ħerqa wkoll l-implimentazzjoni sħiħa tan-Network tal-Unjoni ta' Għarfien dwar il-Protezzjoni Ċivili u jhegġegħ lill-Kummissjoni tinkludi għarfien espert dwar il-ġestjoni tad-diżastri li huwa disponibbli wkoll fil-livell sottonazzjonali. Barra minn hekk, jistenna pjan ċar għal impenn fit-tul u tisħiħ finanzjarju tal-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili u l-istrumenti tiegħu, bħar-rescEU u l-Korp Mediku Ewropew;

40. itenni t-talba tiegħu għal strateġija għdida għat-turiżmu Ewropew, u jistieden lill-Kummissjoni tressaq Aġenda Ewropea għat-Turiżmu 2030/2050, inkluż l-ewwel abbozz tagħha qabel jispiċċa l-ewwel nofs tal-2022, sabiex tappoġġja t-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali tal-ekosistema tat-turiżmu Ewropew, issaħħaħ il-kompetittività tagħha, u tippromovi l-irkupru tal-impjeg lokali u reġjonali marbut ma' din l-attività;

*Kooperazzjoni esterna*

41. jinsab diżappuntat li l-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni ffirmat fl-24 ta' Diċembru 2020 bejn l-UE u r-Renju Unit ma jipprevedi l-ebda involviment speċifiku jew strutturat għall-awtoritajiet lokali u reġjonali; madankollu, b'mod partikolari permezz tal-ħidma politika tal-Grupp ta' Kuntatt KtR-Renju Unit, il-KtR ser jirrifletti dwar meżżi biex tiġi żgurata l-kontinwità tal-kooperazzjoni tagħna mal-amministrazzjonijiet deċentralizzati u l-governanza lokali tar-Renju Unit; jistieden ukoll lill-Kummissjoni timmonitorja mill-qrib l-involviment tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-implimentazzjoni tar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit;

42. jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi appoġġ sostnut u strutturat għall-kooperazzjoni ta' bejn il-pari bejn l-awtoritajiet lokali fil-Balkani tal-Punent u l-kontropartijiet tagħhom fl-Istati Membri tal-UE, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-KtR, u b'mod partikolari permezz tal-Kumitati Konsultattivi Konġunti tiegħu mal-Montenegro, il-Maċedonja ta' Fuq u s-Serbja, kif ukoll permezz tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Balkani tal-Punent;

43. jilqqa' d-deċizzjoni biex titnieda l-Akkademja tas-Sħubija tal-Lvant għall-Amministrazzjoni Pubblika, u r-rwol imsaħħaħ tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-implimentazzjoni tal-politiki, l-istrateġiji u l-inizjattivi ewlenin tas-Sħubija tal-Lvant;

44. iħeġġeġ lill-istituzzjonijiet kollha tal-UE biex, fl-implimentazzjoni tas-sħubija mġedda mal-Viċinat tan-Nofsinhar, iqisu lill-awtoritajiet lokali u reġjonali bħala msieħba ewlenin għall-iżvilupp sostenibbli u l-programmazzjoni, sabiex jinħolqu dinamiċi ġodda għar-riformi ta' deċentralizzazzjoni;

45. jistieden lill-Kummissjoni tirrikonoxxi r-rwol li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jistgħu jaqdu biex jikkontribwixxu għall-paċi u l-prosperità f'pajjiżi terzi, b'inizjattivi bħall-Inizjattiva ta' Nikosija – eżempju konkret ta' kooperazzjoni ta' bejn il-pari, li tat kontribut biex tinholq fiduċja u biex jinżamm djalogu intern miftuħ fost l-awtoritajiet reġjonali u lokali;

*Sussidjarjetà u Futur tal-Ewropa*

46. itenni l-istedina tiegħu lill-Kummissjoni biex iżżid il-ħidma u l-involviment tagħha maċ-ċittadini u mal-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-qafas tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa u lil hinn minnha, u biex tipprovdi l-għodod adatti għas-segwitu tar-rakkomandazzjonijiet mill-Konferenza; jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-uffiċċji ta' rappreżentanza tagħha fl-Istati Membri u l-KtR dwar l-organizzazzjoni ta' djalogi lokali lil hinn mill-bliet kapitali;

47. jistieden lill-Kummissjoni ssegwi l-miżuri leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi deskritti fil-Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea, filwaqt li fil-kamp ta' applikazzjoni tagħhom tinkludi l-elezzjonijiet reġjonali u lokali, il-midja lokali u l-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni fil-livelli reġjonali u lokali;

48. jibqa' impenjat li jimplimenta r-rakkomandazzjonijiet tat-Task Force dwar is-Sussidjarjetà, il-Proporzjonalità u dwar li "Isir inqas b'mod iktar effiċjenti" u l-kunċett tas-"sussidjarjetà attiva"; jitlob l-użu sistematiku tal-Grilja għall-Valutazzjoni tas-Sussidjarjetà;

49. jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-Riżoluzzjoni lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Presidenzi tal-Kunsill tal-UE.

Brussell, it-30 ta' Ġunju 2021

Apostolos TZITZIKOSTAS

*Il-President*

*tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni*

**Riżoluzzjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni dwar viżjoni għall-Ewropa: il-futur tal-kooperazzjoni transfruntiera**

(2021/C 440/02)

IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI,

1. jemmen bis-sħiħ fil-valur miżjud għoli tal-kooperazzjoni transfruntiera bħala element essenzjali tal-proġett u l-politiki tal-Unjoni Ewropea peress li għandha l-għan li ssaħħaħ il-koeżjoni territorjali kif ukoll ir-rabtiet, l-iskambji u l-kollaborazzjoni bejn it-territorji u ċ-ċittadini bejn il-fruntieri tal-art u tal-baħar;
2. jinsab imħasseb minħabba l-akbar xkiel għall-kooperazzjoni transfruntiera li qatt kien hemm fl-aħħar deċennji, minħabba l-pandemija tal-COVID-19; jitlob, fid-dawl tad-dibattitu dwar il-Futur tal-Ewropa, lill-Unjoni Ewropea terġa' tqiegħed il-kooperazzjoni transfruntiera fil-quċċata tal-aġenda politika tal-UE ħalli tikkontribwixxi għall-irkupru mill-kriżi;
3. wara konsultazzjonijiet pubbliċi mill-KtR dwar il-futur tal-kooperazzjoni transfruntiera, u wara li jkun ikkonsulta mal-membri tal-Alleanza Ewropea taċ-Ċittadini Transkonfinali, jipproponi l-viżjoni li ġejja ta' kooperazzjoni transfruntiera matul is-snin li ġejjin;

*Servizzi ta' emerġenza, kura tas-saħħa u kriżijiet futuri*

4. jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tippreżenta proposta għaż-żamma tal-kooperazzjoni transfruntiera tal-art u tal-baħar u tal-ħajja transfruntiera fil-każ ta' kriżi fil-livell tal-UE jew dak reġjonali. Din il-proposta għandha tipprevedi li l-fruntieri interni tal-UE jinżammu miftuħa, filwaqt li jiġi żgurat il-moviment liberu tal-persuni, l-għoti ta' servizzi pubbliċi transfruntiera u tiggarrantixxi l-funzjonament sħiħ u bla xkiel tas-suq uniku u taż-żona Schengen;
5. jenfasizza li l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha għandhom dejjem jikkonsultaw fil-ħin mal-awtoritajiet lokali u reġjonali qabel ma jqisu l-għeluq tal-fruntieri, jew kwalunkwe tip ta' azzjoni li jista' jkollha impatt fuq il-ħajja taċ-ċittadini; barra minn hekk, kwalunkwe azzjoni bħal din jeħtieġ li tirrispetta l-prinċipju tal-proporzjonalità u ma tridx tmur lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħqu l-oġettivi ta' politika ddefiniti b'mod leġittimu u trasparenti;
6. jissottolinja l-ħtieġa li r-residenti fl-Unjoni Ewropea jkollhom l-aktar aċċess rapidu possibbli għas-servizzi ta' emerġenza u s-servizzi tal-kura tas-saħħa; iħeġġeġ lill-Istati Membri jikkunsidraw miżuri li jippermettu l-passaġġ ħieles bejn il-fruntieri tal-persunal u tal-vetturi li jaħdmu fis-servizzi ta' emerġenza u s-servizzi tal-kura tas-saħħa;
7. jissuġġerixxi li l-Istati Membri jqisu l-kooperazzjoni transfruntiera meta jibdlu l-attivitajiet marbutin mas-servizzi ta' saħħa u ta' emerġenza, jew meta jipplanaw jew jimplementaw pjani ta' saħħa nazzjonali, reġjonali jew lokali ġodda. Barra minn hekk, jistgħu jiġu implimentati u rispettati pjani ta' saħħa tal-Unjoni, kull fejn possibbli u skont il-kawża tal-emerġenza;
8. jistieden lill-Istati Membri joħlqu Pjani Konġunti ta' Emerġenza Transfruntiera għal kull fruntiera, jew saħansitra għal kull parti tal-fruntiera, biex jiżguraw thejjja u rispons aħjar f'każ ta' emerġenza. Ir-reġjuni tal-fruntiera tal-UE, b'mod partikolari l-Ewroreġjuni, il-komunitajiet ta' ħidma, ir-Raggruppamenti Ewropej ta' Kooperazzjoni Territorjali (REKT) u l-istrutturi transfruntiera l-oħra għandhom jiġu kkonsultati meta jitfasslu tali pjani, bil-possibbiltà li, fejn meħtieġ, dawn ikunu inkarigati mill-implimentazzjoni jew mill-koġestjoni tagħhom;
9. jitlob kooperazzjoni b'saħħitha maċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC) u mal-awtoritajiet reġjonali kompetenti, b'mod partikolari permezz tal-istabbiliment ta' osservatorji tas-saħħa transfruntiera lokali jew reġjonali;

*Għal reġjuni transfruntiera aktar integrati*

10. jistieden lill-Unjoni Ewropea biex, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri tagħha u mal-awtoritajiet lokali u reġjonali, tippromovi l-iżvilupp ta' żoni ta' għajxien funzjonali f'żoni transfruntiera tal-art u tal-baħar tal-Unjoni u tal-pajjiżi ġirien, inkluż fir-reġjuni ultraperiferiċi, u biex konsegwentement tiffoka l-opportunitajiet u l-politiki ta' finanzjament futuri tagħha fuq dawk l-oqsma;
11. jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tqis il-fenomeni transfruntier abbażi ta' approċċ trasversali fit-tfassil tal-politiki tagħha;



12. jistieden lill-Kummissjoni Ewropea, u b'mod partikolari lill-EUROSTAT, kif ukoll lill-Uffiċċji Nazzjonali tal-Istatistika rilevanti, biex jiġbru b'mod sistematiku statistika ta' data dwar il-ħajja fiż-żoni transfruntiera, u jidentifikaw il-flussi u l-interdipendenzi transfruntiera fl-oqsma ta' politika rilevanti kollha u fil-ħajja pubblika, sabiex jipprovdu evidenza konkreta għat-tfassil futur tal-politika;

13. jitlob lill-Istati Membri jeżaminaw l-istabbiliment ta' strateġiji konġunti għal żoni transfruntiera integrati u jipprevedu riżorsi ddedikati għall-iżvilupp ta' proġetti transfruntiera, ipplanar spazjali, infrastruttura, strateġiji ekonomiċi u suq tax-xogħol integrat. Il-finanzjament għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' dawn l-istrateġiji se jiġi pprovdut fil-qafas tal-INTERREG taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027;

14. iqis li s-servizzi kollha tal-Kummissjoni Ewropea għandhom ikunu konxji dwar l-eżistenza tar-REKT. Il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni għalhekk jistieden lill-Kummissjoni Ewropea biex tiżgura li r-REKT jiġu rikonoxxuti bħala entitajiet legali u jkunu eliġibbli għas-sejħiet kollha tal-UE għall-proġetti;

15. jisħaq li s-saħħa ambjentali (il-kwalità tal-arja, tal-ħamrija u tal-ilma) u s-saħħa tal-abitanti taż-żoni tal-fruntiera għandhom jiġu protetti aktar, sabiex jiġu evitati t-tniġġis u r-riskji industrijali ġġenerati min-naħa l-oħra tal-fruntiera;

16. sabiex tippermetti ħajja transkonfinali bla xkiel, il-KtR iħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea tidħol fi djalogu mal-Istati Membri biex jinstabu modi effettivi biex jiġu rikonoxxuti b'mod reċiproku l-kwalifiki u d-drittijiet taċ-ċittadini u n-negozji;

#### *Titjib fit-trasport transfruntier u l-komunikazzjonijiet b'kollegament*

17. jitlob appoġġ għal konnettività u intermodalità transfruntiera aħjar fil-fruntieri tal-art u tal-baħar permezz ta' finanzjament adegwat u ppjanar strateġiku. Strumenti bħall-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa dejjem għandhom jinkludu sejħiet speċifiċi għall-għeluq ta' konnessjonijiet transfruntiera neqsin, anke lil hinn min-network ewlieni tat-TEN-T. L-investimenti fit-tul permezz tal-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) u l-banek u l-istituzzjonijiet promozzjonali nazzjonali għandhom jipprovdu wkoll finanzjament għal proġetti transfruntiera u INTERREG għandu jżid il-parteċipazzjoni tiegħu fil-finanzjament ta' dawn il-konġestjonijiet tat-trasport fil-programmi operazzjonali tiegħu;

18. jissottolinja li s-soluzzjonijiet kollha mmirati lejn id-dekarbonizzazzjoni tal-flussi transfruntiera għandhom jiġu promossi b'mod aktar ambizzjuż sabiex jintlaħqu l-miri klimatiki sal-2030 u n-newtralità klimatika sal-2050. Dan jinkludi wkoll l-iżvilupp ta' politiki komuni dwar in-nollijiet jew sistemi ta' ħruġ ta' biljetti, l-armonizzazzjoni tal-iskedi ta' żmien u li l-informazzjoni ssir aċċessibbli għall-passiġġieri;

19. fid-dawl tal-isfidi ffaċċjati miż-żoni insulari, muntanjużi u periferiċi, jixtieq ukoll jenfasizza l-importanza ta' programmi ta' kooperazzjoni transfruntiera biex tiġi żgurata l-kontinwità territorjali u l-mobbiltà transfruntiera, il-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali u l-appoġġ għad-dekarbonizzazzjoni tas-sistema tal-enerġija u tal-ekonomija ċirkolari fir-reġjuni u fil-baċir tal-baħar ikkonċernat;

20. jenfasizza li għandha tingħata aktar attenzjoni u finanzjament għal proġetti ta' konnessjoni transfruntiera tal-IT, aċċess għal networks tal-broadband u użu ta' għodod tal-Intelliġenza Artifiċjali li jappoġġjaw il-kooperazzjoni ekonomika u soċjali bejn ir-reġjuni transfruntiera, b'attenzjoni partikolari għall-ħtiġijiet taż-żoni rurali;

#### *L-iżvilupp ta' servizzi transfruntiera*

21. jissottolinja l-ħtieġa ta' qafas legali tal-UE li jippermetti l-istabbiliment u l-ġestjoni effiċjenti tas-servizzi pubbliċi transfruntiera li jindirizzaw il-ħtiġijiet taċ-ċittadini tagħna li jgħixu f'reġjuni tal-fruntiera, b'kunsiderazzjoni speċjali tal-ħtiġijiet taċ-ċittadini ta' reġjuni transfruntiera li jiffaċċjaw sfidi demografiċi, u b'dan il-mod jiġi evitat li f'dawn ir-reġjuni tkompli tonqos il-popolazzjoni peress li n-nies isibu servizzi pubbliċi ta' kwalità għolja. Is-servizzi pubbliċi transfruntiera, għar-residenti u għan-negozji, għandhom jiġu żviluppati fl-oqsma rilevanti kollha għall-ħajja transfruntiera;

22. jistieden lir-reġjuni tal-fruntiera tal-UE, u b'mod speċifiku lill-Ewroreġjuni, lill-komunitajiet ta' ħidma, lir-REKT u lil strutturi transfruntiera oħra, ifittxu b'mod proattiv madwar il-fruntieri biex isibu sinerġiji, ekonomiji possibbli mil-lat ta' riżorsi, u servizzi komplementari sabiex joħlqu offerta waħda magħquda għaċ-ċittadini u t-turisti fiż-żewġ naħat tal-fruntiera;

23. jissottolinja l-ħtieġa ta' aċċess imtejjeb għall-kontenut awdjoviżiv u d-distribuzzjoni tiegħu billi jiġi limitat l-imblokkar ġeografiku b'mod partikolari fir-reġjuni tal-fruntiera, li jkun ta' benefiċċju wkoll għall-minoranzi lingwistiċi;

24. jisħaq li t-tnaqqis fil-piż amministrattiv huwa partikolarment rilevanti għan-negozji li joperaw f'reġjuni tal-fruntiera u għalhekk jimpenja ruħu li jipprioritizza l-kwistjoni fi ħdan il-pjattaforma Fit for Future bi proposti rilevanti f'oqsma bħall-akkwist pubbliku u l-għodod u l-proċessi għal akkwist diġitali; jenfasizza l-importanza tad-diġitalizzazzjoni fl-iżvilupp tal-provvista transfruntiera ta' servizzi pubbliċi, billi jitqiesu t-tliet aspetti ewlenin f'dan ir-rigward: in-nisġa produttiva, l-amministrazzjonijiet u l-awtoritajiet pubbliċi li jipprovdu servizzi liċ-ċittadini, u ċ-ċittadini nnifishom;

25. jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tindirizza t-fassil ta' qafas leġiżlattiv li jiffaċilita l-adozzjoni mill-pajjiżi tal-fruntiera tal-istatuti tal-ħaddiema tal-fruntiera;

*L-iżvilupp ta' swieq tax-xogħol transfruntiera integrati*

26. jissottolinja li f'reġjuni transfruntiera interkonnessi ħafna, il-kożvilupp huwa meħtieġ biex jiġu żgurati koeżjoni u tkabbir sostenibbli. Dan jeħtieġ strateġija territorjali integrata, distribuzzjoni ġusta tal-introjt ġġenerat minn xogħol transfruntier u finanzjament transfruntier tal-infrastruttura transfruntiera u tas-servizzi pubbliċi meħtieġa biex jiġi żgurat il-funzjonament tar-reġjun transfruntier;

27. jitlob promozzjoni mtejba u faċilitazzjoni aħjar tal-kooperazzjoni transfruntiera dwar il-mobbiltà għall-finijiet tal-edukazzjoni, it-taħriġ u l-impjieg. Għall-individwi, dan it-tip ta' mobbiltà jtejjeb il-prospetti ta' impjieg, jikkontribwixxi għall-ftuħ għad-dinja u jsaħħaħ iċ-ċittadinanza Ewropea;

28. jisħaq li s-sistemi tal-edukazzjoni, inkluż fl-universitajiet, fl-istituti tal-edukazzjoni tal-adulti u vokazzjonali fir-reġjuni tal-fruntiera, għandhom joffru opportunitajiet biex jitgħallmu lingwi tal-viċinat mill-aktar fis possibbli u skont il-kunċett ta' "taġħlim tul il-ħajja", b'kurrikuli adattati biex jissodisfaw il-ħtiġijiet attwali u futuri tas-suq tax-xogħol;

*It-tisħiħ tal-governanza transfruntiera*

29. jitlob li l-istrutturi transfruntiera, bħall-Ewroreġjuni, il-komunitajiet ta' ħidma u r-REKT transfruntiera, jingħataw rwol aktar prominenti fil-ġestjoni taż-żoni transfruntiera u li jiġu kkonsultati regolarment dwar l-aspetti kollha tal-ħajja transfruntiera. L-Istati Membri u l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom jistabbilixxu metodi ta' ħidma biex jiżguraw dan;

*L-iżvilupp ta' sens komuni ta' identità bejn il-fruntieri*

30. jenfasizza li l-kooperazzjoni transfruntiera mhijiex biss dwar kooperazzjoni ekonomika iżda wkoll dwar għajxien fir-reġjuni tal-fruntiera u l-iżvilupp ta' sens komuni ta' identità. Għandu jiġi żviluppat approċċ ibbażat fuq il-kultura, li jenfasizza r-rikkezza kemm tal-wirt tanġibbli kif ukoll dak intanġibbli li għandhom ir-reġjuni transfruntiera u li joffri liċ-ċittadini opportunità biex jinteraġixxu regolarment u jissoċjalizzaw mal-ġirien taġħhom, u jibnu fiduċja reċiproka, li għadha ostaklu ewlieni għall-kooperazzjoni transfruntiera. F'dan ir-rigward, il-proġetti bejn il-persuni, u b'mod partikolari t-tisħiħ tal-iskambji interkulturali, huma tal-akbar importanza, peress li japprofondixxu l-kooperazzjoni mal-ġirien, ħaġa li ċ-ċittadini jħossu li hija kruċjali peress li toħroġ fid-dieher fil-ħajja ta' kuljum taġħhom. Għandha tingħata wkoll attenzjoni speċjali lid-diversità tal-popolazzjoni, u għandhom jinstabu mezzi adatti biex jiġi applikat approċċ inklużiv;

31. jappoġġja l-ħolqien ta' "Karta Diġitali tal-UE għas-Servizzi Transfruntiera" u jfakkar lill-koleġiżlaturi li l-idea inizjali marbuta mal-e-card tas-servizzi hija li tnaqqas il-kumplessità amministrattiva u l-ispejjeż għall-fornituri tas-servizzi transfruntiera, u b'mod partikolari għall-SMEs, meta jissodisfaw formalitajiet amministrattivi;

32. jistieden lill-Unjoni Ewropea, lill-Istati Membri u lil-awtoritajiet lokali u reġjonali jappoġġjaw l-organizzazzjoni ta' avvenimenti u festivals kulturali, edukattivi u sportivi transfruntiera regolari; jisħaq li l-volontarjat taż-żgħażaġh u l-involvement taż-żgħażaġh f'inizjattivi ta' kooperazzjoni transfruntiera u Ewropej għandhom jiġu żviluppati aktar, filwaqt li titlesta l-inizjattiva taż-Żgħażaġħ Voluntiera tal-INTERREG u l-Korpi Ewropej ta' Solidarjetà;

33. huwa tal-fehma li l-Unjoni Ewropea għandha tħeġġeġ l-iżvilupp ta' apparati universali ta' traduzzjoni awtomatizzata, li huma partikolarment utli fiż-żoni transfruntiera;

*Regolamentazzjoni aħjar għal reġjuni tal-fruntiera aktar b'saħħithom*

34. jenfasizza li l-Unjoni Ewropea adottat ħafna biċċiet mil-leġiżlazzjoni u mit-trattati li għandhom il-potenzjal li jtejbu b'mod sinifikanti l-ħajja taċ-ċittadini li jgħixu f'reġjuni tal-fruntiera, iżda l-implimentazzjoni u s-segwitu taġħhom huma neqsin; iħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea tirrieżamina l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti u ssaħħaħ il-kapaċità ta' segwitu, bil-għan li tiżgura li din tiġi implimentata kif imiss fil-livelli kollha;

35. jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tipproponi strument ta' koordinazzjoni bejn l-Istati Membri matul it-traspożizzjoni tad-direttivi tal-UE sabiex jiġi evitat li jinħolqu ostakli legali ġodda fil-fruntieri;

36. jistieden lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri jwettqu valutazzjonijiet tal-impatt territorjali transfruntiera fuq il-proposti leġiżlattivi rilevanti kollha b'impatt transfruntier potenzjali, sabiex jiġi evitat li jinħolqu ostakli ġodda fir-reġjuni transfruntiera;

37. jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tipproponi reviżjonijiet jew kjarifiki għall-Ftehim ta' Schengen, speċjalment id-dispożizzjonijiet li jippermettu lill-Istati Membri jagħlqu l-fruntieri jew jintroduċu rekwiżiti amministrattivi addizzjonali għall-qsim tagħhom;

38. jesprimi dispjaċir kbir għall-fatt li d-diskussjonijiet bejn l-Istati Membri dwar il-Mekkaniżmu Transfruntier Ewropew propost ma rnexxewx, peress li l-proposta kienet tinkludi progress konsiderevoli għall-kooperazzjoni transfruntiera. Peress li l-ostakli legali u amministrattivi transfruntiera jpoġġu limiti serji fuq il-kooperazzjoni transfruntiera u għall-kwalità tal-ħajja fir-reġjuni tal-fruntiera, il-KtR jitlob inizjattiva ġdida mill-Kummissjoni li tirrevedi r-regolament tal-Mekkaniżmu li jqis ukoll kwistjonijiet imqajma aktar kmieni mill-Istati Membri. Il-KtR joffri li jorganizza d-diskussjonijiet ta' qabel din il-proposta għal regolament ġdid mal-Kummissjoni Ewropea, mal-Parlament Ewropew u mal-Istati Membri, mal-awtoritajiet reġjonali u lokali u mal-partijiet ikkonċernati l-oħra kollha interessati fis-suġġett;

39. jistieden lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri jirrikonoxxu r-rwol li għandhom l-Ewroreġjuni bħala strument ewlieni fl-integrazzjoni u l-koeżjoni Ewropea, billi jsawru identità Ewroreġjonali, jadottaw strateġiji konġunti, jaħdmu biex jeliminaw l-ispejjeż rilevanti u permezz ta' kooperazzjoni mal-ġirien. Jitlob, għalhekk, li r-rwol tal-Ewroreġjuni fil-kooperazzjoni transfruntiera jiġi żviluppat u promoss billi jingħatalhom appoġġ finanzjarju akbar;

#### *Titjib fil-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea*

40. jistieden lill-Unjoni Ewropea tirrevedi l-Qafas Finanzjarju Pluriennali matul ir-rieżami ta' nofs it-terminu tagħha billi tiddedika konsiderevolment aktar finanzjament għall-programmi INTERREG u għall-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea;

41. jitlob semplifikazzjoni konsiderevoli b'mod kontinwu tal-proġetti INTERREG u jissottolinja li dawn għandhom ikunu flessibbli biżżejjed biex jindirizzaw il-ħtiġijiet reali taż-żoni transfruntiera; jistieden ukoll lill-Korpi ta' Ġestjoni tal-Programmi tal-programmi INTERREG biex jevitaw kwalunkwe regolamentazzjoni żejda. Proċeduri amministrattivi mhux meħtieġa u xi kontrolli u awditi li jseħħu spiss wisq għandhom jiġu abbandunati, peress li l-piż attwali jagħmel il-proġetti transfruntiera mhux fattibbli jew mhux mixtieqa għal ħafna awtoritajiet lokali u reġjonali u entitajiet oħra;

42. jeħtieġ li, għall-perjodu 2021-2027, iż-żoni ġeografiċi kollha ta' kooperazzjoni transfruntiera jinżammu kif definiti fil-perjodu 2014-2020 u li ma jisparixxux territorji eliġibbli għad-diversi programmi ta' kooperazzjoni transfruntiera, mingħajr ebda kriterju ġustifikat;

43. jistieden lir-reġjuni tal-fruntiera tal-UE u lill-programmi INTERREG jinvestu aktar riżorsi fi proġetti bejn il-persuni (P2P) jew mikroproġetti, li jistgħu jiġu ġestiti permezz ta' laqgħat regolari jew billi jiġi stabbilit fond għal proġetti zġhar, fir-reġjuni tal-fruntiera sabiex iżidu l-possibbiltajiet għal laqgħat u attivitajiet ta' bini ta' fiduċja reċiproka u jissuġġerixxi wkoll interazzjoni u kooperazzjoni aktar mill-qrib ta' kooperazzjoni transfruntiera, tranżnazzjonali u interreġjonali;

44. jissottolinja l-importanza ta' sinerġiji u komplementarjetajiet bejn l-azzjonijiet ta' kooperazzjoni transfruntiera u l-programmi ta' finanzjament Ewropej taħt ġestjoni diretta, indiretta u, b'mod partikolari, kondiviża;

45. jindika li, bħala parti mill-programmi INTERREG, l-Unjoni għandha tiffinanzja t-taħriġ ulterjuri ta' uffiċjali li jaħdmu f'reġjuni tal-fruntiera abbażi ta' kooperazzjoni transfruntiera, u toffri programmi ta' taġġim tal-lingwi u ta' skambju li jixbhu lill-Erasmus għall-impjegati taċ-ċivil f'reġjuni transfruntiera sabiex issaħħaħ il-kooperazzjoni ta' bejn il-fruntieri;

46. jišhaq fuq l-impenn tal-KtR li jikkoopera mal-Istati Membri, mal-istituzzjonijiet tal-UE u mal-partijiet ikkonċernati rilevanti fit-twettiq tal-proposti deskritti f'din ir-Riżoluzzjoni;

47. jenfasizza li l-proposti magħmula f'din ir-Riżoluzzjoni għandhom l-għan li jikkontribwixxu għad-diskussjonijiet fil-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa; jistieden, f'dan ir-rigward, lill-awtoritajiet lokali u reġjonali tar-reġjuni tal-fruntiera jorganizzaw djalogi transfruntiera maċ-ċittadini u mekkaniżmi ta' konsultazzjoni permanenti li fihom iċ-ċittadini jkunu jistgħu jikkontribwixxu għall-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa;

*Id-dimensjoni esterna tal-kooperazzjoni transfruntiera*

48. ifakkar fir-rwol importanti li jista' jkollhom il-kooperazzjoni transfruntiera, u l-istrutturi transfruntiera permanenti bħall-Ewroreġjuni, il-komunitajiet ta' ħidma jew ir-REKT, fil-kisba ta' żvilupp sostenibbli bejn il-fruntieri esterni, fil-kontribut għal kooperazzjoni aktar b'saħħitha tal-UE mal-ġirien tagħha, fl-appoġġ tal-gvernijiet lokali u reġjonali, fil-promozzjoni ta' sigurtà msaħħa u fit-titjib tal-iżvilupp soċjoekonomiku. L-awtoritajiet lokali u reġjonali tul il-fruntieri esterni, kemm tal-art kif ukoll daww marittimi, tal-UE għandhom jintensifikaw il-kooperazzjoni mal-ġirien tagħhom ta' pajjiżi li mhumiex fl-UE, għall-benefiċċju taż-żewġ naħat, billi jiżviluppaw infrastruttura komuni, isaħħu l-kooperazzjoni soċjoekonomika u jintensifikaw l-iskambju kulturali, u fl-istess ħin jippermettu l-istabbiliment ta' servizzi komuni, li huwa ta' benefiċċju għaċ-ċittadini ta' din iż-żona tal-fruntiera;

49. jitlob li tiġi kkunsidrata l-kooperazzjoni transkonfinali bejn l-awtoritajiet Ewropej, nazzjonali, reġjonali u lokali bħala element ewlieni fir-riżoluzzjoni fit-tul tal-kriżijiet umanitarji fl-Ewropa u fil-viċinat tagħha;

50. jenfasizza r-rwol ewlieni tal-programm PEACE transfruntier bejn il-fruntiera tal-Irlanda u l-Irlanda ta' Fuq fil-proċess ta' paċi u jesprimi dispaċir dwar id-deċiżjoni tal-gvern tar-Renju Unit li jirtira mill-parteċipazzjoni fi programmi oħra ta' Kooperazzjoni Territorjali Ewropea. Huwa u jibni fuq ħidma ta' suċċess imwettqa mill-programmi INTERREG li jkopru ż-żona tal-Baħar tat-Tramuntana, il-KtR huwa tal-fehma li l-promozzjoni ta' proġetti u strutturi transfruntiera futuri hija pass importanti lejn iż-żamma ta' rabtiet b'saħħithom mal-bliet u r-reġjuni tar-Renju Unit, anke mingħajr involviment formali fil-programmi ta' kooperazzjoni tal-UE.

51. ifakkar li l-fruntieri esterni tal-UE jestendu sal-Karibew, l-Oċean Indjan u l-kosta tal-Afrika tal-Punent peress li r-reġjuni ultraperiferiċi Ewropej jinsabu f'dawn iż-żoni. Dawn huma żoni esposti ħafna għal riskji u emerġenzi relatati ma' movimenti migratorji, traffikar illeċitu, diżastri naturali jew kriżijiet tas-saħħa, fost l-oħrajn. Għall-kuntrarju ta' fruntieri esterni oħra tal-viċinat, l-UE ma żviluppax strateġiji konġunti għal dawn iż-żoni; jistieden lill-UE tapprofondixxi din il-kwistjoni u tfassal pjani ta' azzjoni għal kull waħda minn dawn iż-żoni, issaħħaħ il-kooperazzjoni mal-pajjiżi ġirien u tisfrutta l-potenzjal strateġiku tar-reġjuni ultraperiferiċi Ewropej f'dawn iż-żoni.

Brussell, l-1 ta' Lulju 2021.

Apostolos TZITZIKOSTAS

*Il-President*  
tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni

---

## OPINJONIJIET

## IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

INTERACTIO – IBRIDA – IL-145 SESSJONI PLENARJA TAL-KTR, 30.6.2021–1.7.2021

## Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Strateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti

(2021/C 440/03)

<b>Relatur:</b>	Robert VAN ASTEN (NL/Renew Europe) Membru tal-Kunsill Muniċipali ta' The Hague
<b>Dokument ta' referenza:</b>	Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Strateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti — inqiegħdu t-trasport Ewropew fit-triq it-tajba għall-futur COM(2020) 789 final

## RAKKOMANDEZZJONIJIET TA' POLITIKA

IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI,

## Kummenti ġenerali

1. jilqa' l-Istrateġija tal-UE għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti. B'din il-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni Ewropea qed tistabilixxi rabta bejn l-aġenda dwar is-sostenibbiltà tal-Patt Ekoloġiku tal-UE, l-Aġenda Diġitali u r-rwol tal-mobbiltà fl-irkupru mill-kriżi tal-COVID-19;
2. iqis li l-mobbiltà tgħaqqad in-nies, il-bliet u r-reġjuni u hija prerekwiżit għal ekonomija li tiffunzjona tajjeb. Madankollu, il-mobbiltà hija responsabbli wkoll għal kwart tal-emissjonijiet kollha tas-CO<sub>2</sub> fl-Ewropa. Il-Kumitat jappoġġja, għaldaqstant, l-approċċ komprensiv tal-Kummissjoni Ewropea biex il-mobbiltà ssir aktar sostenibbli, jitejjeb l-aċċess għal alternattivi sostenibbli u jiġu implimentati l-inċentivi (tariffarji) adatti;
3. ifakkar, madankollu, li l-miżuri li jittieħdu bil-għan li l-mobbiltà ssir sostenibbli għandhom jiġu kkombinati ma' sfidi relatati bħall-aċċessibbiltà, l-affordabbiltà, is-sikurezza fit-toroq, is-saħħa, il-ġestjoni tat-territorju, l-eżistenza attwali ta' alternattivi għat-trasport privat u t-tibdil demografiku. F'dan ir-rigward, l-istrateġija ma tipprovdni l-ebda miżura konkreta biex jiġi żgurat li dawn l-isfidi jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku;
4. jinnota li, fil-bliet u r-reġjuni, il-mobbiltà hija r-rabta bejn l-akkomodazzjoni, is-saħħa, ix-xogħol, l-għarfien, il-provvisti kummerċjali u l-ħin liberu. It-tranżizzjoni tal-mobbiltà sseħħ prinċipalment fil-livell reġjonali u lokali. Fl-istrateġija għandha tingħata aktar attenzjoni lill-għarfien u l-esperjenza tal-bliet u r-reġjuni biex jagħmlu l-mobbiltà aktar sostenibbli. It-tranżizzjoni għal mobbiltà sostenibbli u intelliġenti teħtieġ approċċ konġunt li jinvolvi l-livelli kollha tal-gvern (governanza f'diversi livelli), f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà attiva;
5. Din mhijiex biss kwistjoni li t-trasport isir aktar sostenibbli (lejn vetturi b'emissjonijiet żero), iżda pjuttost li, fejn possibbli, jitnaqqsu d-distanzi u l-ammont ta' vjaġġar u li jinbidlu l-modi ta' mobbiltà (lejn forom attivi aktar sostenibbli bħaċ-ċikliżmu, il-mixi, il-karozzi tal-linja u l-ferroviji) u li dawn il-modi jiġu kondiviżi (eż. permezz ta' akkomunament intelliġenti tal-ħtiġijiet tat-trasport bl-użu ta' għodod diġitali (ride-pooling), inkluż f'żoni rurali);

6. jinnota li t-tranżizzjoni tal-mobbiltà teħtieġ bidla fl-imġiba li tiffoka fuq l-utent. Għandha tingħata aktar attenzjoni lill-innovazzjoni soċjali ffokata fuq inċentivi effettivi li jistgħu jintużaw mill-bliet u r-reġjuni biex jippromovu mobbiltà attiva, bħall-promozzjoni taċ-ċikliżmu mill-istituzzjonijiet, il-bini ta' żoni ta' parkeġġ għar-roti, il-monitoraġġ tal-użu adatt tal-korsiji għaċ-ċiklisti u għall-persuni bil-mixi, u li jittieħdu l-passi kollha meħtieġa biex tittejjeb l-aċċessibbiltà għal kulħadd, fost miżuri oħra;

7. jiddispaċiħ li l-istrateġija ma tirrappreżentax viżjoni komprensiva tal-politika Ewropea tal-mobbiltà li tkopri l-modi kollha tat-trasport b'mod konġunt u bbilanċjat. Jenfasizza, f'dan ir-rigward, li l-Kummissjoni għandha tagħti aktar importanza lil modi oħra ta' trasport sostenibbli, bħall-karozzi tal-linja, li huma mitluba jaqdu rwol ewlieni fit-tranżizzjoni lejn mobbiltà sostenibbli, sikura u aċċessibbli;

8. jemmen li l-UE, l-Istati Membri, ir-reġjuni u l-bliet tagħha jeħtieġ li jibdeu jikkunsidraw l-ispażji pubbliċi bħala ben komuni, b'mod partikolari fil-bliet fil-kuntest tad-disinn u l-ippjanar urban, kif ukoll l-ippjanar tal-klima u l-enerġija. Dan jista' jgħin biex l-użu tal-ispażju pubbliku jinbidel minn wieħed prinċipalment għall-karozzi privati għal ben komuni għaċ-ċittadini;

9. jistieden lill-Istati Membri, lir-reġjuni u l-bliet tagħhom biex iżidu b'mod sinifikanti l-isforzi tagħhom ħalli jiżdied is-sehem tal-mixi, taċ-ċikliżmu, tat-trasport pubbliku u għażliet oħrajn ta' trasport kollettiv sostenibbli f'żoni urbani, intermedji u rurali;

10. jesprimi dispjaċir li fil-Proposta tagħha l-Kummissjoni Ewropea tiffoka prinċipalment fuq vetturi individwali, u b'hekk tittraskura l-impatt tagħhom fuq il-konġestjonijiet u l-esternalitajiet negattivi l-oħra tagħhom (l-istorbju, it-tniġġis tal-arja, l-inċidenti, il-gassijiet serra, l-effetti ta' ostaklu, eċċ.). Dan jikkonċerna b'mod partikolari r-reġjuni ta' tranżitu u l-bliet. Barra minn hekk, f'xi Stati Membri l-għadd ta' spostamenti jiżdied hekk kif il-popolazzjoni titbiegħed miċ-ċentru tal-belt lejn il-periferiji u s-subborgi;

11. jilqa' r-rwol importanti tal-Pjani ta' Mobbiltà Urbana Sostenibbli (SUMPs). Dawn il-Pjani qed jintużaw minn għadd dejjem jikber ta' bliet fl-Ewropa iżda għandhom jiġu estenzi biex jinkludu wkoll ir-reġjuni tal-madwar bħala sistema urbana ta' kuljum (daily urban system)<sup>(1)</sup>. Din is-sistema tista' tvarja minn belt għal oħra jew minn reġjun għal ieħor u tinkludi kemm iż-żoni periurbani kif ukoll ir-reġjuni rurali tal-madwar;

12. jenfasizza li l-missjonijiet fil-qafas tal-Programm Orizzont tal-UE, b'mod partikolari l-missjoni ta' 100 belt newtrali għall-klima sal-2030, jipprovdu kontribut essenzjali biex jiġu indirizzati l-isfidi soċjetali ewlenin stabbiliti fl-istrateġija tal-UE, u huma integrati u jiġbru flimkien ħafna oqsma differenti;

13. iqis li konnessjonijiet tajbin huma importanti għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fi ħdan l-UE; jinnota, b'mod partikolari, li l-istrateġija tal-mobbiltà hija nieqsa minn kwalunkwe inizjattiva konkreta tal-Kummissjoni Ewropea favur iż-żoni rurali, dawk iżolati u dawk ultraperiferiċi, li tibni fuq ir-rwol importanti tal-mobbiltà biex tiżgura l-provvista ta' servizzi ta' interess ġenerali fiż-żoni rurali li jinsabu f'żoni b'infrastruttura skarsa. Madwar żewġ terzi tal-popolazzjoni Ewropea tgħix barra l-bliet il-kbar. Is-servizzi tat-trasport pubbliku huma partikolarment ta' sfida fiż-żoni skarsament popolati, fir-reġjuni ultraperiferiċi, fil-gżejjer u fir-reġjuni muntanjużi. Il-fondi u l-miżuri regolatorji Ewropej għandhom jgħinu biex il-mobbiltà taċ-ċittadini tittejjeb kullimkien;

14. ifakkar li r-reġjuni u l-bliet stess joffru jew jikkuntrattaw servizzi tat-trasport pubbliku, u jiddefinixxu l-obbligi ta' servizz pubbliku, pereżempju fil-qasam tat-trasport relatat mas-saħħa u t-trasport pubbliku regolari tal-passiġġieri bit-triq. F'dan is-sens, jistieden lill-Kummissjoni Ewropea biex, fir-rieżami tagħha tal-linji gwida interpretattivi dwar ir-Regolament dwar l-obbligi ta' servizz pubbliku fil-qasam tat-trasport fuq l-art, tqis aħjar id-dimensjoni sostenibbli tat-trasport, b'mod partikolari biex l-awtoritajiet lokali u reġjonali jkunju jistgħu jkunju aktar preskrittivi fit-talbiet tagħhom;

#### **Ir-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali (LRAs)**

15. jinnota li l-bliet u r-reġjuni jiffaċċjaw diversi sfidi. Xi reġjuni bi bliet kbar u reġjuni ta' tranżitu għandhom livelli għoljin ta' konġestjoni, tniġġis tal-arja u ħsejjes ambjentali. Freġjuni oħra — speċjalment dawk skarsament popolati u l-periferiji tal-bliet il-kbar — in-nuqqas ta' konnessjonijiet tajbin huwa problema ewlenija li tqiegħed pressjoni fuq

<sup>(1)</sup> Sistema urbana ta' kuljum tirreferi għaż-żona madwar belt minn fejn in-nies jivvjaġġaw lejn ix-xogħol u lura ta' kuljum. Dan huwa mod kif jiġu definiti r-reġjuni urbani billi jinkludu ż-żoni minn fejn jivvjaġġaw l-individwi.

l-aċċessibilità. Fl-aħħar nett, xi reġjuni jkollhom influssi staġjonali li jmultiplikaw għal tliet darbiet il-popolazzjoni tagħhom. Ir-reġjuni l-kbar jistgħu jesperjenzaw dawn it-tipi kollha ta' problemi;

16. jirrikonoxxi l-Istrateġija tal-UE għall-Idroġenu, u jenfasizza l-potenzjal offrut mill-idroġenu prodott minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli u l-e-fjuwils derivati minnu għad-dekarbonizzazzjoni ta' dawk l-oqsma tat-trasport fejn l-eletrifikazzjoni mhijiex adatta jew probabbli, bħat-trasport ta' merkanzija tqila, it-trasport fuq l-ilma u t-trasport bl-ajru. L-idroġenu ekoloġiku jista' jkun ukoll alternattiva utli għat-trasport pubbliku lokali u għall-vetturi municipli speċjali<sup>(2)</sup>;

17. jenfasizza li l-mobbiltà hija intrinsikament marbuta mal-ġestjoni tat-territorju, bħad-disinn u l-lokalizzazzjoni ta' proġetti ta' kostruzzjoni għall-abitazzjoni, il-postijiet tax-xogħol, is-servizzi u l-attivitajiet kulturali, kif ukoll għar-rotot għall-mixi u għaċ-ċikliżmu, il-waqfiet tat-trasport pubbliku, il-parkeġġi, eċċ. L-ippjanar strutturali u l-allokazzjoni tal-użu tal-art jgħawwida il-faċilitajiet għall-mobbiltà u jstabbilixxu l-kriterji għall-kostruzzjoni tagħhom. Billi tiffoka biss fuq li l-forom kollha eżistenti ta' mobbiltà jsiru aktar sostenibbli, l-UE ma tirrikonoxxi biżżejjed id-dimensjoni spazjali;

18. jinnota b'mod partikolari li l-mobbiltà fiż-żoni rurali hija waħda mill-aspetti essenzjali tal-ġestjoni tat-territorju, li tippermetti konnettività bejn iċ-ċentri tal-popolazzjoni u l-belt prinċipali jew iċ-ċentru amministrattiv fejn jinsabu s-servizzi pubbliċi essenzjali kollha. Huwa għalhekk li l-mobbiltà rurali — permezz tal-mezzi tat-trasport l-aktar effiċjenti, bl-aktar networks u l-huq estensivi — tippermetti li ċ-ċittadini jkollhom aċċess għas-servizzi bażiċi (edukazzjoni, saħħa, servizzi soċjali, eċċ.) bl-istess kundizzjonijiet taż-żona urbana jew periurbana;

19. iqis li sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet mill-mobbiltà li tagħmel użu mill-fjuwils fossili, huwa rrakkomandat li s-servizzi essenzjali, bħal akkomodazzjoni, xogħol, skejjeļ, ċentri tas-saħħa, intrapriżi, divertiment<sup>(3)</sup>, u l-provvisti kummerċjali, ikunu fil-viċinanza immedjata ta' kull żona residenzjali. Fl-istess ħin, il-pandemija tal-COVID-19 u t-telexogħol qed jagħmlu l-post ta' residenza inqas dipendenti mill-post tax-xogħol, li fit-tul jista' jnaqqas ukoll il-volum tat-traffiku. Il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni għalhekk jiddefendi, meta jkun possibbli u fid-dawl tar-realtàjiet differenti tal-muniċipalitajiet Ewropej, il-kunċett tal-"belt ta' kwarta" fejn l-affarijiet kollha meħtieġa u mixtieqa min-nies jinsabu kwarta 'l bogħod. Filwaqt li l-vetturi jistgħu jġu akkomodati fil-belt ta' kwarta, dawn ma jistgħux jiddeterminaw l-iskala jew il-forma urbana tagħha;

20. ifakkar li għandhom jitqiesu r-restrizzjonijiet tar-reġjuni ultraperiferiċi fejn il-kostruzzjoni, l-ippjanar u l-manutenzjoni ta' network tat-trasport kollettiv għas-servizz tal-popolazzjoni huma aktar diffiċli u għaljin u fejn, fin-nuqqas ta' alternattivi, il-vetturi individwali jibqgħu l-mezz ewlieni ta' trasport;

21. jinnota li l-bliet u r-reġjuni jippromovu mobbiltà attiva permezz ta' infrastruttura adatta għall-persuni bil-mixi, iċ-ċiklisti u t-trasport pubbliku. Għandha tingħata attenzjoni biex l-abitanti tal-periferiji tal-bliet u taċ-ċentri tal-villaġġi fiż-żoni rurali jkunu jistgħu jbiddu l-mod ta' trasport faċilment u b'mod sikur, ikunu jistgħu jieħdu r-rota tagħhom magħhom u li jkun hemm konnessjonijiet tajbin u affordabbli. F'dan ir-rigward, il-Kumitat jiddispaċiħ li l-istrateġija ma tippreżentax viżjoni ċara għat-trasport kollettiv pubbliku. Jeħtieġ ukoll li l-istrateġija proposta tippermetti li, għall-bżonnijiet differenti ta' mobbiltà, jġu allokati l-modi tat-trasport li f'kull każ ikunu l-aktar effiċjenti, sostenibbli u jirrispondu bl-aħjar mod għall-bżonnijiet taċ-ċittadini;

22. iqis li konnessjonijiet tajbin huma importanti għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fi ħdan l-UE. Dawn jgħaqqdu r-reġjuni u l-bliet kollha fi ħdan is-suq uniku u jżguraw li ħadd ma jitħalla jibqa' lura. Dan japplika mhux biss għar-reġjuni metropolitani fiċ-ċentri ekonomiċi, iżda wkoll għall-bliet ta' daqs medju, iż-żoni rurali, iż-żoni muntanjużi, iż-żoni periferiċi, ir-reġjuni ultraperiferiċi u l-gżejjer;

### Pjani ta' Mobbiltà Urbana Sostenibbli (SUMP)

23. jinnota li l-Pjani ta' Mobbiltà Urbana Sostenibbli (SUMP) huma fil-qalba tal-istrateġija. Dan l-istrument ta' politika volontarju, li jmur lura għall-2013, huwa maħsub biex jiffaċilita l-ġestjoni tal-mobbiltà urbana u l-konnessjonijiet bejn il-bliet u ż-żoni (periurbani) tal-madwar. Fl-Ewropa attwalment hemm 1 000 belt b'SUMP. F'dawn l-aħħar snin, l-UE<sup>(4)</sup> ppubblikat linji gwida dwar firxa wiesgħa ta' aspetti, fosthom iż-żoni b'emissjonijiet baxxi, iċ-ċikliżmu u l-mobbiltà kondiviża, il-promozzjoni tal-mobbiltà elettronika, u l-ippjanar tal-klima għall-ispazji pubbliċi rurali;

<sup>(2)</sup> CoR/2020/549.

<sup>(3)</sup> Eżempju tajjeb ta' dan huwa l-"belt ta' kwarta". Dan ifisser li r-residenti huma kwarta 'l bogħod (densità) bil-mixi jew bir-rota (diżinn) mill-funzjonijiet essenzjali kollha: ħwienet, uffiċċi, skejjeļ, kura tas-saħħa, sports, kultura u divertiment (diversità).

<sup>(4)</sup> <https://www.eltis.org/mobility-plans/sump-guidelines>

24. jenfasizza li xi Stati Membri implimentaw pjani ta' mobbiltà reġjonali, li jirriflettu aħjar l-iskala tal-isfidi u huma konformi mas-sistemi urbani ta' kuljum reġjonali. Dawn l-inizjattivi huma bbażati fuq il-kunċett ta' reġjuni urbani funzjonali, iżda d-definizzjoni attwali tal-Eurostat ma tirriflettix b'mod adatt ir-realtajiet strutturali u funzjonali tar-reġjuni poliċentriċi konnessi bi flussi tat-trasport bejniethom. Il-pjani ta' mobbiltà sostenibbli reġjonali għandhom ikunu wkoll strument li jiżgura t-trasport fir-reġjuni rurali l-aktar depopolati b'mod effiċjenti u sostenibbli;

25. iqis li s-SUMPs għandhom ikunu flessibbli biżżejjed biex jirriflettu d-diversità bejn il-bliet u r-reġjuni u l-prinċipju tas-sussidjarjetà. Huwa importanti li l-iżvilupp tas-SUMPs u l-implimentazzjoni tal-miżuri li jipprovdju jiġu appoġġjati finanzjarjament biex l-awtoritajiet lokali u reġjonali jkunu jistgħu jiksbu esperjenza bil-metodoloġija u jitgħallmu minn xulxin filwaqt li jimplementaw kunċetti ta' politika ġodda u jwettqu esperimenti intiżi biex jiksbu bidla fl-imġiba;

26. L-importanza taż-żoni rurali, dawk remoti, ultraperiferiċi u muntanjużi u tal-gżejjer għandha titqies fil-pjani ta' mobbiltà sostenibbli sabiex jiġu żgurati konnessjonijiet tajbin u l-aċċessibbiltà. Dan jeħtieġ li jiġu żviluppati mudelli ta' mobbiltà bbażati fuq sistemi effiċjenti u sostenibbli bħat-trasport fuq talba. Dawn il-pjani għandhom jinkludu wkoll il-lokalitajiet rurali li jiddependu miċ-ċentru urban prinċipali sabiex tiġi żgurata konnessjoni adatta ma' żoni abitati mifruxin, remoti u li diffiċli jintlaħqu;

### Strumenti finanzjarji

27. jenfasizza li t-trasport pubbliku kollettiv għandu jibqa' l-pedament tas-SUMPs, li għandhom jintegraw ukoll it-trasport tal-iskola sabiex jitneħħew il-vetturi miċ-ċirkolazzjoni u jitnaqqsu l-esternalitajiet negattivi; jistieden lill-Kummissjoni tirrikonoxxi dan il-mezz ta' trasport bħala s-sinjala tal-mobbiltà sostenibbli fil-qafas il-ġdid tal-mobbiltà urbana u tiżgura biżżejjed appoġġ għall-espansjoni tiegħu;

28. jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li, fis-snin li ġejjin, ħafna mill-investimenti meħtieġa għat-tranżizzjoni tal-mobbiltà għandhom jiġu ffinanzjati mir-riżorsi proprji tal-livell nazzjonali, reġjonali u lokali. Dan ifisser li l-UE trid tagħmel spazju fi ħdan il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u r-regoli dwar l-għajjuna mill-Istat għal investimenti li jnaqqsu l-impatt ambjentali tat-trasport u jilhqqu l-objettiv tal-Patt Ekoloġiku Ewropew;

29. jinnota, madankollu, li hemm bżonn ta' finanzjament addizzjonali mill-UE biex isiru investimenti, speċjalment biex jiġu implimentati miżuri previsti mis-SUMPs, għall-bliet u r-reġjuni abitabbli. Dawn il-miżuri jinkludu infrastrutturi aħjar tat-trasport pubbliku kollettiv, networks pedonali u għaċ-ċiklisti, il-bini ta' infrastruttura tajba bħal punti tal-iċċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku għall-vetturi elettriċi u b'ċelloli tal-fjuwil tal-idroġenu, sistemi ta' mobbiltà kondiviża u applikazzjonijiet intelliġenti. Freġjuni inqas żviluppati b'kapaċità finanzjarja mnaqqsa, huwa importanti li jiġu mobilizzati riżorsi finanzjarji għall-investimenti inizjali u l-ispejjeż operattivi tas-servizzi tat-trasport fuq perjodu twil ta' żmien. Minħabba r-rekwiżiti stretti fl-użu tal-fondi tal-UE u l-istruttura baġitarja kumplessa fl-Istati Membri, l-aċċess għal dawn il-fondi spiss ikun aktar diffiċli minn opportunitajiet oħrajn ta' finanzjament għall-awtoritajiet lokali u reġjonali.

Ir-reġjuni b'fokus ekonomiku qawwi fuq l-industrija tal-manifattura u tal-provvista tal-karozzi qed jiffaċċjaw sfidi kbar minħabba r-ristrutturar tas-settur. Il-produzzjoni ta' vetturi elettroniċi u ibridi tirrikjedi ħafna inqas xogħol tul il-katina tal-valur, mill-produzzjoni sas-servizz ta' manutenzjoni. It-teknoloġiji l-ġodda jeħtieġu ħiliet kompletament differenti. Ir-reġjuni fejn l-industrija tal-karozzi tirrappreżenta schem sinifikanti tal-ekonomija u l-impjiegi jeħtieġ li jirċievu l-appoġġ addizzjonali meħtieġ permezz tal-fondi Ewropej, sabiex jitnaqqsu kemm jista' jkun ir-riskji u jiġu kkompensati l-effetti negattivi fuq l-ekonomija u l-livelli tal-impjiegi tagħhom li jistgħu jirriżultaw mit-tranżizzjoni li l-UE qed titlob lil din l-industrija biex tagħmel;

30. jenfasizza li għalkemm il-Kummissjoni tindika li trid tappoġġja b'mod attiv lill-awtoritajiet lokali u reġjonali, l-istrateġija tagħha ma tippredvi l-ebda approċċ integrat. Ikun utli jekk l-awtoritajiet lokali u reġjonali jkunu jistgħu jirċievu appoġġ permezz ta' informazzjoni aħjar, punti uniċi ta' servizz u assistenza teknika meta japplikaw għal sussidji jew għoti ta' pariri li jippermettu li jiġi kondiviż l-għarfien esperti u jiġi adattat għall-kuntest reġjonali;

31. jirrimarka li għalkemm l-awtoritajiet lokali u reġjonali jistgħu jibbenefikaw minn finanzjament mill-Fond ta' Koeżjoni, mill-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF), mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u mill-Faċilità tal-UE għall-Irkupru u r-Reżiljenza fil-qafas tat-tranżizzjoni tal-mobbiltà tagħhom, dawn il-fondi mhumiex biżżejjed biex l-awtoritajiet lokali u reġjonali jwettqu r-rwol tagħhom biex il-mobbiltà ssir aktar sostenibbli; għalhekk jitlob li perċentwal minimu ta' dawn ir-riżorsi jiġi riżervat lilhom skont ir-responsabbiltajiet tagħhom;



32. jiddeplora wkoll il-fatt li anke jekk ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (RDK u r-Regolamenti tal-FEŻR, ivvotati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, jippermettu l-investimenti mill-politika ta' koeżjoni fit-tranżizzjoni tal-mobbiltà, dawn l-investimenti ċerti drabi jiġu mblukkati mis-servizzi tal-Kummissjoni Ewropea matul in-negozjati tal-Programmi Operazzjonali tal-FEŻR;

33. jinnota li l-programm tal-Interreg jipprovdi wkoll finanzjament għal investimenti lokali. Dan il-programm huwa importanti għall-awtoritajiet lokali u reġjonali għaliex mhux biss jippermettilhom li jinvestu iżda wkoll li jitgħallmu minn xulxin. Il-Kumitat jenfasizza l-importanza tal-iskambju ta' eżempji tajbin fil-livell lokali u reġjonali, pereżempju fir-rigward tal-politiki dwar iċ-ċikliżmu. F'dan ir-rigward, l-istrategġiji makroreġjonali jista' jkollhom rwol importanti;

34. jirrimarka li l-fondi tal-UE msemmija hawn fuq għandhom jaqdu prijorità lill-bidla modali mill-vetturi privati għal modi aktar sostenibbli li ser ikollhom rwol ewlieni x'jaqdu fit-tranżizzjoni enerġetika, bħat-trasport kollettiv tal-passiġġieri;

35. jappoġġja l-proposta li l-finanzjament mill-baġit tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) għan-networks TEN-T jiġi estiż biex jinkludi soluzzjonijiet tal-ewwel/l-aħħar kilometru, inklużi ċentri ta' mobbiltà multimodali, faċilitajiet ta' "ipparkja u irkeb" (park and ride) u infrastruttura attiva sikura għall-mixi u ċ-ċikliżmu; jenfasizza li l-finanzjament għat-TEN-T għandu jappoġġja wkoll proġetti ta' infrastruttura tat-trasport pubbliku u kollettiv, bħar-rinnovazzjoni tal-istazzjonijiet tal-ferrovija u tal-karozzi tal-linja, l-attivazzjoni mill-ġdid u l-eletrifikazzjoni tal-linji ferrovjarji, jew soluzzjonijiet sabiex jiġi promoss it-trasport intermodali; il-Kumitat jaqbel li għandu jiġi stabbilit SUMP obbligatorju għal dan il-għan;

36. iqis li, biex inkunu nistgħu nersqu lejn fjuwils sostenibbli u rinnovabbli (fin-networks TEN-T) fuq skala kbira, jeħtieġ li jkun hemm konnessjoni man-network tal-enerġija (fin-networks TEN-E) biex ikunu jistgħu jiġu ċċarġjati (b'mod rapidu) l-vetturi elettriċi, u jingħata appoġġ għall-użu tagħhom, kif ukoll ta' vetturi li jaħdmu bl-idroġenu jew vetturi oħra bi fjuwils alternattivi fil-mezzi kollha tat-trasport. L-integrazzjoni tas-sistemi hija essenzjali f'dan ir-rigward;

37. jenfasizza li l-estensjoni mixtieqa tan-network TEN-T tirrikjedi rwol aktar importanti għan-nodi urbani. Dawn in-nodi bħalissa jirċievu 1 % biss tal-finanzjament tal-FNE. Tinħtieġ definizzjoni aħjar ta' dawn in-nodi urbani sabiex ikunu eliġibbli għall-kofinanzjament. In-nodi urbani huma parti minn network usa' ta' konnessjonijiet. Ir-rwol ta' appoġġ li jaqdu n-nodi fir-rigward tal-mobbiltà attiva u tat-trasport pubbliku kif ukoll ir-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-governanza tat-TEN-T għandhom jiġu deskritti u appoġġjati. Għaldaqstant, l-awtoritajiet lokali li jirrappreżentaw in-nodi urbani għandhom jiġu involuti b'mod sistematiku fil-laqgħat tal-forums tal-kurrituri tan-network ewlieni tat-TEN-T li jinsabu fihom. Barra minn hekk, il-Kummissjoni Ewropea għandha tiddefinixxi aħjar l-investimenti li ser ikunu eliġibbli fin-nodi urbani taħt il-prijoritajiet "linji ferrovjarji" u "ċentri tal-passiġġieri multimodali" tas-sejħiet għal proġetti tal-FNE. Fl-aħħar nett, il-lista ta' nodi urbani tan-network TEN-T għandha tiġi estiża matul ir-reviżjoni tan-network skedata għall-ħarifa tal-2021, peress li tillimita drastikament il-possibiltajiet li jiġu mobilizzati l-fondi;

38. jilqa' l-programm Orizzont Ewropa bir-raggruppamenti "Klima, Enerġija u Mobbiltà" u "Diġitali, Industria u Spazju" u jappoġġja l-missjoni ta' 100 belt newtrali għall-klima u intelliġenti. It-tranżizzjoni tal-mobbiltà teħtieġ innovazzjonijiet, lok għall-esperimentazzjoni u opportunità għall-iskambju tal-għarfien. Il-bliet u r-reġjuni jistgħu jaġixxu bħala laboratorji kemm għall-aspetti tekniċi kif ukoll għall-komponent inklużiv, bħall-approċċ tal-mobbiltà attiva. Permezz tal-istrumenti finanzjarji innovattivi ġodda tagħhom, il-missjonijiet jistgħu jgħinu lill-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-kompiti tagħhom u jistabbilixxu objettivi definiti minn qabel;

39. jiġbed l-attenzjoni għall-Programm InvestEU, li fih l-"infrastruttura sostenibbli" hija wieħed mill-erba' "twieqi" ta' politika. Madankollu, dawn huma strumenti finanzjarji fejn irid ikun possibbli li l-investimenti jiġu rkuprati. Il-Kumitat jinnota li dan mhuwiex possibbli għall-investimenti kollha. Għalhekk huwa importanti li ċ-Ċentru tal-Konsulenza tal-InvestEU jirrikonoxxi l-ħtiġijiet wiesgħa tal-bliet u r-reġjuni u li tiġi żviluppata inġinerija finanzjarja ġenwina mill-UE;

### Strumenti ta' politika

40. iqis li l-istrategġija tal-UE tippredvi diversi strumenti ta' politika li jistgħu jgħinu lill-bliet u r-reġjuni fit-tranżizzjoni tal-mobbiltà, iżda fuq għadd ta' punti, il-Kumitat jixtieq jara proposti ta' politika konkreti;

41. jenfasizza li tinħtieġ leġiżlazzjoni tal-UE fil-qasam tal-armonizzazzjoni, l-istandardizzazzjoni u l-interoperabbiltà biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni. Huwa biss fil-livell tal-UE li jistgħu jiġu implimentati miżuri ta' standardizzazzjoni, protezzjoni u skambju adatti tad-data u jiġu adottati standards għoljin fir-rigward tal-emissjonijiet u s-sikurezza fit-toroq;

42. iqis li huwa importanti li l-fjuwils fossili ma jibqgħux jiġu ssussidjati u minflok jiġu promossi metodi alternattivi ta' propulsjoni nadifa u, fejn possibbli, li jingħata vantaġġ lit-teknoloġiji l-ġodda sabiex it-tranżizzjoni tiġi aċċelerata pjuttost milli titrażżan. Dan jista' jinkiseb billi jiġu applikati l-prinċipji ta' "min iniġġes iħallas" u "l-utent iħallas" u jintemmu l-benefiċċji tat-taxxa għall-fjuwils fossili. Fl-istess ħin, il-Kumitat jinnota li s-sistemi tat-taxxa f'ħafna postijiet jiffavorixxu bil-qawwa l-provvista ta' karozzi tal-kumpaniji b'magni b'kombustjoni interna, li jmur kontra l-oġettivi klimatiki tal-UE fil-perjodu ta' żmien twil u medju;

43. jappoġġja l-proġett tal-Kummissjoni Ewropea li tinkludi t-trasport bit-triq fis-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet. Madankollu, jinsab imħasseb li din l-inklużjoni tolqot lill-konsumaturi vulnerabbli. Jinsisti għalhekk li l-prodott ta' din it-taxxa ġdida għandu jiffinanzja programm ta' investiment pubbliku massiv fi ħdan il-politika ta' koeżjoni futura sabiex l-awtoritajiet lokali u reġjonali jkunu jistgħu jiżviluppaw offerti ta' trasport dekarbonizzati għaċ-ċittadini kollha tal-UE, irrispettivament minn fejn jgħixu, b'mod partikolari biex iż-żoni rurali u remoti jiġu konnessi maċ-ċentri urbani;

44. huwa tal-fehma li jinħtieġu tipi differenti ta' inċentivi biex tinkiseb bidla modali. Dawn jinkludu inċentivi pożittivi bħall-espansjoni tat-trasport pubbliku lokali, inċentivi tat-taxxa għax-xiri ta' vetturi b'emissjonijiet żero (roti, scooters u karozzi privati) u trasport ferrovjarju effiċjenti, affidabbli u affordabbli. Hemm ukoll il-pedaġġi, tariffa għall-konġestjoni abbażi tal-post u l-ħin, li thegġegħ l-użu tat-trasport kollettiv sostenibbli, it-tassazzjoni fuq il-pitrolju għas-settur tal-avjazzjoni, l-estensjoni tas-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għall-avjazzjoni u t-tbaħħir u ekotaxxa usa' biex jiġu indirizzati t-trasport bit-triq u t-tniġġis, pereżempju fil-pajjiżi tal-Alpi jew f'żoni transkonfinali oħrajn partikolarment suxxettibbli għall-konġestjoni marbuta mat-traffiku fi tranżitu;

45. jinnota li matul il-kriżi tal-COVID-19, ħafna bliet u reġjuni skoprew (mill-ġdid) il-mobbiltà attiva. Iċ-ċikliżmu u l-mixi mhumiex biss modi ta' vjaġġar b'saħħithom u reżiljenti, iżda huma wkoll ta' benefiċċju għall-klima. Għalhekk jeħtieġ li l-mobbiltà attiva tingħata prijorità oġhla fuq l-aġenda politika tal-UE;

46. jirrimarka li r-reviżjoni tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija toffri opportunità unika biex it-trasport jiġi dekarbonizzat, jithegġegħ l-użu tal-aktar mezzi ta' trasport effiċjenti fl-użu tal-enerġija, bħat-trasport kollettiv tal-passiġġieri, u tissaħħaħ l-internalizzazzjoni tal-ispejjeż tat-trasport;

47. iżid li l-promozzjoni tat-trasport kollettiv għandha tkun akkumpanjata minn miżuri li jiffaċilitaw l-użu tiegħu mill-utenti kollha, kemm fil-livell tal-prezz, li jinkludi l-iffissar ta' prezzijiet irħas għall-utenti, jew anke mingħajr ħlas għal xi gruppi, u l-possibbiltà li l-użu tiegħu jiġi kkombinat maċ-ċikliżmu, sabiex jiġu ffaċilitati mudelli ta' mobbiltà mħallta;

48. jirrimarka li, skont iċ-ċirkostanzi reġjonali u lokali, il-bijofjuwils rinnovabbli, l-e-fjuwils, l-idroġenu u fjuwils innovattivi oħrajn u sistemi ta' propulsjoni jistgħu jikkostitwixxu soluzzjonijiet sostenibbli u m'għandhomx ikunu żvantaġġati;

49. iqis li s-soluzzjonijiet pubbliċi-privati jistgħu jaqdu rwol fit-tnaqqis tal-mobbiltà mhux sostenibbli billi jsiru ftehimiet mal-kumpaniji dwar ix-xogħol mid-dar, il-politika fir-rigward tal-post jew id-distribuzzjoni urbana. L-UE tista' tiżgura li dawn is-soluzzjonijiet pubbliċi-privati jiġu applikati b'mod aktar mifruq;

50. jinnota li l-bliet u r-reġjuni qed jippruvaw jillimitaw l-aċċess għat-traffiku tal-karozzi u tal-merkanzija permezz ta' żoni b'emissjonijiet baxxi u żoni b'emissjonijiet żero. Sabiex jiġi żgurat infurzar adatt, il-Kumitat jitlob li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jkollhom aċċess għas-sistema EUCARIS<sup>(9)</sup> li tinkludi d-data dwar ir-reġistrazzjoni ta' vetturi minn Stati Membri oħra;

51. jilqa' l-proposti għal vetturi b'emissjonijiet żero (standards tas-CO<sub>2</sub> u standards post Euro 6/VI), iżda jirrimarka li r-regolamenti għandhom jiġu implimentati b'tali mod li jkunu jistgħu jżommu l-pass mal-espansjoni meħtieġa tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli, in-networks ta' trażmissjoni, in-networks ta' distribuzzjoni reġjonali u lokali, u l-infrastruttura ta' forniment tal-fjuwil u ta' ċċarġjar. L-istandards il-ġodda jridu jħallu biżżejjed lok għall-innovazzjoni, u jkunu teknoloġikament newtrali. Dawn għandhom japplikaw mhux biss għal karozzi tal-passiġġieri u tal-linja, iżda wkoll għal vannijiet u trakkijiet nodfa fil-kuntest ta' loġistika urbana b'emissjonijiet żero. Il-Kumitat jitlob ukoll li tiġi adottata leġiżlazzjoni tal-UE dwar ċiklomuturi/scooters u bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni li jniġġsu. Jinħtieġu regoli aktar stretti għat-tajers u l-brejkijiet, kif ukoll dwar l-emissjonijiet, bil-għan li jkun hemm tnaqqis tal-materja partikolata li

<sup>(9)</sup> EUCARIS hija applikazzjoni intergovernattiva għal network ta' bażijiet nazzjonali tad-data għar-reġistrazzjoni tal-vetturi. Attwalment din tintuża fil-qafas tad-Direttiva 2015/413 dwar l-iskambju ta' informazzjoni dwar reati tat-traffiku fit-toroq.

tikkontribwixxi għat-tniġġis tal-arja. Għandha dejjem tingħata attenzjoni biex jiġi żgurat li l-vetturi jkunu soġġetti għal rekwiżiti oħrajn (b'mod partikolari fir-rigward tal-awtonomija u l-ħin tal-iċċarġjar/tal-forniment tal-fjuwil) li huma essenzjali għat-tħaddim tas-servizzi tal-passiġġieri, id-distribuzzjoni urbana u b'mod partikolari għall-funzjonament tat-trasport pubbliku lokali;

52. jirrakkomanda qafas ċar tal-UE għall-vetturi elettriċi ħfief (LEVs) bħal scooters elettriċi, pedelecs tal-veloċità u forom oħra ta' mikromobbiltà fir-Regolament (UE) Nru 168/2013; jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni Ewropea li tohrög linji gwida biex tappoġġja l-użu sikur ta' apparat ta' mikromobbiltà fl-2021;

53. jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tagħmel aktar biex tħeġġeġ ix-xiri ta' karożżi jew roti elettriċi u li jew għandhom emissjonijiet baxxi jew li jaħdmu bl-idroġenu, billi tipprovi inċentivi li jżidu l-volumi ta' produzzjoni u joħlqu infrastruttura adatta, u b'hekk iwasslu għal tnaqqis fl-ispiża tagħhom, li bħalissa hija għolja ħafna u tagħmilhom mhux affordabbli għal għadd kbir ta' konsumaturi. Barra minn hekk, dan jista' jinvolvi r-reviżjoni tad-Direttiva tal-VAT sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jinkoraġġixxu x-xiri ta' roti elettriċi permezz ta' rata tat-taxxa aktar baxxa;

54. jirrikonoxxi l-importanza tal-kunċett tal-Mobbiltà bħala Servizz għal ħafna bliet u reġjuni biex jippromovu t-trasport minn bieb għal bieb. F'dan il-kuntest, huwa importanti li l-UE timpenja ruħha favur sistemi ta' biljetti multimodali u informazzjoni integrata dwar kull tip ta' (jew kombinament ta') trasport possibbli <sup>(6)</sup>;

55. japprova l-proposti l-ġodda li l-Kummissjoni Ewropea se tressaq biex tippromovi l-infrastruttura tal-iċċarġjar u l-punti tal-idroġenu <sup>(7)</sup>. Dan huwa importanti fid-dawl tar-rapidità tal-iżviluppi tekniċi (għall-iċċarġjar rapidu, żoni tal-iċċarġjar u l-idroġenu) u s-sikurezza kontra n-nirien. L-istandards u r-rekwiżiti teknoloġiċi għall-istazzjonijiet tal-iċċarġjar u l-possibbiltajiet uniformi ta' pagament għandhom jiġu miftiehma fil-livell tal-UE. In-nuqqas attwali ta' infrastruttura soda qed ixekkel l-investment privat fis-suq;

56. iqis li ċ-ċentri multimodali fil-muniċipalitajiet joffru rabta tajba mal-konnessjonijiet tat-trasport interurbani u internazzjonali, iżda wkoll opportunitajiet ta' trasbord jew oħrajn għal-loġistika reġjonali tat-trasport tal-merkanzija u għal distribuzzjoni urbana fuq skala iżgħar. L-iżvilupp f'waqtu tal-kurituri Ewropej tat-TEN-T għandu jkun akkumpanjat mill-iżvilupp ta' loġistika multimodali u faċilitajiet ta' trasbord;

57. jinnota li l-Kummissjoni beħsiebha tagħmel it-trasport kollettiv regolari fuq distanza ta' inqas minn 500 km fl-UE newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju sal-2030 u li, f'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tipprevedi rwol importanti għall-irduppar ippjanat tat-trasport b'veloċità għolja bħala alternattiva għall-ajruplani. It-trasport ferrovjarju tal-merkanzija huwa mistenni li jżied ferm aktar mid-doppju sal-2050 u l-avjazzjoni, it-trasport marittimu u t-trasport fl-ilmijiet navigabbli interni għandhom isiru konsiderevolment aktar sostenibbli. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tiffavorixxi alternattivi ta' trasport nadif kull fejn ikun possibbli;

58. jenfasizza li tinħtieġ armonizzazzjoni aħjar tar-regoli fit-trasport ferrovjarju u bl-ilma sabiex dawn il-modi tat-trasport isiru aktar sostenibbli u aktar kompetittivi. Barra minn hekk, għandhom jinħolqu jew jissaħħu l-punti tat-tagħbija tal-merkanzija multimodali tul l-assi tat-trasport u fir-reġjuni. Barra minn hekk, barra mill-prijorità mogħtija lill-konnessjonijiet għal-linji ferrovjarji ta' veloċità għolja, it-traffiku ferrovjarju internazzjonali jinvolvi wkoll konnessjonijiet (transfruntiera) normali. L-UE għandha tkompli tuża l-FNE biex tagħlaq il-lakuni fil-konnessjonijiet ferrovjarji transfruntiera li huma indispensabbli biex ir-reġjuni Ewropej ikunu kollegati ma' xulxin. Għal dawn il-konnessjonijiet għad hemm ħafna gwadanji x'jinkisbu jekk il-veloċità tiżdied għal 160–200 km fis-sieġha. Barra minn hekk, għal distanzi qosra u medji, in-nies jeħtieġ jiġu mħajra dejjem aktar jużaw il-ferrovija jew tal-linja mhux biss minflok l-ajruplan iżda anke minflok il-karożza; għaldaqstant, jappoġġja s-Sena Ewropea tal-Ferroviji;

59. jenfasizza l-kooperazzjoni b'suċċess bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni fil-qafas tas-Sena Ewropea tal-Ferroviji. Jinnota b'sodisfazzjon l-interess kbir iġġenerat fost l-awtoritajiet lokali u reġjonali mis-sejħa tal-Kummissjoni għal proposti ta' avvenimenti li għandhom l-għan li jippromovu l-ferroviji bħala l-aktar forma ta' trasport sostenibbli, effiċjenti fl-użu tal-enerġija u sikura;

60. iqis li t-tranżizzjoni tal-mobbiltà hija wkoll tranżizzjoni soċjali. Xi impjegji se jisparixxu u oħrajn se jinbidlu, u se jinħolqu wkoll ħafna impjegji ġodda. Huwa importanti li jiġi żgurat li l-ħaddiema jirċievu taħriġ ta' aġġornament u jitħarrġu mill-ġdid fil-ħin, b'mod partikolari fl-industrija tal-karożżi. Sehem kbir mill-valur miżjud tal-vetturi elettriċi jinsab fil-batteriji, li bħalissa huma manifatturati, fil-parti l-kbira, barra mill-Ewropa bi standards ambjentali u soċjali differenti. Għandu jiġi żgurat li t-tranżizzjoni ma twassalx biex ix-xogħol u l-valur miżjud jiċċaqalqu lejn reġjuni tad-dinja

<sup>(6)</sup> Permezz tar-reviżjoni tad-Direttiva tal-UE dwar is-Sistemi ta' Trasport Intelliġenti.

<sup>(7)</sup> Billi jiġu riveduti d-Direttiva dwar l-Installazzjoni ta' Infrastruttura tal-Karburanti Alternattivi u d-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija fir-rigward tad-dispożizzjonijiet relatati mal-infrastruttura tal-iċċarġjar fl-ambjent mibni.

b'ambizzjonijiet klimatiċi u ambjentali aktar baxxi. Is-sostenibbiltà jeħtieġ li titqies minn perspettiva globali u tkopri ċ-ċiklu kollu tal-ħajja. It-tranżizzjoni tal-mobbiltà se jkollha wkoll konsegwenzi għas-suq ta' wara l-bejgħ, għas-servizzi ta' manutenzjoni indipendenti u għall-kummerċ ta' spare parts. Ir-ristrutturar fis-settur tas-suq ta' wara l-bejgħ jeħtieġ li jiġi appoġġjat u l-impatt soċjali tiegħu għandu jiġi mitigat;

61. jinnota li l-vetturi awtonomi jistgħu jbiddu b'mod fundamentali l-użu tal-ambjenti fejn ngħixu. Fid-dawl tal-iżvilupp demografiku tal-Ewropa, il-vetturi awtonomi joffru opportunitajiet għaż-żoni rurali u urbani. Din l-evoluzzjoni fiż-żoni rurali tista' tippermetti l-iżvilupp ta' "trasport pubbliku fuq talba" għal municiplalitajiet żgħar f'żoni skarsament popolati. Dan joffri opportunitajiet ta' żvilupp lil dawn ir-reġjuni, potenzjal għall-innovazzjoni soċjali u modi kif tiġi miġġielda d-depopolazzjoni rurali. Fiż-żoni urbani, il-vetturi awtonomi jistgħu jżidu l-effiċjenza tal-fluss tat-traffiku u jtejbu l-użu tal-kapaċità. Dan jista' jgħin biex jiġu indirizzati l-konġestjoni, it-tniġġis tal-arja u l-istorbju ambjentali fil-bliet;

62. iqis li sabiex tinkiseb il-fiduċja tal-pubbliku, jinħtieġ kooperazzjoni u skambju ta' esperjenzi bejn ir-riċerka, l-industrija, is-setgħat leġiżlattivi, il-municiplalitajiet u r-reġjuni. It-titjib tas-sikurezza fit-triq għandu jkun wieħed mill-punti ta' tluq ewlenin għall-iżvilupp tal-awtomatizzazzjoni tat-trasport. Jenħtieġ li l-awtomatizzazzjoni tikkontribwixxi għall-kisba ta' Viżjoni Żero għas-sikurezza fit-triq. L-awtoritajiet lokali u reġjonali bi strutturi differenti għandhom jistabbilixxu proġetti pilota għall-mobbiltà awtonoma. Il-vetturi awtonomi għandhom ikunu kompletament operattivi fuq ir-rotot kollha tat-trasport, inkluż f'żoni rurali u fuq toroq urbani u municiplali doq. Fl-iżvilupp u l-ġestjoni tat-trasport awtonomu, wieħed għandu jżomm f'moħħu li l-promozzjoni, u l-iżgurar tas-sikurezza fit-triq, tal-mixi u taċ-ċikliżmu f'żoni mibnija, huma l-prijoritajiet ewlenin.

Brussell, l-1 ta' Lulju 2021.

Apostolos TZITZIKOSTAS

*Il-President*

*tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni*

---

**Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Regġuni — Sħubija mġedda mal-Viċinat tan-Nofsinhar — Aġenda Għida għall-Mediterran**

(2021/C 440/04)

<b>Relatur:</b>	Vincenzo BIANCO (IT/PSE), Membru tal-Kunsill Muniċipali ta' Catania
<b>Referenzi:</b>	Komunikazzjoni Kongunta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni — Shubija mġedda mal-Viċinat tan-Nofsinhar — Aġenda għida għall-Mediterran  JOIN(2021) 2 final; SWD(2021) 23 final  Joint Staff Working Document — Renewed Partnership with the Southern Neighbourhood Economic and Investment Plan for the Southern Neighbours. Accompanying the document Joint Communication to the European Parliament, the Council, the European Economic and Social Committee and the Committee of the Regions — Renewed partnership with the Southern Neighbourhood — A new Agenda for the Mediterranean [mhux disponibbli bil-Malti]  JOIN(2021) 2 final; SWD(2021) 23 final

**RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA**

IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REGĠUNI

**a) Kummenti ġenerali**

1. jissottolinja li, matul is-sekli, il-Baħar Mediterran kien storikament u kulturalment forza naturali li tgħaqqad aktar milli linja ta' demarkazzjoni għall-popli minn kontinenti differenti;
2. jilqa' b'sodisfazzjon l-inizjattiva tal-Kummissjoni li ġġedded is-sħubija tagħha mal-Viċinat tan-Nofsinhar tal-UE fl-interess tal-paċi, l-istabbiltà u l-prosperità fir-regġun; jappoġġja l-prospett ta' rkupru ta' wara l-COVID-19 deskritt mill-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni Konġunta tagħha bħala opportunità reali biex l-aġenda tal-Mediterran tkun iffukata fuq in-nies;
3. jilqa' l-fatt li għall-ewwel darba l-UE qed tindirizza komunikazzjoni speċifika lill-ġirien tan-Nofsinhar tagħha peress li dan huwa xhieda tal-importanza ta' din ir-relazzjoni għaż-żewġ naħat;
4. jemmen bis-sħiħ li l-ksib ta' rizzultati tanġibbli permezz tal-kooperazzjoni huwa kruċjali għal futur aktar prosperuż, ġust, sostenibbli u aktar sikur għar-regġun tal-Mediterran;
5. jistieden lill-UE u lill-pajjiżi msieħba tagħha biex jippromovu b'mod speċifiku u xieraq l-awtoritajiet lokali u reġjonali bħala xpruni tal-iżvilupp territorjali qrib in-nies. Il-benefiċċji tal-kooperazzjoni għandhom imorru lil hinn mill-bliet kapitali. Id-disparitajiet territorjali enormi ġewwa l-pajjiżi ġirien m'għandhomx jiżdedu, iżda jitnaqqsu permezz ta' inizjattivi ġodda f'dan ir-rigward, l-iżvilupp ta' proġetti transfruntiera li jsaħħu r-relazzjonijiet bejn ir-regġuni mat-tlett ixtut tal-Mediterran u jipprovdu valur miżjud bħala mod kif jiġu indirizzati l-problemi globali minn perspettiva lokali, għandu jkun ta' interess partikolari. Minħabba li l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli huma trasversali u għandhom potenzjal li jwasslu għall-bidla, l-UE għandha tiżviluppa strateġiji reġjonali biex tirkupra mill-kriżi tal-COVID-19 u taċċellera t-tranżizzjonijiet lejn is-sostenibbiltà fil-Mediterran matul l-għaxar snin li ġejjin, filwaqt li tibni fuq qafas ta' governanza makroreġjonali tal-Mediterran, li jinkludi l-livelli differenti ta' gvern;
6. ifakkar li fl-2010, il-Kumitat Ewropew tar-Regġuni, flimkien mal-assoċjazzjonijiet territorjali attivi f'dan il-kuntest, waqqaf l-Assemblea Reġjonali u Lokali Ewro-Mediterranja (ARLEM) biex jagħti leħen lill-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-proċess Ewro-Mediterranju;
7. jenfasizza li l-isforzi se jkomplu jsaħħu l-kooperazzjoni reġjonali, sottoreġjonali u interreġjonali, u l-Unjoni għall-Mediterran (UgħM) se taqdi rwol bħala punt fokali u l-Aġendi tagħha bħala referenza komuni;

**b) L-iżvilupp tal-bniedem, il-governanza tajba u l-istat tad-dritt**

8. jissottolinja l-hteġa li jissaħħu l-istrumenti eżistenti għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, peress li f'dan l-aspett, dak li fil-fatt għamlet l-UE, għalkemm pożittiv, għadu mhux biżżejjed. F'dan ir-rigward, ikun favur li ċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi barra l-UE li huma membri tas-sħubija, jibbenefikaw minn konverġenza 'l fuq tad-drittijiet u r-responsabbiltajiet fil-qasam tal-ugwaljanza u fir-rigward ta' kull tip ta' diskriminazzjoni;
9. jipproponi, barra minn hekk, li jinbenda l-proċess li jwassal għal Karta Mediterranja tad-Drittijiet tal-Bniedem miftuħa għall-iffirmar mill-membri tas-sħubija. Filwaqt li tinkorpora l-kontenut tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, din tkun isservi ta' bażi għal konverġenza sostanzjali mal-UE f'termini ta' drittijiet tal-bniedem. F'dan ir-rigward, jissottolinja li xi wħud mill-pajjiżi li oriġinarjament kienu firmatarji tad-Dikjarazzjoni ta' Barċellona issa huma Stati Membri tal-UE (Ċipru u Malta);
10. jipproponi li jiġu stabbiliti forums ad hoc għad-djalogu u l-iskambju f'diversi livelli bejn ir-rappreżentanti tal-awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali, u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili Ewropea u tal-pajjiżi mill-Viċinat tan-Nofsinar jew li jiġu appoġġjati forums eżistenti multilaterali bħall-Fondazzjoni Tliet Kulturi tal-Mediterran li fiha jipparteċipaw entitajiet mit-tlett ixtut tal-Baċir tal-Mediterran sabiex jiġu promossi l-governanza tajba u l-involvement fil-proċessi tat-tehdid tad-deċiżjonijiet;
11. jimpenja ruħu li jippromovi t-tiżiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, f'termini ta' drittijiet u opportunitajiet, bħala riżorsa essenzjali għall-promozzjoni tal-istabbiltà reġjonali u l-iżvilupp soċjoekonomiku. In-nisa u l-bniet għandhom jipparteċipaw b'mod ugwali f'pożizzjonijiet ta' tmexxija, kemm fl-isfera pubblika kif ukoll f'dik privata, sabiex jinkisbu demokrazija u ekonomija li jiffunzjonaw bis-sħiħ, u jiġu ssodisfati d-drittijiet tal-bniedem għal kulħadd. Jeħtieġ li jinħolqu l-kondizzjonijiet sabiex jiżiedu l-parteċipazzjoni u t-tmexxija tan-nisa fil-politika u fil-ħajja pubblika fir-reġjun u fil-proċessi tat-tehdid ta' deċiżjonijiet fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u internazzjonali. Għandu jitneħħa kwalunkwe ostaklu legali u ta' tip ieħor marbut mal-parteċipazzjoni politika tan-nisa fil-proċessi elettorali u r-rappreżentanza fir-riżultati elettorali, inklużi l-karigi ta' tmexxija, sabiex jiġu miġġielda l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri u jinbnew soċjetajiet aktar inklużivi li għandhom nisġa soċjali aktar ugwali u sostenibbli fil-bliet u r-reġjuni fil-Baċir tal-Mediterran;
12. jirrimarka, f'dan ir-rigward, li l-promozzjoni tar-rwol tan-nisa fl-isfera tal-politika pubblika għandha timxi id f'id ma' oqfsa legali biex jeradikaw il-vjolenza abbażi tal-ġeneru, ir-rikonoxximent tal-libertajiet ċivili u t-tmiem tad-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi; Huwa meħtieġ approċċ olistiku li jirrikonċilja x-xogħol mal-ħajja tal-familja sabiex tittejjeb is-sitwazzjoni attwali;
13. jistieden lill-UE ssaħħaħ id-drittijiet ekonomiċi u soċjali u ssaħħaħ il-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet sakemm ikunu fuq livell indaq f'dak li jirrigwarda l-aċċess għat-tagħlim, u li l-individwi kollha, fid-diversità kollha tagħhom, ikollhom opportunitajiet indaq u aċċess għal impjeg deċenti, filwaqt li tiġi żgurata paga ugwali għal xogħol ugwali. Barra minn hekk, in-nisa u l-irġiel għandhom jaqsmu b'mod ugwali r-responsabbiltajiet ta' kura u jkollhom aċċess għal servizzi ta' protezzjoni soċjali adegwati. B'mod ġenerali, l-azzjoni għandha tikkontribwixxi għat-tnaqqis tas-segregazzjoni fis-suq tax-xogħol, tagħti spinta lit-tmexxija tan-nisa u żżid is-setgħa ta' negozjar tagħhom filwaqt li toħloq ambjent favorevoli għat-tiżiħ tal-pożizzjoni ekonomika tagħhom;
14. jilqa' l-isforzi kollha li saru permezz ta' sħubijiet u kooperazzjoni, bħall-Mekkaniżmu ta' Monitoraġġ dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri li għadu kif tnieda fir-Reġjun Ewro-Mediterranju, li għandu l-għan li jiġbor data diżaggregata skont il-ġeneri dwar l-4 oqsma ta' prijorità tad-Dikjarazzjoni Ministerjali tal-Kajr tal-2017. Dan il-mekkaniżmu ta' segwitu, sostnut b'indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress, għandu l-għan li jevalwa d-differenza bejn il-ġeneri u jipprovdi data għal rakkomandazzjonijiet ta' politika bbażati fuq ix-xjenza lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet, sabiex jiġu mmonitorjati l-kwalità tal-ħajja u r-rwol tan-nisa fis-soċjetajiet tagħna;
15. jistieden lill-UE tiffaċilita l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-Viċinat tan-Nofsinar f'dak li huma programmi tal-UE li jinvolve skambji dwar ir-riċerka, l-innovazzjoni, il-kultura u l-edukazzjoni;
16. jistieden lill-UE ssaħħaħ ir-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-promozzjoni tad-diġitalizzazzjoni, u tas-servizzi tal-gvern elettroniku, peress li dawn għandhom il-potenzjal li jikkollegaw aħjar mas-settur privat lokali, filwaqt li jgħinu biex il-programmi tal-gvern ċentrali jsiru aktar effettivi u effiċjenti;
17. jistieden lill-UE tippromovi politiki li jnaqqsu l-għadd ta' żgħażagħ li jtilqu mill-iskola f'pajjiżi mhux tal-UE li huma membri tas-sħubija, kif ukoll jiġu mmirati gruppi ta' żgħażagħ minn sfond ta' immigrazzjoni u, b'mod partikolari, distretti u skejjel b'sitwazzjonijiet kumplessi ħafna, u b'hekk dawn iż-żgħażagħ jingħataw opportunità oħra ta' edukazzjoni u taħriġ, u jiġu promossi programmi għad-dħul fis-suq tax-xogħol;

**c) Reżiljenza, prosperità u t-tranżizzjoni diġitali**

18. jilqa' b'sodisfazzjon l-approċċ tal-Aġenda l-ġdida li tpoġġi lin-nies, u b'mod partikolari liz-zgħażaġh, fil-qalba tal-aġenda politika Ewropea ġdida, peress li kważi 50 % tal-popolazzjoni fil-Viċinat tan-Nofsinhar għandha inqas minn 25 sena; f'dan ir-rigward, jenfasizza l-kontribut speċifiku tagħha għall-intraprenditorija taż-zgħażaġh, speċjalment f'oqsma bħat-tranżizzjoni diġitali — li tiftaħ prospetti għal żieda fl-effiċjenza, l-innovazzjoni, it-tkabbir, il-kompetittività u l-iżvilupp inklużiv u sostenibbli — u għall-ħolqien ta' ekosistema intraprenditorjali lokali permezz tat-tnedija tal-Premju tal-ARLEM "Intraprenditorija Lokali Żaġhżuġha fil-Mediterran"; jenfasizza r-rwol importanti li jistgħu jaqdu l-ekosistemi tal-innovazzjoni<sup>(1)</sup> favur l-irkupru ekonomiku wara l-konsegwenzi soċjoekonomiċi devastanti tal-pandemija tal-COVID-19, lejn tranżizzjoni ekoloġika, diġitali u inklużiva;

19. jitlob t-tnedija ta' inizjattiva tal-UE biex jiġi ffaċilitat il-ħolqien tal-impjiegi billi jittejjeb l-ambjent imprenditorjali lokali, tiġi stimolata l-intraprenditorija u jiġu attirati l-investimenti għal żvilupp ekonomiku sostenibbli fil-Viċinat tan-Nofsinhar; l-imsieħba Ewro-Mediterranji għandhom iżidu l-isforzi tagħhom biex itejbu l-ekosistema tal-SMEs Mediterranji: billi jarmonizzaw il-leġiżlazzjoni, jikkondividu prattiki tajba, iħeġġu l-ħolqien ta' SMEs ġodda u jtejbju l-aċċess għall-finanzjament;

20. jissottolinja li l-iżvilupp ekonomiku jrid ikun akkumpanjat minn żvilupp soċjali inklużiv u sostenibbli li jiffaċilita l-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tal-Aġenda 2030 sabiex jgħin isaħħaħ ir-reżiljenza tal-popolazzjoni u l-istabbiltà ġenerali;

21. għandhom ikomplu jiġu indirizzati l-ostakli strutturali, inklużi l-istereotipi li jippersistu u jwasslu għad-distakk diġitali biex issir ħidma lejn trasformazzjoni diġitali inklużiva, u għandhom jiġu promossi programmi reattivi għal kwistjonijiet ta' ġeneru li jappoġġjaw it-trasformazzjoni diġitali ġusta tal-pajjiżi msieħba;

**d) Paċi u sigurtà**

22. iqis il-paċi u s-sigurtà bħala prerekwiżit biex jintlaħqu l-oġġettivi l-oħra kollha stabbiliti fl-Aġenda, u jqis li jeħtieġ li jiġu indirizzati l-fatturi li jipperikolaw l-istabbilizzazzjoni: il-faqar, l-inugwaljanza, il-korruzzjoni, it-tibdil fil-klima, l-iżvilupp ekonomiku u soċjali dgħajjef, u n-nuqqas ta' opportunitajiet, b'mod partikolari għaż-zgħażaġh;

23. jinkoraġġixxi azzjoni sinerġistika bejn l-istrumenti previsti fil-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u l-Istrateġija tal-UE dwar l-Unjoni tas-Sigurtà: ambjent ta' sigurtà adattat għall-ħtiġijiet tal-futur, biex jiġi indirizzat it-theddid li qed jevolvi (protezzjoni mit-terroriżmu u mill-kriminalità organizzata);

24. ifakkar fl-inizjattiva ta' Nikosija<sup>(2)</sup> ta' kooperazzjoni mal-muniċipalitajiet Libjani bħala eżempju konkret ta' diplomazija bejn il-bliet u bejn il-pari fejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali jistgħu jagħtu kontribut ewlieni biex jiġu indirizzati l-isfidi internazzjonali fit-tul b'mod sostenibbli;

**e) Il-migrazzjoni u l-mobbiltà**

25. fir-rigward tal-migrazzjoni, iqis li l-miżuri pożittivi adottati reċentement mill-UE f'dan il-qasam għadhom mhumiex biżżejjed. Mingħajr il-forniment ta' strumenti addizzjonali kondiviżi fil-livell Ewropew, inkluż mekkaniżmu adegwat ta' distribuzzjoni għar-rilokazzjoni tal-migranti, il-piż tal-ġestjoni tal-emerġenza tal-migranti jaqa' primarjament fuq l-awtoritajiet lokali tal-iżjed pajjiżi Ewropej esposti, u speċjalment fuq ir-reġjuni u l-komunitajiet tal-fruntiera fil-fruntieri tan-Nofsinhar tal-UE li huma soġġetti għal pressjoni ikbar minħabba l-flussi migratorji fil-Mediterran; iqis li, fl-istess ħin, l-involvement tal-awtoritajiet lokali u reġjonali u l-appoġġ tal-UE huma essenzjali għall-UE sabiex tissensibilizza liċ-ċittadini tagħha dwar kwistjonijiet bħas-solidarjetà, it-tolleranza u r-rispett għal-legalità u d-dialogu, sabiex jittejjeb il-mod li bih il-kwistjonijiet marbuta mal-migranti jiġu perċepiti;

26. ifakkar li huwa kruċjali li jiġi segwit approċċ ibbilanċjat, li jiġu meqjusa l-aspetti rilevanti kollha tal-migrazzjoni. F'dan ir-rigward, jilqa' b'sodisfazzjon il-proposta tal-Aġenda l-ġdida biex jiġu mobilizzati l-politiki u l-istrumenti rilevanti kollha tal-UE biex jiġu appoġġjati dawn is-sħubijiet globali, ibbilanċjati u ta' benefiċċju reċiproku mal-ġirien tan-Nofsinhar, u relatati mal-kooperazzjoni għall-iżvilupp, il-viżi, il-kummerċ u l-investment, l-impjieġ u l-edukazzjoni;

(1) Il-KtR qed iwettaq studju fil-qafas tar-rapport tal-ARLEM dwar "L-Ekosistemi Innovattivi u n-Negożji l-ġodda fil-Mediterran bħala għodda għall-irkupru mill-kriżi tal-COVID-19" li qed jitħejja bħalissa.

(2) Din tnediet fl-2015, u se tidħol ffazi ġdida fl-2021, bi proġetti ġodda differenti u sostanzjali ffinanzjati prinċipalment mill-UE li jibdeu bil-bini tal-kapaċitajiet għall-persunal muniċipali, l-iżvilupp ekonomiku lokali kif ukoll il-governanza lokali. (aktar informazzjoni hawnhekk: <https://cor.europa.eu/en/our-work/Pages/Libya.aspx>).

27. jilqa' b'sodisfazzjon l-isforzi tal-Kummissjoni Ewropea biex tirriforma s-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil ippreżentata fil-Patt il-Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil u jirrikonoxxi li d-dimensjoni esterna ta' dan il-Patt hija aspett ewlieni tal-Aġenda l-għdida għall-Mediterran; Jistieden lill-Unjoni Ewropea talloka biżżejjed fondi għall-awtoritajiet reġjonali u lokali biex jintroduċu l-politiki ta' integrazzjoni u inklużjoni tagħhom. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni li tippovdi appoġġ finanzjarju lil pajjiżi terzi li huma pajjiżi ta' oriġini jew ta' tranżitu li huma lesti jżviluppaw politiki konġunti dwar il-migranti;

28. jissottolinja l-hteġa li jiġu miġġielda t-traffikanti tal-bnedmin u li jinħolqu rotot sikuri lejn l-UE għall-persuni li għandhom dritt għal status ta' protezzjoni skont id-dritt internazzjonali, u jitlob protezzjoni speċjali għall-vittmi potenzjali tat-traffikar (nisa, zgħażaġh, tfal);

29. iqis li hemm bżonn tissaħħaħ il-kooperazzjoni tal-UE dwar il-migrazzjoni ma' pajjiżi terzi, u b'mod partikolari l-ġirien tan-Nofsinhar tagħha, u jilqa' l-intenzjoni li jiġu appoġġati l-politiki dwar il-migrazzjoni u l-ażil, inklużi l-kapaċitajiet ta' ġestjoni tal-fruntieri tal-pajjiżi msieħba. Barra minn hekk, jitlob li l-Unjoni Ewropea talloka biżżejjed fondi lir-reġjuni u lill-awtoritajiet lokali sabiex ikunu jistgħu jżviluppaw il-politiki ta' integrazzjoni u inklużjoni tagħhom; jissuġġerixxi li titħeġġeġ il-kooperazzjoni mal-pajjiżi terzi ta' oriġini jew ta' tranżitu bil-għan li jiġu aċċettati ritorni ta' migranti irregolari, mingħajr preġudizzju għall-aċċess għall-protezzjoni internazzjonali għar-refuġjati li jkollhom bżonnha;

30. jilqa' b'sodisfazzjon l-assistenza mmirata lejn il-ħolqien ta' opportunitajiet soċjoekonomiċi għall-migranti, il-persuni spostati kontra r-rieda tagħhom u l-komunitajiet ospitanti, inkluż fil-kuntest tal-irkupru mill-COVID-19, b'enfasi partikolari fuq ir-reġjuni marġinalizzati, u jtenni r-rieda tiegħu li jiffaċilita d-djalogu u l-kooperazzjoni mal-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu tal-migranti;

#### f) It-transizzjoni ekoloġika: ir-reżiljenza għat-tibdil fil-klima, l-enerġija u l-ambjent

31. jissottolinja li l-Viċinat Ewropew huwa wieħed mill-hotspots ewlenin fid-dinja fir-rigward tat-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali, u jistieden għalhekk lill-istituzzjonijiet Ewropej jikkomplementaw il-Patt Ekoloġiku Ewropew mill-aktar fis possibbli fil-Viċinat tan-Nofsinhar tal-UE sabiex jikkooperaw dwar Patt Ekoloġiku Mediterranju wiesa', kif ukoll li jiddiedu l-fondi ddedikati għall-għanijiet relatati mal-klima fil-qafas tal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI), inkluż permezz ta' inizjattivi li għandhom l-għan li jskopru mill-ġdid u jiproteġu l-Baħar Mediterran, iż-żona tal-baħar l-aktar milquta mit-tniġġis, mit-telfien tal-bijodiversità, miż-żieda fil-livell tal-baħar, mill-għargħar u mill-fenomeni tat-tisħin tal-ilmijiet, u li l-potenzjal li għandha ta' żvilupp ekonomiku fil-qasam ambjentali huwa enormi: ifakkar, f'dan ir-rigward, li fl-2016, l-ekonomija blu kienet tirrappreżenta 1,3 % tal-PDG tal-UE (?);

32. jirrimarka li fir-reġjun tal-Mediterran, hija partikolarment meħtieġa azzjoni klimatika lokali konkreta peress li l-politiki nazzjonali ma jirrispondux għall-isfidi tal-hotspots u fejn l-azzjonijiet għandhom jiġu oriġinati u mfassla għaċ-ċirkostanzi lokali u l-hteġa ta' kostitwenzi residenti. Għal dan il-għan, jissuġġerixxi ħidma li tibni fuq il-proġett Clima-Med ta' suċċess u jistieden lis-sindki tan-Nofsinhar tal-Mediterran biex ikomplu jissiehu fil-Patt tas-Sindki (\*) u jippromovu l-ġemellaġġ bejn il-bliet tal-UE u dawk mhux tal-UE li jinsabu fil-pajjiżi tal-Mediterran taħt il-programm Interreg MED;

33. jistenna bil-ħerqa l-bini ta' sħubija b'saħħitha tal-awtoritajiet lokali u reġjonali bi thejjiya għall-COP26 tal-UNFCC fi Glasgow, ir-Renju Unit, u għall-COP15 tal-KDB tan-NU fKunming, iċ-Ċina, bil-ħsieb li jissaħħaħ ir-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fi ħdan il-governanza globali għal implimentazzjoni aħjar tal-SDGs tan-NU, it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra u ż-żieda fl-ambizzjoni klimatika;

34. iqis, għalhekk, li t-tindif mit-tniġġis u prinċipalment il-prevenzjoni tat-tniġġis flimkien mal-użu responsabbli tal-Baħar Mediterran jirrappreżentaw opportunità ta' żvilupp addizzjonali għall-pajjiżi kollha li jmissu mal-Mediterran; jinnota li għandhom jiġu promossi soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura sabiex jiġu indirizzati dawn l-isfidi ewlenin, u jqis li huwa urġenti li jiġu promossi inizjattivi dwar il-produzzjoni u l-konsum sostenibbli, l-effiċjenza fir-riżorsi, u l-ġestjoni tal-iskart, inkluż l-iskart tal-ikel u l-iskart fil-baħar, biex jiġu appoġġjati l-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità, inkluż permezz tal-istabbiliment ta' networks effettivi u ġestiti tajjeb ta' żoni kostali u tal-baħar protetti, kif ukoll il-preservazzjoni tal-artijiet mistagħdra bħala soluzzjonijiet kosteffettivi bbażati fuq in-natura, tal-baċiri tal-iskular u tal-baċiri transfruntiera;

35. jitlob li jiġu stabbiliti networks ta' politika reġjonali biex jissaħħu r-rabtiet soċjali u ekonomiċi bbażati fuq il-prinċipji bażiċi tal-ekonomija blu. Barra minn hekk jirrakkomanda li jitħeġġeġ il-ħolqien ta' bijosferi Mediterranji sabiex titjeb ir-relazzjoni bejn l-attivitajiet ekonomiċi u l-konservazzjoni naturali, u li jkun hemm ħidma sabiex jiġu introdotti sistemi

(?) Ara r-rapport "The Blue economy for local and regional authorities in the Mediterranean" (L-ekonomija blu għall-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-Mediterran), adottat mill-plenarja tal-ARLEM fit-23 ta' Jannar 2020.

(\*) 62 belt firmatarja diġà ssiehu permezz tal-proġett CES-MED preċedenti u aktar minn 250 jinsabu fil-lista biex jissiehu.



reġjonali ta' sorveljanza sabiex tiġi vvalutata s-saħħa tal-ekosistemi tal-baħar u tal-kosta, kif ukoll l-impatt ta' industriji differenti fuq il-bijosfera Mediterranja, kif ukoll jitfasslu inizjattivi li jkollhom l-għan li jżidu s-sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini dwar l-importanza li titjeb is-sitwazzjoni tal-ekosistemi tagħna tal-baħar u tal-kosta, waqt li jkun hemm fehim rigward il-benefiċċji li dan iġib għall-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri;

36. jappella sabiex jiżiedu l-isforzi biex tiġi promossa u avvanzata aġenda sostenibbli għat-turiżmu, settur ekonomiku ewleni għar-reġjun, sabiex jitnaqqas l-impatt ambjentali negattiv tiegħu. Din l-azzjoni għandha tinkiseb prinċipalment permezz ta' strumenti ta' ppjanar imfassla sabiex jiġu ġestiti l-attivitajiet tal-bniedem f'żoni naturali waqt li jitqiesu l-ekosistemi u l-pajsaġġi fl-interazzjonijiet tagħhom, u billi tiġi sfruttata l-kriżi tal-COVID-19 bħala opportunità sabiex is-settur jerġa' jinħoloq mill-ġdid u l-prospertà tiegħu tintrabat mal-preservazzjoni tal-ambjent tal-Mediterran;

37. jittama li l-appoġġ għall-Patt Ekoloġiku Ewropew iġib benefiċċji partikolari għall-agrikoltura, settur essenzjali għall-ekonomiji tal-biċċa l-kbira tal-pajjiżi mhux tal-UE li huma membri tas-sħubija, speċjalment dawk il-pajjiżi li japplikaw l-istandards stretti previsti mil-leġislazzjoni Ewropea; jistieden biex jiġu appoġġjati, f'konformità mal-objettivi tal-Istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" <sup>(5)</sup>, id-disinn, l-investiment f'sistemi tal-ikel sostenibbli, u l-implimentazzjoni tagħhom, mill-produzzjoni sal-konsum, u tingħata attenzjoni partikolari lis-sikurezza tal-ikel, lis-saħħa u l-benesseri tal-pjanti u tal-annimali, kif ukoll bil-ħsieb li tiġi żgurata s-sigurtà alimentari reġjonali;

38. ifakkar fir-rakkomandazzjoni tal-ARLEM li tinsab fir-rapport tagħha dwar l-agrikoltura u s-sigurtà tal-ikel fil-kuntest tat-tibdil fil-klima fil-Mediterran u, konsegwentement, jistieden lill-UE u lill-Unjoni għall-Mediterran jikkunsidraw l-iżvilupp ta' strateġija konġunta għas-sigurtà tal-ikel u s-sovraniżmu tal-ikel fil-Mediterran, jipromovu tranżizzjoni agroekoloġika lejn prattiki li jippreservaw il-ħamrija u l-agrobijodiversità, u jikkunsidraw l-introduzzjoni ta' tikketta ta' "prodotti Mediterranji" jew "dieta Mediterranja" fil-kuntest ta' strateġija makroreġjonali usa' għall-Mediterran kollu;

39. jissottolinja li t-tnaqqis meħtieġ tal-enerġija bbażata fuq il-fjuwils fossili, sal-punt li din tiġi eliminata għalkollox, irid ikun akkumpanjat minn appoġġ għal tranżizzjoni lejn sorsi alternattivi tal-enerġija; barra dan huwa essenzjali li tingħata assistenza mmirata bħala appoġġ għal investimenti fuq skala kbira fl-enerġija rinnovabbli u l-produzzjoni tal-idroġenu nadif kemm għall-konsum domestiku kif ukoll għall-esportazzjoni, investimenti li jkunu konformi bis-sħiħ mal-prinċipju ta' "la tagħmilx ħsara" u jissalvagwardjaw iż-żoni ekoloġiċi u l-bijodiversità; Josserva r-rwol ċentrali tal-bliet u r-reġjuni f'dan il-qasam, peress li huma responsabbli għall-implimentazzjoni tal-politiki differenti relatati mal-SDGs: it-tkabbir urban, it-tibdil fil-klima, l-inugwaljanzi soċjoekonomiċi, l-enerġija, it-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali u l-governanza tajba;

#### g) Implimentazzjoni u Pjan ta' Investiment

40. jilqa' b'sodisfazzjon il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea għal Pjan Ekonomiku u ta' Investiment għall-Viċinat tan-Nofsinar sabiex tiġi appoġġjata l-implimentazzjoni tat-temi enfasizzati fl-Aġenda l-Ġdida għall-Mediterran; din tiffoka fuq l-element tal-bini tar-reżiljenza tal-aktar setturi fraġli bħall-ilma, l-ambjent, l-enerġija, u l-promozzjoni għal pjani ta' investiment għar-riżorsi rinnovabbli inklużi l-użu mill-ġdid tal-ilma u r-riċiklaġġ tal-ilma bl-użu tal-enerġija rinnovabbli;

41. jilqa' b'sodisfazzjon l-identifikazzjoni ta' 12-il inizjattiva ewlenija indikattiva f'oqsma ta' prijorità biex tissaħħaħ ir-reżiljenza, tinbena l-prospertà u jiżiedu l-kummerċ u l-investiment biex jiġu appoġġjati l-kompetittività u t-tkabbir soċjoekonomiku sostenibbli u inklużiv;

42. jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea li timmobilizza sa EUR 7 biljun għall-implimentazzjoni tal-Aġenda. Li l-garanziji tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli jiġu inklużi u kombinati fl-ambitu tal-pjattaforma ta' investiment tal-viċinat jista' jimmobilizza sa EUR 30 biljun ta' investiment privat u pubbliku fil-Viċinat tan-Nofsinar;

43. jilqa' l-ftehim milħuq mill-Kunsill u l-Parlament Ewropew dwar ir-Regolament li jistabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali — Ewropa Globali (NDICI) fil-kuntest tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2021-2027, fejn l-allokkazzjoni ta' EUR 79,5 biljun fi prezzijiet attwali se tippermetti lill-UE tappoġġja u tippromovi b'mod effettiv il-valuri u l-interessi tagħha fid-dinja, filwaqt li tappoġġja l-isforzi multilaterali globali;

44. jaqbel mal-fatt li mill-inqas EUR 500 miljun tal-ammont totali previst għall-kooperazzjoni tal-UE mal-pajjiżi tal-viċinat fl-ambitu tal-pilastru ġeografiku ta' NDICI-Ewropa Globali jingħataw lill-awtoritajiet lokali; jitlob li dawn il-miżuri u r-riżorsi jiżiedu b'mod adegwat; Il-finanzjament flessibbli għandu jiġi promoss permezz ta' rwol attiv

<sup>(5)</sup> Ara CDR-594-2020.

tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, li jispeċifikaw il-ħtiġijiet tar-reġjuni skont ir-rilevanza tagħhom. Jappella għal żieda fil-fondi ddedikati għall-oġettivi relatati mal-klima taħt l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI);

45. iħeġġeġ bil-qawwa lill-istituzzjonijiet kollha tal-UE jqisu lill-awtoritajiet lokali u reġjonali u l-assoċjazzjonijiet tagħhom bħala fatturi ewlenin għall-iżvilupp sostenibbli u bħala msieħba fl-iprogrammar, fid-dawl tal-approċċ ġeografiku msaħħaħ u f'konformità mal-prijoritajiet stabbiliti fl-Aġenda;

46. l-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-Mediterran u n-networks ta' kooperazzjoni tagħhom, bħall-Alleanza Mediterranja għall-Kooperazzjoni, jistgħu jaqdu rwol ewlieni fit-tfittxija ta' koordinazzjoni akbar bejn l-oqfsa transnazzjonali eżistenti u fil-bini tal-pedamenti biex jiġu implimentati l-politiki u l-fondi fil-prattika filwaqt li jgħinu biex tingħata informazzjoni dwar ir-realtajiet lokali flivelli ogħla ta' governanza. Barra minn hekk, dan jippermetti livelli differenti ta' appoġġ u inizjattivi aktar effiċjenti.

Brussell, it-30 ta' Ġunju 2021.

Apostolos TZITZIKOSTAS

*Il-President*

*tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni*

---

**Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — It-tisħiħ tal-ambizzjoni klimatika tal-Ewropa għall-2030 għall-COP26**

(2021/C 440/05)

<b>Relatur:</b>	Vincent CHAUVET (FR/Renew Europe), Sindku ta' Autun
<b>Referenza:</b>	Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: It-tisħiħ tal-ambizzjoni klimatika tal-Ewropa għall-2030 — Ninvestu f'futur newtrali għall-klima għall-benefiċċju tal-popli tagħna  (COM(2020) 562 final)  Opinjoni fuq inizjattiva proprja

**RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA**

## IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI

**It-tisħiħ tal-miri tal-emissjonijiet tal-UE biex tinkiseb b'mod effettiv in-newtralità klimatika sal-2050**

1. jibqa' mħasseb ħafna dwar l-emerġenza klimatika dinjija attwali u impenjat bis-sħiħ li tinkiseb b'mod effettiv in-newtralità klimatika irriversibbli fl-UE sal-2050; jilqa' b'sodisfazzjon il-perkors realistiku stabbilit mil-Liġi Ewropea dwar il-Klima, li għandu jipprovdi perkors gradwali għat-tnaqqis tal-emissjonijiet li jkun ġust għall-ġenerazzjonijiet futuri u li se jsawwar l-irkupru ekoloġiku tal-UE mill-kriżi tal-COVID-19 u l-konsegwenzi tagħha, jevita l-intrappolament tal-karbonju, jiżgura reżiljenza territorjali u jstabbilixxi qafas għal politiki iżjed ambizzjużi dwar it-tibdil fil-klima li għandhom jibnu fuq l-esperjenzi pożittivi u negattivi mid-deċennji preċedenti;
2. jirrikonoxxi li l-UE għandha vuċi ewlenija fin-negożjati internazzjonali dwar il-klima u għandha tagħti eżempju pożittiv dwar kif it-tibdil fil-klima jista' jiġi indirizzat, abbażi tal-governanza f'diversi livelli;
3. jappoġġja bis-sħiħ il-ftehim milħuq bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar il-Liġi dwar il-Klima, li jaġġorna l-mira għal "tnaqqis ta' mill-anqas 55 %" fl-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra sal-2030, meta mqabbla mal-livelli tal-1990, u jitlob proposta għal mira għall-2040 mhux aktar tard minn sitt xhur wara l-ewwel rendikont globali tal-Ftehim ta' Pariġi; jinnota, madankollu, li ċerti partijiet ikkonċernati jqisu li dan mhuwiex biżżejjed biex tintlaħaq in-newtralità netta tal-klima fil-ħin u jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-qafas il-ġdid jiffoka prinċipalment fuq is-CO2 filwaqt li emissjonijiet oħra ta' gassijiet serra huma indirizzati b'mod ambigwu u ma jitqisux biżżejjed; f'dan ir-rigward, jistenna li l-Kummissjoni tindirizza l-gassijiet serra kollha rilevanti li jifdal sabiex tagħmel lill-UE l-ewwel kontinent b'impatt newtrali fuq il-klima sal-2050;
4. iħeġġeġ lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri jiżguraw l-ipprezzar tal-emissjonijiet fossili permezz tal-iskambju tal-kwoti tal-emissjonijiet u t-tassazzjoni, sabiex l-emissjonijiet jiġu miġġielda b'mod kosteffettiv u jiġu lliberati r-riżorsi għat-tranżizzjoni. Jeħtieġ li dan jiġi indirizzat fir-rieżamijiet tal-EU ETS u d-Direttiva tal-UE dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija fil-pakkett leġislativ Fit for 55 li ġej. F'dan id-dawl, jilqa' wkoll il-proposta li ġejja tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-Mekkaniżmu ta' Aġġustament fil-Fruntiera, peress li jeħtieġ li jittieħdu miżuri effettivi biex tiġi evitata r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, jiġi rifless b'mod aktar preċiż il-kontenuti tal-karbonju tal-importazzjonijiet, u jiġi żgurat li l-għanijiet ekoloġiċi tal-UE ma jiġux kompromessi mir-rilokazzjoni tal-produzzjoni lejn pajjiżi b'politiki klimatiċi inqas ambizzjużi;
5. jenfasizza l-importanza li tiġi żgurata u promossa firxa ta' soluzzjonijiet differenti, fid-dawl tal-iżviluppi teknoloġiċi u ċ-ċirkustanzi differenti fir-reġjuni tal-UE mil-lat tal-klima, il-ġeografija, l-infrastruttura, is-sistemi tal-enerġija, eċċ. Il-qafas regolatorju tal-UE għandu, kemm jista' jkun, ikun teknoloġikament newtrali fir-rigward tat-tnaqqis tal-emissjonijiet u s-sostenibbiltà u jevita regolamentazzjoni żejda u piż amministrattiv akbar għal soluzzjonijiet sostenibbli;
6. jinnota, min-naħa l-oħra, li n-natura speċifika ta' ċerti reġjuni tfisser li t-tilħiq tal-miri l-ġodda se jkun sfida partikolari għalihom. It-tranżizzjoni enerġetika u ekonomika ta' dawn ir-reġjuni għandha ssir b'mod ġust, u għalhekk huma importanti r-rwol tal-Fond għall-Modernizzazzjoni u l-mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntiera;

7. jirrikonoxxi li, kif ippreżentat fil-valutazzjoni tal-impatt għall-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar *It-tisħiħ tal-ambizzjoni klimatika tal-Ewropa għall-2030*. Ninvestu ffutur newtrali għall-klima għall-benefiċċju tal-popli tagħna, is-setturi kollha se jkollhom jikkontribwixxu għall-politika tal-UE dwar il-klima. Fid-dawl ta' dan, jilqa' l-Patt Ekoloġiku bħala strateġija għat-tkabbir u l-Ġurament Ekoloġiku bħala għodda essenzjali, bl-għan li jiżguraw li dan l-għan jintlaħaq;

8. jisħaq li, fl-Ewropa u barra minnha, bosta bliet u reġjuni wrew li huma ambizzjużi aktar mill-Istati Membri fir-rigward tal-klima. F'xi każijiet bħall-Ġappun, il-kontributi stabbiliti fil-livell lokali mill-awtoritajiet lokali u reġjonali saħansitra għamlu pressjoni fuq il-gvernijiet nazzjonali biex jaġġornaw il-Kontributi Stabbiliti fil-livell Nazzjonali (NDCs) tagħhom. Għalhekk aħna nqisu li sabiex tinkiseb governanza effettiva f'diversi livelli, huwa ta' benefiċċju kbir l-Kontributi Stabbiliti fil-livell Lokali u Reġjonali jiġu integrati fil-proċess tad-definizzjoni tal-kontributi nazzjonali;

### **L-ilħuq tal-mira ta' 55 % jfisser li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jiġu inklużi b'mod attiv fit-tfassil tal-politika dwar il-klima**

9. jirrimarka li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jimplimentaw 70 % tal-leġiżlazzjoni kollha tal-UE, 70 % tal-miżuri għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u 90 % tal-politiki dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima <sup>(1)</sup>. Barra minn hekk, il-bliet u r-reġjuni Ewropej b'miri netti zero llum ikopru <sup>(2)</sup> fuq minn 162 miljun ruħ (36 fil-mija tal-popolazzjoni tal-UE) <sup>(2)</sup>. Għalhekk, l-awtoritajiet lokali u reġjonali huma u se jkunu responsabbli għall-ġestjoni u l-implimentazzjoni fil-prattika tal-biċċa l-kbira tal-istrateġiji tal-Patt Ekoloġiku Ewropew;

10. iqis li l-ilħuq tal-mira ta' mill-anqas 55 % tal-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> sal-2030 se jbidel radikalment il-mod kif norganizzaw il-bliet, ir-reġjuni u l-komunitajiet tan-nies. It-tifqigħa tal-COVID-19, il-miri klimatiċi l-għodda u l-konsegwenzi kontinwi tat-tibdil fil-klima se jgħibu bidliet strutturali fis-soċjetajiet Ewropej li se joħlqu sfidi għall-awtoritajiet lokali u reġjonali peress li huma l-eqreb amministrazzjoni u awtorità pubblika, kemm għan-nies kif ukoll għat-territorji;

11. jirrikonoxxi li l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom rwol doppju bħala opinjonisti u bħala punti ta' aċċess għall-prijoritajiet taċ-ċittadini; il-kriżi tal-COVID-19 uriet kif l-awtoritajiet lokali u reġjonali huma fuq quddiem nett fil-ħajja tan-nies. L-involvement tal-partijiet ikkonċernati, in-negozji u ċ-ċittadini fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet rigward il-politiki dwar il-klima huwa partikolarment importanti biex jiġu żgurati l-fiduċja u l-aċċettazzjoni u s-suċċess ta' dawn il-politiki, inklużi l-impatti tat-tranżizzjoni għan-newtralità klimatika. Għandhom jiġu antiċipati u ġestiti impatti negattivi potenzjali, inklużi pjani għal taħriġ ta' aġġornament jew taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema lokali, speċjalment fil-komunitajiet rurali u reġjuni inqas żviluppati. Il-politiċi eletti lokalment huma l-aktar leġittimi biex jantiċipaw u jakkumpanjaw dan it-tħassib;

12. jisħaq li l-biċċa l-kbira tas-setturi ewlenin fil-mira tat-tisħiħ tal-ambizzjoni klimatika għall-2030 għandhom rabtiet diretti mal-kompetenzi lokali jew reġjonali; wara l-ewwel tnaqqis kbir fl-emissjonijiet mill-għeluq tal-impjanti li jaħdmu bil-faħam u t-tindif tal-industrija intensiva fl-enerġija, it-trasport, l-agrikoltura u l-bini — ta' importanza partikolari fil-livelli lokali u reġjonali kemm fiż-żoni urbani kif ukoll f'dawk rurali — huma dawk li jmiss għat-tnaqqis tal-emissjonijiet;

13. jirrikonoxxi li l-karozzi b'magna konvenzjonali se jeħtieġ li jiġu ssostitwiti gradwalment b'vetturi b'emissjonijiet baxxi jew zero b'ammont baxx ta' emissjonijiet tul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom u b'użu akbar ta' servizzi tat-trasport kollettivi sostenibbli, li jimplika koordinazzjoni reġjonali u, fil-livell lokali, l-espansjoni tal-faċilitajiet aċċessibbli għall-pubbliku għall-iċċarġjar b'fjuwils alternattivi, kif ukoll infrastruttura ta' kwalità għolja għat-trasport pubbliku bħall-karozzi tal-linja u l-ferroviji, sabiex il-perkors lejn mobilità b'emissjonijiet zero tkun attraenti u affordabbli għall-pubbliku;

14. huwa mħasseb li, fis-settur agrikolu, it-tnaqqis tal-emissjonijiet staġna matul dawn l-aħħar snin u f'xi każijiet l-emissjonijiet saħansitra żdiedu. Flimkien mat-tneħħija tal-karbonju u l-ġestjoni tal-bjar, dan ipoġġi lill-bdiewa u lill-amministraturi tal-foresti fuq quddiem nett fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, filwaqt li l-attivitajiet tagħhom, li huma wkoll affettwati ħafna mill-effetti tiegħu, huma essenzjali għall-produzzjoni tal-ikel u għar-reġjun kemm soċjalment kif ukoll ekonomikament. Għalhekk, jistieden lill-Kummissjoni biex, fl-implimentazzjoni u r-reviżjoni possibbli tal-Politika Agrikola Komuni, tqis l-investment meħtieġ għat-tranżizzjonijiet tas-settur agrikolu b'rabta man-newtralità tas-CO<sub>2</sub>, filwaqt li ma tinjorax il-profitabbiltà ekonomika tal-azjendi agrikoli u r-rwol essenzjali tagħhom bħala fornitur tal-ikel għas-soċjetà Ewropea, kif muri matul il-pandemija u billi tagħmel l-użi tal-art agrikola kompatibbli ma' dawk maħsuba għall-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli fuq art rurali degradata li tista' tiġi żviluppata u riġenerata, u jenfasisza l-ħtieġa li

<sup>(1)</sup> Ir-Riżoluzzjoni tal-KtR dwar "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew bi sħubija mal-awtoritajiet lokali u reġjonali", Diċembru 2019.

<sup>(2)</sup> Skont l-informazzjoni ppubblikata minn New Climate Institute, Diċembru 2020.

jissaħħu sistemi tal-użu tal-art li ma jagħmlux ħsara lill-klima. Barra minn hekk, jenfasizza li f'ċerti Stati Membri, l-awtoritajiet lokali u reġjonali huma s-sidien pubbliċi ewlenin tal-foresti u għandhom rwol dirett f'din l-ekonomija; f'dan l-isfond, jilqa' b'sodisfazzjon l-iżvilupp taċ-ċertifikazzjoni tal-assorbimenti tal-karbonju biex jiġu pprovduti inċentivi diretti lill-bdiewa individwali jew lill-manijers tal-foresti;

15. iqis li, fis-settur tal-enerġija, l-użu fuq skala kbira tal-enerġija rinnovabbli għandu jkun akkumpanjat minn miri u miżuri ta' żvilupp ambizzjużi fil-futur qarib, u li dan jirrikjedi kemm ippjanar tal-infrastruttura fuq skala kbira kif ukoll dak deċentralizzat. Dan jimplika ġestjoni speċifika mill-awtoritajiet lokali u reġjonali, pereżempju tal-proġetti, u l-aċċettazzjoni ta' infrastruttura mill-popolazzjonijiet fil-livell lokali, kif ukoll is-sensibilizzazzjoni u l-inkoraġġiment tal-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fi proġetti kondiviżi, pereżempju permezz ta' skemi tal-komunitajiet tal-enerġija lokali;

16. huwa konxju li, fis-settur tal-bini, il-Mewġa ta' Rinnovazzjoni li jmiss se tnedi sett ta' azzjonijiet biex iżżid il-profondità u r-rata ta' rinnovazzjonijiet fil-livell ta' bini individwali u tad-distrett, b'dan tal-aħħar jimplika b'mod speċifiku l-monitoraġġ u l-investment mill-awtoritajiet lokali u reġjonali; huma għandhom ukoll rwol kruċjali biex jiżguraw li r-rinnovazzjoni tal-bini tkun konsistenti mar-regoli tal-użu tal-art u l-ippjanar tal-bliet, tippromovi l-politiki għall-ġlieda kontra d-depopolazzjoni u tissodisfa l-kriterji tal-ġustizzja soċjali u r-rispett għall-ambjent;

17. jirrimarka li r-reġjuni u l-bliet kollha mhumiex fl-istess pożizzjoni fil-perkors lejn il-kisba tan-newtralità klimatika: xi wħud diġà naqqsu l-emissjonijiet tagħhom, uħud minnhom jinsabu fil-proċess, u xi wħud qed isibuha diffiċli biex jagħmlu dan. Għalhekk, l-ispeċifitàjiet territorjali bħal sistemi iżolati tal-enerġija, żoni protetti storiċi jew ambjentali, reġjuni b'intensità qawwija ta' karbonju, status ta' gżejjer eċċ. jeħtieġ li jitqiesu fit-tfassil tal-politika dwar il-klima biex tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta aċċettabbli għaċ-ċittadini u r-reġjuni Ewropej kollha. Jemmen bis-sħiħ li l-għodod bħat-Tabella ta' Valutazzjoni Reġjonali Ewropea <sup>(3)</sup> jew l-Osservatorju Ewropew dwar in-Newtralità Klimatika <sup>(4)</sup>, kif diġà ġie mitlub mill-istituzzjoni tagħna, huma strumenti ewlenin biex dan jinkiseb;

18. jilqa' l-istabbiliment tal-“European Islands Facility” — NESOI (New Energy Solutions Optimised for Islands) u tas-Segretarjat tal-“Clean Energy for EU Islands”, bħala parti minn proċess li jqis l-ispeċifitàjiet territorjali;

19. itenni t-talba tiegħu biex l-awtoritajiet lokali u reġjonali jiġu inklużi bis-sħiħ fit-tfassil tal-politika Ewropea dwar il-klima b'mod ġenerali u fit-tfassil, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-pakkett Fit for 55, b'mod partikolari biex jiġi żgurat li dan ikun effettiv, preċiż u aċċettat fil-prattika, peress li dawn ma jirrappreżentawx interessi speċifiċi iżda għandhom il-mandat li jaħdmu għall-interess komuni taċ-ċittadini;

### **Il-governanza f'diversi livelli u s-sussidjarjetà huma kruċjali għall-kisba tan-newtralità klimatika u l-involvement taċ-ċittadini tal-UE fil-proċess**

20. jisħaq fuq l-importanza ta' sussidjarjetà attiva <sup>(5)</sup> għall-politiki dwar il-klima, filwaqt li jitqies fil-ħin il-livell lokali u reġjonali u ma jkunx hemm enfasi biss fuq djalogu bejn il-livell tal-UE u dak nazzjonali;

21. jirrimarka li l-bliet u r-reġjuni Ewropej kisbu l-momentum bħala atturi involuti fit-tfassil tal-politika dwar il-klima, u jisħaq li xi drabi marru lil hinn fil-livell tal-UE meta mqabbel ma' dak nazzjonali, permezz ta' movimenti bħall-Patt tas-Sindki u inizjattivi attivi oħra li jinvolvu l-livell lokali u reġjonali. B'hekk itenni t-talba tiegħu li jsir djalogu fuq diversi livelli, li jiffunzjona u li jkun inklużiv, bl-għan li l-oġettivi klimatiċi jiġu integrati fil-politiki settorjali;

22. jappoġġja l-inizjattivi u l-isforzi tal-Patt tas-Sindki biex jiġu inklużi aħjar l-assoċjazzjonijiet subnazzjonali, settorjali u topiċi tas-sindki fl-attivitajiet tal-Patt; jitlob li jiżiedu l-integrazzjoni u l-viżibilità tal-Patt fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali;

23. jilqa' l-inizjattiva biex il-KtR jiġi inkluż fil-Bord Politiku tal-Patt Ewropew, u jinsab lest li jiżgura rabta aktar b'saħħitha bejn il-ġestjoni tal-Patt fil-livell tal-UE u t-tieni Kamra tal-Patt tas-Sindki, sabiex jingħata appoġġ politiku għall-inizjattiva, jiġi promoss il-Patt u tingħata għajnuna għad-djalogu mal-korpi nazzjonali u jiġu żgurati l-koeżjoni u l-koerenza għall-assistenza u r-rappreżentanza tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-livell Ewropew, f'ambjent diġà kumpless ħafna għall-biċċa l-kbira tagħhom;

<sup>(3)</sup> L-impatt tat-tibdil fil-klima fuq ir-reġjuni: valutazzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew.

<sup>(4)</sup> Pjaneta Nadifa għal kulħadd — Viżjoni strateġika Ewropea fit-tul għal ekonomija għanja, moderna, kompetittiva u newtrali għall-klima.

<sup>(5)</sup> Is-Sussidjarjetà Attiva għandha tinftiehem kif iddefinita mit-Task Force tal-Kummissjoni Ewropea dwar is-Sussidjarjetà, il-Proporzjonalità u dwar li “Isir Anqas b'mod Aktar Effiċjenti”.

**L-għoti ta' għodod lill-awtoritajiet lokali u reġjonali biex tinkiseb in-newtralità klimatika**

24. jisħaq li l-aċċess għall-informazzjoni u l-finanzjament għall-inizjattivi u l-proġetti dwar il-klima għadu jitqies diffiċli minn ħafna awtoritajiet lokali u reġjonali. Id-diffikultajiet jikkonċernaw il-punti li ġejjin:

- in-nuqqas ta' għarfien dwar il-finanzjament disponibbli u l-inizjattivi eżistenti li huma l-aktar adatti għall-proġett tal-belt jew tar-reġjun;
- il-kumplessità tal-ambjent Ewropew u nazzjonali u l-konfużjoni rigward il-pjattaformi u l-inizjattivi eżistenti differenti;
- in-nuqqas ta' kompetenza teknika fil-livell lokali biex jiġu applikati, ġestiti u mmonitorjati l-fondi;
- in-nuqqas ta' kompetittività mas-settur privat biex l-esperti jiġu attirati u jinżammu;
- sinjali ambigwi mibgħuta lis-suq għall-komunitajiet tal-enerġija u għal proġetti lokali;
- in-nuqqas ta' kapaċità ta' assorbiment mill-awtoritajiet lokali u n-negozji.

25. huwa mħasseb li d-diffikultajiet imsemmija fil-punti preċedenti jistgħu joħlqu nuqqas ta' rieda fost l-awtoritajiet lokali u reġjonali biex iħaddnu patti ekoloġiċi lokali u jimpenjaw ruħhom għall-wegħdi tal-2030;

26. jistieden li-Ċentru Konġunt tar-Riċerka jwettaq studju biex jimmappa (sal-livell NUTS 3) il-kapaċità ta' assorbiment tal-awtoritajiet lokali u reġjonali u tan-negozji, fir-rigward tal-finanzjament sinifikanti ġdid li sar disponibbli mill-Patt Ekoloġiku u l-Pjan ta' Rkupru, u huwa lest li jikkontribwixxi bl-għodod disponibbli għall-KtR, bħaċ-Ċentri Reġjonali;

27. jiġbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni dwar il-fatt li l-awtoritajiet lokali u reġjonali qed jaffaċċjaw l-isfida kbira tal-ġestjoni tal-kriżi tas-saħħa attwali u jsibuha diffiċli biex jallokaw ir-riżorsi finanzjarji u umani għall-inizjattivi u l-perkorsi relatati mal-kisba tan-newtralità klimatika; jitlob, għalhekk, li jiġu allokati biżżejjed riżorsi biex jappoġġjaw lill-awtoritajiet lokali u reġjonali f'din l-isfida għad-deċennju li ġej, filwaqt li jitqies iċ-ċiklu kollu tal-ħajja tal-proġetti (inkluż il-monitoraġġ);

28. jirrimarka l-ħtieġa li jittejbu l-kapaċitajiet ta' implimentazzjoni tal-awtoritajiet lokali u reġjonali u l-importanza li jkun hemm biżżejjed persunal u persunal imħarreġ speċjalment fil-livell municiċipali u fiż-żoni rurali. Għandha tiġi pprovduta b'mod sistematiku l-forza tax-xogħol meħtieġa għall-koordinazzjoni ta' bosta setturi ta' xogħol u oqsma ta' responsabbiltà assoċjati mal-implimentazzjoni tal-għanijiet tal-azzjoni klimatika;

29. jilqa' b'sodisfazzjon il-Patt Klimatiku Ewropew u l-approċċ lokali ta' Pjattaforma għal Tranżizzjoni Ġusta, bħala għodod ewlenin biex jappoġġjaw u jaċċelleraw it-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika, flimkien ma' inizjattivi eżistenti oħra. Jistieden, madankollu, lill-Kummissjoni Ewropea toħloq pjattaforma ġenerika, potenzjalment permezz tal-Patt Klimatiku Ewropew, li tippromovi l-integrazzjoni u l-komplementarjetà tagħhom, li tiggwida lill-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-għażla skont il-karatteristiċi tagħhom u tiżgura koerenza, aċċess faċli għall-informazzjoni, obbligi li wieħed ma jikkompetix, u li tissimplifika u tiġbor flimkien (sa fejn ikun possibbli) l-aċċess għall-inizjattivi;

30. jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tirrikonoxxi l-fatt li r-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali jmur lil hinn mir-rwol ta' atturi oħra mhux statali u titlob li tiġi rikonoxxuta din l-ispeċifiċità fil-qafas tal-pjattaforma ġenerika;

31. jappoġġja l-ħolqien ta' Patti Klimatiċi lokali biex jiġi żgurat li l-perkorsi għall-kisba tan-newtralità klimatika jkunu parteċipattivi, aċċettati tajjeb u appoġġati mill-popolazzjoni, u jinkludu t-tħassib u l-ħtiġijiet taċ-ċittadini Ewropej;

32. jirrikonoxxi r-rwol importanti li għandhom l-istituzzjonijiet semiformali, bħall-kunsilli taċ-ċittadini fil-bliet, il-korpi konsultattivi lokali, u l-konvenzjonijiet taċ-ċittadini mtella' bix-xorti biex jinħoloq il-momentum it-tajjeb u tiġi aċċelerata t-tranżizzjoni tal-enerġija. Jitlob għalhekk li kull municiċipalit  ta' mill-anqas 10 000 abitant tqis li toħloq, bħala parti mill-istruttura ta' governanza lokali tagħha, parlamenti taċ-ċittadini li jeżaminaw il-mezzi konkreti biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u biex isir adattament għat-tibdil fil-klima;

33. jisħaq li l-biċċa l-kbira tal-bliet u r-reġjuni ma jafux il-livell attwali u tal-passat tagħhom tal-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub>, li jagħmilha diffiċli għalihom biex jikkwantifikaw l-isforzi tagħhom u biex ifasslu perkorsi effiċjenti lejn il-kisba tan-newtralità klimatika. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tgħin sabiex tingħata l-għajnuna teknika u ta' kompetenza meħtieġa bil-għan li tassisti lill-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-evalwazzjoni tagħhom tal-emissjonijiet, b'mod partikolari billi jużaw b'mod sħiħ

l-aġenziji lokali u reġjonali tal-enerġija, l-awtoritajiet lokali u reġjonali li jaħdmu fil-qasam ta-tibdil tal-klima, u kontrapartijiet rilevanti oħra; Huwa rakkomandat ukoll li l-awtoritajiet lokali jimpjegaw "Maniġer tal-Klima" sabiex jippromovi l-Patt Klimatiku fil-municipalitá u jikkoordina u jimplementa s-SECAPs (Pjani ta' azzjoni dwar l-enerġija sostenibbli u l-klima). Dan il-maniġer jista' jkun kondiviż ma' awtoritajiet iżgħar;

34. jappoġġja, fid-dawl ta' dan, il-Qafas ta' Rapportar Komuni mill-Patt Globali tas-Sindki bħala pass lejn l-armonizzazzjoni tal-vuċijiet lokali u reġjonali;

35. itenni l-appoġġ tiegħu għal sistema ta' Kontributi Stabbiliti fil-livell Reġjonali u Lokali (RLDCs) biex tirrikonoxxi, timmonitorja u tħeġġeġ b'mod formali t-tnaqis tal-emissjonijiet tal-karbonju mill-bliet, il-gvernijiet lokali u r-reġjuni fuq livell globali; il-Kummissjoni Ewropea hija mistiedna taħdem mal-KtR biex tesplora kif is-SECAPs jew il-pjani ekwivalenti jistgħu jaġixxu bħala RLDCs billi jipprovdu kontributi fil-livell lokali għall-Ftehim ta' Pariġi dwar il-Klima tan-NU u jiġu rikonoxxuti uffiċjalment bħala komplement għall-NDCPs;

36. jilqa' l-inizjattivi dwar it-Tellieqa għal Żero u t-Tellieqa għar-Reżiljenza fil-livell globali <sup>(6)</sup> u jistieden lill-UNFCCC tikkoopera mal-KtR u kontrapartijiet rilevanti oħra mill-Kostitwenza tal-Gvernijiet Lokali u l-Awtoritajiet Muniċipali (LGMA) lejn ir-rikonoxximent formali tal-kontribut mill-gvernijiet subnazzjonali għall-azzjoni klimatika u biex jinħoloq djalogo speċifiku mal-gvernijiet subnazzjonali;

37. jisħaq li l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom potenzjal partikolari kemm għall-innovazzjoni fil-klima kemm mill-aspett soċjali kif ukoll mill-aspett tekniku, u ħafna drabi jipparteċipaw fi proġetti ta' riċerka u innovazzjoni. Biex jiġi żgurat li dan il-potenzjal jiġi żviluppat u jintuża bis-sħiħ bħala għodda biex jinstabu soluzzjonijiet ġodda lejn il-kisba tan-newtralità karbonika, jistieden lill-Kummissjoni tagħti l-attenzjoni dovuta fil-pakkett Fit for 55 biex jinħoloq qafas flessibbli li jiggwarantixxi inizjattivi tal-innovazzjoni u tal-esperimentazzjoni fil-livell lokali li jwasslu għal soluzzjonijiet minn isfel għal fuq u bbażati fuq il-post;

38. jisħaq li l-libertá fl-għażla tal-perkors tad-dekarbonizzazzjoni fil-livell lokali għandha tiġi żgurata mill-perspettiva teknoloġika, politika u demokratika; id-deċiżjonijiet eżoġeni joħlqu nuqqas ta' rieda biex jiġu infurzati;

#### **Inwasslu l-vuċi tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-COP26**

39. jirrikonoxxi li, għalkemm l-NDCs huma l-mezz primarju biex l-Istati jinżammu responsabbli, is-soċjetá inġenerali għandha tkun involuta fit-tnaqis tal-emissjonijiet sabiex tinkiseb żona newtrali għall-klima u reżiljenti;

40. jisħaq li l-vuċi tal-awtoritajiet lokali u reġjonali saret aktar b'saħħitha fin-negozjati u l-inizjattivi internazzjonali dwar it-tibdil fil-klima, u jilqa' l-inizjattivi eżistenti tan-networks tal-awtoritajiet lokali u reġjonali bħas-CPMR (Konferenza tar-Reġjuni Periferiċi Marittimi), l-ICLEI (Gvernijiet Lokali għas-Sostenibbiltá), C40, Under2Coalition, Regions4, l-Alleanza Globali Kontra t-Tibdil fil-Klima, FEDARENE, UCLG (Bliet u Gvernijiet Lokali Magħqudin) u l-Patt Globali tas-Sindki u l-kontribut tagħhom għaż-Żona tal-Atturi Mhux Statali għall-Azzjoni Klimatika tal-UNFCCC (NAZCA);

41. iqis il-COP26 tal-UNFCCC bħala stadju kruċjali biex l-UE tiġi kkonsolidata fuq quddiem nett tal-azzjoni klimatika globali, u jisħaq li l-attivitajiet u l-impenji kontinwi tar-reġjuni u l-bliet għandu jkollhom rwol b'saħħtu fit-tħejjija għall-COP26 u jiksbu vizibilitá uffiċjali fiha;

42. jappella lill-atturi globali u Ewropej biex jinvestu fl-analiżi tal-ġeneru u d-data diżaggregata skont is-sess biex jifhmu bis-sħiħ l-impatt tat-tibdil fil-klima fuq il-gruppi vulnerabbli kollha, jimplementaw tekniki ta' bbaġitar skont il-ġeneru u jiżguraw aċċess ugwali għar-rappreżentazzjoni fit-tfassil tal-politika għall-ġeneru u l-livelli kollha. F'dan id-dawl, jappoġġja l-appell għat-tisħiħ tal-bilanċ bejn il-ġeneri fid-delegazzjonijiet nazzjonali, kif ukoll fit-tim tal-maniġment superjuri tal-COP26, u jilqa' l-ħidma tal-UNFCCC dwar ir-rabta bejn il-ġeneru u l-politiki dwar il-klima <sup>(7)</sup> u jistieden lill-Kummissjoni Ewropea taħdem fl-istess direzzjoni;

43. iqis id-Dikjarazzjoni ta' Edinburgh dwar il-bijodiversità bħala l-aktar dokument b'saħħtu li qatt kien hemm dwar ir-rikonoxximent, l-involviment u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-gvernijiet lokali u reġjonali fi kwalunkwe proċess tan-NU; jissuġġerixxi li approċċ simili għandu jiġi replikat u estiż għal korpi oħra tan-NU u jistieden lill-imsieħba tagħna fil-UNFCCC jistabbilixxu Memorandum ta' Qbil mal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni, bħala r-rappreżentant istituzzjonali tal-bliet u r-reġjuni Ewropej;

<sup>(6)</sup> <https://racetozero.unfccc.int/race-to-resilience/>

<sup>(7)</sup> <https://unfccc.int/gender>

44. jitlob li jkun hemm djalogu politiku aktar intensiv f'diversi livelli dwar il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih fis-setturi fejn il-governanza diġà tinkludi b'mod qawwi lill-awtoritajiet lokali u reġjonali u fejn il-poteri diġà huma devoluti f'diversi partijiet tad-dinja, bħall-provvista u d-domanda għall-enerġija, it-trasport, l-agrikoltura u l-kostruzzjoni;

45. jitlob li jkun hemm djalogu ta' politika fuq diversi livelli aktar intensiv dwar il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih f'setturi fejn l-azzjonijiet dwar il-klima jridu jqisu kwistjonijiet ambjentali oħra, bħall-preservazzjoni tal-bijodiversità jew it-tħassib dwar il-produzzjoni tal-ikel. l-ilma nadif, l-agrikoltura sostenibbli u l-forestrija. L-istrategġija spazjali dwar il-kompatibbiltà fl-użu tal-art hija partikolarment ikkonċernata u tinvolvi b'mod kritiku lill-awtoritajiet lokali u reġjonali; dan jaffettwa wkoll id-deċiżjoni dwar l-implimentazzjoni tal-istrategġiji li qed tadotta l-Kummissjoni u li jaffettwaw is-settur agrikolu, li jridu jgħaddu minn valutazzjoni tal-impatt biex jiġu evalwati l-konsegwenzi tagħhom;

46. jilqa' l-inizjattivi mill-Kummissjoni Ewropea u l-Patt tas-Sindki biex jippreżentaw aħjar l-attivitajiet u l-involvement tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fit-tfassil u l-infurzar ta' politiki newtrali għall-klima f'COPs futuri u biex jippromovu t-tmexxija fl-integrazzjoni vertikali tal-azzjoni klimatika. Fid-dawl ta' dan, jistieden lill-Kummissjoni tikkoopera mal-KtR biex torganizza jum tematiku dwar l-Azzjoni lokali dwar il-Klima fl-UE, bħala opportunità biex jintwerew l-inizjattivi differenti tal-UE;

47. jistieden lill-membri tal-KtR jorganizzaw COPs lokali u reġjonali fil-komunitajiet tagħhom qabel il-COP26, bil-għan li jissensibilizzaw dwar l-emerġenza klimatika, iżda wkoll li jiġbru l-fehmiet taċ-ċittadini u n-negozji dwar il-ħtiġijiet tagħhom u l-aħjar prattiki tagħhom li jstgħu jaċċelleraw it-tranżizzjoni ekoloġika u jilħqu l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi;

48. ifakkar li l-UE ħadet f'idejha r-rwol li tkun mexxejja fin-negozjati tal-COP u għalhekk għandha twassal azzjonijiet deċiżivi biex tilħaq il-mira tagħha, li jimplika l-ħolqien konġunt u l-kooperazzjoni mal-awtoritajiet lokali u reġjonali: f'dan is-sens, jistieden lill-UNFCCC tikkoopera mal-KtR biex tkompli tippromovi l-esperjenza eċċellenti tal-COPs lokali u reġjonali.

Brussell, l-1 ta' Lulju 2021.

Apostolos TZITZIKOSTAS

*Il-President*

*tal-Kumitat Ewropew tar-Regġuni*



**Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea**

(2021/C 440/06)

<b>Relatur:</b>	Aleksandra DULKIEWICZ (PL/PPE), Sindku ta' Gdańsk
<b>Dokument ta' referenza:</b>	Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Dwar il-pjan ta' azzjoni għad-Demokrazija Ewropea COM(2020) 790 final/2, 3 ta' Diċembru 2020

**RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA**

## IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI

**Sfond**

1. iqis li, filwaqt li l-Pjan ta' Azzjoni Ewropew għad-Difiża jiffoka fuq mekkaniżmi ta' difiża fuq terminu qasir għas-salvagwardja tal-proċessi demokratiċi, dan għandu jiġi segwit minn approċċ aktar strateġiku u fit-tul għall-promozzjoni tad-demokrazija Ewropea fil-livelli kollha u fid-dimensjoni doppja tagħha ta' demokrazija rappreżentattiva kif ukoll parteċipattiva. Approċċ bħal dan jista' jibni fuq il-leġiżlazzjoni eżistenti u l-aħjar prattiki diġà applikati fl-Istati Membri fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali, u jwassal għall-abbozzar ta' Karta Ewropea għad-Demokrazija;
2. itenni li skont l-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), li jiddefinixxi l-prinċipju tas-sussidjarjetà, "fl-oqsma li ma jaqgħux fil-kompetenza esklussiva tagħha, l-Unjoni għandha taġixxi biss jekk u sa fejn, l-oġġettivi tal-azzjoni prevista ma jkunux jistgħu jinkisbu biżżejjed mill-Istati Membri";
3. jilqa' l-inizjattiva biex jiġi stabbilit Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-Pjan ta' Azzjoni). It-theddida tal-populiżmu, in-nazzjonaliżmu, il-manipulazzjoni tas-soċjetà, id-diżinformazzjoni, id-diskors ta' mibegħda u t-teoriji ta' kospirazzjoni fl-ispazju pubbliku u politiku Ewropew qed tiżdied. Dan iwassal għal polarizzazzjoni, aggressjoni, intolleranza u nuqqas serju ta' solidarjetà fost il-popolazzjoni. L-għan ġenerali — li nsaħħu l-pożizzjoni taċ-ċittadini u nibnu demokrazija aktar reżiljenti fl-UE — huwa kruċjali fit-tfassil ta' miżuri biex tissaħħaħ il-komunità tagħna;
4. jenfasizza li, strutturalment, l-Unjoni Ewropea (UE) tixbah organizzmu interkonness. Id-deterjorament tad-drittijiet u l-libertajiet ċivili fi Stat Membru wieħed għandu effetti negattivi reali fuq id-demokrazija fl-UE u jhedded il-valuri komuni tagħna;
5. jenfasizza l-ħtieġa li jiġu elenkati kemm it-theddid għad-demokrazija kif ukoll l-aħjar prattiki innovattivi għall-parteċipazzjoni taċ-ċittadini, u li l-awtoritajiet reġjonali u lokali jinsabu fl-aħjar pożizzjoni biex jagħmlu dan; jistieden lill-Kummissjoni, lill-Parlament u lill-Kunsill jieħdu nota tar-rakkomandazzjonijiet tal-Barometru Reġjonali u Lokali Annwali tal-UE tal-2021, li se jiġu ppubblikati f'Ottubru 2021;
6. jaqbel mal-fehma espressa fl-Opinjoni dwar il-Pjan ta' Azzjoni kontra d-Diżinformazzjoni li s-sensibilizzazzjoni fost iċ-ċittadini hija proċess twil u kumpless, li fost l-oħrajn jinvolvi l-iżvilupp tal-litteriżmu fil-media, inkluż l-indirizzar ta' modi ġodda ta' għbir u tixrid ta' informazzjoni. Dawn il-ħiliet għandhom ikunu akkumpanjati minn analiżi kritika tal-informazzjoni u s-sorsi tagħha;
7. jenfasizza li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jinsabu f'pożizzjoni tajba biex jipparteċipaw fil-ġlieda ddikjarata kontra d-diżinformazzjoni u t-theddid li din toħloq;
8. jirrimarka li s-sħubija fl-UE ma tfissirx biss libertajiet u riżorsi finanzjarji, iżda wkoll rispett għall-valuri fundamentali. Jeħtieġ li jiġu stabbiliti strumenti legali speċifiċi li jippermettu li tittieħed azzjoni rapida u effettiva biex tiġi promossa u, f'każijiet estremi, tiġi imposta l-applikazzjoni tal-prinċipji tal-istat kostituzzjonali demokratiku u l-istat tad-dritt mill-Istati Membri. Bħalissa ma hemm l-ebda strument legali bħal dan. Għalhekk, l-azzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea dwar

deċiżjonijiet problematiċi meħuda f'xi Stati Membri ftit li xejn huma effettivi kif deskritt fir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Ġunju 2021 dwar is-sitwazzjoni tal-Istat tad-Dritt fl-Unjoni Ewropea u l-applikazzjoni tar-Regolament 2020/2092 dwar il-kondizzjonalità, li l-KtR jaqbel mis-sħiħ magħha; jesprimi d-dubbi tiegħu dwar jekk l-Artikolu 7 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jipprovdi tweġiba adegwata għal dawn l-isfidi;

9. jitlob li jittieħdu miżuri strateġiċi u li titfassal leġiżlazzjoni kemm jista' jkun malajr biex jiġu indirizzati b'mod effettiv il-problemi f'xi pajjiżi tal-UE, pereżempju fil-qasam tas-sigurtà fl-elezzjonijiet fil-livelli kollha;

10. jenfasizza li d-demokrazija Ewropea mhijiex mhedda biss minn aggressuri esterni li jixtiequ jiddestabilizzaw l-UE, iżda wkoll minn fatturi interni mmirati lejn il-qalba tal-UE — il-komunità;

11. jemmen li l-Pjan ta' Azzjoni għandu għalhekk iwitti t-triq għall-iżvilupp ta' relazzjonijiet u kuntatti ma' pajjiżi terzi li ma jaċċettawx l-istandards demokratiċi u jiksru d-drittijiet fundamentali tal-bniedem u dawk ċivili. Il-politika tal-UE fir-rigward ta' pajjiżi bħar-Russja, il-Belarusja u ċ-Ċina u l-ħidma tat-Task Force East StratCom jistgħu jservu bħala eżempju; jinnota li l-movimenti demokratiċi fil-pajjiżi ġirien tal-UE għandhom jiġu appoġġjati, fost l-oħrajn, fil-qafas tas-Sħubija tal-Lvant;

12. jenfasizza li għandhom isiru sforzi biex jinkiseb bilanċ bejn il-ġlieda mat-theddid relatat ma' pandemija u l-protezzjoni tal-libertajiet ċivili (pereżempju, il-kwistjoni tal-protezzjoni tad-data jew il-prevenzjoni tar-restrizzjoni tad-dritt għal-libertà ta' għaqda u dimostrazzjoni);

13. jindika li attakk fuq il-media jhedded il-valuri Ewropej u jwassalna fit-triq tal-awtoritarjaniżmu. Sorveljanza pubblika reali mhijiex possibbli mingħajr media ħielsa. In-nuqqas ta' standards ġurnalistiċi joħloq klima li tiffavorixxi t-tixrid ta' teoriji ta' kospirazzjoni, id-diżinformazzjoni, il-populiżmu u d-diskors ta' mibegħda; iwissi dwar il-fatt li f'xi Stati Membri tal-UE jeżistu miżuri biex il-media tiġi nazzjonalizzata mill-ġdid;

14. jinnota li l-aċċess għall-informazzjoni pubblika ma jingħatax biżżejjed attenzjoni fil-Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea. Id-demokrazija u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem huma bbażati fuq l-iskambju ħieles ta' informazzjoni u ideat. L-informazzjoni miġbura mill-awtoritajiet pubbliċi tappartjeni liċ-ċittadini u l-awtoritajiet fil-livelli kollha jżommu din id-data fisimhom<sup>(1)</sup>; jenfasizza li l-awtoritajiet lokali li jużaw għodod biex iċ-ċittadini jingħataw aċċess għall-informazzjoni u biex jipparteċipaw b'mod dirett fl-eżerċitar tas-setgħat huma eżempji tajbin tal-aċċess miftuħ u tal-obbligu ta' rendikont tal-awtoritajiet pubbliċi<sup>(2)</sup>;

15. ifakkar li UE demokratika għandha tirrispetta l-impenn tagħha li tipproteġi l-valuri tal-UE, l-inklużjoni u l-ugwaljanza fl-aspetti kollha tagħha, irrispettivament mill-ġeneru, l-orijini etnika, ir-reliġjon, it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali, u l-Istati Membri jeħtiġilhom jagħmlu sforzi f'din id-direzzjoni;

16. jenfasizza li l-Pjan ta' Azzjoni ma jagħmilx referenza diretta għall-attivitajiet tal-awtoritajiet lokali u reġionali;

### Prijoritajiet

17. jappoġġja bis-sħiħ it-tisħiħ tal-awtorità tal-UE u tal-Istati Membri, il-kredibbiltà tal-istituzzjonijiet pubbliċi tal-istat tad-dritt, l-edukazzjoni u r-rwol tal-awtoritajiet territorjali bħala istituzzjonijiet li jippromovu d-demokrazija;

18. jenfasizza li l-fiduċja taċ-ċittadini tal-UE fil-ħidma tal-istituzzjonijiet ewlenin tal-UE hija prerekwiżit indispensabbli għall-iżvilupp ta' komunità demokratika Ewropea. L-affidabbiltà u l-kredibbiltà tal-istituzzjonijiet ċentrali fl-Istati Membri jirrikjedu li dawn l-Istati jirrispettaw l-istat tad-dritt. Il-funzjonament effettiv ta' istituzzjonijiet indipendenti u r-rispett tal-valuri demokratiċi fil-leġiżlazzjoni nazzjonali huma l-pedament tal-komunità Ewropea;

<sup>(1)</sup> Fir-Riżoluzzjoni 59 tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti (1946), fl-Artikolu 19 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem (1948) u fl-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (1950), id-dritt għall-informazzjoni huwa parti integrali mid-dritt fundamentali għall-libertà tal-espressjoni.

<sup>(2)</sup> Eżempji ta' tali strumenti tal-awtoritajiet lokali huma data miftuħa, baġits taċ-ċittadini u panels taċ-ċittadini.

19. jenfasizza r-rwol ewlieni tal-awtoritajiet lokali fit-tisħiħ taċ-ċittadinanza. L-awtoritajiet lokali u reġjonali huma l-eqreb livell taċ-ċittadini u daww li huma l-aktar fdati<sup>(3)</sup>. It-tisħiħ tar-rwol tar-reġjuni u l-bliet, pereżempju permezz tal-ħolqien ta' strumenti finanzjarji li fihom il-fondi huma allokati esklużivament skont kriterji adatti, qed isir dejjem aktar importanti f'termini strateġiċi;

20. jitlob li ssir enfasi fuq it-trawwim u l-edukazzjoni ta' Ewropej responsabbli, tolleranti u li jkunu lesti li jilħqu kompromess, filwaqt li jfittxu soluzzjoni paċifika għall-kunflitti. Il-koeżistenza ta' fehmiet u attitudnijiet differenti hija "vaċċin" effettiv kontra l-fanatiżmu, ir-razziżmu u l-kunflitti etniċi;

### **Edukazzjoni ċivika — ħsieb kritiku u litteriżmu fil-media**

21. jenfasizza li l-awtoritajiet lokali jista' jkollhom rwol importanti fil-qasam tal-edukazzjoni billi joħlqu l-kundizzjonijiet għall-komunitajiet lokali biex jiżviluppaw imġiba demokratika pożittiva;

22. iwissi kontra r-radikalizzazzjoni tas-soċjetà u kontra l-ħtif tal-poter minn populistu li jużaw il-mezzi ta' diżinformazzjoni. Biex tiġi miġġielda d-diżinformazzjoni, jeħtieġ li jiġu identifikati l-gruppi fil-mira li huma l-aktar suxxettibbli għall-effetti negattivi tagħha. Iż-żgħażaġh, l-anzjani, il-minoranzi nazzjonali u etniċi, il-migranti u n-nies li ma għandhomx aċċess għad-dinja diġitali għandhom jingħataw protezzjoni speċjali. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tagħti attenzjoni partikolari lir-reġjuni u l-gruppi l-aktar suxxettibbli għad-diżinformazzjoni kemm minn ġewwa kif ukoll minn barra;

23. jieħu nota tal-linji gwida ppreżentati mill-Kummissjoni Ewropea fis-26 ta' Mejju sabiex jiġu rimedjati n-nuqqasijiet tal-Kodiċi ta' Prattika tagħha dwar id-Diżinformazzjoni. Jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni tappella għal "impenji aktar b'saħħithom u aktar speċifiċi fl-oqsma kollha tal-Kodiċi" u b'mod partikolari għal metodi ta' monitoraġġ imtejba, u li hija tistieden lill-pjattaformi oħrajn li joperaw fl-UE, lis-servizzi ta' messaġġi privati, u lill-atturi oħrajn tal-ekosistema tar-reklamar online biex jaderixxu mal-Kodiċi. Madankollu, id-diffikultà tal-Kummissjoni biex tivverifika l-veraċità tar-rapporti ta' monitoraġġ li jipprovdu l-pjattaformi, u n-nuqqas ta' kwalunkwe mekkaniżmu ta' sanzjonijiet ifixklu b'mod sinifikanti l-effettività ta' dan il-Kodiċi, u jappella għal aktar azzjoni regolatorja fil-livell tal-UE;

24. jissuġġerixxi, f'dan il-kuntest, li jifassal kurrikulu pan-Ewropew mhux obligatorju u mhux vinkolanti għall-Istati Membri għall-edukazzjoni ċivika, il-ħsieb kritiku u l-litteriżmu fil-media, abbażi tal-programm Finlandiż CIVIS bħala l-aħjar prattika, li jkun soġġett għal konsultazzjoni pubblika u mbaġħad jiġi adattat biex jissodisfa l-ħtiġijiet reġjonali u lokali. Il-kontenut tat-tagħlim għandu jiffoka fuq l-edukazzjoni skolastika, it-taħriġ tal-impjegati taċ-ċivil, it-tagħlim tul il-ħajja u l-kampanji pubbliċi. Il-KtR jixtieq ikollu sehem attiv fl-iżvilupp ta' dan il-kurrikulu u jistieden lill-Kummissjoni Ewropea taħdem mill-qrib mal-Istati Membri u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili filwaqt li tqis il-prinċipju tas-sussidjarjetà u l-allokazzjoni tal-kompetenzi;

### **Il-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni u d-diskors ta' mibegħda**

25. huwa tal-fehma li għandha tinħoloq aġenzija Ewropea<sup>(4)</sup>, bil-kooperazzjoni mill-qrib tal-Kumitat INGE tal-Parlament Ewropew, li tkun inkarigata milli tiegħu miżuri preventivi fl-oqsma tad-diżinformazzjoni, id-diskors ta' mibegħda, l-intolleranza, il-vjolenza kontra ċerti gruppi soċjali u t-tixrid ta' teoriji ta' kospirazzjoni;

26. jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-awtoritajiet lokali għandhom rwol sekondarju fil-ġlieda kontra t-tixrid ta' aħbarijiet foloz, ħafna drabi minħabba nuqqas ta' għarfien espert, ħiliet u riżorsi; jitlob li jinħoloq mekkaniżmu ta' finanzjament koerenti għall-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni;

27. jilqa' l-Istrateġija dwar l-Unjoni tas-Sigurtà li tagħmel enfasi fuq attacchi ibridi minn atturi statali u mhux statali, attacchi ċibernetiċi, ħsara lill-infrastruttura kritika, il-kampanji ta' diżinformazzjoni u r-radikalizzazzjoni ta' narrattivi politiċi;

28. iqis li hemm bżonn ta' dibattitu dwar il-libertà tal-espressjoni u xi jfisser dan b'raba mal-internet; jixħet daww fuq il-Premju "Sindku Paweł Adamowicz"<sup>(5)</sup> għall-promozzjoni tal-integrazzjoni soċjali, l-opportunitajiet indaqs u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet ċivili kif ukoll il-ġlieda kontra l-preġudizzju u l-ksenofobija, li tnieda b'mod konġunt mill-KtR, in-Network Internazzjonali tal-Bliet ta' Rifuġju (ICORN) u l-Belt ta' Gdańsk, bħala pass konkret f'din id-direzzjoni;

<sup>(3)</sup> <https://cor.europa.eu/mt/our-work/Pages/EURegionalBarometer-2020.aspx>

<sup>(4)</sup> Pereżempju, b'raba mal-KtR.

<sup>(5)</sup> Paweł Adamowicz kien ukoll dak li ħoloq żewġ mudelli ta' Gdańsk iddedikati għal dawn l-ideali: il-Mudell għall-Integrazzjoni tal-Immigranti u l-Mudell għat-Trattament Ugwali.

29. iqis li minbarra l-awtoritajiet lokali u s-soċjetà ċivili, il-media trid tkun involuta wkoll. Minħabba l-esperjenzi prattiċi u professjonali tagħhom, in-nies li jaħdmu fil-qasam tal-informazzjoni huma aktar sensibilizzati fir-rigward tad-diżinformazzjoni;

30. ifakkar fl-importanza tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali bħala strument biex l-ambjent diġitali jsir aktar trasparenti u biex il-pjattaformi online jkollhom responsabbiltà akbar;

31. jirrimarka l-ħtieġa li tiġi żgurata konsistenza sħiħa bejn il-Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea, il-Pjan ta' Azzjoni Medjatiku u Awdjoviżiv u d-dibattiti leġiżlattivi dwar l-Att dwar is-Servizzi Diġitali;

32. jitlob li titfassal direttiva dwar is-servizzi diġitali li tipproponi qafas orizzontali għas-sorveljanza regolatorja tal-ispazju online kif ukoll dispożizzjonijiet biex jiġi żgurat l-obbligu ta' rendikont tal-pjattaformi għall-immaniġġjar tal-kontenut, ir-reklamar u l-immirar mikro tagħhom;

### **Is-sigurtà tal-ġurnalisti u l-appoġġ għall-media lokali**

33. jenfasizza l-importanza ta' ġurnaliżmu affidabbli, inkluż fil-livell lokali, għall-bini tal-fiduċja pubblika. Il-media indipendenti hija waħda mill-aktar pilastri importanti tad-demokrazija u għandha influwenza konkreta fuq il-livell tad-dibattitu pubbliku;

34. jikkundanna l-użu tal-kawżi SLAPP (kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika) biex tittieħed azzjoni kontra l-media indipendenti u jstieden lill-Kummissjoni tressaq proposta biex tiproteġi lill-ġurnalisti u lis-soċjetà ċivili;

35. iwissi kontra l-marġinalizzazzjoni tal-istampa indipendenti permezz tal-monopolizzazzjoni u l-politiċizzazzjoni tal-media, speċjalment jekk dan isir bil-fondi tal-UE; jitlob monitoraġġ aħjar tal-fondi allokati għal tali skopijiet; jappoġġja l-involvement tar-reġjuni fl-allokkazzjoni tal-fondi tal-UE; jappoġġja l-ħolqien ta' miżuri leġiżlattivi komplementari, filwaqt li jiġu rispettati l-kompetenzi tal-Istati Membri, bil-għan li tissaħħaħ il-kapaċità ta' intervent Ewropew sabiex jiġi żgurat li l-libertà u l-pluralità tal-media indipendenti jibqgħu pilastru tad-demokrazija tagħna;

36. jenfasizza li l-attakki fuq id-dritt għal-libertà tal-espressjoni jillimitaw id-dibattitu pubbliku; ifakkar fid-dritt għal-libertà tal-espressjoni fis-settur akkademiku, tax-xjenza u tal-arti; iqis li l-intimidazzjoni, il-kampanji ta' malafama, il-persjoni politika, ir-restrizzjonijiet finanzjarji u l-ostakli għall-aċċess għall-fondi pubbliċi jheddu l-ħidma tar-riċerkaturi, tal-media u tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi u jagħmluha impossibbli għalihom li jeżerċitaw il-funzjoni ta' kontroll tagħhom; iwissi kontra tentattivi minn xi gvernijiet biex jirrestrinġu l-indipendenza tar-riċerka u jimponu sanzjonijiet ibbażati fuq kriterji vagi u kontroversjali;

### **Tisħiħ tal-parteċipazzjoni taċ-ċittadini**

37. jenfasizza li l-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa għandha tkun organizzata fl-akbar għadd possibbli ta' reġjuni Ewropej u f'approċċ minn isfel għal fuq, li jippermetti l-involvement u l-parteċipazzjoni ta' gruppi differenti ta' ċittadini fid-dibattitu; jirrakkomanda li jiġu rikonoxxuti l-fora taċ-ċittadini bħala forma ta' parteċipazzjoni fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE;

38. jstieden lill-istituzzjonijiet tal-UE joħlqu kanali effettivi, trasparenti u inklużivi biex jilhqqu liċ-ċittadini, speċjalment lil dawk li mhumiex imħajra jipparteċipaw fil-ħajja pubblika u soċjali; jenfasizza r-rwol ewlieni li għandhom iż-żgħażaġh f'dan il-proċess;

39. huwa konxju tal-fatt li l-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa hija opportunità unika biex tinvolvi liċ-ċittadini; jemmen li din il-parteċipazzjoni innovattiva u mifruxa mal-Ewropa kollha tagħmilha possibbli biex niddeċiedu flimkien dwar il-futur, il-forma u l-prijoritajiet ta' Ewropa demokratika; jimpenja ruħu li jinvolvi bis-sħiħ lill-awtoritajiet lokali u reġionali fil-Konferenza biex jirrevedu l-aħjar Prattika u biex jingħata leħen liċ-ċittadini u lill-awtoritajiet lokali;

## Elezzjonijiet ħielsa u demokratiċi

40. jenfasizza li t-tfassib dwar elezzjonijiet ħielsa u demokratiċi msemmi fil-Pjan ta' Azzjoni għandu japplika bl-istess mod għall-elezzjonijiet Ewropej, nazzjonali, reġjonali u lokali;
41. jirrimarka li l-kampanji politiċi qed isiru dejjem aktar online; iqis għalhekk li jinħtieġu regoli li jiżguraw it-trasparenza tal-kontenut politiku sponsorjat kif ukoll linji gwida għall-partiti politiċi u l-Istati Membri; jitlob li jiġu kkunsidrati l-ispeċifitàjiet tal-elezzjonijiet lokali, li ta' spiss jiġu ttraskurati meta tiġi abbozzata leġislazzjoni fl-UE;
42. jinnota li l-Pjan ta' Azzjoni ma jindirizzax biżżejjed il-perjodi bejn l-elezzjonijiet; jenfasizza li d-diżinformazzjoni, il-propaganda, il-manipulazzjoni u t-tentattivi biex jinfluwenzaw l-attitudnijiet taċ-ċittadini jseħħu l-aktar spiss matul dan il-perjodu;
43. jenfasizza li l-Fondi Strutturali tal-UE għandhom jintużaw biex jiffinanzjaw l-attivitajiet tas-soċjetà ċivili u biex jibnu l-kapaċitàjiet u l-istrutturi istituzzjonali u amministrattivi meħtieġa għall-parteċipazzjoni attiva taċ-ċittadini fil-ħajja politika; iqis li l-aċċess għall-fondi għandu jkun sempliċi kemm jista' jkun u li l-immaniġġjar tagħhom għandu jaqa' kemm jista' jkun taħt ir-responsabbiltà tar-reġjuni;
44. jilqa' l-fatt li, fid-19 ta' April, il-Kummissjoni Ewropea nediet konsultazzjoni pubblika li hija miftuħa sat-12 ta' Lulju <sup>(6)</sup> bil-għan li fl-aħħar kwart tal-2021 jitressqu direttivi aġġornati li jkollhom l-għan li jappoġġjaw liċ-ċittadini li jirrisjedu fi Stat Membru ieħor tal-UE jeżerċitaw id-dritt li jivvutaw u li joħorġu bħala kandidati kemm fl-elezzjonijiet muniċipali kif ukoll f'dawk Ewropej. Fil-fatt, kif tqajjem ukoll mill-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej (ICE) dwar Voters without Borders <sup>(7)</sup> (Votaturi Mingħajr Fruntieri), minkejja li 14-il miljun ċittadin mobbli tal-UE huma eliġibbli biex jivvutaw, ir-rati ta' persuni li joħorġu jivvutaw u l-għadd ta' ċittadini mobbli tal-UE li joħorġu bħala kandidati għandhom inqas mir-rati ta' gruppi komparabbli fil-livell nazzjonali, u għandhom jiffaċċjaw diffikultajiet biex jeżerċitaw id-drittijiet elettorali tagħhom;
45. iwissi li l-pandemija wriet l-isfida li jsiru elezzjonijiet kompletament demokratiċi fl-isfond ta' rekwiżiti restrittivi. L-iżgurar tas-sigurtà tal-vot bil-posta u/jew tal-vot elettroniku hija sfida organizzattiva u teknoloġika, mhux l-anqas fid-dawl ta' theddid ċibernetiku;

## Konklużjoni

46. jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tfittex strumenti fit-tul li jgħinu lill-UE tiffaċċja theddid ġdid. Il-“vaċċin tad-demokrazija” li qed infittxu għandu jkun effettiv, innovattiv u effiċjenti, u għandu jsaħħaħ l-infrastruttura demokratika tagħna issa u fit-tul;
47. jenfasizza li l-parteċipazzjoni sħiħa fil-ħajja pubblika hija l-pedament ta' komunità pluralista u demokratika. Il-prerekwiżit għal dan, madankollu, huwa l-fiduċja taċ-ċittadini fl-istituzzjonijiet statali. Mingħajr fiduċja ma jistax ikun hemm parteċipazzjoni. Dan mhux possibbli mingħajr l-edukazzjoni tal-pubbliku; jemmen li l-awtoritajiet reġjonali u lokali għandhom rwol importanti x'jaqdu f'dan il-kuntest;
48. jirrimarka fl-aħħar nett li d-demokrazija u l-istat tad-dritt ikollhom bażi sigura biss jekk it-tmexxija politika fil-livelli kollha tkun akkumpanjata minn ċittadini responsabbli.

Brussell, it-30 ta' Ġunju 2021.

Apostolos TZITZIKOSTAS

*Il-President*  
tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni

<sup>(6)</sup> Konsultazzjoni pubblika dwar il-parteċipazzjoni fl-elezzjonijiet Ewropej ([https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/12684-Elezzjonijiet-inkluzivi-tal-Parlament-tal-UE-appogg-g%C4%A7ad-dritt-tac-cittadini-tal-UE-li-jivvutaw-u-jo%C4%A7orgu-b%C4%A7ala-kandidati-f%E2%80%99pajjiz-ie%C4%A7or-tal-UE\\_mt](https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/12684-Elezzjonijiet-inkluzivi-tal-Parlament-tal-UE-appogg-g%C4%A7ad-dritt-tac-cittadini-tal-UE-li-jivvutaw-u-jo%C4%A7orgu-b%C4%A7ala-kandidati-f%E2%80%99pajjiz-ie%C4%A7or-tal-UE_mt)) u dwar il-parteċipazzjoni fl-elezzjonijiet muniċipali ([https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/12733-Elezzjonijiet-inkluzivi-fl-Ewropa-li-jippermettu-lic-cittadini-tal-UE-li-jg%C4%A7ixu-f%E2%80%99pajjiz-ie%C4%A7or-tal-UE-jezercitaw-id-dritt-tag%C4%A7hom-li-jippartecipaw-fl-elezzjonijiet-municipali\\_mt](https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/12733-Elezzjonijiet-inkluzivi-fl-Ewropa-li-jippermettu-lic-cittadini-tal-UE-li-jg%C4%A7ixu-f%E2%80%99pajjiz-ie%C4%A7or-tal-UE-jezercitaw-id-dritt-tag%C4%A7hom-li-jippartecipaw-fl-elezzjonijiet-municipali_mt)).

<sup>(7)</sup> <https://eci.ec.europa.eu/013/public/#/screen/home>

**Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — It-Twettiq tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli sal-2030**

(2021/C 440/07)

<b>Relatur:</b>	Ricardo RIO (PT/PPE), Sindku ta' Braga
<b>Dokument ta' referenza:</b>	It-Twettiq tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU — approċċ komprensiv L-Istrateġija Annwali għat-Tkabbir Sostenibbli 2021

**RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA**

## IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI

1. iqis il-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) bħala essenzjali għall-194 pajjiż li adottaw l-Aġenda tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Iżvilupp Sostenibbli, u jemma li l-pandemija li għaddejja bħalissa flimkien mal-konsegwenzi relatati mas-saħħa, ekonomiċi, soċjali, ambjentali u kulturali mistennija tagħha jipprovdu impetu għdid biex jintlaħaq dan l-objettiv; jistieden għalhekk lill-mexxejja Ewropej ikunu ambizzjużi u konsistenti fl-aġendi politiċi domestiċi u barranin tagħhom u jiddikjaraw b'għan wieħed ċar li, fil-kuntest tad-Deċennju tan-NU dwar l-Azzjoni dwar l-Iżvilupp Sostenibbli, l-Unjoni Ewropea għandha tkun mexxejja u promotur viżibbli fl-implimentazzjoni tal-SDGs fil-livelli kollha ta' gvern;
2. jemma li din l-Opinjoni għandha titqies bħala inkoraġġiment għall-Kummissjoni Ewropea biex issaħħa l-SDGs bħala parti integrali tal-valuri ewlenin u l-identità prinċipali tal-Ewropa, u għalhekk tagħtiha profil għoli xieraq fin-narrattiva u l-prijoritajiet globali tagħha;
3. jilqa' t-tmexxija politika tal-Kummissjoni Ewropea biex timplimenta l-SDGs permezz tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-enfasi mill-għdid tas-Semestru Ewropew fuq l-SDGs, kif ukoll l-approċċ tal-Kummissjoni għall-promozzjoni ta' aġenda ambizzjuża dwar Ewropa aktar sostenibbli, kompetittiva u koeżiva, miftuħa għad-dinja u adatta għall-isfidi tas-seklu 21, li ssaħħa bil-fondi addizzjonali tan-Next Generation EU biex tinholq Ewropa aktar ekoloġika, aktar diġitali u aktar reżiljenti;
4. jibqa' jappoġġja, madankollu, it-talba tal-Kunsill, tal-Parlament Ewropew, tal-KtR u tal-eks pjattaforma tal-UE ta' diversi partijiet ikkonċernati dwar l-iżvilupp sostenibbli biex titfassal strateġija globali għall-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli, li tissostitwixxi l-istrateġija Ewropa 2020 u biex titwettaq il-viżjoni kondiviża tal-mudell ta' żvilupp sostenibbli li jeħtieġ li nipromwovu għall-Unjoni Ewropea u min-naħa tagħha, biex b'hekk l-awtoritajiet lokali u reġjonali kollha jkunu jistgħu jikkondividu l-istess għanijiet u miri permezz tal-istess lingwaġġ;
5. jirrimarka li r-reviżjoni tal-politika kummerċjali tal-UE għandha l-għan li tippromovi sostenibbiltà akbar f'konformità mal-impenn tagħha lejn l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU; huwa biss mudell ta' kummerċ sostenibbli u koerenti, li jirrispetta l-valuri fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li jista' jikkontribwixxi għall-benesseri u l-prosperità ta' kulħadd, kemm fl-UE kif ukoll f'partijiet oħra tad-dinja;
6. jesprimi wkoll dispjaċir għall-fatt li l-SDGs progressivament tilfu l-pass fin-narrattiva tal-UE, bi profil aktar baxx fit-tfassil tal-politika tal-UE, li qed jipperikola l-opportunitajiet għall-implimentazzjoni tagħhom sal-2030;
7. iqis li l-kapaċità ta' komunikazzjoni u ta' taġlim bejn il-pari madwar l-SDGs hija element kruċjali għas-sensibilizzazzjoni u l-impenn mill-kontropartijiet kollha, li jirrikjedi allinjament aktar b'saħħtu bejn is-sistemi ta' governanza tal-UE fi kwistjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali, bħas-Semestru Ewropew, il-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli;
8. jinnota li r-rabtiet bejn l-inizjattivi elenkati u l-SDGs xi kultant jidhru dgħajfa. Jišhaq f'dan ir-rigward li l-Kummissjoni għandha tinvolvi lid-dipartimenti rilevanti kollha tal-Kummissjoni u tevita "inizjattivi silo";

9. jilqa' d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni Ewropea dwar it-Twettiq tal-SDGs sal-2030 bħala rapport utli dwar l-implimentazzjoni, iżda jesprimi dispjaċir għall-fatt li sempliċment jelenka inizjattivi mmarkati fl-ambitu tal-SDGs;

10. pereżempju, l-Istrateġija Industrijali l-għdida <sup>(1)</sup>, li ġiet ippreżentata f'Mejju 2021, ma tagħmilx referenza għall-SDGs, u għalhekk ma tistax tkun parti minn sforz usa' u estensiv ta' koerenza politika u żvilupp sostenibbli. Dan jillimita l-utilità tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal għall-implimentazzjoni tal-SDGs;

11. jilqa' l-impenn imsemmi fil-“Komunikazzjoni dwar Regolamentazzjoni Aħjar” tad-29 ta' April 2021 <sup>(2)</sup> biex l-SDGs jiġu integrati fil-politiki kollha kif ukoll biex jiġu identifikati l-SDGs rilevanti għal kull proposta u biex jiġi eżaminat kif l-inizjattiva ser tappoġġja it-tilħiq tagħhom, u b'hekk din il-ttenu t-talba preċedenti tal-KtR <sup>(3)</sup>. Barra minn hekk, il-KtR iqis li l-valutazzjonijiet tal-impatt ex ante trasparenti u b'bażi wiesgħa huma ta' importanza partikolari għall-verifika tas-sostenibbiltà tal-proposti;

12. jilqa' l-enfasi tad-dokument ta' ħidma tal-persunal fuq l-importanza tal-parteċipazzjoni tal-partijiet ikkonċernati u fuq ir-rikonoxximent tar-rwol u l-ħidma kemm tal-Kumitat Ewropew tar-Regġuni kif ukoll tal-awtoritajiet lokali u reġjonali. Jinnota wkoll ir-rwol importanti tal-assoċjazzjonijiet nazzjonali, Ewropej u internazzjonali tar-regġuni u l-bliet;

13. jinnota li l-mezzi mħabbra qabel għal aktar skambju u djalogu permezz ta' konferenzi u avvenimenti perjodiċi organizzati mill-Kummissjoni Ewropea għadhom ma mmaterjalizzawx u qed jitlob kollaborazzjoni aktar mill-qrib bejn il-Kummissjoni Ewropea, il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kumitat Ewropew tar-Regġuni dwar l-implimentazzjoni tal-SDGs fil-livell tal-UE;

14. jissottolinja li l-pandemija tal-COVID-19 uriet l-importanza tal-iżvilupp sostenibbli u li l-SDGs jistgħu jgħinu biex tinkiseb viżjoni koerenti u olistika fin-Next Generation EU u b'mod partikolari fl-istabbiliment tal-Pjani Nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżistenza (NRRPs) bħala parti mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF);

15. iqis li n-nuqqas ta' involviment tal-awtoritajiet lokali u reġjonali f'ċerti Stati Membri, u n-nuqqas ta' proċess ta' konsultazzjoni sinifikattiv fil-formulazzjoni tal-NRRPs, permezz tad-deżinjazzjoni tal-prijoritajiet u l-azzjoni ppjanata, qed jikkompromettu s-suċċess tal-pjani f'dawn l-Istati Membri peress li l-perspettivi reġjonali ta' trasformazzjoni ekonomika, soċjali u ambjentali estensiva huma biss riflessi parzjalment. Hemm urġenza ċara li tiġi appoġġjata l-lokalizzazzjoni tal-SDGs għall-bini mill-għdid b'mod aħjar u aktar ġust;

16. jisħaq li hemm żewġ approċċi sussidjarji kruċjali: aktar koordinazzjoni koeżiva bejn l-SDGs u l-politiki ewlenin tal-Unjoni Ewropea u għoti ta' spinta għida għall-implimentazzjoni tal-SDGs fil-livell lokali u reġjonali. Dan għandu jsir b'inċentivi ċari għall-partijiet ikkonċernati kollha. F'dan ir-rigward, interazzjoni akbar bejn l-istituzzjonijiet tal-UE u l-livelli lokali u reġjonali tkun ta' benefiċċju għall-partijiet kollha;

## Il-governanza tal-SDGs u l-istituzzjonijiet Ewropej

17. jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni Ewropea attwali ħadet impenn politiku qawwi favur l-implimentazzjoni tal-SDGs. Madankollu, dan għandu jkun akkumpanjat minn arranġamenti speċifiċi ta' governanza interna fi ħdan il-Kummissjoni Ewropea, bħal laqgħat regolari ta' koordinazzjoni tal-kabinett tal-President ma' kabinetti ta' Kummissarji oħra dwar l-integrazzjoni tal-SDGs;

18. jiddikjara li l-pjattaforma ta' diversi partijiet ikkonċernati dwar l-SDGs kienet pass tajjeb biex is-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet lokali u reġjonali jiġu inklużi fid-deċiżjonijiet dwar l-SDGs fil-livell Ewropew; ir-rakkomandazzjonijiet tal-pjattaforma biex jiġu implimentati l-SDGs għandhom jintużaw għal aktar azzjonijiet <sup>(4)</sup>;

19. jirrikonoxxi l-Patt Klimatiku Ewropew bħala pass biex iħeġġeġ aktar nies jieħdu azzjoni, iżda li jiffoka biss fuq suġġetti ta' żoni ekoloġiċi u ddedikat biex iħeġġeġ lill-partijiet ikkonċernati jieħdu azzjoni, filwaqt li l-pjattaforma kienet qed tkopri l-SDGs kollha u aġixxiet bħala struttura għad-djalogu biex tappoġġja u tagħti pariri lill-Kummissjoni Ewropea dwar l-implimentazzjoni f'waqtha tagħhom;

<sup>(1)</sup> Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni “Aġġornament tal-Istrateġija Industrijali l-Għdida tal-2020: Nibnu Suq Uniku aktar b'saħħtu għall-irkupru tal-Ewropa”, 5 ta' Mejju 2021 [https://ec.europa.eu/info/sites/default/files/communication-industrial-strategy-update-2020\\_en.pdf](https://ec.europa.eu/info/sites/default/files/communication-industrial-strategy-update-2020_en.pdf) (mhux disponibbli bil-Malti).

<sup>(2)</sup> [https://ec.europa.eu/info/files/better-regulation-joining-forces-make-better-laws\\_mt](https://ec.europa.eu/info/files/better-regulation-joining-forces-make-better-laws_mt)

<sup>(3)</sup> Punt 42 Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Regġuni — L-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs): bażi għal strateġija fit-tul tal-UE għal Ewropa sostenibbli sal-2030, Arnoldas Abramavičius. <https://webapi2016.cor.europa.eu/v1/documents/cor-2019-00239-00-00-ac-tra-mt.docx/content>

<sup>(4)</sup> [https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/sdg\\_multi-stakeholder\\_platform\\_input\\_to\\_reflection\\_paper\\_sustainable\\_europe2.pdf](https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/sdg_multi-stakeholder_platform_input_to_reflection_paper_sustainable_europe2.pdf)

20. jirrakkomanda l-użu tar-rapport ippreżentat fi tmiem il-mandat tal-pjattaforma preċedenti biex jitħejja kwalunkwe djalogu strutturat ulterjuri. Jirrakkomanda wkoll li d-djalogi strutturati futuri għandhom jibqgħu rappreżentattivi kemm jista' jkun tal-firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati tal-SDGs mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, is-settur privat, it-trade unions, l-akkademja, il-gvernijiet reġjonali u lokali u l-gruppi ta' minoranzi jew vulnerabbli, li jirrappreżentaw l-erba' dimensjonijiet tal-iżvilupp sostenibbli (ekonomiku, ambjentali, soċjali, u ta' governanza) u li għandhom rekord u esperjenza ppruvati ta' ħidma dwar l-SDGs fil-livell tal-UE. Bi skambju, il-partijiet interessati għandhom jinżammu responsabbli għall-“kostitwenzi” tagħhom, biex jiġbru l-inputs u biex jirrapportaw lura lilhom;

21. jenfasizza l-importanza tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u tal-opportunitajiet indaqs għal kulħadd fil-politiki u l-programmi tal-UE li jimplementaw l-SDGs, kif enfasizzat mir-rapport reċenti tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-baġit tal-UE<sup>(5)</sup>;

22. għalhekk jitlob lill-Kummissjoni Ewropea ġġedded il-pjattaforma tal-SDGs jew toħloq pjattaforma ta' djalogu oħra b'influwenza u segwitu strutturat biex trawwem għarfien espert mill-partijiet ikkonċernati differenti kollha minn istituzzjonijiet pubbliċi u privati rigward l-Aġenda 2030 u biex tagħti pariri lill-KE b'mod dirett;

23. iġedded is-sejħiet minn setturi differenti u b'mod partikolari l-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni bħala l-promotur tas-sussidjarjetà fl-azzjoni, biex l-azzjonijiet miftiehma tal-UE jkunu bbażati aktar fuq il-kondiviżjoni tal-aħjar Prattika, il-valutazzjonijiet tal-impatt u rabta aħjar mal-hekk imsejjaħ spiral kwadruplu (ix-xjenza, il-politika, l-industrija u s-soċjetà). L-akbar impatt jiġi mill-integrazzjoni tal-għarfien u l-esperjenza fost id-dixxiplini, is-setturi tal-politika, u l-SDGs kollha. L-Inizjattiva ta' Sfida għal Bliet Intelliġenti tal-KE hija eżempju eċċellenti li għandu jitħeġġeġ u jiġi żviluppat f'Direttorati Ġenerali u politiki oħrajn, bl-istess mod bħall-pjattaforma tal-Istrateġija ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti (S3) għall-SDGs li tista' tiġi sfruttata aħjar mir-reġjuni Ewropej;

24. jemmen li l-KE għandha tagħżel f'it indikaturi ta' data soċjali, ekonomika u ambjentali fil-livell lokali u reġjonali, li jistgħu jiġu influwenzati mill-awtoritajiet lokali u reġjonali, biex teżamina l-evoluzzjoni tal-Aġenda 2030 madwar l-UE u, fejn possibbli, l-impatt fuq skala internazzjonali; F'dan ir-rigward, għandhom jitqiesu l-isforzi li diġà saru għal dan il-għan f'xi pajjiżi;

25. jinsisti li l-monitoraġġ u d-data huma għodod ewlenin ta' komunikazzjoni għall-interazzjoni maċ-ċittadini u mas-soċjetà ċivili fil-livell lokali u reġjonali. Il-KtR u l-awtoritajiet lokali u reġjonali huma impenjati għal-“lokalizzazzjoni” tal-SDGs u huma entitajiet importanti għall-ġbir tad-data. Pereżempju, il-KtR jaħdem mal-OECD u kull tant żmien jiġbor data dwar l-impenn lokali u reġjonali dwar l-SDGs u jemmen li dan huwa każ eżemplari ta' sħubija bbażata fuq riċerka msejsa fuq l-evidenza;

26. jistieden lill-Kummissjoni Ewropea żżid ir-robustezza tar-rapport ta' monitoraġġ tagħha tal-SDGs tal-Eurostat, billi tinkludi livelli ta' kisba tal-SDGs li jistgħu jiġu faċilment kwantifikati u determinati b'mod mhux burokratiku. Il-Kummissjoni għandha, fil-qafas tas-Semestru Ewropew, tagħmel aktar użu minn dawn ir-rapporti u ssahħahom bid-data u l-aħjar Prattika mill-awtoritajiet lokali u reġjonali, peress li l-monitoraġġ attwali ma jinkludi l-ebda data fil-livell NUTS-2;

### **Ir-rwol tal-SDGs fis-Semestru Ewropew għal irkupru sostenibbli**

27. ifaħħar il-ħidma ewlenija mwettqa mill-Kummissjoni Ewropea biex tinkorpora l-SDGs fis-Semestru Ewropew fiċ-ċiklu tas-Semestru 2020. L-inkorporazzjoni progressiva tal-SDGs fl-Istrateġija Annwali għat-Tkabbir Sostenibbli (ASGS), ir-Rapporti tal-Pajjiżi u l-Programmi Nazzjonali ta' Riforma wriet impenn ġenwin mill-UE għal bidla tal-mudell fid-direzzjoni tal-iżvilupp sostenibbli;

28. jappoġġja l-Patt Ekoloġiku Ewropew u jitlob interpretazzjoni aktar sinerġistika tal-SDGs fl-indirizzar tat-tibdil fil-klima u hawnhekk jenfasizza l-utilità tal-SDGs u b'mod partikolari l-SDG 13 u l-opportunità għal ħidma fuq kompromessi u koerenza politika mal-qafas tal-SDGs;

29. iqis li huwa neċessarju li l-prijoritajiet tal-programmi ta' finanzjament kollha jiġu allinjati aħjar sabiex l-SDGs jiġu integrati b'mod universali. Pereżempju, 100 Belt Newtrali għall-Klima fl-2030 huwa pass biex jiġu aċċellerati l-SDGs. L-investment fi kwistjonijiet soċjali huwa ta' benefiċċju għall-klima wkoll;

<sup>(5)</sup> <https://bit.ly/3fXlaF>



30. iħeġġeġ, għalhekk, lill-Kummissjoni Ewropea tintegra mill-ġdid l-SDGs b'mod espliċitu f'Semestru Ewropew riformat, li jwassal għal irkupru sostenibbli bbażat fuq il-post, li għandu jinvolvi bis-siġħ lill-awtoritajiet lokali u reġjonali u jikkomplementa r-riformi u l-investimenti fl-Istati Membri, li għandhom ikunu reżistenti għall-SDG u ta' valur miżjud Ewropew;
31. b'rabta ma' dan, itenni l-ħtieġa li l-Kummissjoni Ewropea tipprovdi definizzjoni għal "riformi strutturali" fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. Tali definizzjoni hija meħtieġa sabiex jiġi żgurat li dawn ir-riformi jkunu limitati għal oqsma ta' politika, li huma rilevanti għall-implimentazzjoni tal-oġġettivi tat-Trattat tal-UE u l-istrategġija ta' politika ġenerali tal-Unjoni Ewropea, inklużi l-SDGs u li, b'rispett dovut għall-prinċipju tas-sussidjarjetà, huma relatati direttament mal-kompetenzi tal-UE <sup>(6)</sup>;
32. jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra l-kontribut għat-tweġġiq tal-SDGs bħala għan komuni u trasversali għall-programmi Ewropej kollha ta' finanzjament taħt ġestjoni diretta u indiretta;
33. jemmen, għalhekk, li r-rakkomandazzjonijiet tiegħu biex jitjieb l-obbligu ta' rendikont tas-Semestru Ewropew issa huma aktar rilevanti, bi ħtieġa urġenti li jiġu involuti r-reġjuni, il-bliet, il-muniċipalitajiet rurali u l-partijiet ikkonċernati fil-proċess u li l-governanza ssir aktar demokratika u trasparenti. Jinnota li d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal dwar it-Tweġġiq tal-SDGs tan-NU wkoll jipponta f'din id-direzzjoni billi jafferma mill-ġdid il-ħtieġa li jiġu involuti l-partijiet ikkonċernati biex jimplimentaw l-SDGs;
34. jirrepeti s-sejħa tiegħu għall-adozzjoni ta' Kodiċi ta' Kondotta Ewropea biex jiġu involuti l-awtoritajiet lokali u reġjonali u l-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom fis-Semestru Ewropew u jinnota li l-Kummissjoni Ewropea għandha tmexxi bl-eżempju u toħloq djalogu strutturat mal-partijiet ikkonċernati dwar is-Semestru Ewropew, speċjalment wara l-lakuna li ħalla n-nuqqas ta' tiġdid tal-pjattaforma ta' diversi partijiet ikkonċernati ta' livell għoli tal-UE dwar l-SDGs;
35. jipproponi bħala l-ewwel pass f'din id-direzzjoni l-organizzazzjoni ta' konferenza tal-partijiet ikkonċernati dwar is-Semestru Ewropew bl-appoġġ taż-żewġ Kumitati konsultattivi, u/jew il-konsultazzjoni tal-kumitati qabel il-pubblikazzjoni tal-Istrategġija Annwali li jmiss għat-Tkabbir Sostenibbli;
36. jišhaq li l-promozzjoni tat-tranżizzjonijiet doppji u l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (EPSR) u l-Pjan ta' Azzjoni rilevanti, fl-NRRPs mhijiex biżżejjeġ biex tkopri l-SDGs b'mod koerenti u konsistenti sabiex tipprovdi perkors ċar li jwassal għall-kisba ta' stadji importanti u miri ewlenin. Il-kriżi attwali wriet li l-UE teħtieġ l-SDGs bħala approċċ usa' li jinkludi wkoll politiki oħra bħall-bijodiversità u s-saħħa biex jiġu evitati kriżijiet futuri, u li jorbot magħhom;
37. jistieden lill-Kummissjoni Ewropea, peress li l-Ewropa tinsab f'salib it-toroq, tuża l-Istrategġija Annwali li jmiss għat-Tkabbir Sostenibbli 2022 biex tintegra mill-ġdid b'mod formali l-SDGs fis-Semestru Ewropew, torbot aħjar l-SDGs u l-RRF u tafferma b'mod espliċitu l-SDGs bħala mezz għall-UE biex tfassal irkupru sostenibbli;
38. jemmen li ż-żamma tal-enfasi tas-Semestru Ewropew bħala l-qafas għall-pajjiżi tal-UE biex jikkoordinaw il-politiki ekonomiċi tagħhom hija possibbli bl-integrazzjoni tal-SDGs u li mal-ewwel opportunità l-SDGs għandhom jiġu integrati mill-ġdid fis-Semestru Ewropew;
39. iħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea tibda din ir-reintegrazzjoni matul il-valutazzjoni tal-NRRPs billi tidentifika l-SDGs fl-NRRPs ippreżentati mill-Istati Membri u jenfasizza li din il-viżwalizzazzjoni għandha titwettaq mid-dipartimenti tal-Kummissjoni Ewropea fir-rigward ta' kif il-pjani jikkontribwixxu għall-SDGs. Dan għandu jagħti ħarsa ġenerali utli lejn il-komprensività ta' dawn il-pjani, filwaqt li ma jirrapreżentax piż amministrattiv ulterjuri fuq ir-rappurtar;
40. jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra li tistabbilixxi tabella ta' valutazzjoni ambjentali sempliċi u mhux burokratika, li tikkomplementa t-tabella ta' valutazzjoni soċjali skont is-Semestru Ewropew u tħejji għar-reintegrazzjoni formali tal-SDGs fiċ-ċiklu tas-Semestru Ewropew li jmiss;
41. jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposti biex ir-rekwiżiti tar-responsabbiltà korporattiva jiġu allinjati aħjar mal-implimentazzjoni tal-Aġenda għall-Iżvilupp Sostenibbli. Dan jista' jinkludi l-kunsiderazzjoni ta' Passaport Ewropew ta' Responsabbiltà Korporattiva sempliċi u mhux burokratiku, li jstabbilixxi rekwiżiti relatati mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) f'termini ta' relazzjonijiet industrijali, ugwaljanza bejn il-ġeneri, ġestjoni tal-katina tal-provvista, tassazzjoni u trasparenza finanzjarja;

<sup>(6)</sup> Ara l-Opinjoni tal-KtR 3764/2018 dwar "Il-Programm ta' Appoġġ għal Riformi" <https://webapi2016.cor.europa.eu/v1/documents/COR-2018-03764-00-00-AC-TRA-MT.docx/content>

42. huwa tal-fehma li l-proposta tal-Kummissjoni għal reviżjoni tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, li għandha tiġi ppreżentata fl-aħħar tliet xhur tal-2021, għandha twitti t-triq għal riforma bbażata fuq is-sostenibbiltà tal-mekkaniżmi ta' sorveljanza baġitarja u makroekonomika tal-UE, bil-ħsieb li jiġi żgurat livell għoli biżżejjed ta' investiment pubbliku ta' kwalità għolja fit-trasformazzjoni sostenibbli tal-Unjoni Ewropea. Dan għandu jinkludi proposti biex jiġu integrati indikaturi sempliċi u mhux burokratiċi fil-qafas fiskali li jirriflettu t-triq lejn il-kisba tal-SDGs b'mod aktar effettiv mill-PDG;

### Kontribut lokali u reġjonali għall-SDGs

43. jindika li l-OECD tistma li 65 % tal-169 mira tas-17-il SDG ma jistgħux jintlaħqu mingħajr l-involvement tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, jew il-koordinazzjoni magħhom <sup>(7)</sup>;

44. jinnota li l-awtoritajiet lokali u reġjonali kienu responsabbli għal 53 % tal-investiment pubbliku totali fl-2018 bħala medja fl-UE <sup>(8)</sup>. Il-biċċa l-kbira ta' dawn l-investimenti huma relatati ma' infrastruttura għal servizzi bażiċi, li għaliha l-bliet u/jew ir-reġjuni għandhom kompetenzi ċentrali, u li xi kultant huma s-suġġett ta' SDGs dedikati bħall-edukazzjoni, is-saħħa, l-infrastruttura soċjali, l-ilma tax-xorb, is-sanità, l-immaniġġjar tal-iskart solidu, l-enerġija, it-trasport, u l-akkomodazzjoni. Jinnota wkoll li SDG kollu kemm hu — il-ħdax-il wieħed — huwa ddedikat għall-bliet u l-komunitajiet lokali;

45. iqis li l-gvernijiet lokali u reġjonali huma kruċjali biex jixprunaw politiki lokali, reġjonali u konsegwentement, nazzjonali foqma importanti relatati mal-SDGs, bħall-ambjent, is-servizzi pubbliċi, l-edukazzjoni, is-saħħa, u l-iżvilupp ekonomiku u territorjali, u jikkontribwixxu għal ħafna għanijiet oħra, bħall-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-konsum sostenibbli, l-impjeg, l-innovazzjoni, is-soċjetajiet inklużivi, il-governanza tajba u s-sħubijiet. Għalhekk huwa importanti li jissaħħa il-kunsens eżistenti biex jiżiedu l-prijoritajiet territorjali fil-qafas tal-politika tal-UE. Ħafna networks stabbilixxew task forces fejn il-membri jikkondividu l-informazzjoni u l-esperjenza dwar l-implimentazzjoni tal-SDGs fil-pajjiżi rispettivi tagħhom — fxi każijiet mal-pari fil-pajjiżi msieħba u jippromovu l-għanijiet tagħhom lill-Kummissjoni Ewropea u fil-forums internazzjonali. Huwa wkoll meqjus importanti li fil-livell Ewropew ikunu jistgħu jiġu eżerċitati s-setgħat li l-gvernijiet lokali u reġjonali għandhom fl-istati rispettivi tagħhom, peress li dan jiffaċilita l-impetu tal-politiki pubbliċi favur l-SDGs fil-livelli kollha;

46. jilqa' r-riżultati preliminari tal-istħarriġ tal-KtR-OECD dwar l-SDGs u l-irkupru <sup>(9)</sup>, li juri li, minkejja l-pandemija, l-awtoritajiet lokali u reġjonali xorta għadhom mobilizzati għall-implimentazzjoni tal-SDGs b'60 % tar-rispondenti lokali u reġjonali li jindikaw il-konvinzjoni tagħhom li l-SDGs jistgħu jgħinu biex jittieħed approċċ iktar olistiku għall-irkupru, u 43 % li għandhom struttura ta' governanza speċifika biex jimplementawhom;

47. ifaħħar il-ħidma tal-assoċjazzjonijiet u l-organizzazzjonijiet internazzjonali u Ewropej biex jappoġġjaw il-lokalizzazzjoni tal-SDGs fuq l-iskala Ewropea u dik internazzjonali permezz ta' kooperazzjoni deċentralizzata, u jitlob aktar sforzi biex jitravmu tali sħubijiet <sup>(10)</sup>;

48. jinkoraġġixxi l-iżvilupp ulterjuri tal-inizjattiva tan-NU dwar il-“Lokalizzazzjoni tal-SDGs” biex jiġu aċċelerati u applikati fuq skala akbar l-isforzi għat-tilħiq tal-SDGs sal-2030. Iwiegħed li jikkoopera man-NU u l-Kummissjoni Ewropea biex jistimula mobilizzazzjoni dejjem akbar tal-bliet u r-reġjuni għal-lokalizzazzjoni tal-SDGs u l-abbozzar tar-Rieżamijiet Volontarji Lokali/Reġjonali/Sottonazzjonali li fl-aħħar mill-aħħar jistgħu jikkontribwixxu għar-Rieżamijiet Nazzjonali Volontarji;

49. jisħaq fuq il-ħtieġa ta' ħidma lokali fil-kejl tal-progress lejn l-SDGs. L-UE għandha tgħin lill-bliet u r-reġjuni, abbażi tas-sitwazzjoni tagħhom, jimmonitorjaw il-progress tagħhom lejn il-kisba tal-SDGs <sup>(11)</sup>;

<sup>(7)</sup> L-OECD tikkwota n-Network ta' Soluzzjonijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU, f"Approċċ Territorjali għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli: Rwol għall-Bliet u r-Reġjuni biex ħadd ma jitħalla jibqa' lura"(2017) — OECD.

<sup>(8)</sup> 2019, Key Data on Local and Regional Governments in the EU (Data Ewlenija dwar il-Gvernijiet Lokali u Reġjonali fl-UE) — OECD.

<sup>(9)</sup> Stħarriġ tal-KtR-OECD: L-SDGs bħala qafas għall-irkupru fil-bliet u r-reġjuni wara l-COVID-19. Dam mill-10 ta' Mejju sat-18 ta' Ġunju 2021.

<sup>(10)</sup> Bħall-OECD u l-proġett pilota tagħha dwar approċċ territorjali għall-SDGs; il-Kunsill tal-Muniċipalitajiet u r-Reġjuni Ewropej (CEMR) u l-ħidma tiegħu biex jgħin lill-assoċjazzjonijiet nazzjonali tar-reġjuni u l-bliet ifasslu r-Rieżamijiet Subnazzjonali Volontarji li jkopru pajjiżi sħaħ; l-Assemblea tar-Reġjuni Ewropej (AER) għall-ħidma tagħha fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-SDGs fil-livell lokali u reġjonali; ir-Regions4 u l-komunità ta' Prattika tagħha dwar l-SDGs; il-EUROCITIES u t-taskforce tagħha dwar l-SDGs; il-PLATFORMA u l-UCLG u t-taħriġ tagħhom għal min iħarreġ dwar l-SDGs; l-SDGs tal-EU URBACT; Fondazzjoni tas-Sindki tal-Bliet għall-promozzjoni tas-sostenibbiltà; u l-ICLE, network ewlieni għal bliet madwar id-dinja kollha għall-programmi ta' sostenibbiltà, biex insemmu xi wħud.

<sup>(11)</sup> Bħal, pereżempju, kif qed jiġri bħalissa fil-Portugall bil-proġetti tas-CESOP Local tal-Università Kattolika tal-Portugall u ODS Local tal-Università ta' Lisbona.

50. jitlob liċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka jkompli l-ħidma tiegħu fuq ir-Rieżamijiet Lokali Volontarji fil-forma ta' manwali u jintegraha f'mekkaniżmi ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti biex jappoġġja lill-bliet u l-gvernijiet lokali fl-użu ta' strumenti ta' koeżjoni u strumenti finanzjarji oħra. Barra minn hekk, il-KE għandha toħloq inċentivi għall-bliet u r-reġjuni biex jillokalizzaw l-SDGs fil-livell lokali u reġjonali. Il-KtR għandu jikkoordina dan il-proċess wiesa';
51. jinnota li hemm ukoll il-ħtieġa li jissaħħaħ il-bini tal-kapaċitajiet fil-livell lokali dwar l-implimentazzjoni tal-SDGs. Il-KtR iqis li huwa fundamentali li jiġu żviluppati b'mod konġunt mudelli ta' ġestjoni strateġika u għodod speċifiċi ta' ġestjoni għall-iżvilupp u li jiġu offruti korsijiet ta' taħriġ lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet u lill-persunal tal-gvernijiet lokali u l-partijiet ikkonċernati lokali. L-UE tista' tappoġġja networks Ewropej għall-iżvilupp konġunt u għall-opportunitajiet ta' taħriġ bħal dawn. Il-KtR iqis ukoll li r-rwol tar-riċerka — kemm xjentifika u teknoloġika kif ukoll umanista — huwa kruċjali biex jintlaħqu l-SDGs u għalhekk għandu jiġi żgurat finanzjament adegwat għaċ-ċentri li jiġġeneraw l-għarfien u l-innovazzjoni;
52. jinnota l-ħtieġa li tiġi aċċellerata kultura ta' kollaborazzjoni fis-setturi u l-livelli kollha li jimplementaw l-SDGs;
53. jitlob, għalhekk, li l-KE toħloq inċentivi diretti għall-awtoritajiet lokali u reġjonali biex jikkooperaw direttament mas-settur privat u s-soċjetà ċivili biex imexxu 'l quddiem l-SDGs;
54. jenfasizza r-rwol kruċjali tar-reġjuni biex ifasslu u jimplementaw l-SDGs fil-post, bħala msieħba fundamentali tal-entitajiet nazzjonali u lokali fl-ispirtu ta' kollaborazzjoni minqux fl-SDG 17. L-appoġġ finanzjarju u tekniku tar-reġjuni huwa essenzjali biex jgħin u jibni l-kapaċitajiet lokali biex jillokalizzaw l-SDGs u jiggarrantixxu li ż-żoni rurali u periurbani sostenibbli jinteraġixxu mal-bliet b'mod sostenibbli;
55. jappoġġja bis-sħiħ il-kondiviżjoni tal-aħjar Prattiki lokali u reġjonali u jemmen li huwa fundamentali li tiġi promossa l-aġenda tal-SDGs, pereżempju permezz tal-proġett pilota li nhloq dan l-aħħar tal-Urbact Network ta' bliet li jillokalizzaw l-SDGs. Madankollu, l-UE għandha toħloq programm ġdid għall-iskambju ta' Prattika tajba bejn il-bliet u r-reġjuni madwar l-UE, inklużi bliet minn kontinenti oħra, biex jiġu identifikati Prattiki tajbin globali u jiġu promossi ftehimiet bilaterali;
56. jinnota li l-KtR huwa impenjat li jingħaqad ma' istituzzjonijiet Ewropej oħra biex jorganizza avvenimenti u proġetti ta' azzjoni taħt it-titlu "Ix-Xjenza tiltaqa' mar-reġjuni" dwar l-SDGs — il-pilotaġġ, l-esperimentazzjoni, il-ħolqien ta' prototipi u l-espanżjoni; b' mod partikolari, l-użu tal-esperjenza tar-reġjuni li l-politiki tagħhom huma ggwidati mill-SDGs, u mbagħad tiġi promossa r-replikabbiltà u l-iskalabbiltà tagħhom;
57. jitlob lill-UE toħloq inċentivi biex tippromovi miżuri parteċipatorji mill-organizzazzjonijiet pubbliċi u lokali biex jiġu implimentati l-SDGs. Dawn l-inċentivi għandhom itejbu t-tixrid tal-Aġenda 2030 u jippromovu l-SDGs fost il-popolazzjoni ġenerali, kemm fl-Ewropa kif ukoll lil hinn permezz ta' sħubijiet f'diversi livelli u b'diversi partijiet ikkonċernati;
58. jafferma mill-ġdid l-impenn tal-KtR li jsaħħaħ is-sħubijiet tiegħu mal-OECD, il-EUROCITIES, l-AER, is-CEMR — PLATFORMA u r-Regions4 sabiex jaċċellera l-lokalizzazzjoni tal-SDGs u jippromovi l-SDGs bħala valur globali ewlieni tal-UE; jimpenja ruħu li jikkonkludi sħubijiet oħra biex jappoġġja aktar il-lokalizzazzjoni tal-SDGs;
59. jirreferi għall-Opinjoni tiegħu dwar l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs): *bażi għal strateġija fit-tul tal-UE għal Ewropa sostenibbli sal-2030* <sup>(12)</sup>, li ppreżentat il-fehmiet politiċi tal-KtR dwar id-Dokument ta' Riflessjoni bit-titolu *Lejn Ewropa Sostenibbli sal-2030* u li għadha valida fir-rigward tas-sejħiet tagħha biex il-"Kummissjoni Ewropea tiegħu rwol ewlieni fit-twaqqif ta' governanza f'diversi livelli, ta' diversi partijiet ikkonċernati u transsettorjali, li tippermetti l-integrazzjoni tad-dimensjonijiet kollha tal-SDGs fil-politiki kollha tal-UE".

Brussell, l-1 ta' Lulju 2021.

Apostolos TZITZIKOSTAS

*Il-President*

*tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni*

<sup>(12)</sup> Relatur: Arnodovas Abramavičius (LT/PPE), adottata fis-26 ta' Ġunju 2019, COR-2019-00239.

**Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Insawru Ewropa reżiljenti għall-klima — L-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima**

(2021/C 440/08)

<b>Relatur:</b>	Markku MARKKULA (FI/PPE), President tal-Bord tal-Belt ta' Espoo
<b>Dokument ta' referenza:</b>	Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Insawru Ewropa reżiljenti għall-klima — L-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima  COM(2021) 82 — final

**RAKKOMANDEZZJONIJIET TA' POLITIKA**

**IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI**

**Kummenti ġenerali ewlenin**

1. jilqa' s-sejħa tal-Kummissjoni Ewropea fl-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima għall-bliet u r-reġjuni, flimkien mal-KtR, li twitti t-triq għal livell ogħla ta' ambizzjoni dwar ir-reżiljenza għall-klima u timpenja ruħha li tintegra aħjar il-miżuri tal-UE fil-leġiżlazzjoni u l-attivitajiet nazzjonali, reġjonali u lokali;
2. jiddikjara bi tħassib li t-telf ekonomiku kkawżat minn kundizzjonijiet ta' temp estremi mill-1980 sal-2016 ammonta għal aktar minn EUR 436 biljun, u se jiddied għal mill-inqas EUR 170 biljun fis-sena jekk it-tisħin globali jilħaq 3 °C ogħla mil-livell preindustrijali;
3. itenni li l-urġenza li jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi tirrikjedi tmexxija politika impenjata fil-livelli kollha tal-governanza, li tmexxi 'l quddiem tranżizzjoni orjentata lejn l-azzjoni u ddefinita sew lejn Ewropa newtrali għall-klima, sostnuta minn perspettiva minn isfel għal fuq li fiha l-adattament u l-mitigazzjoni jkunu integrati sew;
4. jenfasizza l-fatt li r-rwol tal-bliet u tar-reġjuni nbidel minn stil iċċentrat fuq l-awtorità u ffukat fuq l-amministrazzjoni għal wieħed immexxi mis-servizzi u mill-kollaborazzjoni, li jinkludi ċ-ċittadini, il-qasam akkademiku, in-negozji, u t-tielet settur. Il-KtR iħeġġeġ lill-bliet u lir-reġjuni janalizzaw u jġeddu r-rwol, il-kollaborazzjoni u l-politiki ta' innovazzjoni tagħhom biex jagħtu spinta lill-innovazzjonijiet soċjali u assistiti mit-teknoloġija fuq skala wiesgħa. Dan se jagħmilha possibbli li jiġu indirizzati l-isfidi ewlenin tas-soċjetà u jiġu salvagwardjati l-kundizzjonijiet it-tajbin għal soċjetajiet bi protezzjoni soċjali;
5. jitlob li l-politiki bbażati fuq id-domanda, l-impronti u l-handprints tal-karbonju jintużaw bħala l-kriterji għall-akkwist pubbliku sostenibbli, biex tiġi aċċellerata t-trasformazzjoni għal ekonomija ċirkolari u tiżdied id-domanda għal prodotti u servizzi sostenibbli u li ma jagħmlux ħsara lill-klima;
6. jenfasizza l-importanza kruċjali tas-sensibilizzazzjoni u l-impenn lokali għall-azzjoni. Sabiex iħeġġeġ dan huma meħtieġa modi innovattivi ġodda biex jinħoloq appoġġ ta' kwalità għolja għall-azzjoni fil-livell lokali. Il-KtR se jikkollabora mal-Kummissjoni Ewropea sabiex jiġu żviluppati mudelli ta' azzjoni operazzjonali taħt it-titlu tal-Patt Ekoloġiku fil-Livell Lokali għall-muniċipalitajiet ta' daqsijiet differenti u fi stadji differenti ta' żvilupp, adatti għas-sitwazzjonijiet lokali tagħhom;
7. jinnota l-importanza kritika għall-oġġettivi ffissati, li jiġi żġurat li l-iżjed għarfien tar-riċerka reċenti jintuża, jiġi modifikat u applikat għall-ħtiġijiet operazzjonali potenzjali b'mod aktar rapidu milli huwa l-każ bħalissa; iħeġġeġ, għalhekk, lill-Kummissjoni Ewropea tistabbilixxi Ċentri taż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER) sabiex dawn jiffukaw fuq il-promozzjoni ta' innovazzjonijiet meħtieġa fil-livell lokali u reġjonali mill-perspettiva tas-soċjetà, u jaħdmu sabiex jiżviluppaw ekosistemi għad-dinja akkademika, għan-negozji, is-soċjetà u l-individwi;

8. juri, permezz tal-kampanja politika u ta' komunikazzjoni tal-KtR Il-Patt Ekoloġiku fil-Livell Lokali, kif il-bliet u r-reġjuni jistgħu jaċċelleraw it-tranżizzjoni ġusta u sostenibbli bl-użu ta' finanzjament pubbliku u privat lokali, reġjonali, nazzjonali, u tal-UE, flimkien ma' inizjattivi oħra ta' appoġġ. Il-KtR jimpenja ruħu li jikkoopera u jilħaq soluzzjonijiet rivoluzzjonarji flimkien mal-Kummissjoni Ewropea, mal-missjonijiet tal-UE, mal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni, man-network ta' Ċentri reġjonali taż-ŻER u inizjattivi oħra tal-partijiet interessati rilevanti;

9. jirrimarka li madwar 40 % tal-bliet tal-UE b'aktar minn 150 000 abitant adottaw pjani ta' adattament għat-tibdil fil-klima<sup>(1)</sup>; ihegġegħ lill-bliet kollha jingħaqdu u jaġġornaw b'mod regolari l-għarfien u l-aħjar prattiki fir-riċerka, fl-iżvilupp u fl-innovazzjoni. Il-KtR jistieden lill-bliet u lir-reġjuni jingħaqdu mal-industrija lokali u internazzjonali u jiffurmaw sħubijiet għall-adattament għat-tibdil fil-klima u l-mitigazzjoni tiegħu, u jistieden lill-Kummissjoni xxerred riżultati pożittivi;

10. jappoġġja bil-qawwa l-approċċ tal-istrateġija li tinkiseb reżiljenza b'mod ġust u ekwu. It-tibdil fil-klima qed isir dejjem aktar problematiku, speċjalment għall-persuni li jgħixu f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, il-persuni akbar fl-età, il-morda u l-persuni bi dħul baxx. L-istrateġija għandha tagħti attenzjoni partikolari lil dawn il-gruppi;

11. jišhaq fuq ir-rieda u l-impenn tiegħu li tinholq sistema ta' adattament madwar l-Ewropa kollha b'mod konġunt mal-bliet u mar-reġjuni, kif ukoll struttura ta' governanza f'diversi livelli li tiffunzjona tajjeb b'responsabbiltajiet ċari. L-għan huwa li tkun tista' tittieħed azzjoni u li jinħolqu mekkaniżmi reġjonali u lokali effettivi ta' adattament u mitigazzjoni abbażi tal-kollaborazzjoni konġunta bejn is-setturi pubbliċi, privati u terzi, u li jittejbu l-għarfien, il-kapaċitajiet, u l-użu tar-riżorsi finanzjarji;

#### **L-Istrateġija dwar l-Adattament fil-qafas tal-Patt Ekoloġiku Ewropew**

12. jemmen li fi żmien sena mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tadotta linji gwida li jistabbilixxu prinċipji u prattiki komuni sabiex jiġu identifikati, klassifikati u ġestiti b'mod adatt ir-riskji klimatiċi fiżiċi u materjali waqt l-ippjanar, l-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ta' pjani, programmi u proġetti;

13. jissuġġerixxi li għandhom jiġu stabbiliti sinerġiji bejn il-linji gwida dwar l-adattament u d-Direttivi dwar il-valutazzjoni ambjentali;

14. jinnota li l-awtoritajiet lokali u reġjonali huma responsabbli għal aktar minn 70 % tal-miżuri ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u sa 90 % tal-azzjonijiet ta' adattament għat-tibdil fil-klima, u għalhekk l-ebda politika ta' adattament ma tista' tkun ta' suċċess sakemm ma tqisx il-ħtiġijiet, il-fehmiet u l-għarfien espert tar-reġjuni u tal-bliet;

15. jitlob li jkun hemm livelli għoljin ta' involviment mill-bliet u mir-reġjuni fit-thejjja tal-pjani direzzjonali klimatiċi u tal-pjani ta' azzjoni tal-Patt Ekoloġiku fil-Livell Lokali tagħhom, bħala l-pedament tal-isforzi biex jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima — u bil-għan li jiġi evitat dak li ma jistax jiġi adattat u li jsir adattament għal dak li ma jistax jiġi evitat;

16. jappella għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni reġjonali tal-partijiet dwar il-pjani u l-miżuri ta' adattament għall-klima fuq il-post. Huwa fil-livell lokali u reġjonali li jehtiegħ li jiġu implimentati l-miżuri, flimkien maċ-ċittadini u n-negozji;

17. jirrikonoxxi li r-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE jiffaċċjaw sfidi kbar ta' adattament b'riżultat tal-vulnerabbiltajiet speċifiċi tagħhom, li jagħmluhom partikolarment suxxettibbli għall-effetti tat-tibdil fil-klima; jilqa' l-isforzi kollha biex jittaffew dawn l-effetti, bħall-iskambju tal-aħjar prattiki u soluzzjonijiet ta' adattament globali u reġjonali, li għandhom jitrawmu u jiġu appoġġjati mill-Kummissjoni u l-Istati Membri;

18. jenfasizza l-importanza tal-iżvilupp konġunt ta' metodi u strumenti ta' adattament adegwati, biex isostnu l-kokreazzjoni ta' innovazzjonijiet tas-soċjetà, kooperazzjoni transfruntiera, skambji ta' esperjenzi u kapaċitajiet ta' reżiljenza; l-azzjonijiet b'rabta mal-Objettiv Speċifiku 2 ta' Interreg 2021-2027 jistgħu jagħtu kontribut importanti f'dan ir-rigward;

<sup>(1)</sup> Rapport dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima COM(2018) 738 final.

19. jissottolinja li hemm bażi soda dejjem tikber ta' evidenza li turi li f'xi Stati Membri n-nisa huma vulnerabbli b'mod sproporzjonat għat-tibdil fil-klima minħabba normi soċjali u strutturi soċjoekonomiċi stabbili li jċaħħdu l-aċċess tagħhom għar-riżorsi, it-tehdid ta' deċiżjonijiet, l-informazzjoni, l-edukazzjoni, l-okkupazzjoni, eċċ.; iqis, għalhekk, il-politiki tal-UE, inkluż il-Patt Ekoloġiku Ewropew, biex jingħelbu dawn l-ostakli u tingħata spinta lill-potenzjal sħiħ tal-ħiliet, l-għarfien u l-kwalifiki tan-nisa u l-bniet biex jiġu żgurati l-effettività u s-sostenibbiltà tal-adattament għat-tibdil fil-klima u t-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri;

20. jisħaq fuq l-importanza ta' aċċess rapidu għal pariri esperti dwar l-użu tal-għarfien u tal-istrumenti ta' finanzjament tal-UE;

21. jissottolinja l-ħtieġa għal adattament għat-tibdil fil-klima ibbażat fuq in-natura fir-rigward tal-foresti u l-intrapriżi tal-forestrija. Il-foresti u s-sidien tal-foresti għandhom rwol importanti ħafna fil-ħarsien tal-klima, iżda huma stess huma affettwati mit-tibdil fil-klima; jistenna li l-Istrateġija tal-UE għall-Foresti mħabbra tqis il-karatteristiċi speċjali tal-foresti f'partijiet differenti tal-Ewropa u li tkun marbuta mill-qrib mal-Istrateġija tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima u mal-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità, kif ukoll mal-miżuri ta' appoġġ tal-UE għall-foresti seminaturali fl-adattament tagħhom għat-tibdil fil-klima u t-tisħiħ tal-kapaċità tagħhom fil-qbid tal-karbonju;

22. jitlob implimentazzjoni rapida u ambizzjuża tal-miżuri mħabbra fl-istrateġija għall-promozzjoni ta' soluzzjonijiet ta' adattament ibbażati fuq in-natura, inklużi approċċi u prodotti ta' finanzjament ġodda u innovattivi. Dan jikkonċerna b'mod partikolari l-protezzjoni u r-restawr tal-artijiet mistagħdra u tat-torbieri u l-ekoloġizzazzjoni tal-bliet. Soluzzjonijiet bħal dawn jikkontribwixxu kemm għaż-żieda tar-reżiljenza għall-klima, għal għajxien b'saħħtu kif ukoll għat-tilħiq ta' għanijiet oħrajn tal-Patt Ekoloġiku;

23. iqis li l-investiment pubbliku-privat fuq skala kbira fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi ġodda huwa essenzjali. Eżempju ta' dan huwa r-rapport "Net Zero by 2050: A Roadmap for the Global Energy Sector" (Newtralità karbonika sal-2050: Pjan direzzjonali għas-settur tal-enerġija globali), ippubblikat mill-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija (AIE) f'Mejju 2021, li juri kif in-newtralità karbonika tista' tinkiseb sal-2050 abbażi ta' 'l fuq minn 400 mira interim. Huwa importanti li investiment bħal dan iżid ukoll it-tkabbir ekonomiku u jipprevjeni l-inwriet prematuri;

24. jenfasizza l-isforz kollaborattiv maċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) u ma' Direttorati Ġenerali oħra tal-Kummissjoni biex jiġi żvilupp il-kunċett ta' pjattaformi xjentifiċi lokali dwar it-tibdil fil-klima (l-"IPCCs lokali" eżistenti), bil-għan li tiġi mħeġġa l-kooperazzjoni max-xjenzati u li jiġi appoġġat it-tehdid ta' deċiżjonijiet tal-uffiċjali eletti lokali;

## **Il-handprint tal-karbonju — approċċ ġdid għall-kalkolu tal-impatt fuq il-klima**

25. jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tistabbilixxi koordinazzjoni bejn l-oqsma ta' politika differenti sabiex jiġu sfruttati l-effetti ta' sinerġija tagħhom;

26. jirrakkomanda t-tnaqqis tal-impronta tal-karbonju billi jiġu minimizzati l-impatti negattivi tal-prodotti, tal-iskart iġġenerat, tas-servizzi, u tal-organizzazzjonijiet; u jappella għal enfasi fuq il-handprint tal-karbonju, billi jintwera l-impatt pożittiv li l-prodotti u s-servizzi li ma jagħmlux ħsara lill-klima jgħolqu f'termini ta' sostenibbiltà, abbażi tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti;

27. jilqa' l-intenzjoni li l-adattament għat-tibdil fil-klima jinrabat mad-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija, ir-Regolament dwar il-Prodotti għall-Bini u d-Direttiva dwar l-Ekodisinn;

28. jistieden lill-industrija Ewropea tibda żvilupp tan-negozju dwar il-handprint tal-karbonju u tinvesti fih, bħat-titjib tal-effiċjenza enerġetika, it-tnaqqis fl-użu tal-materjali, l-introduzzjoni ta' materja prima li ma tagħmilx ħsara lill-klima, it-tnaqqis tal-ammont ta' skart, tiġi estiża l-ħajja tal-prodotti, u ż-żieda fl-utilizzabbiltà tal-prodotti;

29. iħeġġeġ lis-settur pubbliku juża r-rwol u l-assi tiegħu f'ħafna modi biex jgħin lill-industriji jħaffu l-proċess tal-ħolqien ta' soluzzjonijiet ġodda għall-handprints newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju: iċ-ċaqliq tal-akkwist pubbliku biex tiġi aċċellerata d-domanda għal prodotti u servizzi sostenibbli ġodda u l-iżvilupp tagħhom, data miftuħa biex jiġu analizzati l-problemi u jiġu żviluppati soluzzjonijiet li ma jagħmlux ħsara lill-klima, crowdsourcing biex jinħolqu pjattaformi ta' innovazzjoni u ta' negozji ġodda u networking biex jiġu żviluppati u mxerrda kunċetti u soluzzjonijiet ġodda biex tiżdied is-sostenibbiltà;

**L-ipprezzar tal-karbonju — parti integrali mit-tranżizzjoni ekoloġika**

30. huwa tal-fehma li, fl-akkwisti tagħhom, kemm is-settur pubbliku kif ukoll dak privat għandhom l-ewwel jivvalutaw aktar bir-reqqa l-ħtiġijiet sabiex jevitaw l-eċċessi u mbagħad jissodisfaw il-ħtiġijiet reali bi prodotti u servizzi sostenibbli;
31. ihegġegħ lill-Kummissjoni tagħti attenzjoni speċjali għall-iżgurar ta' sistema effettiva għall-ipprezzar tas-CO<sub>2</sub>, peress li din hija waħda mill-aktar miżuri effiċjenti għall-għieda kontra t-tibdil fil-klima. Sabiex jiġu attirati l-investimenti meħtieġa, il-prezz tas-CO<sub>2</sub> għandu jkun prevedibbli u fl-livell adatt, u jqis l-ispejjeż reali tal-ħsara mill-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> bil-għan li l-kumpaniji tal-enerġija u kumpaniji oħra jiġu mħeġġa jinvestu f'soluzzjonijiet li ma jaġhmlux ħsara lill-klima;
32. jišhaq li s-sistema tal-ipprezzar tas-CO<sub>2</sub> x'aktarx li se tinkludi mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntiera biex jinħolqu kundizzjonijiet ekwi fil-livell internazzjonali, li jkun trasparenti biex jiġu eliminati l-opportunisti;
33. jissuġġerixxi inċentivi sodi bbażati fuq is-suq biex jiġi attirat l-iżvilupp ta' bjar tal-karbonju ġodda u ta' sostituzzjonijiet sostenibbli ta' materjali minn impronta tal-karbonju għolja għal waħda baxxa. Ir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni għandhom jingħataw appoġġ biex jiġu żviluppati teknoloġiji u metodi ta' kejl ġodda għat-tnaqqis tas-CO<sub>2</sub>;
34. jitlob kombinazzjoni ta' mekkaniżmi tas-suq, taxxi, miżuri ta' finanzjament, dispożizzjonijiet legali u impenji volontarji mis-settur pubbliku xierqa biex jiġi attirat investment relatat mat-tibdil fil-klima lejn is-settur li ma jaqax taħt l-ETS, sabiex it-tnaqqis tal-emissjonijiet isir b'mod kosteffettiv;
35. jitlob aktar titjib fl-iskema għan-negozjar ta' emissjonijiet (ETS), u speċjalment fir-rigward tat-tisħin, it-tkessiħ, l-użu tal-art u t-trasport u l-forestrija (LULUCF); fit-teħid tal-passi sistemiċi għall-iżvilupp tal-ETS, it-tassazzjoni nazzjonali fuq l-enerġija u l-klima għandha tiġi integrata fis-sistema globali tal-ETS;
36. huwa konvint li l-aċċellerar ta' miżuri effettivi biex gradwalment jintemmu s-sussidji diretti u indiretti għall-fjuwils fossili — pereżempju, l-eżenzjonijiet tat-taxxa eżistenti għall-fjuwils tal-inġenji tal-ajru — huwa meħtieġ kemm jista' jkun malajr biex jinħolqu kundizzjonijiet ekwi effettivi għall-enerġiji rinnovabbli. Dawn iħeġġu wkoll bidla fl-imġiba u jiġġeneraw ir-riżorsi meħtieġa għall-appoġġ ta' tranżizzjoni ġusta;
37. jistieden lill-UE tassumi rwol b'saħħtu ta' tmexxija fil-livell dinji biex tiżviluppa s-sistemi meħtieġa għall-ibbaġitjar u għall-ipprezzar tas-CO<sub>2</sub> sa mhux aktar tard mill-2030 u tinnegozja elementi simili mal-imsieħba kummerċjali globali tagħha;

**Il-finanzjament għall-indirizzar tat-tibdil fil-klima**

38. jirrikonoxxi l-ħtieġa konsiderevoli ta' investimenti inizjali, inklużi investimenti relatati mal-enerġija, li waħedhom, skont il-Kummissjoni Ewropea, huma stmati li huma EUR 350 biljun aktar fis-sena matul is-snin 2021-2030 milli matul l-għaxar snin preċedenti<sup>(?)</sup>. Il-KtR jišhaq fuq l-importanza kruċjali tas-sħubijiet, li fl-ambitu tagħhom il-fondi pubbliċi għandhom jiffokaw fuq it-tħaffif tar-ritmu;
39. jappella sabiex l-assistenza lill-bliet u lir-reġjuni ssib l-aħjar kombinazzjoni ta' fondi pubbliċi u privati għall-azzjoni ta' adattament, minn sorsi internazzjonali, Ewropej, nazzjonali u lokali; jappella sabiex titnaqqas il-burokrazija u li jiġi ssemplifikat l-aċċess għall-finanzjament tal-UE;
40. jistieden lill-UE u lil atturi oħra jiżviluppaw modi kif jitkejjel l-impatt potenzjali tar-riskji relatati mal-klima fuq il-finanzi pubbliċi, jiżviluppaw għodod u mudelli għall-ittestjar tal-istress klimatiku, u jqisu t-tibdil fil-klima fir-rappurtar u fl-oqfsa fiskali;
41. jenfasizza l-urġenza li tiġi aġġornata t-taħlita enerġetika nazzjonali permezz tal-użu ta' teknoloġiji avvanzati ġodda sabiex tikkontribwixxi bl-aħjar mod għall-kisba tal-istrateġija tal-UE dwar id-dekarbonizzazzjoni, kif ukoll sabiex tinkludi bis-sħiħ u tibbenefika mill-kontributi tal-“prosumaturi”, mill-komunitajiet tal-enerġija lokali u mit-teknoloġiji l-ġodda; jenfasizza l-importanza ta' grilja tal-elettriku affidabbli b'vultaġġ baxx u medju, u l-ħtieġa li jiżdied is-sehem tal-enerġiji rinnovabbli fl-enerġija ta' karga bażika, b'mod partikolari billi jiġu żviluppati teknoloġiji ta' ħżin u ġestjoni u billi jitwessgħu n-networks tal-enerġija sabiex il-produtturi ġodda fuq skala żgħira jiġu konnessi b'mod aħjar ma' grilji b'vultaġġ baxx u medju; jistieden lill-Kummissjoni tirrappreżenta aħjar il-proġetti tal-grilja intelliġenti fil-lista ta' proġetti ta' interess komuni fi ħdan il-qafas propost għid TEN-E;

(?) It-tisħiħ tal-ambizzjoni klimatika tal-Ewropa għall-2030, COM(2020) 562 final.

42. jirrimarka li t-tnaqqis fid-distakk fil-protezzjoni tal-klima jirrikjedi li jissaħħaħ id-djalogu bejn dawk li jfasslu l-politika u l-partijiet ikkonċernati tagħhom, speċjalment l-industrija u l-investituri, inklużi l-assiguraturi u l-fondi tal-pensjonijiet;

43. jilqa' b'sodisfazzjon il-livell il-ġdid ta' impenn tal-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) biex iżid is-sehem tal-finanzjament iddedikat għall-azzjoni klimatika sal-2025 u l-iżvilupp tal-Pjan Direzzjonali tal-Bank Klimatiku<sup>(3)</sup>; jilqa' b'sodisfazzjon l-introduzzjoni tas-sistema għall-Valutazzjoni tar-Riskju Klimatiku tal-BEI għall-valutazzjoni sistematika tar-riskji klimatiki fiżiċi;

### **L-Osservatorju Ewropew għall-Klima u s-Saħħa — l-integrazzjoni tas-saħħa fil-miri klimatiki**

44. jilqa' b'sodisfazzjon l-istabbiliment ta' Osservatorju Ewropew għall-Klima u s-Saħħa fl-ambitu ta' Climate-ADAPT. Permezz tiegħu se tkun tista' tinġabar u tiġi konnessa data ta' osservazzjoni, għodod, u għarfien espert biex jiġu kkomunikati, immonitorjati, analizzati u pprevenuti l-effetti tat-tibdil fil-klima fuq is-saħħa tal-bniedem, abbażi ta' approċċ "Saħħa Waħda"; iqis, madankollu, li l-kamp ta' applikazzjoni għandu jitwessa' biex jinkludi wkoll l-effetti tal-urbanizzazzjoni u t-tixjijih;

45. jissottolinja l-hteġa li jitkompla l-ġbir ta' eżempji ta' prattika tajba ttestjati fil-prattika u li dawn isiru aċċessibbli għall-pubbliku u jkunu jistgħu jiġu mfittxija faċilment f'repożitorju stabbilit mill-portal Climate-ADAPT u/jew il-katalogu ta' parametri referenzjarji fuq is-sit web tal-Patt tas-Sindki; jenfasizza li t-trasferiment tal-għarfien għandu jiġi ffaċilitat ukoll permezz ta' kooperazzjoni bejn il-bliet u li għandhom jiġu identifikati, promossi, u ffinanzjati attivitajiet bejn il-pari u ta' mentoraġġ adatti;

### **Id-diġitalizzazzjoni, id-data, u l-ispazju**

46. jenfasizza l-importanza ta' teknoloġiji diġitali innovattivi, it-teknoloġija tal-5G, l-Internet tal-Oġġetti, l-Intelliġenza Artifiċjali u l-analitika tad-data, li jtejbu t-trasformazzjoni diġitali u ekoloġika tal-bliet u r-reġjuni; barra minn hekk, provvista adegwata ta' fibra tal-ħġieġ hija partikolarment importanti għaż-żoni rurali;

47. jissottolinja li, biex tirnexxi, l-azzjoni klimatika kollha, inkluż l-adattament, jeħteġ li tkun ibbażata fuq l-aħjar għarfien disponibbli u l-innovazzjoni u tkun kompletament dipendenti mit-twemmin fiha miċ-ċittadini;

48. jenfasizza l-importanza tal-użu ta' sistemi ta' informazzjoni sistematiċi u komprensivi preventivi bħal Galileo u Copernicus f'valutazzjonijiet tal-perikli u tar-riskji bbażati fuq il-komunità, abbażi ta' soluzzjonijiet reġjonali u lokali ta' estrazzjoni tad-data u l-użu ta' satelliti u sensuri b'għodod assistiti mis-sistema ta' informazzjoni ġeografika (GIS) biex jiġu identifikati l-vulnerabbiltajiet assoċjati ma' riskji differenti relatati mal-klima; iħeġġeġ lill-awtoritajiet lokali u reġjonali jużaw is-Servizzi dwar it-Tibdil fil-Klima ta' Copernicus (C3S);

49. jistenna li l-informazzjoni miksuba mis-sistemi ta' monitoraġġ ibbażati fuq is-satelliti bħal Galileo u Copernicus dwar it-tnixxija tal-metan u gassijiet serra oħra tintuża biex jiġu eliminati dawn it-tnixxijiet malajr kemm jista' jkun permezz ta' azzjoni nazzjonali, Ewropea u internazzjonali;

50. jitlob bidla radikali fil-livell reġjonali fil-politika dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima u jaqbel mal-bord tal-missjoni dwar "Adattament għat-Tibdil fil-Klima" li jinhteġu servizzi avvanzati ta' data klimatika pprovduti minn Copernicus, Climate-ADAPT, iċ-Ċentru ta' Għarfien għall-Ġestjoni tar-Riskju ta' Diżastri u għodod u sorsi oħra, bħal satelliti għall-osservazzjoni tad-dinja u sensuri *in situ* (inklużi stazzjonijiet tal-art, sensuri fl-ajru u fuq il-baħar);

51. jenfasizza l-hteġa li jsir aktar investment fit-teknoloġija tal-ispazju biex tiġi pprovduta informazzjoni rilevanti dwar ir-riskji klimatiki u l-miżuri ta' adattament relatati u li jkun hemm kooperazzjoni mal-Kummissjoni, il-JRC u l-EEA biex dawn it-teknoloġiji jitqarrbu lejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali;

### **Il-missjonijiet ta' Orizzont Ewropa**

52. jitlob adattament u implimentazzjoni aktar rapidi tal-missjoni pplanata ta' Orizzont Ewropa dwar "Adattament għat-Tibdil fil-Klima" u missjonijiet rilevanti oħra għall-adattament, inklużi dawk dwar is-saħħa tal-ħamrija, il-bliet newtrali għall-klima u l-oċeani, ladarba jiġu approvati;

<sup>(3)</sup> <https://www.eib.org/en/about/partners/cso/consultations/item/cb-roadmap-stakeholder-engagement.htm>



53. jisħaq fuq l-importanza kruċjali taż-żewġ missjonijiet iffukati fuq il-klima: “Ewropa reżiljenti għall-klima” u “100 belt newtrali għall-klima sal-2030”; u jistieden lill-bliet u lir-reġjuni li jirrappreżentaw id-diversità ġeografika, soċjali, u ekonomika sħiħa tat-territorji Ewropej jikkooperaw sabiex jintlaħaq l-oġettiv tal-UE tan-newtralità klimatika;

54. jissuġġerixxi li ċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) tal-UE jkun jista’ jiżviluppa u jorganizza, f’kollaborazzjoni mal-KtR, attivitajiet ta’ riċerka u ta’ taġlim biex jiġu appoġġati l-attivitajiet tal-missjoni tal-UE taħt it-tema “Ix-Xjenza tilitaqa’ mar-Reġjuni”. Dan għandu jagħti spinta lill-impatt tal-missjonijiet, u r-riżultati miksuba jkunu jistgħu jiġu kondiviżi minnufih sabiex jiġu applikati madwar l-Ewropa;

55. jissottolinja l-impenn tiegħu, f’konformità mal-Pjan ta’ Azzjoni Konġunt iffirmit mill-Kummissarju Gabriel, li jimplimenta l-missjonijiet tal-UE flimkien mad-DĠ RTD. Il-KtR jissottolinja li l-missjonijiet tal-UE jeħtieġu sistema effettiva ta’ governanza f’diversi livelli, ekosistemi reġjonali tal-innovazzjoni bbażati fuq il-post u Strateġiji ta’ Speċjalizzazzjoni Intelliġenti biex jilhq u l-miri tagħhom;

56. jikkontribwixxi għall-missjonijiet tal-UE permezz ta’ involviment attiv fil-livell lokali u jipprovdi appoġġ għall-istabbiliment ta’ Ċentri taż-ŻER billi jikkontribwixxi b’mod attiv għall-esperimenti, il-ħolqien rapidu ta’ prototipi, l-ittestjar, id-dimostrazzjoni u ż-żieda fl-iskala tar-riżultati tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-missjoni;

57. jenfasizza l-importanza tal-integrazzjoni ta’ Orizzont Ewropa, strumenti konġunti dimostrarri u ta’ implimentazzjoni, inizjattivi ta’ innovazzjoni ta’ sħubijiet pubbliċi-privati fil-livell lokali, u strumenti ta’ finanzjament tal-governanza f’diversi livelli għall-istrateġiji ta’ speċjalizzazzjoni intelliġenti reġjonali;

58. jenfasizza l-importanza vitali tal-kuntratti ta’ sħubija bejn l-UE u l-bliet u r-reġjuni dimostrarri fil-missjonijiet dwar “Bliet Intelliġenti” u “Adattament għat-tibdil fil-Klima” biex jintlaħqu l-influwenza fl-Ewropa kollha, il-miri klimatiċi prekursori, u r-riżultati fuq skala wiesgħa;

59. jipproponi l-approċċ ta’ tliet passi li ġej għall-missjonijiet relatati mal-klima: 1) proċess interattiv miftuħ biex ir-reġjuni u l-bliet jiġu involuti b’modi differenti fil-missjoni; 2) ir-reġistrazzjoni tan-numru meħtieġ ta’ komunitajiet pijunieri għall-ittestjar tas-soluzzjonijiet innovattivi tal-missjoni f’kuntesti reali; u 3) qbil dwar il-kontribut tal-komunitajiet tad-dimostrazzjoni għall-implimentazzjoni fuq skala kbira ta’ soluzzjonijiet innovattivi u għaż-żieda fl-iskala tal-aħjar soluzzjonijiet għall-użu madwar l-Ewropa kollha;

60. jipproponi kooperazzjoni bejn il-missjoni dwar “Adattament għat-Tibdil fil-Klima” u l-Patt tas-Sindki biex jiġu involuti kemm jista’ jkun bliet u reġjuni, bil-għan li jiġi żviluppat fehim tajjeb tar-riskji klimatiċi, issir preparazzjoni għalihom u jiġu ġestiti; l-ambaxxaturi tal-patt tal-KtR jista’ jkollhom rwol attiv f’dan il-proċess;

61. jappoġġja bil-qawwa l-ħolqien ta’ Faċilità ta’ Appoġġ għall-Politiki li jkollha l-għan li tipprovdi assistenza teknika diretta sabiex tgħinhom jiżviluppaw u jimplementaw l-istrateġiji u l-pjani ta’ adattament tagħhom; iqis li dan l-istrument għandu jinkludi helpdesk għall-adattament, workshops prattiċi, u strumenti oħra li għandhom jinħolqu b’sinerġija mal-Patt tas-Sindki, u lest li jappoġġja t-tfassil u l-implimentazzjoni ta’ din il-Faċilità;

### **L-isħubijiet ewlenin u COP26**

62. jenfasizza l-COP26 tal-UNFCCC bħala stadju kruċjali biex jiġi żgurat il-post tal-UE fuq quddiem nett fl-azzjoni klimatika globali, u jisħaq li l-attivitajiet u l-impenni kontinwi tar-reġjuni u l-bliet għandu jkollhom rwol sod u viżibbli fil-COP26;

63. jistieden lill-UNFCCC issaħħaħ il-viżibbiltà u r-rikonoxximent tal-gvernijiet sottonazzjonali fid-diplomazija u fl-attivitajiet klimatiċi globali, mal-komunitajiet internazzjonali u mal-organizzazzjonijiet tan-network, bħall-ICLEI, Under2Coalition, Regions4, Climate Alliance, u Bliet u Gvernijiet Lokali Magħqudin (UCLG);

64. jirrakkomanda li jiżdied ir-rwol tal-bliet u tar-reġjuni fil-Pjattaforma Climate-ADAPT<sup>(4)</sup> u jinsab ħerqan li japprofondixxi l-kooperazzjoni, speċjalment mal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, mal-Komunità ta’ Konoxxenza u Innovazzjoni dwar il-Klima tal-EIT, u maċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka; jirrakkomanda li dawn jipprovdu aġġornamenti regolari dwar l-għarfien xjentifiku u l-proġetti relatati mat-tibdil fil-klima, l-impatt tiegħu u l-vulnerabbiltà fir-reġjuni bjoġeografiċi ewlenin fl-Ewropa;

(<sup>4</sup>) <https://climate-adapt.eea.europa.eu/>

65. jistieden lill-Kummissjoni tirrakkomanda bil-qawwa li l-Istati Membri jinvolve lill-gvernijiet sottonazzjonali fl-abbozzar tal-istrateġiji ta' adattament tagħhom u fil-promozzjoni tal-iżvilupp ta' strateġiji reġjonali u lokali, kif ukoll ta' tqassim reġjonali ta' strateġiji nazzjonali; il-KtR jinsab lest li jorganizza djalogi f'diversi livelli dwar l-enerġija u l-klima għal dan il-għan.

Brussell, l-1 ta' Lulju 2021.

Apostolos TZITZIKOSTAS

*Il-President*  
*tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni*

---

**Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Strateġija biex tissaħħaħ l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali fl-UE**

(2021/C 440/09)

<b>Relatur:</b>	Jean-Luc VANRAES (BE/Renew Europe), Membru tal-Kunsill Muniċipali ta' Uccle
<b>Dokument ta' referenza:</b>	Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Strateġija biex tissaħħaħ l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali fl-UE COM(2020) 711 final

**RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA**

## IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI

1. jilqa' l-Istrateġija l-għdida biex tissaħħaħ l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, peress li tirrikonoxxi b'mod speċifiku r-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali bħala partijiet interessati ċentrali fil-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-Karta;
2. jappella għal involviment kontinwu tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, livell fundamentali tal-leġittimità demokratika, fil-promozzjoni tal-valuri tal-Karta u fil-monitoraġġ tal-konformità mal-prinċipji assoċjati magħha;
3. jaqbel li l-UE għandha tkompli tħeġġeġ l-iskambju ta' prattika tajba u esperjenza bejn il-livelli kollha ta' gvern (nazzjonali, reġjonali u lokali) u l-iżvilupp ta' gwida u taħriġ aktar immirati dwar il-Karta;
4. jenfasizza l-importanza tal-gwida mmirata biex tispjega għaliex id-drittijiet fundamentali huma importanti għall-awtoritajiet lokali u reġjonali, parzjalment billi tipprovdi eżempji ta' kif l-awtoritajiet jistgħu jagħmlu użu mill-Karta tal-UE;
5. iħeġġeġ il-kooperazzjoni mal-Kunsill tal-Ewropa biex tissaħħaħ l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE;
6. jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tfassal rapport annwali, mill-2021 'il quddiem, dwar l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali fl-Istati Membri, u jappella lill-Kummissjoni tippreżenta fir-rapport il-prattiki tajbin u l-esperjenzi tal-bliet u r-reġjuni fl-applikazzjoni tal-Karta, b'enfasi fuq komunikazzjoni proattiva mal-bliet u r-reġjuni. Il-kooperazzjoni mal-KtR hija importanti hawnhekk;
7. jinnota r-rwol importanti li l-assoċjazzjonijiet nazzjonali u Ewropej tal-awtoritajiet lokali u reġjonali jista' jkollhom f'dan il-kuntest, u jimpenja ruħu li jżid il-kooperazzjoni tiegħu magħhom sabiex iżid l-għarfien u l-fehim tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fir-rigward tal-Karta tal-UE;
8. jirrikonoxxi l-importanza li jiġu stabbiliti punti ta' kuntatt u network li jiffaċilitaw il-fluss ta' informazzjoni dwar il-Karta bejn il-livelli differenti ta' gvern u l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki, u jista' jipprovdi wkoll gwida għall-awtoritajiet lokali u reġjonali dwar kif ifasslu l-politiki tagħhom f'konformità sħiħa mal-Karta;
9. jilqa' l-fondi allokati mill-Kummissjoni Ewropea permezz tal-Programm dwar id-Drittijiet u l-Valuri biex jgħinu lill-muniċipalitajiet u l-assoċjazzjonijiet jaħdmu flimkien fuq kwistjonijiet ta' interess komuni li jippermettu l-iskambju ta' prattika tajba u biex jiżviluppaw networks ta' bliet;
10. jirrikonoxxi li l-Istati Membri kollha tal-UE jeħtieġ li jaħtru koordinaturi lokali b'dikjarazzjoni ċara tal-missjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Karta, kif propost mill-Kummissjoni Ewropea;
11. meta jitqies ir-rwol ewlieni tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-iżgurar tal-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, jemmen li l-parteċipazzjoni tal-KtR hija essenzjali fid-djalogu interistituzzjonali dwar il-Karta;

12. jissottolinja li l-Kummissjoni Ewropea għandha twettaq b'mod sistematiku kontroverifika mal-applikazzjoni tal-Karta qabel ma tagħti fondi tal-UE, bl-użu ta' proċedura ċara u trasparenti. Il-konformità mal-Artikolu 2 tat-TUE, li jiġbor fih il-valuri tal-Unjoni, għandha tikkostitwixxi kondizzjonalità għall-eliġibbiltà għall-fondi tal-UE. Ir-Regolament (UE) 2020/2092 tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni<sup>(1)</sup> jfakkar li "Fil-konklużjonijiet tiegħu tal-21 ta' Lulju 2020, il-Kunsill Ewropew iddikjara li l-interessi finanzjarji tal-Unjoni għandhom jiġu protetti f'konformità mal-prinċipji ġenerali inkorporati fit-Trattati, b'mod partikolari l-valuri stabbiliti fl-Artikolu 2 TUE". L-istess regolament jistipula li kull meta l-Istati Membri jimplimentaw il-baġit tal-Unjoni, ir-rispett għall-istat tad-dritt, li huwa intrinsikament marbut mar-rispett għad-demokrazzija u għad-drittijiet fundamentali, "huwa prekundizzjoni essenzjali għall-konformità mal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba minquxa fl-Artikolu 317 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE)".
13. jitlob li l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tiġi diskussa b'mod xieraq u għalhekk issir aktar magħrufa fl-okkażjoni ta' Jum l-Ewropa (9 ta' Mejju) u b'raba mal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, u jitlob lill-membri tiegħu jippromovu attivitajiet lokali li huma kompletament aċċessibbli u inklużivi, jispjegaw u jenfasizzaw l-importanza kbira tad-drittijiet fundamentali u tal-Karta Ewropea għad-demokrazzija u ċittadini tagħna;
14. jappoġġja bis-sħiħ l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali;
15. jirrakkomanda li jitwaqqaf korp għall-monitoraġġ tal-applikazzjoni korretta tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;
16. jitlob li l-programmi mmirati lejn iż-żgħażaġħ u t-tfal, bħal Euroscola, eTwinning, il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, eċċ., jiffokaw b'mod permanenti fuq il-finanzjament ta' azzjonijiet relatati mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali sabiex jeducawhom dwarha;
17. jirrakkomanda wkoll li l-Unjoni Ewropea taderixxi mal-Karta Soċjali Ewropea sabiex tiżgura l-ogħla livell ta' protezzjoni għad-drittijiet fundamentali kollha;
18. jemmen li l-kisba tagħha se tikkostitwixxi pass importanti fit-tisħiħ tal-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE fl-Unjoni Ewropea u, fl-istess ħin, li dan se jkompli jsaħħaħ il-pożizzjoni tal-UE fir-rigward tal-isforzi tagħha biex id-drittijiet tal-bniedem ikunu komponent ewlieni tal-azzjoni esterna tagħha.

Brussell, l-1 ta' Lulju 2021.

Apostolos TZITZIKOSTAS

*Il-President*

*tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni*

<sup>(1)</sup> <https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2020/2092/oj>

**Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni dwar “Il-futur tal-ajruporti reġjonali — Sfidi u opportunitajiet”**

(2021/C 440/10)

**Relatur:** Władysław ORTYL (PL/KRE), President tar-Reġjun ta' Podkarpackie**RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA****IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI****Is-sitwazzjoni attwali tal-ajruporti reġjonali**

1. jenfasizza li fil-livell tal-UE ma hemm l-ebda definizzjoni maqbula minn kulħadd għat-terminu “ajruport reġjonali”. Għall-finijiet ta' din l-Opinjoni, huwa kkunsidrat li dan it-terminu jirreferi għal ajruporti mhux hub li ż-żona ta' l-huq prinċipali tagħhom mhijiex il-belt kapitali tal-pajjiż ikkonċernat. Madankollu, it-terminu għandu jiġi ċċarat mill-Kummissjoni Ewropea abbażi ta' kriterji bħat-tip ta' konnessjonijiet offruti, l-għadd ta' passiġġieri u l-għadd ta' konnessjonijiet ma' ajruporti oħrajn. Għalhekk, il-KtR jappella lill-Kummissjoni Ewropea biex tistabbilixxi kriterji li jipprovdu definizzjoni dwar il-kategoriji differenti ta' ajruporti reġjonali (dawk f'reġjuni periferiċi, gżejjer jew reġjuni ultraperiferiċi u inqas żviluppati), kif ukoll dwar liema regoli tal-finanzjament u liema politika tal-kompetizzjoni għandhom jiġu applikati għal dawn il-kategoriji;

2. jirrimarka li t-trasport bl-ajru huwa wieħed mis-setturi li ntliaqtu l-agħar mill-pandemija tal-COVID-19 u li s-sitwazzjoni tal-ajruporti reġjonali hija partikolarment inkwetanti. 'Il fuq minn 6 000 rotta li kienu disponibbli fl-2019 mill-ajruporti Ewropej għadhom mhumiex qed joperaw disa' xhur wara li faqqgħet il-kriżi tal-COVID-19 <sup>(1)</sup>. L-akbar telf ta' konnessjonijiet diretti ġie rreġistrat fl-ajruporti reġjonali iżgħar, partikolarment fir-rigward ta' titjiriet tal-passiġġieri. Pereżempju, fi Treviso (l-Italja) intilfu 95 % tal-konnessjonijiet, f'Vaasa (il-Finlandja) 91 %, fi Quimper (Franza) 87 % u f'Burgas (il-Bulgarija) 82 %; madankollu, l-ajruporti ewlenin tal-merkanzija tal-Ewropa, eż. Liège (il-Belġju) raw żieda fit-titjiriet tal-merkanzija ta' 10,7 %;

3. jinnota li, skont il-previżjonijiet ta' organizzazzjonijiet bħall-Eurocontrol <sup>(2)</sup>, il-linji tal-ajru, l-ajruporti u l-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru sofrew telf nett ta' EUR 56,2 biljun fl-2020, li l-għadd ta' passiġġieri naqas b'1,7 biljun u l-għadd ta' titjiriet naqas b'6,1 miljun (ħafna drabi dan naqas b'50 % fl-aħjar ipoteżi). Barra minn hekk, fl-Ewropa kien hemm telf dirett ta' 191 000 impjeg fis-settur. Il-Kunsill Internazzjonali tal-Ajruporti jistma <sup>(3)</sup> li, b'riżultat tat-tnaqqis f'daqqa fit-traffiku tal-passiġġieri, id-dħul tal-ajruporti Ewropej naqas b'mod sinifikanti fl-2020 bi EUR 33,6 biljun (- 68,8 %); Eurocontrol ippreveda li fl-aktar xenarju favorevoli, se jkun biss fl-2024 li t-traffiku tal-ajru jerġa' jirritorna għal-livelli tal-2019, filwaqt li jekk jitqies l-agħar xenarju dan iseħħ fl-2029;

4. jinnota li, skont l-analiżi tal-fergħa Ewropea tal-Kunsill Internazzjonali tal-Ajruporti, fuq perjodu medju ta' żmien, l-ajruporti jistgħu jtilfu EUR 25 biljun oħra fi dħul fl-2021 b'paragun mal-2019;

5. jirrimarka li t-tnaqqis f'daqqa fid-dħul poġġa lill-ajruporti f'sitwazzjoni tant diffiċli li, mingħajr għajnuna esterna, se jirriskjaw falliment. F'Ottubru 2020, mhux inqas minn 193 ajruport fl-Ewropa irriskjaw li jfallu fi żmien ftit xhur <sup>(4)</sup>. Dawn huma prinċipalment ajruporti reġjonali li jaqdu lin-nies fir-reġjuni rispettivi tagħhom. Flimkien, dawn jammontaw għal 277 000 impjeg u jiġġeneraw EUR 12,4-il biljun tal-PDG. Il-falliment tagħhom ikollu impatt drammatiku fuq l-impjeg u l-ekonomija tar-reġjuni fejn jinsabu;

**Ir-rabta bejn l-avjazzjoni u l-Patt Ekoloġiku Ewropew**

6. jinnota li l-Kummissjoni Ewropea stabbiliet il-viżjoni tagħha għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas CO<sub>2</sub> mill-avjazzjoni fl-istrateġija għal mobbiltà sostenibbli u intelliġenti <sup>(5)</sup>, li għandha l-għan li tnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra b'rabta mat-trasport b'90 % sal-2050. L-avjazzjoni u l-ajruporti għandhom jikkontribwixxu għall-kisba tal-miri tal-Unjoni għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub>. Il-Patt Ekoloġiku Ewropew jenfasizza li l-kwalità tal-arja għandha tittejjeb qrib l-ajruporti billi jiġu indirizzati l-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa mill-ajruplani u l-operazzjonijiet tal-ajruporti, inkluż

<sup>(1)</sup> Airports Council International (ACI): Airport Industry Connectivity Report 2020. (Kunsill Internazzjonali tal-Ajruporti: Rapport dwar il-Konnettività fl-Industrija tal-Ajruporti, 2020 — mhux disponibbli bil-Malti).

<sup>(2)</sup> EUROCONTROL Think Paper #8: Impact of COVID-19 on European Aviation in 2020 and Outlook 2021. (Dokument ta' Riflessjoni #8: l-impatt tal-COVID-19 fuq l-Avjazzjoni Ewropea fl-2020 u l-Perspettiva għall-2021 — mhux disponibbli bil-Malti).

<sup>(3)</sup> ACI-Bulletin: The impact of COVID-19 on the airport business, 8.12.2020. (Bulletin tal-Kunsill Internazzjonali tal-Ajruporti: l-impatt tal-COVID-19 fuq in-negozju tal-ajruporti, 8.12.2020 — mhux disponibbli bil-Malti).

<sup>(4)</sup> Tbassir tal-Kunsill Internazzjonali tal-Ajruporti, 27.10.2020: fergħa Ewropea tal-Kunsill Internazzjonali tal-Ajruporti | ACI EUROPE — Midja (aci-europe.org).

<sup>(5)</sup> Strateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti.

biż-żieda gradwali ta' fjuwils alternattivi newtrali għall-klima, it-trasformazzjoni f'ċentri ta' mobbiltà multimodali u l-ħolqien ta' ajruporti b'emissjonijiet żero. L-ajruporti reġjonali jistgħu jkunu pijunieri ideali tal-innovazzjoni ekoloġika, peress li l-karatteristiċi inerenti tagħhom jinkludu li jkunu iżgħar, aktar flessibbli u aktar adattabbli għal tipi ta' inġenji tal-ajru aktar moderni u aktar ekoloġiċi;

7. jenfasizza li, minħabba l-ispejjeż addizzjonali tal-insularità, il-bini ta' infrastruttura biex fil-gżejjer ikun hemm bidla lejn ajruporti b'emissjonijiet żero ser ikun ħafna aktar għali meta mqabbel mal-istess tip ta' intervent f'reġjun kontinentali; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw appoġġ finanzjarju speċifiku għall-awtoritajiet u/jew il-kumpaniji reġjonali biex jippromovu l-bidla lejn ajruporti b'emissjonijiet żero fil-gżejjer;

8. jinnota li l-ajruporti mhumiex imqassma b'mod uniformi fost l-Istati Membri u r-reġjuni. F'xi reġjuni, bħall-pajjiżi tal-Benelux, il-Ġermanja jew fit-Tramuntana tal-Italja, dawn huma distribwiti b'densità għolja, f'oħrajn, bħall-Ewropa tal-Lvant Ċentrali, joperaw relattivament ftit li xejn ajruporti reġjonali. Dan jiġbor fih problema usa' ta' inugwaljanza fl-aċċess għat-trasport, kemm għaċ-ċittadini li jgħixu barra mit-territorji ċentrali tal-Unjoni Ewropea kif ukoll għan-negozji bbażati hemmhekk; għalhekk għandhom jittieħdu passi biex jitnaqqsu dawn id-disparitajiet u jitnaqqas l-għadd ta' reġjuni mingħajr ajruport reġjonali;

9. jinnota li l-avjazzjoni hija t-tieni l-akbar sors ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra b'rabta mat-trasport, wara t-trasport bit-triq, u għandha wkoll impatt fuq il-klima permezz tar-rilaxx ta' elementi li mhumiex CO<sub>2</sub> (eż. fwar tal-ilma u sulfat faltitudnijiet għoljin). Dawn l-effetti huma stmati li huma sinifikanti daqs daww tal-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> waħedhom<sup>(6)</sup>. Minkejja l-fatt li dan l-aħħar l-effiċjenza tal-fjuwil ittejbet, il-benefiċċji ambjentali kienu kontrobalancjati minn tkabbir kostanti fit-traffiku tal-ajru (li żdied b'60 % bejn l-2005 u l-2017 u huwa pproġettat li jitripppla sal-2050). It-tnaqqis qawwi ħafna fid-densità tat-traffiku assoċjat mal-kriżi tal-COVID-19 huwa mistenni li jkun temporanju;

10. fl-istess waqt jixtieq jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li, skont nota ta' politika mill-Istitut Universitarju Ewropew (EUI)<sup>(7)</sup>, l-attività fl-ajruporti għandha impatt dirett fuq madwar 2 % biss tal-emissjonijiet globali tal-avjazzjoni;

11. jirrimarka li l-għan tal-White Paper riveduta fl-2011, li hija dokument ewlieni għall-politika tat-trasport tal-UE, huwa li jitnaqqas id-dipendenza tat-trasport Ewropew mill-importazzjonijiet taż-żejt, tiżdied l-effiċjenza tiegħu u jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub>. Id-dokument jenfasizza wkoll l-importanza tal-intermodalità u l-komodali permezz tal-użu effiċjenti ta' modi differenti ta' trasport, li jintużaw b'mod separat jew f'kombinazzjoni ma' modi oħrajn, bil-għan li jsir użu sostenibbli tar-riżorsi u bl-aħjar mod; jenfasizza, f'dan il-kuntest, il-hteġa ta' skambju kontinwu ta' esperjenzi bejn l-Istati Membri u l-awtoritajiet lokali u reġjonali dwar l-approfondiment tal-integrazzjoni bejn il-modi tat-trasport, b'mod partikolari t-trasport bl-ajru u bil-ferrovija, pereżempju fir-rigward tal-introduzzjoni ta' biljetti kkombinati tal-ajru u l-ferrovija, jew ir-reġistrazzjoni tal-bagalji fl-istazzjon ferrovjarju, saħansitra qabel ma jaslu fl-ajruport; fuq medda twila ta' żmien, għandu jiġi kkunsidrat jekk huwiex xieraq li jitneħħew it-titjiriet fuq distanzi qosra u li dawn jiġu sostitwiti b'investimenti f'konnessjonijiet ferrovjarji u f'ferroviji ta' veloċità għolja;

12. jenfasizza li sabiex l-intermodalità u l-komodali jiġu ffaċilitati, jeħtieġ li fil-futur qarib jinbnew b'mod sistematiku konnessjonijiet ferrovjarji attraenti, inkluż għal ferroviji ta' veloċità għolja u tal-ġarr tal-merkanzija lejn l-ajruporti, u bħala servizz għall-passiġġieri, il-linji tal-ajru u l-kumpaniji ferrovjarji u tal-karozzi tal-linji għandu jkollhom l-obbligu li joffru għall-bejgħ biljetti konġunti b'mod li l-passiġġieri jkunu jistgħu jixtru biljett uniku għal vjaġġ ikkombinat; kwistjonijiet relatati ma' konnessjonijiet mitlufa jeħtieġ li jiġu indirizzati fir-Regolament dwar id-drittijiet tal-passiġġieri;

13. jenfasizza l-impatt pożittiv tal-avjazzjoni fuq l-iżvilupp ekonomiku tar-reġjuni, inkluż is-settur tat-turiżmu; jenfasizza l-Opinjoni tiegħu tal-2020 intitolata *Lejn turiżmu aktar sostenibbli għall-bliet u r-reġjuni tal-UE*, li tappella għal modi biex tiżdied il-konnettività tal-bliet u r-reġjuni tal-Ewropa, billi jiġu appoġġjati l-għażliet li jniġġsu inqas u tittejjeb l-intermodalità f'konformità mal-objettiv aħħari tal-Patt Ekoloġiku Ewropew;

14. jirrakkomanda li jiġu vvalutati l-esperjenzi li saru matul il-pandemija u li jiġi evalwat l-impatt tat-tnaqqis tat-traffiku tal-ajru fuq l-ambjent u l-klima, iżda wkoll fuq l-iżvilupp ekonomiku tar-reġjuni u l-bliet, u b'hekk tiġi provduta evidenza għal aktar diskussjonijiet u deċiżjonijiet fir-rigward ta' strateġiji futuri u sostenibbli għat-turiżmu, u l-futur tal-ajruporti reġjonali;

<sup>(6)</sup> Studju mill-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea (EASA), Novembru 2020.

<sup>(7)</sup> Nota ta' politika 2021/02, Jannar 2021.

15. Sabiex itaffu l-emissjonijiet tagħhom, l-ajruporti jistgħu jimmodulaw it-tariffi tal-ajruport imħallsa mil-linji tal-ajru abbażi ta' kriterji ambjentali, pereżempju, billi jnaqqsu t-tariffi tal-ajruport għall-inġenji tal-ajru li jipproduċu inqas storbju u jirrilaxxaw inqas sustanzi li jniġġsu l-arja. Jistgħu jiffavorixxu wkoll lil-linji tal-ajru b'fatturi ta' tagħbija ogħla, biex inaqqsu l-emissjonijiet għal kull passiġġier. Barra minn hekk, l-ajruporti jistgħu jużaw inċentivi biex jappoġġjaw l-użu ta' fjuwil ġdid jew it-tnaqqis tal-istorbju, billi jipprojbixxu t-tluq wara ċertu ħin filgħaxija, jew billi jintroduċu projbizzjonijiet bil-lejl għal ajruplani li mhumiex tal-aħħar ġenerazzjoni. Fl-aħħar nett, jistgħu jintroduċu limitazzjonijiet ta' slottijiet abbażi ta' tipi ta' ajruplani u objettivi oħra;

16. jinsisti li kundizzjoni għall-investimenti pubbliċi f'ajruporti reġjonali (permezz ta' finanzjament Ewropew jew skemi ta' għajnuna mill-Istat) għandha tikkonforma mal-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-prinċipju "l-ebda ħsara għall-ambjent";

17. jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni Ewropea qed iżżid l-isforzi tagħha biex tnaqqas l-emissjonijiet tal-avjazzjoni u li l-Istati Membri tal-UE jappoġġjaw l-Iskema ta' Kumpens u Tnaqqis tal-Karbonju għall-Avjazzjoni Internazzjonali (CORSA);

### L-importanza tal-ajruporti reġjonali

18. jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li, fl-2018, l-avjazzjoni fl-Ewropa kienet tirrappreżenta 25,9% tat-traffiku globali tal-passiġġieri. Dan ipprova, direttament u indirettament, 'il fuq minn 13,5-il miljun impjeg u ħalla USD 991 biljun fl-ekonomija. Huwa stmat li madwar 1,7 miljun persuna huma impjegati direttament minn operaturi tal-ajruport u istituzzjonijiet/kumpaniji li jaħdmu mal-ajruporti<sup>(8)</sup>;

19. jenfasizza li l-ajruporti reġjonali huma essenzjali biex tiġi żgurata l-aċċessibilità tat-trasport freġjuni li jinsabu l bogħod mill-hubs prinċipali tat-trasport, huma relattivament sottożviluppati ekonomikament u huma reġjuni periferiċi jew gżejjer, u b'hekk jagħtu kontribut deċiżiv għall-iżvilupp ekonomiku u l-ħolqien tal-impjegji f'dawn ir-reġjuni. Dawn jipprovdu momentum għall-iżvilupp li jgħin biex jintlaħqu l-objettivi tal-politika ta' koeżjoni fid-dimensjonijiet territorjali, ekonomiċi u soċjali tagħha;

20. jinnota li l-ajruporti reġjonali jipprovdu wkoll servizzi ta' groundhandling professjonali u komprensivi għall-inġenji tal-ajru fis-settur tal-Avjazzjoni Ġenerali, li jaqdi rwol importanti, b'mod partikolari fir-rigward tat-taħriġ fl-avjazzjoni;

21. jirrimarka li l-ajruporti reġjonali huma parti estremament importanti tal-infrastruttura kritika, li hija essenzjali għas-sigurtà ta' pajjiż u taċ-ċittadini tiegħu. Dawn jaqdu rwol kruċjali għas-servizzi ta' ambulanza bl-ajru (ta' emerġenza jew ippanati) u għat-titjiriet għall-monitoraġġ u t-tifi tan-nar, iżda wkoll f'emerġenzi (avvenimenti naturali u katastrofiċi, għargħar), u b'hekk jikkontribwixxu għall-funzjonament tajjeb tas-servizzi ta' emerġenza, tal-amministrazzjoni pubblika, l-istituzzjonijiet u n-negożji;

### L-iżvilupp sostenibbli ta' reġjun jiddependi mill-aċċessibilità tiegħu

22. jirrimarka, madankollu, li l-pass tal-iżvilupp tar-reġjuni jiddependi ħafna mill-kwalità tal-konnettività tagħhom u li l-ajruporti reġjonali jaqdu rwol importanti fil-koeżjoni territorjali tal-UE, iktar u iktar fil-każ tal-arċipelagi, fejn l-ajruporti reġjonali huma essenzjali għall-koeżjoni interna tar-reġjuni li ma jkollhomx alternattivi bħat-trasport bil-ferrovija u bit-triq, u fil-każ tar-reġjuni skarsament popolati, periferiċi u ultraperiferiċi jew inqas żviluppati, meta dawn ma jkollhomx mezzi oħrajn ta' trasport konvenjenti u li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent;

23. itenni li l-koeżjoni territorjali hija objettiv tal-Unjoni Ewropea, rikonossut mit-Trattat ta' Lisbona bħala t-tielet dimensjoni tal-objettiv ta' koeżjoni, flimkien mal-koeżjoni ekonomika u soċjali;

24. jilqa', f'dan ir-rigward, il-ftehim dwar ir-regolament futur dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, li, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet li għamel il-Kumitat tar-Reġjuni fl-Opinjoni tiegħu dwar il-FEŻR<sup>(9)</sup>, jirrikonossu s-sitwazzjoni speċifika tar-reġjuni remoti u l-ajruporti reġjonali. Ir-Regolament ma jippermettix investiment tal-UE fl-infrastruttura tal-ajruporti, bl-eċċezzjoni ta' reġjuni remoti u ajruporti reġjonali diġà eżistenti, dment li l-investiment jappoġġja miżuri mmirati biex jittaffa l-impatt ambjentali, filwaqt li jiġu żgurati s-sigurtà jew id-difiża;

<sup>(8)</sup> Grupp ta' Azzjoni dwar it-Trasport bl-Ajru, Aviation Benefits Beyond Borders, Ottubru 2020.

<sup>(9)</sup> COTER-VI-046, Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni dwar *Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni*.

## Il-futur tal-ajruporti reġjonali

25. jemmen li issa huwa l-mument li tiġi vvalutata r-rilevanza tal-ajruporti reġjonali fl-Ewropa. Il-valutazzjoni jeħtieġ li tqis ir-rwol tagħhom fir-rigward tal-konnettività tagħhom għaċ-ċittadini tagħhom, l-iżvilupp ekonomiku reġjonali, inkluż it-turiżmu u t-trasport tal-merkanzija, u tqis l-esperjenza u l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19, u l-kontribut tagħhom għall-politika ambizzjuża tal-UE dwar il-klima;

26. jistenna azzjoni kkoordinata mill-Kummissjoni Ewropea, l-Istati Membri, ir-reġjuni, il-komunità tar-riċerka u n-negozji biex tiġi proposta sistema tat-trasport komprensiva ġdida fl-Ewropa, li żżomm il-mezz ta' trasport tal-avjazzjoni u li tpoġġih fit-triq lejn tkabbir sostenibbli. Dawn il-miżuri għandhom iwasslu għal settur tal-avjazzjoni aktar reżiljenti f'sitwazzjonijiet ta' kriżi, konnessjonijiet eqreb bejnu u modi oħrajn tat-trasport, b'mod partikolari l-ferroviji, u l-inklużjoni tiegħu fl-isforzi biex jiġu ssodisfati l-obbligi skont il-Ftehim ta' Pariġi;

27. jenfasizza l-importanza li jinstab bilanċ bejn l-issodisfar tar-rekwiżiti ambjentali mmirati lejn id-dekarbonizzazzjoni tas-settur tal-avjazzjoni u d-dipendenza ta' ċerti reġjuni periferiċi jew ultraperiferiċi u gżejjer mill-ajruporti reġjonali tagħhom, li għalihom ma hemm l-ebda alternattiva vijabbli;

## Għajnuna mill-Istat u mill-UE

28. jemmen li l-Kummissjoni Ewropea tista' l-ewwel titlob lill-Istati Membri jippreżentaw pjani strateġiċi fuq perjodu qasir u twil għall-ajruporti reġjonali, inkluż l-iżvilupp ta' strumenti ta' appoġġ dedikati biex itaffu l-impatt klimatiku tal-industrija tal-avjazzjoni u jappoġġjaw it-tranżizzjoni ekoloġika tagħha;

29. jinnota li skont il-linji gwida tal-Kummissjoni Ewropea dwar ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat u l-obbligi tas-servizz pubbliku, u r-regoli applikabbli għas-settur tat-trasport bl-ajru matul it-tifqigħa tal-COVID-19, l-Istati Membri jistgħu jappoġġjaw, taħt ċerti kundizzjonijiet, lill-kumpaniji affettwati mill-pandemija tal-COVID-19, inklużi l-ajruporti reġjonali;

30. jenfasizza, madankollu, li l-ajruporti reġjonali, b'mod partikolari dawk li jinsabu fil-gżejjer, freġjuni skarsament popolati, periferiċi u ultraperiferiċi, jew inqas żviluppati, fil-parti l-kbira tagħhom ma għandhomx l-istrutturi biex ikopru l-kapital u l-ispejjeż operattivi u għalhekk jeħtieġu riżorsi addizzjonali. Ajruporti bħal dawn joperaw fi żvantaġġ kompetittiv li jżommhom milli jikkumpensaw għall-ispejjeż fissi minħabba l-kamp ta' applikazzjoni limitat tal-attivitatiet tagħhom;

31. jistieden lill-Kummissjoni Ewropea, bħala parti mill-ħidma leġiżlattiva tagħha, tiżviluppa regoli aktar flessibbli u effiċjenti dwar l-għajnuna mill-Istat li jippermettu lill-Istati Membri jipprovdu l-appoġġ finanzjarju, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-FEŻR u tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, għal investiment f'ajruporti reġjonali li jinsabu freġjuni periferiċi, gżejjer jew reġjuni ultraperiferiċi, jew inqas żviluppati, fejn ma teżistix alternattiva aktar effiċjenti u sostenibbli (pereżempju, il-ferrovija);

32. jissuġġerixxi wkoll li l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu japplikaw approċċ komprensiv għall-ajruporti reġjonali fir-rigward tar-rekwiżiti ambjentali, filwaqt li jitqiesu l-miżuri meħuda kemm mill-ajruporti reġjonali nfushom kif ukoll mill-partijiet interessati li jaħdmu direttament magħhom fil-livell lokali;

## Post l-avjazzjoni fil-perspettiva finanzjarja l-ġdida tal-UE għall-2021-2027

33. jistieden lill-Kummissjoni Ewropea, fil-kuntest tal-politika ta' koeżjoni għall-2021-27, tawtorizza, bil-limitazzjonijiet imsemmijin hawn fuq, finanzjament ta' investiment li jipprovdi għajnuna għall-ajruporti reġjonali li jappoġġja direttament proċessi b'rabta mad-dekarbonizzazzjoni u l-mudell ta' ekonomija ċirkolari b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju;

34. jistieden ukoll lill-Kummissjoni Ewropea tintroduċi regoli ġodda dwar l-għajnuna mill-Istat għal ajruporti reġjonali żgħar li mhumiex f'kompetizzjoni ma' ajruporti oħrajn u bi traffiku annwali medju sa miljun passiġġier, billi teżentahom mill-obbligi li jinnotifikaw l-għajnuna pubblika għall-investiment (jekk ma jkunux jistgħu jiġġeneraw kontribuzzjoni proprja ta' 25 %) u l-għajnuna operattiva;

35. jistieden lill-Kummissjoni Ewropea talloka fondi Ewropej adegwati għall-iżvilupp tal-infrastruttura għas-sikurezza u s-sigurtà, u għall-użu ta' teknoloġiji innovattivi u d-diġitalizzazzjoni tal-ajruporti, li jgħinu biex jintlaħqu l-oġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew;



36. iquis li, bil-ħsieb li tinħoloq sistema tat-trasport bl-ajru aktar ekoloġika, huwa essenzjali li jiġi żgurat li l-fondi Ewropej jappoġġjaw l-introduzzjoni u l-applikazzjoni tar-riżultati tal-ħidma tar-riċerka u l-iżvilupp b'rabta, b'mod partikolari, mat-tnaqqis tal-livelli ta' storbju u emissjonijiet tal-magni tal-inġenji tal-ajru permezz tal-użu ta' fjuwils alternattivi;

37. jenfasizza li l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza<sup>(10)</sup> tipprevedi oqsma ta' intervent relatati mas-"sigurtà, is-sikurezza u s-sistemi tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru għall-ajruporti eżistenti" u "l-appoġġ għall-ajruporti fir-reġjuni ultraperiferiċi" bil-kundizzjoni li dawn il-miżuri "jirrispettaw bis-sħiħ l-istandards u l-prijoritajiet klimatiċi u ambjentali tal-Unjoni u l-prinċipju li 'ma ssir l-ebda ħsara sinifikanti' skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 2020/852". L-Istati Membri, flimkien mal-Kummissjoni Ewropea, għalhekk għandhom jesploraw bir-reqqa l-possibiltajiet ta' appoġġ għall-ajruporti reġjonali fil-kuntest tal-pjani nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza;

38. barra minn hekk, jistenna li l-Kummissjoni Ewropea se tiżgura li l-ajruporti reġjonali fir-reġjuni ultraperiferiċi jiġu mħeġġa jibbenefikaw minn finanzjament Ewropew fil-qafas tal-programmi nazzjonali u reġjonali implimentati fil-kuntest tal-perspettiva finanzjarja l-ġdida 2021-2027 għal investimenti relatati mal-protezzjoni ambjentali jew akkumpanjati minn investment meħtieġ biex jittaffa jew jitnaqqas l-impatt ambjentali negattiv tiegħu;

### **Ir-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali**

39. jinnota li l-awtoritajiet lokali u reġjonali huma responsabbli għall-ippjanar u l-implimentazzjoni tas-servizzi tat-trasport pubbliku fit-territorji tagħhom, kif ukoll għall-promozzjoni tal-iżvilupp ekonomiku reġjonali. Għadd sostanzjali ta' awtoritajiet lokali u reġjonali huma sidien jew operaturi ta' ajruporti reġjonali, jipprovdu l-infrastruttura meħtieġa u servizzi oħra rilevanti għall-funzjonament tagħhom, u jikkontribwixxu għall-finanzjament tagħhom, xi drabi b'mod konsiderevoli;

40. jenfasizza li r-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali għandu jkun li jagħmlu sforzi kostanti biex itejbu x-xejriet tal-mobbiltà u jagħżlu l-aktar modi ta' trasport adatti, inklużi konsiderazzjonijiet ta' vantaġġi u żvantaġġi tal-aċċess għall-ajruporti reġjonali. Għal dan il-għan, jeħtieġ li fil-qasam tat-trasport newtrali għall-klima jiġu promossi proġetti, b'mod partikolari għall-mobbiltà kollettiva, iżda wkoll dik individwali bi ftit jew xejn emissjonijiet, infrastruttura tat-trasport mhux motorizzata u stazzjonijiet innovattivi tal-iċċarġjar għall-vetturi tat-trasport pubbliku kif ukoll l-integrazzjoni tat-trasport pubbliku. B'mod partikolari, fejn possibbli, għandu jkun possibbli li wieħed jivvjaġġa lejn l-ajruporti bil-ferrovija, li jikkontribwixxi wkoll biex jitnaqqas l-emissjonijiet prodotti mill-attività ekonomika;

41. jinnota li l-awtoritajiet lokali u reġjonali, flimkien mal-industrija tal-avjazzjoni, jaqdu rwol ewlieni fl-iżvilupp ta' kampanji konġunti ta' komunikazzjoni reġjonali biex jissensibilizzaw lill-pubbliku dwar is-sikurezza tal-avjazzjoni, l-innovazzjoni ekoloġika fl-inġenji tal-ajru u s-sikurezza tal-ajruporti, iżda wkoll il-benefiċċji tal-multimodalità bbażata fuq it-trasport bl-ajru, bil-ferrovija, bit-triq u bil-baħar;

42. huwa tal-fehma li l-operaturi tal-ajruporti jeħtieġ li jirrevedu l-istrateġiji ta' żvilupp tagħhom mingħajr dewmien, mhux biss biex jadattawhom għall-kundizzjonijiet tas-suq tal-avjazzjoni li qed jinbidel bħala riżultat tal-pandemija tal-COVID-19, iżda fuq kolloxx biex iquis l-ħtieġa li jsir investment fl-iżvilupp sostenibbli u l-kontribut tat-trasport newtrali għall-klima;

43. jirrimarka li l-istrateġija dwar id-diżabilità 2021-2030 adottata mill-Kummissjoni Ewropea f'Marzu 2021 tirreferi għall-ħtieġa li d-drittijiet tal-persuni b'diżabilità jiġu integrati fil-politiki u l-oqsma kollha, u għalhekk anke fit-trasport; jenfasizza, f'dan ir-rigward, kemm huwa importanti għall-operaturi tal-ajruporti reġjonali li jadattaw bis-sħiħ dawn l-ajruporti biex jappoġġjaw lill-persuni b'diżabilità sabiex dawn ikollhom aċċess illimitat għas-servizzi kollha offruti;

### **Iċ-ċavetta għall-irkupru ekonomiku hija azzjoni rapida u kkoordinata**

44. jistieden lill-Kummissjoni Ewropea timplimenta soluzzjonijiet li jiżguraw il-libertà tal-moviment fi ħdan l-Unjoni Ewropea matul il-pandemija. Regoli uniformi, bħaċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE, bla dubju se jgħinu biex il-mobbiltà, inklużi t-trasport bl-ajru u s-settur tat-turiżmu assoċjat mill-qrib miegħu jerġgħu jieħdu l-ħajja, iżda dawn ma għandhom bl-ebda mod ikunu diskriminatorji għall-passiġġieri u l-introduzzjoni tagħhom m'għandhiex tkun ta' piż biss għall-ajruporti reġjonali biss, inkluż mil-lat finanzjarju;

Brussell, l-1 ta' Lulju 2021.

Apostolos TZITZIKOSTAS

*Il-President*

*tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni*

<sup>(10)</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021.

**Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Pjan għall-futur għall-ħaddiema fis-setturi tal-kura u l-indukrar — Sfida Ewropea u opportunitajiet lokali u reġjonali**

(2021/C 440/11)

**Relatur:** Heinrich DORNER (AT/PSE), Membru tal-Gvern Reġjonali ta' Burgenland

**RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA**

**IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI**

**Prijoritajiet politiċi**

1. huwa konxju tal-effetti li jirriżultaw mit-tixjiħ tal-popolazzjoni <sup>(1)</sup>, l-istrutturi soċjali u tal-familja li qed jinbidlu kif ukoll it-tibdil fil-kura ibbażata fuq il-ħtiġijiet għall-persuni bi bżonnijiet speċjali, il-ħtiġijiet tad-dinja tax-xogħol moderna u l-ħtieġa dejjem akbar li tirriżulta għal servizzi ta' kura formali u informali, b'din tal-aħħar tiġi provduta prinċipalment mill-membri tal-familja; jirrikonoxxi fl-istess ħin l-importanza, fuq medda twila ta' żmien, li jiġu żviluppati programmi li jippromovu t-tixjiħ attiv u jwaqqfu d-deterjorament bikri tas-saħħa mentali u fiżika tal-anzjani. Meta jiġu żviluppati l-programmi korrispondenti, għandhom jitqiesu l-miżuri biex tiżdied il-parteċipazzjoni tal-anzjani fis-soċjetà u biex tittejjeb l-infrastruttura għalihom. Iż-żieda fl-opportunitajiet għall-parteċipazzjoni tawtonomizza lill-persuni fis-snin ta' wara u tgħin fil-prevenzjoni tas-solitudni u l-iżolament soċjali;
2. jinnota li l-impatt tat-tixjiħ tal-popolazzjoni huwa akbar fiż-żoni rurali, b'mod partikolari f'żoni milquta minn depopolazzjoni jew reġjuni li għadhom lura, fejn il-kura għall-persuni anzjani u dipendenti hija inqas aċċessibbli u tirrikjedi appoġġ akbar minn servizzi bbażati fil-komunità. Huwa importanti li f'dan il-kuntest jitqiesu wkoll l-effetti negattivi tal-migrazzjoni tal-ħaddiema tal-kura minn reġjuni inqas żviluppati lejn dawk aktar żviluppati, li jirriżultaw f'nuqqas serju ta' persunal fir-reġjuni inqas żviluppati; jirrikonoxxi l-importanza tas-servizzi bbażati fil-komunità fit-territorji rurali u ż-żoni depopolati għall-persuni anzjani u dipendenti, li joffru firxa ta' riżorsi sabiex jgħinu lill-persuni jibqgħu fl-ambjent normali tagħhom, billi jippromovu l-awtonomija u l-indipendenza tagħhom fit-twettiq tal-attivitàjiet ta' kuljum u l-inklużjoni soċjali tagħhom, permezz tal-provvista ta' diversi appoġġi tekniċi, materjali u/jew ekonomiċi. Fl-istess ħin, it-tixjiħ tal-popolazzjoni qed isir evidenti f'żoni urbani wkoll, fejn il-proporzjon ta' persuni anzjani qed jiżdied drastikament, u b'hekk qed tiżdied il-ħtieġa għal riżorsi umani u infrastruttura ġdida (bħal djar tal-kura jew akkomodazzjoni assistita);
3. jirrikonoxxi r-rwol kruċjali li kellu s-settur tal-kura, flimkien mas-settur tas-saħħa, matul il-kriżi tal-COVID-19. Għal dan il-għan iħeġġeġ għar-rispett sħiħ tal-kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u għal remunerazzjoni proporzjonata tal-persuni li jindukraw bħala obbligu primarju b'rikonoxximent tas-servizzi tagħhom;
4. iqis li r-reġjuni u l-bliet għandhom jintalbu jkomplu u, jekk ikun meħtieġ, iżidu l-isforzi preċedenti tagħhom fir-rigward tal-ġlieda kontra n-nuqqas ta' persunal fil-qasam tal-kura u l-indukrar, sabiex tiġi indirizzata t-theddida ta' nuqqas ta' persunal fuq terminu medju u fit-tul. Dawn l-iskarsezzi jaffettwaw kemm iż-żoni urbani kif ukoll dawk rurali, u għandha tingħata attenzjoni liż-żoni milquta mit-tnaqqis demografiku, lir-reġjuni remoti jew lir-reġjuni li għadhom lura, b'disponibbiltà limitata ta' kura għall-persuni anzjani u dipendenti. Filwaqt li jirrikonoxxi l-importanza ta' approċċ taċ-ċiklu tal-ħajja fir-rigward tal-isfidi marbutin mat-tixjiħ <sup>(2)</sup>, fil-kuntest attwali ta' servizzi tas-saħħa li jinsabu taħt pressjoni kbira minħabba l-pandemija, il-Kumitat jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tiggarrantixxi strumenti finanzjarji direttament aċċessibbli għall-bliet u r-reġjuni biex jingħataw il-mezzi biex jindirizzaw b'mod effettiv in-nuqqas ta' ħaddiema tal-kura;
5. jiġbed l-attenzjoni għar-rakkomandazzjonijiet ta' politika preċedenti tal-KtR (pereżempju l-ħolqien ta' "kurituri tas-saħħa" bejn ir-reġjuni tal-fruntiera) fid-dawl tan-nuqqas ta' persunal fuq terminu qasir b'riżultat tar-restrizzjonijiet relatati mal-kriżi tal-COVID-19 fuq il-mobilità transfruntiera tal-membri tal-professjonijiet fil-qasam tas-saħħa u l-kura <sup>(3)</sup>;

<sup>(1)</sup> Fl-2020, 20,6% tal-popolazzjoni tal-UE kellha 65 sena jew aktar, 3,0 punti perċentwali aktar mis-sehem korrispondenti minn għaxar snin qabel.

<sup>(2)</sup> COM(2021) 50 final.

<sup>(3)</sup> Opinjoni tal-KtR dwar *L-implimentazzjoni u l-perspettivi futuri għall-kura tas-saħħa transkonfinali*, (COR-2019-04597).

6. itenni l-impenn tiegħu għall-oġġettiv primarju li n-nies fil-bżonn jaċċessaw is-servizzi ta' kura u indukrar li huma meħtieġa mil-lat professjonali u li huma ppreferuti mill-persuni li jirċievu l-kura;

7. iqis in-nuqqas ta' ħaddiema fil-qasam tal-kura u l-indukrar għall-persuni fil-bżonn bħala opportunità potenzjali biex tiġi miġġielda ż-żieda mistennija fil-qgħad madwar l-Ewropa, b'mod partikolari b'rabta mal-effetti tal-kriżi tal-COVID-19, u b'hekk li jittieħed pass importanti lejn is-salvagwardja tal-koeżjoni ekonomika u soċjali tal-Unjoni Ewropea; iqis li l-ħolqien ta' servizzi ġodda ta' kura għall-persuni anzjani jew dipendenti jwassal biex jinħolqu impjegi ġodda li jgħinu jattivaw l-ekonomija u jżommu lill-popolazzjoni fit-territorji rurali u depopolati. Is-servizzi soċjali bbażati fil-komunità f'dawn iż-żoni territorjalment vulnerabbli jaqdu rwol ċar biex l-ambjent rurali jerġa' jkum fuq tiegħu u għall-koeżjoni soċjali u territorjali;

8. jinnota li s-settur tal-kura mhux biss għandu bżonn jittrasforma lilu nnifsu, iżda wkoll jinbidel billi jstabbilixxi mudelli ġodda: mill-kura għall-prevenzjoni u l-inklużjoni; mill-kwalità tal-kura għall-kwalità tal-ħajja; mill-istituzzjonijiet għad-djar; mill-approċċ ibbażat fuq il-kura professjonali għal sistema kondiviża bbażata fuq il-familja sabiex din tiġi involuta; minn approċċ mediku għal wieħed ta' kura u bbażat fuq is-servizzi; minn approċċ wieħed tajjeb għal kulħadd għal wieħed li jakkomoda stili ta' ħajja differenti; minn approċċ iddominat mis-sistema għal wieħed orjentat lejn il-konsumatur; mill-biża' mit-teknoloġija għall-użu tat-teknoloġija; mill-użu ta' soluzzjonijiet tradizzjonali għall-użu ta' soluzzjonijiet diġitali li jpoġġu lin-nies l-ewwel; mill-użu tal-indikaturi kritiċi ta' prestazzjoni għall-“użu tas-sens komun”;

9. jilqa' l-għan tal-*Green Paper dwar it-Tixjiħ* tal-Kummissjoni Ewropea biex jitnieda dibattitu politiku wiesa' dwar it-tixjiħ sabiex jiġu diskussi modi li bihom l-isfidi u l-opportunitajiet assoċjati mat-tixjiħ jistgħu jiġu antċipati u indirizzati, u jirreferi b'mod partikolari għall-osservazzjonijiet u l-kummenti li saru fil-punt 5.1 tal-*Green Paper* <sup>(4)</sup>;

10. jiġbed l-attenzjoni għall-pjan ta' azzjoni dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u jistenna bil-ħerqa l-inizjattiva ta' kura fit-tul ippjanata għall-2022 u jenfasizza d-dikjarazzjoni tal-Prinċipju 18 tal-Pilastru, li kulħadd għandu d-dritt għal servizzi ta' kura fit-tul affordabbli u ta' kwalità tajba, b'mod partikolari servizzi ta' kura fid-djar u servizzi bbażati fil-komunità <sup>(5)</sup>;

11. itenni l-istedina tiegħu lill-Kummissjoni Ewropea biex “tikkunsidra ftehim ta' kura għall-Ewropa, simili għall-Garanzija għaż-Żgħażaġħ, biex tissodisfa l-ħtiġijiet ta' kura f'approċċ ibbażat fuq id-drittijiet, li jpoġġi l-kura fiċ-ċentru tal-attività ekonomika, u jżid l-investment fis-saħħa u l-kura, f'konformità mal-Istrateġija tal-Ekonomija tal-Benesseri. [Il-KtR] jistieden lill-Kummissjoni u jħeġġeġ lill-Istati Membri jinkorporaw dak li ntqal mill-ħaddiema domestiċi rġiel u nisa rigward il-kundizzjonijiet tax-xogħol fil-Konvenzjoni tal-ILO Nru 189” <sup>(6)</sup>. Fl-istess Opinjoni, il-KtR appella għar-reviżjoni u l-iżvilupp ulterjuri tal-oġġettivi ta' Barcellona, biex isiru obbligatorji, u l-introduzzjoni ta' “għanijiet ta' kura lil hinn minn Barcellona (Barcellona+), biex jitqiesu l-ħtiġijiet ta' kura f'soċjetajiet li qed jixjieħu u jiġi rikonoxxut li s-settur tal-kura huwa fil-biċċa l-kbira tiegħu ddominat min-nisa iżda li mhux imħallas b'mod li jikkorrispondi mal-valur soċjali tiegħu għas-soċjetà”;

### Sfond statistiku u prospetti

12. jirreferi għall-projezzjonijiet reċenti li l-proporzjon tan-nies fl-Ewropa li għandhom 65 sena jew aktar se jiżdied minn 20 % tal-lum il-ġurnata għal madwar 30 % sal-2070, u li l-proporzjon tan-nies li għandhom 80 sena jew aktar se jirdoppja għal aktar minn 13 % sal-2070 <sup>(7)</sup>. L-għadd ta' persuni li għandhom aktar minn 65 sena huwa mistenni li jiżdied minn 87 miljun għal aktar minn 150 miljun, u l-għadd ta' persuni li għandhom aktar minn 80 sena huwa mistenni li jiżdied minn 23 miljun għal 62 miljun;

13. huwa konxju tal-fatt li l-għadd ta' persuni potenzjalment fil-bżonn ta' kura fit-tul mistenni jiżdied minn 19,5 miljun fl-2016 għal 23,6 miljun fl-2030 u 30,5 miljun fl-2050 fl-EU <sup>(8)</sup>;

14. jinnota li biex jinżamm il-proporzjon attwali ta' ħames ħaddiema għall-kura fit-tul għal kull 100 persuna ta' 65 sena jew aktar, l-għadd ta' ħaddiema f'dan is-settur fil-pajjiżi tal-OECD se jkollu jiżdied bi 13,5 miljun sal-2040 <sup>(9)</sup>. Għall-perjodu 2018-2030 biss, total ta' 11-il miljun ħaddiem fil-qasam tas-saħħa u l-kura se jkunu meħtieġa fis-27 Stat Membru tal-UE biex tiġi ssodisfata d-domanda li dejjem qiegħda tiżdied <sup>(10)</sup>;

<sup>(4)</sup> COM(2021) 50 final.

<sup>(5)</sup> COM(2021) 102 final.

<sup>(6)</sup> Opinjoni tal-KtR dwar *Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar l-Ugwaljanza Bejn il-Ġeneri għall-2020-2025* (COR-2020-02016).

<sup>(7)</sup> COM(2020) 241 final — *Rapport tal-Kummissjoni dwar l-impatt tat-tibdil demografiku*.

<sup>(8)</sup> COM(2021) 50 final.

<sup>(9)</sup> OECD (2020), *Who Cares? Attracting and Retaining Care Workers for the Elderly*, <https://www.oecd.org/els/health-systems/who-cares-attracting-and-retaining-elderly-care-workers-92c0ef68-en.htm>.

<sup>(10)</sup> JRC121698 — JRC (2021), *Health and long-term care workforce: demographic challenges and the potential contribution of migration and digital technology*.

15. jenfasizza l-potenzjal kbir tas-settur tal-kura għas-suq tax-xogħol, u jirreferi f'dan il-kuntest għall-fatt li fl-għaxar snin li għejjin potenzjalment se jkun hemm tmien miljun impjeg disponibbli fis-settur tas-saħħa u dak tal-kura soċjali <sup>(11)</sup>;

16. jenfasizza wkoll li l-Ekonomija tal-Anzjani <sup>(12)</sup>, li tkopri s-servizzi ta' kura għall-anzjani, hija għodda b'saħħitha biex tiġi indirizzata d-depopolazzjoni, u tipprovdi soluzzjonijiet immedjati għall-problemi tat-tixjiħ u l-qgħad fiż-żoni rurali l-aktar żvantaġġati. L-Ekonomija tal-Anzjani toħloq vantaġġi kompetittivi u ta' koeżjoni għar-reġjuni, u tiġġenera benefiċċji għall-atturi kollha involuti (sitwazzjoni li fiha kulħadd joħroġ rebbieħ). Barra minn hekk, it-tixjiħ gradwali li diġà qed jolqot ħafna mir-reġjuni tagħna qed isir riżorsa attiva li tiġġenera l-impjegi u l-ġid, li qed tbiddel l-isterjotipi u l-approċċi li għandhom jiġu indirizzati;

### Ir-rilevanza lokali u reġjonali

17. iqis li l-bliet u r-reġjuni tal-Unjoni Ewropea jeħtieġ li jindirizzaw ir-raġunijiet għan-nuqqas ta' persunal fil-qasam tal-kura u l-indukrar minħabba t-theddida ta' nuqqas ta' persunal fuq terminu medju u fit-tul. Dan jikkonċerna b'mod partikolari lil dawk ir-reġjuni li s-sistemi tagħhom jiddependu minn persunal minn pajjiżi ġirien u li qed jiffaċċjaw nuqqas ta' persunal fuq terminu qasir minħabba l-għeluq tal-fruntieri b'riżultat tal-pandemija;

18. huwa konxju tad-differenzi u l-prijoritajiet reġjonali fl-Ewropa <sup>(13)</sup> fir-rigward tal-kura formali u informali, b'din tal-aħħar tiddependi prinċipalment mill-membri tal-familja, u huwa impenjat lejn iż-żamma tad-diversità tas-servizzi offruti u s-soluzzjonijiet reġjonali biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet rispettivi fil-qasam tal-kura;

19. jappoġġja n-networking tar-reġjuni madwar l-Ewropa, u jħeġġiġhom jippromovu l-iskambju reċiproku ta' esperjenzi u l-iżvilupp konġunt u kkoordinat ta' miżuri; jirimarka r-rwol importanti tar-reġjuni u l-bliet sabiex jifasslu miżuri speċifiċi għall-kura tal-persuni anzjani u dipendenti, bil-għan li s-servizzi bbażati fil-komunità jkun e qreb taż-żoni rurali milquta mit-tixjiħ u d-depopolazzjoni. Din hija strateġija sabiex tiġi indirizzata l-kura meħtieġa għal dawn il-gruppi li jgħixu f'dawn it-territorji li huma ġeografikament vulnerabbli u li għandhom diffikultajiet akbar sabiex jaċċessaw is-servizzi essenzjali bbażati fil-komunità li jigarantixxu l-kura soċjali u tas-saħħa adegwata fl-ambjent normali tagħhom li jgħixu fih;

### Kwistjonijiet ta' tħassib għan-nisa

20. jenfasizza l-fatt, b'rabta mal-kwistjoni tal-ġeneru, li 92 % tan-nisa fl-UE jagħmlu xogħol ta' induktrar regolari bla ħlas, jiġifieri aktar minn għurata fil-ġimgħa, filwaqt li 81 % jieħdu ħsieb il-qraba tagħhom kuljum <sup>(14)</sup>, u li n-nisa jiffurmaw il-biċċa l-kbira tal-persunal fis-settur tas-saħħa u l-kura <sup>(15)</sup>. Din is-sitwazzjoni hija serja b'mod partikolari fil-każ tan-nisa li jgħixu f'ambjenti rurali u depopolati, fejn hemm diffikultajiet reali ta' aċċess għas-servizzi bażiċi essenzjali tal-bżonnijiet soċjali u tas-saħħa;

21. jenfasizza li l-maġġoranza tax-xogħol ta' kura fl-Ewropa jitwettaq minn qraba fil-kuntest ta' kura fid-dar, speċjalment minn nisa, ħafna drabi mingħajr taħriġ speċjalizzat jew gwida professjonali, mingħajr remunerazzjoni xierqa u mingħajr sigurtà soċjali, li fl-aħħar mill-aħħar dan jaggrava d-diskrepanza li teżisti fil-pensjonijiet bejn il-ġeneri;

22. jirrikonoxxi l-ħtieġa għal politiki u programmi diretti biex itaffu mill-piż tal-maġġoranza kbira ta' xogħol ta' kura mhux imħallas minn fuq in-nisa. Kemm il-ħaddiem tal-kura li ma jitħallsux kif ukoll il-membri tal-familja tagħhom li ma jikkontribwixxux għandhom ikunu konxji li l-kura hija xogħol u jeħtieġ titqies bħala tali. Ix-xogħol ta' kura mhux imħallas mhuwiex dmir u lanqas obbligu tan-nisa u għandu jinqasam b'mod ugwali bejn il-ġeneri, sabiex tiġi garantita l-indipendenza ekonomika tan-nisa kif stabbilit fl-Istrateġija tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri;

<sup>(11)</sup> COM(2021) 50 final.

<sup>(12)</sup> Skont il-Kummissjoni Ewropea, l-ekonomija tal-anzjani tista' tiġi definita bħala l-opportunitajiet ekonomiċi li jirriżultaw min-nefqa pubblika u tal-konsumatur b'rabta mat-tixjiħ tal-popolazzjoni u l-ħtiġijiet speċifiċi tal-popolazzjoni ta' dawk il fuq minn 50 sena.

<sup>(13)</sup> JRC121698.

<sup>(14)</sup> EIGE (2021), *Gender inequalities in care and consequences for the labour market*, <https://eige.europa.eu/publications/gender-inequalities-care-and-consequences-labour-market>.

<sup>(15)</sup> JRC121698.

23. jirreferi għall-proporzjon għoli ta' nisa li huma lesti jipprovdu attivitajiet ta' kura u indukrar minħabba li jiġu minn pajjiżi ta' oriġini b'paga baxxi minkejja kundizzjonijiet ta' xogħol prekarji u remunerazzjoni inadegwata. Fil-parti l-kbira tal-każijiet, dawk in-nisa huma immigranti u għalhekk għandu jkollhom aċċess għal servizzi ta' integrazzjoni fil-lingwa materna tagħhom u għal informazzjoni dwar id-drittijiet tagħhom u servizzi aċċessibbli bħala ħaddiema immigranti. L-implimentazzjoni sħiħa tad-Direttiva dwar l-istazzjonar tal-ħaddiema u l-iżgurar li dan il-grupp speċifiku ta' ħaddiema ma jkunx eskluż mill-protezzjoni tal-pagi minimi statutorji nazzjonali huma ta' importanza partikolari; jenfasizza, għal dan il-għan, il-ħtieġa urġenti ta' konverġenza 'l fuq tal-pagi minimi mhux l-inqas fil-kuntatt tal-fatt li pagi baxxi li għadhom jikkaratterizzaw l-impjegji fl-Unjoni Ewropea u li "in-nisa jikkostitwixxu 59 % ta' dawk li jaqilgħu paga minima" <sup>(16)</sup>, filwaqt li jenfasizza li l-UE jeħtieġha tkompli tassisti lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni ta' politiki soċjali u tal-impjegji effettivi u inklużivi u fit-tweqqif tar-riformi meħtieġa biex dan jintlaħaq;

24. jenfasizza l-ħtieġa li jiġu indirizzati l-kundizzjonijiet tax-xogħol prekarju tal-ħaddiema tal-kura "live-in" fl-UE, li fil-biċċa l-kbira huma nisa u ħafna drabi migranti minn pajjiżi terzi, li wħud minnhom jaħdmu b'mod irregolari bħala migranti mingħajr dokumenti u xi wħud minnhom ikunu involuti f'migrazzjoni ċirkolari jew temporanja. F'dan ir-rigward, jingħaqad mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) billi jenfasizza li l-ħaddiema tal-kura "live-in" għandhom jiġu ttrattati bl-istess mod bħal ħaddiema oħrajn fil-qasam tal-kura tas-saħħa, u jappella għal salvagwardji mtejba fid-Direttiva dwar Sanzjonijiet kontra Min Iħaddem (2009/52/KE) biex jiġu protetti d-drittijiet tax-xogħol tal-ħaddiema mingħajr dokumenti u favur l-applikazzjoni rigoruża tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi (2012/29/UE) biex jingħata appoġġ effettiv lill-ħaddiema tal-kura "live-in" li huma vittmi tal-isfruttament, irrispettivament mill-istatus ta' migrazzjoni tagħhom <sup>(17)</sup>;

#### Rakkomandazzjonijiet lill-atturi rilevanti

25. jenfasizza l-ħtieġa li jittejbu l-informazzjoni u l-komunikazzjoni mal-pubbliku dwar id-domanda eżistenti għall-professjonijiet fil-qasam tal-kura u l-indukrar, bil-għan li jiġi mħajjar segment akbar ta' dawk li qed ifittxu impjeg, u li jitnaqqas b'mod drastiku l-iżbilanċ bejn il-ġeneri u jiġi żgurat li aktar irġiel jkunu jistgħu jagħmlu dan ix-xogħol fil-futur. L-awtoritajiet lokali u reġjonali jistgħu jipparteċipaw f'dan l-isforz, billi jorganizzaw seminars u workshops u jirreklamaw il-professjonijiet tal-kura speċifikament fost l-irġiel, u permezz t'hekk jiġġieldu l-isterjotipi marbuta mal-ġeneru u n-nuqqas ta' sensibilizzazzjoni. Dan għandu jimxi id fid ma' sforzi konġunti biex jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol fis-settur tal-kura sabiex il-professjonijiet tal-kura u l-indukrar isiru aktar attraenti, inkluż fost iż-żgħażaġh u speċjalment f'żoni depopolati u/jew żoni b'popolazzjonijiet ħafna akbar fl-età;

26. jirrimarka li, fl-isfond tal-kriżi attwali tal-COVID-19, l-impjegji u l-kontinwità tal-provvista fil-qasam tal-kura u l-indukrar jistgħu jiġu żgurati billi jiġu stabbiliti assoċjazzjonijiet tal-impjegaturi reżistenti għall-kriżijiet, filwaqt li dan japplika b'mod partikolari għall-istruttura tas-sjeda u l-użu tal-profitti ġġenerati;

27. huwa konxju tal-fatt li bilanċ tajjeb bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għandu rwol importanti fl-għażla tal-karriera tal-persuni li potenzjalment se jidhru fis-suq tax-xogħol. F'dan ir-rigward, huma meħtieġa mudelli adatti ta' ħin tax-xogħol fil-qasam tal-kura professjonali, li jippermettu u jippromovu rikonċiljazzjoni bejn il-familja, id-divertiment u x-xogħol;

28. jenfasizza li, minbarra s-saħħa fiżika u mentali tal-persunal, huwa meħtieġ fattur deċiżiv fl-istabbiliment u ż-żamma ta' ambjent tax-xogħol tajjeb għas-saħħa u għalhekk huwa meħtieġ appoġġ professjonali għall-persunal (eż. superviżjoni, edukazzjoni u tatriġ ulterjuri mmirati, appoġġ għas-saħħa mentali) u b'hekk li jingħata wkoll sinjal ċar kontra r-rata dejjem akbar ta' eżawriment li jesperjenzaw il-professionisti f'dan is-segment okkupazzjonali;

29. jenfasizza l-importanza li jiġu kkunsidrati mill-ġdid ir-rekwiżiti strutturali ġodda għad-djar tal-kura għall-anzjani sabiex ikunu jistgħu jibbilanċjaw l-istandards il-ġodda tas-saħħa u s-sikurezza, inklużi dawk li jindirizzaw il-prevenzjoni u l-kontroll tal-infezzjonijiet, li se jkunu ta' benefiċċju għar-residenti kif ukoll għall-ħaddiema. L-għan ġenerali huwa li jiġu żgurati l-aħjar kundizzjonijiet ambjentali, tal-għajxien u tax-xogħol kif ukoll kundizzjonijiet li jrawmu l-kuntatt soċjali;

30. jirreferi għall-użu ta' għajnuniet tekniċi biex jitwettqu attivitajiet fil-qasam tal-kura, issir dokumentazzjoni effiċjenti u komprensiva u jkun hemm komunikazzjoni multiprofessjonali bħala appoġġ importanti biex jiġi ffaċilitat ix-xogħol ta' kuljum tal-persunal fil-qasam tal-kura u l-indukrar;

<sup>(16)</sup> Opinjoni tal-KtR dwar Pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea (COR-2020-05859).

<sup>(17)</sup> Opinjoni fuq inizjattiva proprja tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar *Id-drittijiet tal-ħaddiema tal-kura tas-saħħa li jgħixu fl-unità domestika fejn jaħdmu* (SOC/535 — EESC-2016-00941).

31. jiġbed l-attenzjoni dwar l-importanza dejjem akbar tad-diġitalizzazzjoni anke fis-settur tal-kura. Jappella, f'dan ir-rigward, li tiġi pprovduta assistenza teknika speċifika għad-djar tal-kura għall-anzjani bil-għan li tiġi promossa t-telemediċina bħala mod kif is-saħħa tar-residenti tiġi ġestita b'mod aktar effettiv. Barra minn hekk, l-għodod diġitali u tat-telekura, li diġà intużaw matul il-pandemija għall-monitoraġġ u l-eżami mediku għal persuni li huma iżolati u mingħajr ebda appoġġ reali mill-familja, se jkomplu jiżviluppaw, filwaqt li jtejbju l-aċċess tan-nies għas-servizzi tal-kura. Madankollu, dan l-iżvilupp għandu jkun akkumpanjat minn miżuri biex inaqqsu d-distakk diġitali fl-oqsma kollha, bħad-distakk diġitali bejn il-ġeneri, fiż-żoni rurali jew fost il-popolazzjoni anzjana. Bl-istess mod, il-professionisti fis-settur għandhom jiġu mħarrġa biex jużaw dawn l-għodod ġodda permezz ta' skemi ta' taħriġ kontinwu. Barra minn hekk, hemm bżonn li tiġi żviluppata sistema ta' komunikazzjoni ġdida kkoordinata u integrata bejn is-sistema tas-saħħa, il-ħaddiema tal-kura tas-saħħa u l-familji. L-aċċess għat-taħriġ f'teknoloġiji ġodda ta' komunikazzjoni għall-ħaddiema fis-setturi tal-kura u l-indukrar f'faċilitajiet residenzjali u għar-residenti huwa kruċjali;

32. iqis li l-appoġġ finanzjarju għall-perjodu tat-taħriġ huwa miżura ta' akkumpanjament importanti, sabiex il-persuni interessati jsibuha aktar faċli biex jibdeu jew ibiddlu l-karriera tagħhom;

33. huwa impenjat lejn remunerazzjoni adegwata tal-persunal fil-qasam tal-kura u l-indukrar li tirrifletti l-valur soċjali u tas-soċjetà tax-xogħol li jwettqu;

34. ifakkar fil-Prinċipju 9 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata li jstabilixxi li l-ġenituri u persuni oħra b'responsabbiltajiet ta' kura għandu jkollhom id-dritt għal liv xieraq, arranġamenti tax-xogħol flessibbli u aċċess għal servizzi ta' kura. Jirrimarka f'dan ir-rigward il-kontribut għall-konformità ma' dan il-prinċipju li jistgħu joffru l-miżuri ta' appoġġ pubbliku għar-reklutaġġ ta' persuni li jindukraw permezz ta' sussidju jew forom oħra ta' finanzjament, li jikkontribwixxi wkoll għar-regolarizzazzjoni u t-titjib tal-kundizzjonijiet tal-ħaddiema fil-qasam tal-kura;

35. jirrakkomanda li l-Istati Membri tal-UE joħolqu l-kundizzjonijiet qafas essenzjali għas-sigurtà soċjali fir-rigward tal-persuni li jindukraw. Dan jikkonċerna wkoll l-iżgurar tal-għajxien kif ukoll l-assigurazzjoni tas-saħħa, l-inċidenti u l-pensjoni għal dan il-grupp ta' nies. Il-qraba li joffru servizzi ta' kura m'għandhomx jiġu mġiegħla jitilqu mill-impjeg tagħhom, u l-benefiċċji pubbliċi ma jistgħux jintrabtu ma' status ta' qgħad. Id-deċiżjoni biex tingħata kura lil persuna qariba dejjem hija diffiċli, u m'għandhomx jiġu imposti saġrifċċji bla bżonn;

36. jenfasizza l-importanza ta' appoġġ professjonali fil-qasam tal-kura informali, li tingħata prinċipalment mill-membri tal-familja, sabiex il-persuni li jindukraw jingħataw il-ħiliet meħtieġa u fl-istess ħin tiġi żgurata l-kwalità adatta tal-miżuri tal-kura. Barra minn hekk, jeħtieġ li jinħolqu faċilitajiet ta' mistrieħ (eż. postijiet ta' kura fuq terminu qasir), sabiex jekk ikun meħtieġ jittaffa l-piż b'mod temporanju għall-persuni li jindukraw;

37. jistieden lill-Istati Membri tal-UE u lill-atturi rilevanti fil-livell lokali u reġjonali biex iwettqu sħarriġ regolari tal-gruppi tal-popolazzjoni milquta sabiex l-opinjoni li tirriżulta u t-trasformazzjoni tagħha jintużaw bħala bażi għall-iżvilupp strateġiku ta' offerti ta' servizzi;

### **Rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-Kummissjoni Ewropea**

38. jistieden lill-Kummissjoni Ewropea taġġorna l-qafas Ewropew eżistenti tal-2012 għall-kwalità għas-servizzi ta' kura fit-tul, sabiex jinżamm il-pass mal-aħħar żviluppi fil-provvediment tal-kura fit-tul u mar-rekwiżiti relatati tal-ħiliet, u bil-ħsieb li tiġi ffaċilitata l-mobilità tal-persuni li jindukraw. Għal dan il-għan, jipproponi li l-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri jimplimentaw tikketta ta' kwalità Ewropea għall-"professionisti li jindukraw lill-persuni akbar fl-età u lill-persuni dipendenti", kemm f'ambjenti ta' kura istituzzjonalizzati kif ukoll f'dawk mhux istituzzjonalizzati, sabiex jiġu ggarantiti l-prinċipji ta' kompetenza u kwalifika min-naħa ta' dawk li jindukraw u li jipprovdu tali servizzi. Jeħtieġ li jiġu stabbiliti standards komuni ta' referenza fil-kuntest Ewropew attwali permezz ta' ċertifikat ta' kwalità standardizzat u adattat għall-ħtiġijiet ta' kull Stat Membru. Il-Kumitat jenfasizza li d-drittijiet ta' dawk li jingħataw servizzi ta' kura u indukrar, kif ukoll il-benessri fiżiku u mentali tagħhom iridu jibqgħu l-ogħla prijorità, inkluż il-prevenzjoni u t-taffija tas-solitudni;

39. jissuġġerixxi li l-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri tal-UE jikkunsidraw strateġija għall-UE kollha u definizzjoni okkupazzjonali komuni tal-ħaddiema fil-qasam tal-kura (inklużi dawk li jindukraw "live-in", li s-servizzi tagħhom għandu jittqies bħala parti mill-forniment tal-kura fit-tul), bl-involvement tal-bliet u r-reġjuni u tal-imsieħba soċjali. Din l-istrateġija għandha tissensibilizza, anke permezz tal-promozzjoni fil-midja, sabiex tikkontribwixxi għal bidla dejiema fl-immagħni tal-professionijiet tas-saħħa u tal-kura;

40. jissuġġerixxi wkoll li l-Kummissjoni Ewropea tikkunsidra proposti għar-rikonoxximent u l-appoġġ effettiv għall-qraba li jaġixxu bħala persuni li joffru servizzi ta' kura u indukrar;

41. jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tfassal proposta għall-istabbiliment ta' sistema ta' reġistrazzjoni effiċjenti għall-ġbir komprensiv u l-analiżi tad-data, li tkopri wkoll l-kura "live-in", li fil-biċċa l-kbira mhijiex dokumentata, bil-għan li tipprovdi lill-Istati Membri u r-reġjuni b'bażi soda għal koordinazzjoni nazzjonali futura;
42. ihegġegħ lill-Kummissjoni Ewropea tistabbilixxi pjattaforma għall-iskambju professjonali reċiproku u l-opportunità li jiġu ppreżentati eżempji tal-aħjar prattika mill-oqsma tal-kura u l-indukrar, kif ukoll ta' programmi komuni, bħal pjani ta' kura soċjali jew strateġiji ta' appoġġ għall-qraba li jindukraw;
43. jilqa' l-għażliet ta' finanzjament u appoġġ permezz tal-fondi strutturali attwali u futuri tal-UE (FSE 2014-2020 b'REACT-EU u FSE+ 2021-2027) kif ukoll is-sinerġiji u l-komplementarjetajiet li joħloq il-programm EU4Health 2021-2027, u jenfasizza l-prijorità li għandha tingħata lill-miżuri ffinanzjati b'dan il-mod;
44. huwa favur il-prijoritizzazzjoni baġitarja u l-ġħoti mmirat ta' fondi baġitarji biex jiġi miġġieled in-nuqqas ta' ħaddiema kkwalifikati fis-settur tas-saħħa u l-kura, b'mod partikolari fir-rigward tal-aġenda tal-politika tas-suq tax-xogħol tal-Kummissjoni Ewropea fis-Semestru Ewropew. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tissorvelja l-implimentazzjoni u l-effettività tar-rakkomandazzjonijiet tagħha.

Brussell, l-1 ta' Lulju 2021.

Apostolos TZITZIKOSTAS

*Il-President  
tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni*

**Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Pjan ta' azzjoni għall-ekonomija soċjali**

(2021/C 440/12)

**Relatur:** Mikel IRUJO AMEZAGA (ES/AE) Ministru għall-Iżvilupp Ekonomiku u Kummerċjali tal-Gvern ta' Navarra

**RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA****IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI**

L-importanza tal-Pjan ta' Azzjoni Ewropew tal-Ekonomija Soċjali biex jitħeġġeġ il-kontribut tal-ekonomija soċjali għall-iżvilupp lokali u reġionali tal-Ewropa

1. jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni Ewropea biex tippreżenta Pjan ta' Azzjoni tal-Ekonomija Soċjali fir-raba' trimestru tal-2021, f'konformità mat-talbiet tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, l-Intergrupp tal-Ekonomija Soċjali tal-Parlament Ewropew, il-GECES <sup>(1)</sup>, gvernijiet differenti tal-UE u networks Ewropej impenjati mill-iżvilupp tal-ekonomija soċjali bħal Social Economy Europe jew REVES <sup>(2)</sup>;
2. iqis li l-intervent tal-Unjoni Ewropea biex tippromovi l-iżvilupp tal-ekonomija soċjali huwa partikolarment rilevanti fil-kuntest attwali, fejn, bħala konsegwenza tal-kriżi ekonomika u soċjali ġġenerata mill-COVID-19, huwa meħtieġ li jiġi mmobilizzat il-potenzjal kollu tal-intrapriżi u l-entitajiet tal-ekonomija soċjali għall-irkupru ekonomiku, il-promozzjoni tal-intraprenditorija kollettiva u l-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità tajba;
3. ifakkar li, skont il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali <sup>(3)</sup>, l-ekonomija soċjali tirrappreżenta 2,8 miljun intrapriża u entità fl-Ewropa (UE28), li jimpjegaw 13,6-il miljun ħaddiem, li jirrappreżentaw madwar 6,3 % tal-forza tax-xogħol tal-UE. Bl-istess mod, l-ekonomija soċjali tinkludi aktar minn 232 miljun membru ta' kooperattivi, mutwi u entitajiet simili u 82,8 miljun voluntier;
4. jirrimarka li l-ekonomija soċjali Ewropea hija magħmula minn diversità ta' intrapriżi u entitajiet bħall-koperattivi — fir-rikkezza enormi tagħha ta' forom kooperattivi — is-soċjetajiet mutwi, l-assoċjazzjonijiet, il-fondazzjonijiet jew il-forom differenti ta' intrapriżi soċjali, kif ukoll forom ġuridiċi oħra speċifiċi ta' kull Stat Membru bħall-kumpaniji li jkunu proprjetà tal-ħaddiema, l-intrapriżi b'impatt fuq is-soċjetà, l-istituzzjonijiet ta' solidarjetà soċjali, eċċ;
5. ifakkar li din id-diversità ta' intrapriżi u entitajiet, preżenti fis-setturi kollha tal-attività, jikkondividu identità soda abbażi ta' valuri u karatteristiċi komuni bħall-preminenza tal-individwi u tal-għanijiet korporattivi fuq il-kapital, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-governanza demokratika, u l-investment mill-ġdid tal-biċċa l-kbira tal-profitti biex jintlaħqu l-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli tal-intrapriża jew tal-entità, jew fl-interess kollettiv u ġenerali;
6. jissottolinja l-għeruq territorjali tal-intrapriżi u tal-entitajiet tal-ekonomija soċjali, l-intrapriżi li qatt ma jirrilokaw — peress li huma ffurmati fit-territorju u huma proprjetà ta' individwi li jgħixu hemm — u jimpenjaw ruħhom bis-sħiħ favur l-iżvilupp ekonomiku u soċjali tal-post fejn joperaw; jinnota l-importanza tal-ekonomija soċjali għall-iżvilupp rurali, bħala xprun għall-iżvilupp tar-riżorsi lokali u fil-ġlieda kontra d-depopolazzjoni, filwaqt li titqies l-importanza ta' dawn l-atturi fl-iżvilupp tal-ekonomija soċjali fiż-żoni rurali u r-rabtiet tagħhom maż-żoni urbani, li jgħinu biex tinżamm il-popolazzjoni u biex tinholq koeżjoni soċjali akbar;
7. jenfasizza li l-entitajiet tal-ekonomija soċjali jħaddnu prinċipji u valuri li jippermettu żvilupp kompatibbli kemm mal-aspetti ekonomiċi kif ukoll dawk ambjentali, u dan juri livell għoli ta' impenn biex tinkiseb l-Aġenda 2030. Għaldaqstant, dawn jirrappreżentaw l-ekonomija pluralistika, il-bilanċ u s-sostenibbiltà minn perspettiva globali meħtieġa biex jikkontribwixxu għat-tilħiq ta' kull wieħed mis-17-il Għan ta' Żvilupp Sostenibbli;

<sup>(1)</sup> Grupp ta' esperti tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-intraprenditorija soċjali.

<sup>(2)</sup> Network Ewropew tal-Bliet u r-Reġjuni għall-Ekonomija Soċjali.

<sup>(3)</sup> <https://www.eesc.europa.eu/sites/default/files/files/qe-04-17-875-en-n.pdf> (mhux disponibbli bil-Malti).



8. jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tiżviluppa qafas legali Ewropew adatt għall-ekonomija soċjali, li jipprevedi definizzjoni komuni u l-organizzazzjoni u l-integrazzjoni ta' intrapriżi li jissodisfaw ċerti kriterji organizzattivi u operattivi, li jfisser appoġġ deċiżiv għall-promozzjoni ta' dan is-settur;
9. iqis li l-atturi tal-ekonomija soċjali għandhom ikunu orjentati lejn l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli;
10. jirrimarka li, permezz tal-Patt għall-Ħiliet, il-Kummissjoni għandha tappoġġja t-taħriġ u l-aċċess għat-tagħlim tul il-ħajja tal-ħaddiema fl-ekonomija soċjali f'oqsma bħad-diġitalizzazzjoni, inkluż il-litteriżmu medjatiku, it-tmexxija parteċipattiva, ir-reżiljenza u t-tranżizzjoni ekoloġika, sabiex jiġu appoġġjati biex jidħlu jew jibqgħu fis-suq tax-xogħol tal-intrapriżi tal-ekonomija soċjali. Sabiex jintlaħaq dan il-għan, jissuġġerixxi kooperazzjoni mal-ekosistema industrijali tal-ekonomija soċjali, li jinkludu b'mod partikolari l-amministrazzjonijiet pubbliċi, ċentri ta' taħriġ vokazzjonali u universitajiet. Barra minn hekk, il-Patt tas-Sindki dwar il-Klima u l-Enerġija jista' jipprovdi appoġġ biex jiġu mħeġġa perkorsi ta' taħriġ immirati lejn il-protezzjoni tal-ambjent u l-promozzjoni tal-ekonomija ċirkolari. Għalhekk aħna nindikaw il-proposti fformulati fl-Opinjoni tal-KtR dwar l-Aġenda Ewropea għall-Ħiliet għal kompetittività sostenibbli, ġustizzja soċjali u reżiljenza mfassla b'suġġerimenti dwar is-suġġett mill-perspettiva tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, li hija importanti ħafna fil-kwistjoni tal-ekonomija soċjali wkoll;
11. jitlob biex jiġi esplorat il-potenzjal tal-ekonomija soċjali fil-qasam tat-taħriġ vokazzjonali u l-politiki attivi dwar l-impjeg, kif ukoll tal-iżvilupp tal-ħiliet u l-kompetenzi, u għandha tingħata attenzjoni partikolari lil gruppi b'diffikultà akbar biex jidħlu fis-suq tax-xogħol, bħaż-żgħażaġh, il-persuni qiegħda fit-tul, il-persuni b'diżabilità u dawk li jgħixu f'żoni remoti b'aċċess limitat għar-riżorsi diġitali;
12. jistieden lill-Kummissjoni Ewropea teżamina t-trasferimenti minn intrapriżi għall-impjegati permezz ta' formuli ta' ekonomija soċjali. Dan l-istudju għandu jkun akkumpanjat minn pjattaforma tal-UE għal skambju ta' prattiki tajba bejn l-Istati Membri, l-awtoritajiet lokali u reġjonali u n-networks tal-ekonomija soċjali u għandu jindirizza wkoll il-potenzjal tal-ekonomija soċjali għall-intraprenditorija industrijali;
13. jissottolinja l-potenzjal tar-raggruppamenti (clusters) tal-ekonomija soċjali għall-integrazzjoni tagħhom fil-ktajjen tal-valur Ewropej, u għall-bini ta' alleanzi ma' atturi intraprenditorjali oħra, amministrazzjonijiet pubbliċi, ċentri ta' taħriġ vokazzjonali, skejjet professjonali, universitajiet u ċentri ta' riċerka sabiex jintlaħqu l-għanijiet strateġiċi u jinġabru r-riżorsi;
14. jirrikonoxxi l-potenzjal li l-ekonomija soċjali tiġi inkluża fil-Pjattaforma Ewropea għall-Kollaborazzjoni bejn ir-Raggruppamenti<sup>(4)</sup>, biex jiġi ffaċilitat il-bini tal-alleanzi u l-parteċipazzjoni ta' dawn l-intrapriżi u l-entitajiet fil-ktajjen tal-valur strateġiċi;
15. jissottolinja l-importanza li tiġi inkluża l-ekonomija soċjali fl-istrateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti, bħala lieva ewlenija għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali; ifakkar ukoll li l-ekonomija soċjali tista' tmexxi 'l quddiem b'suċċess lill-innovazzjoni soċjali u jindika f'dan ir-rigward li "minħabba l-fatt li dawn huma bbażati fuq il-kooperazzjoni u l-impenn ċiviku ta' individwi fil-komunitajiet, l-inizjattivi tal-ekonomija soċjali jikkontribwixxu biex tiżdied il-koeżjoni soċjali, ekonomika u territorjali u biex jiżdied il-livell ta' fiduċja fl-UE kollha"<sup>(5)</sup>;
16. juri b'mod ċar l-importanza li tiġi promossa l-kooperazzjoni interreġjonali fil-qasam tal-ekonomija soċjali, bħala strument ewlieni għall-ħolqien ta' raggruppamenti transnazzjonali tam-negozji, biex jiġu żgurati s-sinerġiji transfruntiera u l-kooperazzjoni reġjonali distinta tar-reġjuni ultraperiferiċi fl-oqsma ta' kooperazzjoni rispettivi tagħhom mal-pajjiżi terzi, u biex tiġi appoġġjata l-internazzjonalizzazzjoni tal-intrapriżi u l-entitajiet tal-ekonomija soċjali fis-suq uniku. F'dan ir-rigward, jirrimarka li l-pjattaforma tematika tal-ekonomija soċjali fi ħdan il-qafas tal-Pjattaforma Ewropea għall-Ispeċjalizzazzjoni Intelliġenti hija strument utli biex tiġi promossa l-kooperazzjoni interreġjonali, li tiġbor flimkien seba' reġjuni Ewropej, l-esperjenza tagħha u proċeduri li ġew ippruvati, u għandha titqies fil-Pjan ta' Azzjoni Ewropew futur tal-Ekonomija Soċjali;
17. jistieden lill-Kummissjoni biex l-inizjattivi tagħha biex jiġi appoġġjat ir-rwol tal-amministrazzjonijiet lokali u reġjonali fil-promozzjoni tal-ekonomija soċjali jkun aktar ambizzjużi u koerenti. Ifakkar li bosta amministrazzjonijiet lokali u reġjonali diġà għandhom strateġiji u pjani ta' azzjoni ambizzjużi biex jippromovu l-ekonomija soċjali; il-Kummissjoni għandha tidentifikahom u tinkludihom fl-espansjoni tal-pjan ta' azzjoni futur għall-ekonomija soċjali Ewropea; il-Kummissjoni għandha tappoġġja wkoll l-iskambju tal-aħjar prattiki u l-inizjattivi eżistenti fost l-awtoritajiet lokali u reġjonali (eż. permezz ta' network ta' awtoritajiet lokali u reġjonali għall-promozzjoni tal-ekonomija soċjali);

(4) <https://clustercollaboration.eu/social-economy>

(5) COR-2016-06945.

18. jitlob lill-Kummissjoni Ewropea tfassal studju dwar politiki pubbliċi reġjonali u lokali biex tiġi promossa l-ekonomija soċjali fl-UE, inklużi xi eżempji minn reġjuni oħra u amministrazzjonijiet lokali madwar id-dinja;

19. jirrikonoxxi l-impatt importanti tal-inizjattiva tar-Reġjuni Ewropej tal-Ekonomija Soċjali (ESER) u tal-proġett tal-Missjonijiet tal-Ekonomija Soċjali fil-bini ta' komunità wiesgħa ta' amministrazzjonijiet lokali u reġjonali impenjati mill-iżvilupp tal-ekonomija soċjali, u jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ dan il-programm fil-qafas tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Ekonomija Soċjali;

20. jistieden lill-Kummissjoni tippromovi l-parteċipazzjoni tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-GECEs, flimkien mal-Istati Membri u n-networks tal-ekonomija soċjali. F'dan ir-rigward, jitlob li jinħoloq grupp ta' ħidma tal-GECEs dwar politiki ta' ekonomija soċjali reġjonali u lokali;

21. jitlob li l-analiżijiet, l-istudji, il-miżuri proposti u l-istrumenti u l-mekkaniżmi ta' monitoraġġ u appoġġ relatati mal-ekonomija soċjali, li jiġbru data statistika dwar il-ħaddiema jew il-kompożizzjoni tad-diversi forom tas-soċjeta' tal-ekonomija soċjali, iqisu l-perspettiva tal-ġeneru, sabiex tiġi pprovduta data diżaggregata skont is-sess u jiġu inkorporati indikaturi tal-ġeneru;

### **Il-promozzjoni tal-viżibbiltà tal-ekonomija soċjali**

22. jitlob lill-Kummissjoni toħloq pjattaforma unika online biex jiġu appoġġjati l-intrapriżi u l-entitajiet u l-intraprenditorija permezz ta' forom ta' ekonomija soċjali, li tgħaqquad l-istudji u r-rapporti Ewropej kollha dwar l-ekonomija soċjali, kif ukoll l-opportunitajiet offruti mill-UE lil dawn l-intrapriżi u l-entitajiet;

23. jirrakkomanda li din il-pjattaforma online tkun imfassla u ġestita f'kooperazzjoni man-networks Ewropej tal-ekonomija soċjali u l-GECEs;

24. jissuġġerixxi lill-Kummissjoni li l-Pjan ta' Azzjoni tal-Ekonomija Soċjali jipprevedi kampanja wiesgħa ta' komunikazzjoni li fit-tnissil u t-twettiq tagħha jipparteċipaw il-Kumitat tar-Reġjuni, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u n-networks tal-ekonomija soċjali. Din il-kampanja hija essenzjali biex tippromovi l-intraprenditorija kollettiva, kif ukoll l-għarfien dwar l-istrumenti Ewropej biex tiġi appoġġjata l-ekonomija soċjali;

25. jistieden lill-Kummissjoni tfassal gwida għall-politiki pubbliċi tal-ekonomija soċjali li jkun fiha d-diversità tal-forom ġuridiċi tal-ekonomija soċjali fl-Ewropa u sservi ta' sostenn għall-awtoritajiet lokali u reġjonali;

26. ifakkar li d-diversità tal-ekonomija soċjali u l-kapaċità tagħha li toffri soluzzjonijiet innovattivi għall-isfidi ekonomiċi, soċjali, edukattivi u ambjentali prinċipali hija l-muftieħ għas-suċċess tagħha;

27. jistieden lill-Kummissjoni biex kull sena tintgħażel belt kapitali Ewropea tal-ekonomija soċjali permezz ta' proċess demokratiku u trasparenti li fih jipparteċipaw il-Kumitat tar-Reġjuni, il-KESE u l-GECEs;

28. jissuġġerixxi integrazzjoni u viżibbiltà aħjar tal-ekonomija soċjali fin-Network Enterprise Europe. Jirrakkomanda wkoll li tingħata aktar prominenza lill-ekonomija soċjali fil-kriterji tal-għoti għat-tikketta tar-Reġjun Intraprenditorjali Ewropew;

29. ifakkar fl-importanza tal-appoġġ, il-finanzjament u t-tisħiħ tan-networks Ewropej tal-ekonomija soċjali u tal-bliet u r-reġjuni li jimpenjaw ruħhom favur l-ekonomija soċjali bħala alleat fundamentali għall-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni u l-komunikazzjoni tal-opportunitajiet li jiġġenera;

### **It-titjib tal-aċċess għall-finanzi għall-intrapriżi u l-entitajiet tal-ekonomija soċjali**

30. jirrimarka d-diffikultajiet addizzjonali li jiffaċċjaw l-intrapriżi u l-entitajiet tal-ekonomija soċjali meta jaċċessaw il-finanzjament, parzjalment minħabba l-viżibbiltà mnaqqsa u l-fehim tal-mudelli intraprenditorjali tagħhom, li jagħtu prijorità lill-interess kollettiv jew ġenerali għall-massimizzazzjoni tal-profitti;

31. ifakkar fir-rwol ewlieni tal-Fondi ta' Koeżjoni, u b'mod partikolari tal-FEŻR u tal-FSE, fil-finanzjament ta' proġetti tal-ekonomija soċjali;

32. jitlob li l-intraprenditorija kollettiva tal-familji kollha fl-ekonomija soċjali tissaħħaħ billi jinħolqu linji ta' appoġġ finanzjarju għall-ħolqien ta' intrapriżi tal-ekonomija soċjali u biex jiġu meġhuna jindirizzaw l-isfidi intraprenditorjali futuri;

33. juri b'mod ċar li l-programm InvestEU se jkun ta' importanza ewlenija għall-finanzjament ta' proġetti innovattivi tal-ekonomija soċjali permezz tal-erba' sezzjonijiet ta' politika tiegħu, b'attenzjoni speċjali għas-sezzjonijiet tal-SMEs u tal-investiment soċjali u tal-ħiliet, li jinkludu l-mikrofinanzjament u l-finanzjament tal-intrapriżi tal-ekonomija soċjali;
34. jirrakkomanda lill-Kummissjoni li tinkludi membru tal-Kumitat tar-Reġjuni fil-Kumitat Konsultattiv u li esperti fil-finanzjament tal-intrapriżi u l-entitajiet tal-ekonomija soċjali jipparteċipaw fil-Kumitat tal-Investment;
35. jitlob lill-Kummissjoni Ewropea tiżviluppa tassonomija soċjali u ambjentali ċara, trasparenti u effettiva tal-investment;
36. jirrimarka dwar l-importanza tal-atturi finanzjarji tal-ekonomija soċjali (banek etiċi u kooperattivi, għaqdiet ta' kreditu, mikrofinanzi, istituzzjonijiet finanzjarji soċjali, soċjetajiet mutwi u kooperattivi ta' assigurazzjoni, eċċ.) fil-qasam tal-finanzi sostenibbli, il-preżenza sinifikanti tagħhom fil-qasam rurali, f'reġjuni inqas żviluppati, u l-ħidma tagħhom għall-inklużjoni finanzjarja ta' gruppi vulnerabbli u l-investment fl-ekonomija reali;
37. jitlob li titqies il-perspettiva tal-ġeneru fir-rigward tal-aċċess għall-finanzi għall-intrapriżi u l-entitajiet tal-ekonomija soċjali, u li jitqiesu d-diffikultajiet akbar tan-nisa fl-aċċess għall-kreditu u r-riżorsi finanzjarji meta mqabbla mal-irġiel. Jeħtieġ li din ir-realtà tkun magħrufa fil-punt tat-tluq tat-tfassil ta' kwalunkwe strument immirat lejn it-titjib tal-aċċess għall-finanzi;

### **Il-promozzjoni tal-edukazzjoni għall-intraprenditorija permezz tal-ekonomija soċjali**

38. ifakkar, f'konformità mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2015 dwar il-promozzjoni tal-ekonomija soċjali bħala xprun ewlieni tal-iżvilupp ekonomiku u soċjali fl-Ewropa, li huwa importanti li jiġu promossi l-edukazzjoni u t-taħriġ fl-intraprenditorija permezz ta' forom ta' ekonomija soċjali fil-livelli edukattivi kollha mill-edukazzjoni primarja sal-edukazzjoni terzjarja (edukazzjoni universitarja u taħriġ vokazzjonali);
39. jirrimarka li proġetti bħall-Iskola tal-Kummerċ tal-Ekonomija Soċjali, promossa minn seba' reġjuni Ewropej fil-qafas tal-pjattaforma ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti, tipprovdi soluzzjonijiet innovattivi għal dan in-nuqqas fl-offerti ta' taħriġ dwar intrapriżi tal-ekonomija soċjali u jaspiraw li jħarrġu professjonisti kompetenti kapaċi biex jakkumpanjaw u jmxexxu t-tkabbir ta' dawn l-intrapriżi u l-entitajiet;
40. ifakkar li l-intrapriżi u l-entitajiet tal-ekonomija soċjali jirrikjedu ħiliet speċifiċi, applikabbli wkoll għall-intrapriżi tradizzjonali, bħat-tmexxija inklużiva;
41. jitlob lill-Kummissjoni tuża aktar il-programm Erasmus+ biex tippromovi l-edukazzjoni u t-taħriġ għall-intraprenditorija u x-xogħol f'intrapriżi tal-ekonomija soċjali. F'dan ir-rigward, jipproponi li l-intrapriżi u l-entitajiet tal-ekonomija soċjali jesploraw il-possibiltajiet għal aktar użu tal-programm Erasmus għall-intraprendituri żgħażaġh, speċjalment fl-iżjed reġjuni Ewropej imbiegħda fejn iż-żgħażaġh jiffaċċjaw restrizzjonijiet akbar ta' mobilità minħabba d-distanza ta' dawn ir-reġjuni mill-kontinent Ewropej;
42. jitlob biex jiġu esplorati possibiltajiet ġodda għall-promozzjoni tal-edukazzjoni, it-taħriġ u t-titjib tal-ħiliet tal-ħaddiema fl-ekonomija soċjali permezz tal-Pjan ta' Azzjoni għal Kooperazzjoni Settorjali dwar il-Ħiliet u l-alleanza ta' għarfien. Barra minn hekk, il-korpus tal-għarfien u l-ħiliet miksuba fil-livelli kollha tal-edukazzjoni u permezz tal-edukazzjoni mhux formali, għandu jħeġġeġ lin-nies biex jagħmlu l-aħjar użu mill-għarfien, jiġifieri jikkultivaw "ħiliet personali", u jiffaċilita l-adattabbiltà għal ambjent li qed jevolvi b'mod kostanti;

### **It-titjib tal-aċċess għas-swieq u għall-akkwist pubbliku soċjalment responsabbli**

43. ifakkar li l-intrapriżi u l-entitajiet tal-ekonomija soċjali jiffaċċjaw ostakli addizzjonali biex joperaw b'mod transnazzjonali fis-suq uniku meta mqabbla ma' SMEs oħra. Dawn id-diffikultajiet ġejjin mid-diversità — u, xi drabi, min-nuqqas — ta' oqfsa legali komprensivi li jkopru l-forom ġuridiċi kollha tal-ekonomija soċjali bħal kooperattivi, inkluzja d-diversità ta' forom iżgħar ta' kooperattivi, soċjetajiet mutwi, assoċjazzjonijiet, fondazzjonijiet u intrapriżi soċjali, fost oħrajn;
44. ifakkar li r-rwol tan-nisa fil-governanza tal-intrapriżi soċjali huwa importanti għas-suċċess tat-taħriġ għall-intraprenditorija fl-ekonomija soċjali;
45. jirrimarka wkoll dwar in-nuqqas ta' strumenti Ewropej biex jingħelbu dawn l-ostakli. Għalhekk, il-ħolqien ta' assoċjazzjoni transnazzjonali Ewropea magħmula minn membri minn diversi pajjiżi għadu diffiċli, kif inhu l-każ ukoll għas-soċjetajiet mutwi u l-fondazzjonijiet bħala konsegwenza tan-nuqqas ta' qafas legali Ewropej;

46. jistieden lill-Kummissjoni tkompli tippromovi l-akkwist pubbliku soċjalment responsabbli fost l-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej bħala strument ewlieni biex tiżdied it-trasparenza fix-xiri pubbliku, il-ġlieda kontra l-prattiki ta' korruzzjoni, il-promozzjoni tal-kompetizzjoni u l-parteċipazzjoni fl-akkwist pubbliku minn atturi intraprenditorjali ta' daqs differenti, u l-promozzjoni tal-prattiki intraprenditorjali soċjalment responsabbli, bħal dawk li jikkaratterizzaw l-ekonomija soċjali;

47. jitlob li l-proġett Buying for Social Impact ("Ix-Xiri għall-Impatt Soċjali"), li analizza t-traspożizzjoni tad-Direttiva dwar l-akkwist fi ħmistax-il Stat Membru u organizza avvenimenti nazzjonali/territorjali għat-tixrid ta' opportunitajiet għal akkwist pubbliku responsabbli, jiġi estiż għall-bqija tal-Istati Membri tal-UE;

48. jistieden lill-amministrazzjonijiet pubbliċi lokali u reġjonali kollha biex jiżviluppaw strateġiji ta' xiri pubbliku trasparenti u soċjalment responsabbli, li fost affarijiet oħra jagħmlu l-kuntratti pubbliċi kondizzjonali fuq il-konformità ma' pagi ġusti u termini u kundizzjonijiet oħra stabbiliti mil-liġi u/jew mill-ftehimiet kollettivi, inkluż fil-katini ta' sottokuntrattar;

**Pjan ta' Azzjoni li jinkludi miżuri u strumenti ta' segwitu u li jippromovi d-djalogu strutturat mal-aġenti tal-ekonomija soċjali u istituzzjonijiet oħra**

49. jitlob lill-Kummissjoni li l-Pjan ta' Azzjoni tal-Ekonomija Soċjali jkollu skeda ta' żmien ta' mill-inqas ħames snin biex jiġi implimentat, u li jinkludi evalwazzjoni ex ante u mekkaniżmi ta' evalwazzjoni annwali u ex post, kif ukoll għat-tiġdid tal-Pjan ladarba tiġi ffinalizzata l-implimentazzjoni tiegħu;

50. jistieden lill-Kummissjoni ssaħħa il-mekkaniżmi tagħha għall-monitoraġġ u l-appoġġ tal-politiki tal-ekonomija soċjali bħall-GECS, it-task force intern tal-Kummissjoni dwar l-ekonomija soċjali u d-djalogu permanenti u strutturat dwar l-ekonomija soċjali mal-Kumitat tar-Reġjuni u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, peress li jeħtieġ li jiġi żgurat bilanċ bejn il-ġeneri;

51. jitlob lill-Kummissjoni tistudja l-inklużjoni tal-impjegaturi tal-ekonomija soċjali fid-djalogu soċjali intersettorjali, inklużi miżuri għat-titjib tal-ħiliet u l-konsolidazzjoni ta' organizzazzjoni Ewropea tal-impjegaturi tal-ekonomija soċjali.

Brussell, l-1 ta' Lulju 2021.

Apostolos TZITZIKOSTAS

*Il-President*

*tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni*

---

## III

(Atti preparatorji)

## IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

INTERACTIO – IBRIDA – IL-145 SESSJONI PLENARJA TAL-KTR, 30.6.2021–1.7.2021

## Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni dwar l-Att dwar is-Servizzi Diġitali u l-Att dwar is-Swieq Diġitali

(2021/C 440/13)

<b>Relatur:</b>	Rodi KRATSA (EL/PPE), Gvernatur tar-Reġjun tal-Gżejjer Jonji
<b>Dokumenti ta' referenza:</b>	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Suq Intern għas-Servizzi Diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE COM(2020) 825 final Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar swieq kontestabbli u ġusti fis-settur diġitali (l-Att dwar is-Swieq Diġitali) COM(2020) 842 final

## I. RAKKOMANDEZZJONIJIET SABIEX JITRESSQU EMENDI

## Emenda 1

COM(2020) 825 final — Parti 1

Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika għall-fornituri ta' ċerti servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni kif definit fid-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>26</sup> , jiġifieri kwalunkwe servizz normalment fornut għal rimunerazzjoni, mill-bogħod, b'mezzi elettroniċi u fuq talba individwali ta' riċevitur. B'mod speċifiku, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika għall-fornituri tas-servizzi intermedjarji, b'mod partikolari s-servizzi intermedjarji li jikkonsistu f'servizzi magħrufa bħala servizzi ta' "sempliċi conduit", "caching" u "hosting", minħabba li t-tkabbir esponenzjali tal-użu li jsir minn dawk is-servizzi, l-aktar għal kwalunkwe skop leġittimu u soċjalment ta' benefiċċju, żied ukoll ir-rwol tagħhom fl-intermedjazzjoni u fid-disseminazzjoni ta' informazzjoni u attivitajiet illegali jew dannużi b'xi mod ieħor.	Jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika għall-fornituri ta' ċerti servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni kif definit fid-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>26</sup> , jiġifieri kwalunkwe servizz normalment fornut għal rimunerazzjoni, mill-bogħod, b'mezzi elettroniċi u fuq talba individwali ta' riċevitur. B'mod speċifiku, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika għall-fornituri tas-servizzi intermedjarji, b'mod partikolari s-servizzi intermedjarji li jikkonsistu f'servizzi magħrufa bħala servizzi ta' "sempliċi conduit", "caching" u "hosting", <b>kif ukoll il-magni tat-tiftix</b> , minħabba li t-tkabbir esponenzjali tal-użu li jsir minn dawk is-servizzi, l-aktar għal kwalunkwe skop leġittimu u soċjalment ta' benefiċċju, żied ukoll ir-rwol tagħhom fl-intermedjazzjoni u fid-disseminazzjoni ta' informazzjoni u attivitajiet illegali jew dannużi b'xi mod ieħor.

## Emenda 2

COM(2020) 825 final — Parti 1

Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Tali konnessjoni sostanzjali mal-Unjoni jenħtieġ li titqies eżistenti meta l-fornitur tas-servizzi jkollu stabbiliment fl-Unjoni jew, fin-nuqqas tiegħu, abbażi tal-eżistenza ta' għadd sinifikanti ta' utenti fi Stat Membru wieħed jew aktar, jew l-immirar tal-attivitajiet lejn Stat Membru wieħed jew aktar. L-immirar tal-attivitajiet lejn Stat Membru wieħed jew aktar jista' jiġi determinat abbażi taċ-ċirkostanzi rilevanti kollha, inkluż fatturi bħal pereżempju l-użu ta' lingwa jew munita li <b>ġeneralment</b> jintużaw f'dak l-Istat Membru, jew il-possibbiltà li jiġu ordnati prodotti jew servizzi, jew l-użu ta' dominju nazzjonali tal-ogħla livell. L-immirar tal-attivitajiet lejn Stat Membru jista' jiġi determinat ukoll mid-disponibbiltà ta' applikazzjoni fil-ħanut tal-applikazzjonijiet nazzjonali rilevanti, mill-forniment ta' reklamar lokali jew reklamar <b>bil-lingwa li tintuża</b> f'dak l-Istat Membru, jew mill-immaniġġjar tar-relazzjonijiet mal-klijenti bħal pereżempju billi jiġi pprovdut servizz tal-klijent bil-lingwa li ġeneralment tintuża f'dak l-Istat Membru. Jenħtieġ li tiġi preżunta konnessjoni sostanzjali wkoll meta fornitur tas-servizzi jidderieġi l-attivitajiet tiegħu lejn Stat Membru wieħed jew aktar kif stabbilit fl-Artikolu 17(1)(c) tar-Regolament (UE) 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Min-naħa l-oħra, sempliċi aċċessibbiltà teknika ta' sit web mill-Unjoni ma tistax, għal dik ir-raġuni biss, titqies bħala stabbiliment ta' konnessjoni sostanzjali mal-Unjoni.</p>	<p>Tali konnessjoni sostanzjali mal-Unjoni jenħtieġ li titqies eżistenti meta l-fornitur tas-servizzi jkollu stabbiliment fl-Unjoni jew, fin-nuqqas tiegħu, abbażi tal-eżistenza ta' għadd sinifikanti ta' utenti fi Stat Membru wieħed jew aktar, jew l-immirar tal-attivitajiet lejn Stat Membru wieħed jew aktar. L-immirar tal-attivitajiet lejn Stat Membru wieħed jew aktar jista' jiġi determinat abbażi taċ-ċirkostanzi rilevanti kollha, inkluż fatturi bħal pereżempju l-użu ta' lingwa jew munita li <b>uffiċjalment</b> jintużaw f'dak l-Istat Membru, jew il-possibbiltà li jiġu ordnati prodotti jew servizzi, jew l-użu ta' dominju nazzjonali tal-ogħla livell. L-immirar tal-attivitajiet lejn Stat Membru jista' jiġi determinat ukoll mid-disponibbiltà ta' applikazzjoni fil-ħanut tal-applikazzjonijiet nazzjonali rilevanti, mill-forniment ta' reklamar lokali jew reklamar <b>bi kwalunkwe lingwa uffiċjali jew li ġeneralment tintuża fit-territorju ta'</b> dak l-Istat Membru, jew mill-immaniġġjar tar-relazzjonijiet mal-klijenti bħal pereżempju billi jiġi pprovdut servizz tal-klijent <b>bi kwalunkwe lingwa uffiċjali jew li ġeneralment tintuża fit-territorju ta'</b> dak l-Istat Membru. Jenħtieġ li tiġi preżunta konnessjoni sostanzjali wkoll meta fornitur tas-servizzi jidderieġi l-attivitajiet tiegħu lejn Stat Membru wieħed jew aktar kif stabbilit fl-Artikolu 17(1)(c) tar-Regolament (UE) 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Min-naħa l-oħra, sempliċi aċċessibbiltà teknika ta' sit web mill-Unjoni ma tistax, għal dik ir-raġuni biss, titqies bħala stabbiliment ta' konnessjoni sostanzjali mal-Unjoni.</p>

**Raġuni**

Jitqies li hemm bżonn li jittejjeb il-lingwaġġ ambigwu tat-test propost mill-Kummissjoni waqt li jsir iktar oġġettiv billi jkun hemm referenza għall-munita u l-lingwi uffiċjali; min-naħa l-oħra, fil-każ tal-lingwi, għandhom jitqiesu kemm il-lingwi uffiċjali kif ukoll dawk li ġeneralment jintużaw fit-territorju tal-Istat Membru.

## Emenda 3

COM(2020) 825 final — Parti 1

Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Biex jintlaħaq l-oġġettiv li jiġi żgurat ambjent online sikur, prevedibbli u affidabbli, għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, il-kunċett ta' "kontenut illegali" jenħtieġ li jiġi definit b'mod wiesa' u jkopri wkoll l-informazzjoni relatata ma' kontenut, prodotti, servizzi u attivitajiet illegali. B'mod partikolari, jenħtieġ li dak il-kunċett jinftehem li jirreferi għal informazzjoni, irrispettivament mill-forma tagħha, li skont il-liġi applikabbli tkun minnha nnifisha illegali, bħal pereżempju diskors ta' mibegħda illegali jew kontenut terroristiku u kontenut diskriminatorju illegali, jew li tkun relatata ma' attivitajiet li huma illegali, bħal pereżempju l-kondiviżjoni ta' stampi li juru abbuż sesswali tat-tfal, il-kondiviżjoni mhux kunsenswali u illegali ta' stampi privati, l-online stalking, il-bejgħ ta' prodotti mhux konformi jew kontrafatti, l-użu mhux awtorizzat ta' materjal protett bid-drittijiet tal-awtur jew attivitajiet li jinvolvu ksur tal-liġi dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi. F'dan ir-rigward, huwa immaterjali jekk l-illegalità tal-informazzjoni jew tal-attività tirriżultax mil-liġi tal-Unjoni jew mil-liġi nazzjonali li hija konsistenti mal-liġi tal-Unjoni u xi jkunu n-natura jew is-suġġett preċiżi tal-liġi inkwistjoni.</p>	<p>Biex jintlaħaq l-oġġettiv li jiġi żgurat ambjent online sikur, prevedibbli u affidabbli, għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, il-kunċett ta' "kontenut illegali" jenħtieġ li jiġi definit b'mod wiesa' u jkopri wkoll l-informazzjoni relatata ma' kontenut, prodotti, servizzi u attivitajiet illegali. B'mod partikolari, jenħtieġ li dak il-kunċett jinftehem li jirreferi għal informazzjoni, irrispettivament mill-forma tagħha, li skont il-liġi applikabbli tkun minnha nnifisha illegali, bħal pereżempju diskors ta' mibegħda illegali jew kontenut terroristiku u kontenut diskriminatorju illegali, jew li tkun relatata ma' attivitajiet li huma illegali, bħal pereżempju <b><i>l-provvista ta' servizzi illegali bħal servizzi ta' akkomodazzjoni fuq pjattaformi għall-kiri għal perjodu qasir li ma jikkonformawx mal-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali, inkluża l-liġi reġjonali u lokali</i></b>, il-kondiviżjoni ta' stampi li juru abbuż sesswali tat-tfal, il-kondiviżjoni mhux kunsenswali u illegali ta' stampi privati, l-online stalking, il-bejgħ ta' prodotti mhux konformi jew kontrafatti, <b><i>il-bejgħ ta' prodotti jew il-provvista ta' servizzi li ma jikkonformawx mal-liġi dwar il-protezzjoni tal-konsumatur</i></b>, l-użu mhux awtorizzat ta' materjal protett bid-drittijiet tal-awtur jew attivitajiet li jinvolvu ksur tal-liġi dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi <b><i>jew il-provvista ta' servizzi li jistgħu serjament tfixkel l-iżvilupp fiżiku, mentali jew morali ta' minorenni, inkluż il-ksur tal-liġi dwar il-midja awdjoviżiva</i></b>. F'dan ir-rigward, huwa immaterjali jekk l-illegalità tal-informazzjoni jew tal-attività tirriżultax mil-liġi tal-Unjoni jew mil-liġi nazzjonali li hija konsistenti mal-liġi tal-Unjoni u xi jkunu n-natura jew is-suġġett preċiżi tal-liġi inkwistjoni.</p>

## Raġuni

Is-servizzi illegali li ma jikkonformawx mal-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali/reġjonali/lokali għandhom jiġu indirizzati b'mod aktar espliċitu.

**Emenda 4**

COM(2020) 825 final — Parti 1

Premessa ġdida wara Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
	<p><i>L-għaġla lejn soluzzjonijiet teknoloġiċi bbażati fuq infrastruttura diġitali matul il-pandemija tal-COVID-19 kompliet taggrava d-distakk fl-asimetrija tal-informazzjoni bejn il-gwardjani u l-utenti kummerċjali u l-utenti finali. Barra minn hekk, it-tħejjija għal kriżijiet futuri għandha tqis it-tagħlimiet meħuda minn tali dipendenza fuq l-infrastruttura diġitali u s-soluzzjonijiet teknoloġiċi. Ir-reżiljenza diġitali fl-Ewropa għandha tiġi rikonossuta, imsaħħa u għandhom isiru sforzi konġunti biex tiġi implimentata.</i></p>

**Raġuni**

Ir-reżiljenza diġitali għandha tiġi rikonossuta aħjar bħala valur fundamentali u l-awtoritajiet lokali u reġjonali jinsabu f'pożizzjoni ideali biex jippromovuha. L-emenda tibni fuq ir-referenza għall-pandemija tal-COVID-19 li għaddeja bħalissa u tagħmilha aktar preċiża fir-rigward tal-istat ta' tħejjija.

**Emenda 5**

COM(2020) 825 final — Parti 1

Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Meta wieħed iqis il-karatteristiċi partikolari tas-servizzi kkonċernati u l-ħtieġa korrispondenti biex il-fornituri tagħhom ikunu soġġetti għal ċerti obbligi speċifiċi, jeħtieġ issir distinzjoni, fi ħdan il-kategorija usa' tal-fornituri ta' servizzi ta' hosting kif definiti f'dan ir-Regolament, bejn is-subkategoriji tal-pjattaformi online. Il-pjattaformi online, bħal pereżempju n-networks soċjali jew il-postijiet tas-suq online, jenħtieġ li jiġu definiti bħala fornituri ta' servizzi ta' hosting li mhux biss jaħżnu l-informazzjoni pprovduta mir-riċevituri tas-servizz fuq talba tagħhom, iżda li jxerrdu wkoll dik l-informazzjoni lill-pubbliku, fuq talba tagħhom ukoll. Madankollu, biex tiġi evitata l-impożizzjoni ta' obbligi wesgħin wisq, il-fornituri ta' servizzi ta' hosting jenħtieġ li ma jitqisux bħala pjattaformi online meta d-disseminazzjoni lill-pubbliku tkun sempliċiment karatteristika minuri u purament anċillari ta' servizz ieħor u li, għal raġunijiet tekniċi oġġettivi, dik il-karatteristika ma tkunx tista' tintuża mingħajr dak is-servizz ewlieni l-ieħor, u l-integrazzjoni ta' dik il-karatteristika ma tkunx mezz biex tiġi evitata l-applikabbiltà tar-regoli ta' dan ir-Regolament applikabbli għall-pjattaformi online. Pereżempju, it-taqsima tal-kummenti f'gazzetta online tista' tikkostitwixxi karatteristika bħal din, fejn huwa ċar li hija anċillari għas-servizz ewlieni li qed jiġi rrappreżentat mill-pubblikazzjoni tal-aħbarijiet li huma fir-responsabbiltà editorjali tal-pubblikatur.</p>	<p>Meta wieħed iqis il-karatteristiċi partikolari tas-servizzi kkonċernati u l-ħtieġa korrispondenti biex il-fornituri tagħhom ikunu soġġetti għal ċerti obbligi speċifiċi, jeħtieġ issir distinzjoni, fi ħdan il-kategorija usa' tal-fornituri ta' servizzi ta' hosting kif definiti f'dan ir-Regolament, bejn is-subkategoriji tal-pjattaformi online. Il-pjattaformi online, bħal pereżempju n-networks soċjali, <b>il-pjattaformi ta' kondiżjoni ta' kontenut</b> jew il-postijiet tas-suq online, jenħtieġ li jiġu definiti bħala fornituri ta' servizzi ta' hosting li mhux biss jaħżnu l-informazzjoni pprovduta mir-riċevituri tas-servizz fuq talba tagħhom, iżda li jxerrdu wkoll dik l-informazzjoni lill-pubbliku, fuq talba tagħhom ukoll. Madankollu, biex tiġi evitata l-impożizzjoni ta' obbligi wesgħin wisq, il-fornituri ta' servizzi ta' hosting jenħtieġ li ma jitqisux bħala pjattaformi online meta d-disseminazzjoni lill-pubbliku tkun sempliċiment karatteristika minuri u purament anċillari ta' servizz ieħor u li, għal raġunijiet tekniċi oġġettivi, dik il-karatteristika ma tkunx tista' tintuża mingħajr dak is-servizz ewlieni l-ieħor, u l-integrazzjoni ta' dik il-karatteristika ma tkunx mezz biex tiġi evitata l-applikabbiltà tar-regoli ta' dan ir-Regolament applikabbli għall-pjattaformi online. Pereżempju, it-taqsima tal-kummenti f'gazzetta online tista' tikkostitwixxi karatteristika bħal din, fejn huwa ċar li hija anċillari għas-servizz ewlieni li qed jiġi rrappreżentat mill-pubblikazzjoni tal-aħbarijiet li huma fir-responsabbiltà editorjali tal-pubblikatur.</p>



**Emenda 6**

COM(2020) 825 final — Parti 1

Premessa ġdida wara Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
	<p><i>L-Istati Membri fil-livelli rilevanti ta' governanza, u fejn meħtieġ skont it-tqassim rispettiv tal-kompetenzi legali, jistgħu jitolbu lill-fornituri ta' servizzi intermedjarji biex jipprovdu informazzjoni u jinnotaw il-kompatibbiltà tar-Regolament (UE) 2016/679 mad-dritt li l-awtoritajiet ġudizzjarji jew amministrattivi jitolbu informazzjoni kif stabbilit fl-Artikolu 9 skont dan ir-Regolament.</i></p>

**Emenda 7**

COM(2020) 825 final — Parti 1

Premessa ġdida wara Premessa 38

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
	<p><i>Peress li l-għan ta' dan ir-Regolament huwa li jiżgura ambjent online sikur, prevedibbli u affidabbli, għandu japplika l-prinċipju bażiku ta' "dak li huwa illegali offline huwa illegali online".</i></p>

**Raġuni**

"Dak li huwa illegali offline huwa illegali online" huwa prinċipju ewlieni għar-regolamentazzjoni tas-servizzi online u għandu jissema b'mod espliċitu fil-proposta.

## Emenda 8

COM(2020) 825 final — Parti 1

Premessa 50

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Biex tiġi żgurata applikazzjoni effiċjenti u xierqa ta' dak l-obbligu, mingħajr ma jiġu imposti piżijiet sproporzjonati, jenħtieġ li l-pjattaformi online jagħmlu sforzi raġonevoli biex jivverifikaw l-affidabbiltà tal-informazzjoni pprovduta mill-kummerċjanti kkonċernati, b'mod partikolari billi jużaw bażijiet tad-data online u interfaċċi online uffiċjali disponibbli b'mod liberu, bħal pereżempju r-reġistri kummerċjali nazzjonali u s-Sistema ta' Skambju ta' Informazzjoni dwar il-VAT<sup>45</sup>, jew billi jitolbu lill-kummerċjanti kkonċernati jipprovdu dokumenti ta' identità, rendikonti bankarji ċertifikati, ċertifikati tal-kumpanija u ċertifikati tar-reġistru kummerċjali. Jistgħu wkoll jużaw sorsi oħra, disponibbli għall-użu mill-bogħod, li joffru livell simili ta' affidabbiltà bl-iskop li jikkonformaw ma' dan l-obbligu. <b>Madankollu, jenħtieġ li l-pjattaformi online koperti ma jiġux rikjesti li jinvolvu ruħhom f'eżerċizzji online ta' tiftix tal-fatti eċċessivi jew għaljin jew li jwettqu verifiki fuq il-post. Lanqas ma jenħtieġ li l-pjattaformi online, li jkunu għamlu l-isforzi raġonevoli rikjesti minn dan ir-Regolament, jinftehimu li qed jiggarrantixxu l-affidabbiltà tal-informazzjoni lejn il-konsumaturi jew lejn partijiet interessati oħra.</b> Jenħtieġ ukoll li tali pjattaformi online jfasslu u jorganizzaw l-interfaċċa online tagħhom b'mod li jippermetti lill-kummerċjanti jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont il-liġi tal-Unjoni, b'mod partikolari r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 6 u 8 tad-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>46</sup>, fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>47</sup> u fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 98/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>48</sup>.</p>	<p>Biex tiġi żgurata applikazzjoni effiċjenti u xierqa ta' dak l-obbligu, mingħajr ma jiġu imposti piżijiet sproporzjonati, jenħtieġ li l-pjattaformi online jagħmlu sforzi raġonevoli biex jivverifikaw l-affidabbiltà tal-informazzjoni pprovduta mill-kummerċjanti kkonċernati, b'mod partikolari billi jużaw bażijiet tad-data online u interfaċċi online uffiċjali disponibbli b'mod liberu, bħal pereżempju r-reġistri kummerċjali nazzjonali u s-Sistema ta' Skambju ta' Informazzjoni dwar il-VAT<sup>45</sup>, jew billi jitolbu lill-kummerċjanti kkonċernati jipprovdu dokumenti ta' identità, rendikonti bankarji ċertifikati, ċertifikati tal-kumpanija u ċertifikati tar-reġistru kummerċjali. Jistgħu wkoll jużaw sorsi oħra, disponibbli għall-użu mill-bogħod, li joffru livell simili ta' affidabbiltà bl-iskop li jikkonformaw ma' dan l-obbligu. Jenħtieġ ukoll li tali pjattaformi online jfasslu u jorganizzaw l-interfaċċa online tagħhom b'mod li jippermetti lill-kummerċjanti jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont il-liġi tal-Unjoni, b'mod partikolari r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 6 u 8 tad-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>46</sup>, fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>47</sup> u fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 98/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>48</sup>.</p>

## Raġuni

Il-kunċett ta' "eżerċizzji online ta' tiftix tal-fatti eċċessivi jew għaljin" huwa vag wisq għal test legalment vinkolanti. Lanqas ma għandu jiġi ssuġġerit li l-pjattaformi online għandhom jiġu eżentati minn kwalunkwe sforz possibbli biex tiġi vverifikata l-affidabbiltà tal-informazzjoni pprovduta min-negozjanti.

**Emenda 9**

COM(2020) 825 final — Parti 1

Premessa 72

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Il-kompitu tal-iżgurar ta' sorveljanza u infurzar xierqa tal-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li fil-prinċipju jiġi attribwit lill-Istati Membri. Għal dan il-għan, jenħtieġ li jaħtru mill-inqas awtorità waħda bil-kompitu li tapplika u tinforza dan ir-Regolament. Madankollu, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jinkarigaw aktar minn awtorità kompetenti waħda, b'kompiti speċifiċi ta' sorveljanza jew ta' infurzar u b'kompetenzi dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, pereżempju għal setturi speċifiċi, bħar-regolaturi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, ir-regolaturi tal-midja jew l-awtoritajiet tal-protezzjoni tal-konsumatur, filwaqt li jirriflettu l-istruttura domestika kostituzzjonali, organizzattiva u amministrattiva tagħhom.</p>	<p>Il-kompitu tal-iżgurar ta' sorveljanza u infurzar xierqa tal-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li fil-prinċipju jiġi attribwit lill-Istati Membri. Għal dan il-għan, jenħtieġ li jaħtru mill-inqas awtorità waħda bil-kompitu li tapplika u tinforza dan ir-Regolament. Madankollu, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jinkarigaw aktar minn awtorità kompetenti waħda, b'kompiti speċifiċi ta' sorveljanza jew ta' infurzar u b'kompetenzi dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, pereżempju għal setturi speċifiċi, bħar-regolaturi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, ir-regolaturi tal-midja jew l-awtoritajiet tal-protezzjoni tal-konsumatur, filwaqt li jirriflettu l-istruttura domestika kostituzzjonali, organizzattiva u amministrattiva tagħhom. <b><i>L-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom jiġu fdati b'kompiti superviżorji jew ta' infurzar fejn jitqies meħtieġ mill-Istati Membri, li għandhom jipprovduhom ir-riżorsi meħtieġa biex iwettqu l-attivitajiet proposti.</i></b></p>

**Raġuni**

L-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom jiġu inklużi u jinżammu infurmati dwar l-infurzar u s-sorveljanza.

Madankollu, huwa meħtieġ ukoll li jingħataw ir-riżorsi adegwati biex iwettqu dawn l-attivitajiet.

**Emenda 10**

COM(2020) 825 final — Parti 1

Premessa 76

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Fin-nuqqas ta' rekwiżiti ġenerali għall-fornituri tas-servizzi intermedjarji biex jiżguraw preżenza fiżika fit-territorju ta' wieħed mill-Istati Membri, hemm il-ħtieġa li tiġi żgurata ċarezza dwar liema Stat Membru għandu ġurisdizzjoni fuq dawk il-fornituri għall-finijiet ta' infurzar tar-regoli stabbiliti fil-Kapitoli III u IV mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Jenħtieġ li fornitur ikun fil-ġurisdizzjoni tal-Istat Membru fejn tinsab is-sede prinċipali tiegħu, jiġifieri, fejn il-fornitur ikollu l-uffiċċju prinċipali jew l-uffiċċju reġistrat li fih jiġu eżerċitati l-funzjonijiet finanzjarji ewlenin u l-kontroll operattiv. Fir-rigward tal-fornituri li ma għandhomx stabbiliment fl-Unjoni iżda li joffru servizzi fl-Unjoni u għalhekk jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, l-Istat Membru fejn dawk il-fornituri jkunu ħatru r-rappreżentant legali tagħhom jenħtieġ li jkollu l-ġurisdizzjoni, filwaqt li titqies il-funzjoni tar-rappreżentanti legali skont dan ir-Regolament. Madankollu, fl-interess tal-applikazzjoni effettiva ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Istati Membri kollha jkollhom ġurisdizzjoni fir-rigward</p>	<p>Fin-nuqqas ta' rekwiżiti ġenerali għall-fornituri tas-servizzi intermedjarji biex jiżguraw preżenza fiżika fit-territorju ta' wieħed mill-Istati Membri, hemm il-ħtieġa li tiġi żgurata ċarezza dwar liema Stat Membru għandu ġurisdizzjoni fuq dawk il-fornituri għall-finijiet ta' infurzar tar-regoli stabbiliti fil-Kapitoli III u IV mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Jenħtieġ li fornitur ikun fil-ġurisdizzjoni tal-Istat Membru fejn tinsab is-sede prinċipali tiegħu, jiġifieri, fejn il-fornitur ikollu l-uffiċċju prinċipali jew l-uffiċċju reġistrat li fih jiġu eżerċitati l-funzjonijiet finanzjarji ewlenin u l-kontroll operattiv. Fir-rigward tal-fornituri li ma għandhomx stabbiliment fl-Unjoni iżda li joffru servizzi fl-Unjoni u għalhekk jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, l-Istat Membru fejn dawk il-fornituri jkunu ħatru r-rappreżentant legali tagħhom jenħtieġ li jkollu l-ġurisdizzjoni, filwaqt li titqies il-funzjoni tar-rappreżentanti legali skont dan ir-Regolament. Madankollu, fl-interess tal-applikazzjoni effettiva ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Istati Membri kollha jkollhom ġurisdizzjoni fir-rigward</p>

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>tal-fornituri li naqsu milli jiddeżinjaw rappreżentant legali, diment li jiġi rispettata il-prinċipju <i>ne bis in idem</i>. Għal dak il-għan, jenħtieġ li kull Stat Membru li jeżerċita ġurisdizzjoni fir-rigward ta' tali fornituri, mingħajr dewmien żejjed, jinforma lill-Istati Membri l-oħra kollha bil-miżuri li jkunu ħadu fl-eżerċizzju ta' dik il-ġurisdizzjoni.</p>	<p>tal-fornituri li naqsu milli jiddeżinjaw rappreżentant legali, diment li jiġi rispettata il-prinċipju <i>ne bis in idem</i>. Għal dak il-għan, jenħtieġ li kull Stat Membru li jeżerċita ġurisdizzjoni fir-rigward ta' tali fornituri, mingħajr dewmien żejjed, jinforma lill-Istati Membri l-oħra kollha <b>u lill-awtoritajiet lokali u reġjonali, fejn meħtieġ</b>, bil-miżuri li jkunu ħadu fl-eżerċizzju ta' dik il-ġurisdizzjoni.</p>

### Raġuni

L-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom jiġu infurmati dwar il-miżuri li jikkonċernaw is-servizzi pprovduti fit-territorju tagħhom.

### Emenda 11

COM (2020) 825 final — Parti 1

Premessa 88

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Biex tiġi żgurata applikazzjoni konsistenti ta' dan ir-Regolament, huwa meħtieġ li jiġi stabbilit grupp konsultattiv indipendenti fil-livell tal-Unjoni, li jenħtieġ jappoġġa lill-Kummissjoni u jgħin fil-koordinazzjoni tal-azzjonijiet tal-Koordinaturi tas-Servizzi Diġitali. Jenħtieġ li l-Bord Ewropew għas-Servizzi Diġitali jkun jikkonsisti mill-Koordinaturi tas-Servizzi Diġitali, mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li l-Koordinaturi tas-Servizzi Diġitali fil-laqgħat tiegħu jstiednu jew jaħtru delegati ad hoc minn awtoritajiet kompetenti oħra inkarigati b'kompiti speċifiċi skont dan ir-Regolament, meta dak ikun meħtieġ skont l-allokazzjoni nazzjonali tagħhom tal-kompiti u tal-kompetenzi. Fil-każ ta' parteċipanti multipli minn Stat Membru wieħed, jenħtieġ li d-dritt tal-vot jibqa' limitat għal rappreżentant wieħed għal kull Stat Membru.</p>	<p>Biex tiġi żgurata applikazzjoni konsistenti ta' dan ir-Regolament, huwa meħtieġ li jiġi stabbilit grupp konsultattiv indipendenti fil-livell tal-Unjoni, li jenħtieġ jappoġġa lill-Kummissjoni u jgħin fil-koordinazzjoni tal-azzjonijiet tal-Koordinaturi tas-Servizzi Diġitali. Jenħtieġ li l-Bord Ewropew għas-Servizzi Diġitali jkun jikkonsisti mill-Koordinaturi tas-Servizzi Diġitali, mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li l-Koordinaturi tas-Servizzi Diġitali fil-laqgħat tiegħu jstiednu jew jaħtru delegati ad hoc minn awtoritajiet kompetenti oħra inkarigati b'kompiti speċifiċi skont dan ir-Regolament, meta dak ikun meħtieġ skont l-allokazzjoni nazzjonali tagħhom tal-kompiti u tal-kompetenzi. Fil-każ ta' parteċipanti multipli minn Stat Membru wieħed, jenħtieġ li d-dritt tal-vot jibqa' limitat għal rappreżentant wieħed għal kull Stat Membru. <b>Il-Bord Ewropew għas-Servizzi Diġitali għandu jkun magħmul minn persuni kwalifikati sabiex iwettqu dawn il-kompiti u l-kompożizzjoni tiegħu għandu jkollha għandu jkollha bilanċ bejn il-ġeneri.</b></p>

**Emenda 12**

COM(2020) 825 final — Parti 1

Artikolu 2(r) (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
	<i>“raġunijiet prevalenti ta’ interess pubbliku”</i> tfisser b’mod partikolari dawk ir-raġunijiet prevalenti ta’ interess pubbliku rikonoxxuti bħala tali fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, inklużi r-raġunijiet li ġejjin: l-ordni pubbliku; is-sigurtà pubblika; is-sikurezza pubblika; is-saħħa pubblika; il-preservazzjoni tal-bilanċ finanzjarju tas-sistema tas-sigurtà soċjali; il-protezzjoni tal-konsumaturi, ir-riċevituri tas-servizzi u l-ħaddiema; il-protezzjoni taż-żgħażaġh; il-ġustizzja fit-tranżazzjonijiet kummerċjali; il-ġlieda kontra l-frodi; il-protezzjoni tal-ambjent u tal-ambjent urban; is-saħħa tal-annimali; il-proprjetà intellettuali; il-konservazzjoni tal-wirt storiku, kulturali u artistiku; l-għanijiet tal-politika soċjali u l-għanijiet tal-politika kulturali; il-politika dwar l-akkomodazzjoni; il-promozzjoni tal-kultura, ir-riċerka u x-xjenza; l-iżgurar tal-pluraliżmu fil-midja; u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri.

**Raġuni**

Ir-raġunijiet prevalenti ta’ interess pubbliku għandhom jiġu definiti u għandhom ikunu parti integrali minn dan ir-Regolament. L-ugwaljanza bejn il-ġeneri u elementi oħra għandhom jiġu inklużi fost dawn ir-raġunijiet.

**Emenda 13**

COM (2020) 825 final — Parti 1

Artikolu 2(s) (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
	<i>“awtorità kompetenti”</i> tfisser l-awtoritajiet kompetenti fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali maħtura f’konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti fil-livell nazzjonali, responsabbli għall-infurzar ta’ dan ir-Regolament u l-protezzjoni tal-interessi leġittimi, inkluż l-indirizzar tal-kontenut illegali online. Stat Membru jista’ wkoll jaħtar diversi awtoritajiet kompetenti;

**Raġuni**

Il-kunċett ta’ “awtorità kompetenti” jenħtieġ li jiġi inkluż fid-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2 peress li l-Artikolu 38(1) jiddeskrivi biss ir-responsabbiltajiet tal-Koordinaturi tas-Servizzi Diġitali.

**Emenda 14**

COM(2020) 825 final — Parti 1

Artikolu 5(1)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Meta jkun ipprovdut servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni li jkun jikkonsisti fil-ħażna ta’ informazzjoni pprovduta minn riċevitur tas-servizz, il-fornitur tas-servizz ma għandux ikun responsabbli għall-informazzjoni maħżuna li tintalab minn riċevitur tas-servizz, diment li:	Meta jkun ipprovdut servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni li jkun jikkonsisti fil-ħażna ta’ informazzjoni pprovduta minn riċevitur tas-servizz, il-fornitur tas-servizz ma għandux ikun responsabbli għall-informazzjoni maħżuna li tintalab minn riċevitur tas-servizz, diment li:

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
(a) ma jkunx kiseb għarfien effettiv ta' attività illegali jew kontenut illegali u, fir-rigward ta' talba għad-danni, ma jkollux konozzenza ta' fatti jew ċirkostanzi li minnhom ikunu apparenti l-attività illegali jew il-kontenut illegali;	(a) ma jkunx kiseb għarfien effettiv ta' attività illegali jew kontenut illegali u, fir-rigward ta' talba għad-danni, ma jkollux konozzenza ta' fatti jew ċirkostanzi li minnhom ikunu apparenti l-attività illegali jew il-kontenut illegali;
(b) malli jikseb dawn l-għarfien jew il-konozzenza, jaġixxi <b>malajr</b> biex ineħħi jew jiddiżattiva l-aċċess għall-kontenut illegali.	(b) malli jikseb dawn l-għarfien jew il-konozzenza, jaġixxi <b>mingħajr dewmien żejjed u fi kwalunkwe każ fi żmien 72 siegħa</b> biex ineħħi jew jiddiżattiva l-aċċess għall-kontenut illegali.

### Raġuni

Id-dewmien irid jiġi speċifikat u ma jistax jibqa' bla tmiem ċar. Id-dewmien propost huwa simili għal dak stabbilit f'diversi leġiżlazzjonijiet nazzjonali. L-Att Ġermaniż dwar l-Infurzar b'rabta man-Networks Soċjali jipprevedi wkoll perjodu ta' 24 siegħa biss għal kontenut ovvjament illegali.

### Emenda 15

COM(2020) 825 final — Parti 1

Artikolu 8(1)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Il-fornituri tas-servizzi intermedjarji għandhom, malli jirċievu ordni biex jaġixxu kontra oġġett speċifiku ta' kontenut illegali, maħruġ mill-awtoritajiet ġudizzjarji jew amministrattivi nazzjonali rilevanti, abbażi tal-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali applikabbli, f'konformità mal-liġi tal-Unjoni, jinformat lill-awtorità li toħroġ l-ordni bl-effett mogħti lill-ordnijiet, mingħajr dewmien żejjed, u jispeċifikaw l-azzjoni meħuda u l-mument meta ttieħdet l-azzjoni.	Il-fornituri tas-servizzi intermedjarji għandhom, malli jirċievu ordni biex jaġixxu kontra oġġett speċifiku ta' kontenut illegali, maħruġ mill-awtoritajiet ġudizzjarji jew amministrattivi nazzjonali rilevanti, abbażi tal-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali, <b>reġjonali jew lokali</b> applikabbli, <b>u fejn meħtieġ skont it-tqassim rispettiv tal-kompetenzi legali</b> , f'konformità mal-liġi tal-Unjoni, jinformat lill-awtorità li toħroġ l-ordni bl-effett mogħti lill-ordnijiet, mingħajr dewmien żejjed, u jispeċifikaw l-azzjoni meħuda u l-mument meta ttieħdet l-azzjoni.

### Raġuni

Din l-emenda tiċċara t-terminu "liġi applikabbli".

### Emenda 16

COM(2020) 825 final — Parti 1

Artikolu 8(2)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ordnijiet imsemmi-ja fil-paragrafu 1 ikunu jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ordnijiet imsemmi-ja fil-paragrafu 1 ikunu jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:
(a) l-ordnijiet ikun fihom l-elementi li ġejjin:	(a) l-ordnijiet ikun fihom l-elementi li ġejjin:
— dikjarazzjoni tar-raġunijiet li tispjega għalfejn l-informazzjoni hija kontenut illegali, b'referenza għad-dispożizzjoni speċifika tal-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali miksura;	— dikjarazzjoni tar-raġunijiet li tispjega għalfejn l-informazzjoni hija kontenut illegali, b'referenza għad-dispożizzjoni speċifika tal-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali miksura;

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>— lokalizzatur preċiż wieħed jew aktar tar-riżorsi uniformi u, meta meħtieġ, informazzjoni addizzjonali li tippermetti l-identifikazzjoni tal-kontenut illegali kkonċernat;</p> <p>— informazzjoni dwar rimedju disponibbli għall-fornitur tas-servizz u għar-riċevitur tas-servizz li pprova l-kontenut;</p> <p>(b) Il-kamp ta' applikazzjoni territorjali tal-ordni, abbażi tar-regoli applikabbli tal-liġi tal-Unjoni u nazzjonali, inkluż il-Karta, u, meta rilevanti, il-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali, ma jkunx jaqbeż dak meħtieġ strettament biex jintlaħaq l-oġettiv tiegħu;</p> <p>(c) l-ordni hija abbozzata <b>bil</b>-lingwa ddikjarata mill-fornitur u tintbagħat lill-punt ta' kuntatt, maħtur mill-fornitur, f'konformità mal-Artikolu 10.</p>	<p>— lokalizzatur preċiż wieħed jew aktar tar-riżorsi uniformi u, meta meħtieġ, informazzjoni addizzjonali li tippermetti l-identifikazzjoni tal-kontenut illegali kkonċernat;</p> <p>— informazzjoni dwar rimedju disponibbli għall-fornitur tas-servizz u għar-riċevitur tas-servizz li pprova l-kontenut;</p> <p>(b) Il-kamp ta' applikazzjoni territorjali tal-ordni, abbażi tar-regoli applikabbli tal-liġi tal-Unjoni u nazzjonali, inkluż il-Karta, u, meta rilevanti, il-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali, ma jkunx jaqbeż dak meħtieġ strettament biex jintlaħaq l-oġettiv tiegħu;</p> <p>(c) l-ordni hija abbozzata <b>b'lingwaġġ mhux ambigwu, b'lingwa użata f'dak l-Istat Membru u mill-inqas b'lingwa ta' ħidma uffiċjali waħda tal-Unjoni (Ingliż, Franċiż, Ġermaniż)</b> iddikjarata mill-fornitur u tintbagħat lill-punt ta' kuntatt, maħtur mill-fornitur, f'konformità mal-Artikolu 10.</p>

### Raġuni

Il-proposta attwali tiftaħ toroq mhux aċċettabbli ta' rtirar għal fornitur ta' servizz purament permezz tal-għażla ta' lingwa kummerċjalment mhux komuni u tippreżenta ostaklu mhux raġonevoli għall-awtorità intervenjenti. L-emenda telimina dan ir-riskju billi tillimita l-għażliet għal mill-inqas waħda mit-tliet lingwi ta' ħidma uffiċjali.

### Emenda 17

COM (2020) 825 final — Parti 1

Artikolu 9

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>1. Il-fornituri tas-servizzi intermedjarji għandhom, malli jirċievu ordni biex jipprovdu element speċifiku ta' informazzjoni dwar riċevitur individwali speċifiku wieħed jew aktar tas-servizz, maħruġa mill-awtoritajiet ġudizzjarji jew amministrattivi nazzjonali rilevanti abbażi tal-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali applikabbli, f'konformità mal-liġi tal-Unjoni, jinformat mingħajr dewmien żejjed lill-awtorità li toħroġ l-ordni bil-wasla tagħha u bl-effett mogħti lill-ordni.</p> <p>2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ordnijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ikunu jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:</p> <p>(a) l-ordnijiet ikun fihom l-elementi li ġejjin:</p> <p>— dikjarazzjoni tar-raġunijiet li tispjega l-oġettiv għalfejn hemm bżonn l-informazzjoni u għalfejn ir-reqwizit li tiġi pprovduta l-informazzjoni huwa meħtieġ u proporzjonat biex tiġi determinata l-konformità tar-riċevituri tas-servizzi intermedjarji mar-regoli applikabbli tal-Unjoni jew nazzjonali, sakemm din id-dikjarazzjoni ma tkunx tista' tiġi pprovduta għal raġunijiet relatati mal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, id-detezzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati kriminali;</p>	<p>1. Il-fornituri tas-servizzi intermedjarji għandhom, malli jirċievu ordni biex jipprovdu element speċifiku ta' informazzjoni dwar riċevitur individwali speċifiku wieħed jew aktar tas-servizz, maħruġa mill-awtoritajiet ġudizzjarji jew amministrattivi nazzjonali rilevanti abbażi tal-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali applikabbli, f'konformità mal-liġi tal-Unjoni, jinformat mingħajr dewmien żejjed lill-awtorità li toħroġ l-ordni bil-wasla tagħha u bl-effett mogħti lill-ordni.</p> <p>2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ordnijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ikunu jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:</p> <p>(a) l-ordnijiet ikun fihom l-elementi li ġejjin:</p> <p>— dikjarazzjoni tar-raġunijiet li tispjega l-oġettiv għalfejn hemm bżonn l-informazzjoni u għalfejn ir-reqwizit li tiġi pprovduta l-informazzjoni huwa meħtieġ u proporzjonat biex tiġi determinata l-konformità tar-riċevituri tas-servizzi intermedjarji mar-regoli applikabbli tal-Unjoni jew nazzjonali, sakemm din id-dikjarazzjoni ma tkunx tista' tiġi pprovduta għal raġunijiet relatati mal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, id-detezzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati kriminali;</p>

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>— informazzjoni dwar rimedju disponibbli għall-fornitur u għar-riċevitur tas-servizz ikkonċernat;</p> <p>(b) l-ordni teżiġi biss li l-fornitur jipprovdi informazzjoni diġà miġbura għall-finijiet tal-forniment tas-servizz u li hija fil-kontroll tiegħu;</p> <p>(c) l-ordni hija abbozzata bil-lingwa ddikjarata mill-fornitur u tintbagħat lill-punt ta' kuntatt, maħtur mill-fornitur, f'konformità mal-Artikolu 10;</p> <p>3. Il-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali mill-Istat Membru tal-awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva nazzjonali li toħroġ l-ordni għandu, mingħajr dewmien żejjed, jibgħat kopja tal-ordni msemmija fil-paragrafu 1 lill-Koordinaturi tas-Servizzi Diġitali kollha permezz tas-sistema stabbilita f'konformità mal-Artikolu 67.</p> <p>4. Il-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti stabbiliti f'dan l-Artikolu għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti skont il-liġi proċedurali kriminali nazzjonali f'konformità mal-liġi tal-Unjoni.</p>	<p>— informazzjoni dwar rimedju disponibbli għall-fornitur u għar-riċevitur tas-servizz ikkonċernat;</p> <p>(b) l-ordni teżiġi biss li l-fornitur jipprovdi informazzjoni diġà miġbura għall-finijiet tal-forniment tas-servizz u li hija fil-kontroll tiegħu;</p> <p>(c) l-ordni hija abbozzata bil-lingwa ddikjarata mill-fornitur u tintbagħat lill-punt ta' kuntatt, maħtur mill-fornitur, f'konformità mal-Artikolu 10;</p> <p>3. Il-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali mill-Istat Membru tal-awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva nazzjonali li toħroġ l-ordni għandu, mingħajr dewmien żejjed, jibgħat kopja tal-ordni msemmija fil-paragrafu 1 lill-Koordinaturi tas-Servizzi Diġitali kollha permezz tas-sistema stabbilita f'konformità mal-Artikolu 67.</p> <p>4. Il-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti stabbiliti f'dan l-Artikolu għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti skont il-liġi proċedurali kriminali nazzjonali f'konformità mal-liġi tal-Unjoni.</p> <p><b>5. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu obbligi għall-fornituri ta' servizzi intermedjarji biex jinfurmaw lill-awtoritajiet kompetenti, sewwa sew dawk nazzjonali, kif ukoll dawk reġjonali jew lokali, dwar informazzjoni pprovduta mir-riċevituri tas-servizz tagħhom, jew obbligi li jikkomunikaw lill-awtoritajiet kompetenti, meta jiġu mitluba, informazzjoni li tippermetti l-identifikazzjoni ta' riċevituri tas-servizz tagħhom li magħhom ikollhom ftehimiet ta' ħażna.</b></p>

### Raġuni

L-Att dwar is-Servizzi Diġitali għandu jiċċara li l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu obbligi għall-pjattaformi biex jipprovdu informazzjoni lill-awtoritajiet (nazzjonali, reġjonali, lokali) sabiex ir-riċevituri jkunu jistgħu jiġu identifikati f'każijiet ġustifikati.

### Emenda 18

COM(2020) 825 final

Artikolu 10(2)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Il-fornituri tas-servizzi intermedjarji għandhom jipubblikaw l-informazzjoni meħtieġa biex jidentifikaw u jikkomunikaw faċilment mal-punti uniċi ta' kuntatt tagħhom.</p>	<p>Il-fornituri tas-servizzi intermedjarji għandhom jipubblikaw <b>mingħajr dewmien żejjed</b> l-informazzjoni meħtieġa biex jidentifikaw u jikkomunikaw faċilment mal-punti uniċi ta' kuntatt tagħhom.</p>

### Raġuni

Kjarifika għal raġunijiet ta' infurzar xieraq.



**Emenda 19**

COM(2020) 825 final

Artikolu 12(1)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>1. Il-fornituri tas-servizzi intermedjarji għandhom jinkludu informazzjoni, fit-termini u l-kundizzjonijiet tagħhom, dwar kull restrizzjoni li jimponu b'rabta mal-użu tas-servizz tagħhom fir-rigward tal-informazzjoni pprovduta mir-riċevituri tas-servizz. Dik l-informazzjoni għandha tinkludi informazzjoni dwar kull prassi, proċedura, miżura u għodda li tintuża għall-fini ta' moderazzjoni tal-kontenut, inkluż it-teħid algoritmiku tad-deċizzjonijiet u r-rieżami mill-bniedem. Din għandha tiġi stabbilita b'lingwaġġ ċar u mhux ambigwu u għandha tkun disponibbli għall-pubbliku b'format aċċessibbli faċilment.</p>	<p>1. Il-fornituri tas-servizzi intermedjarji għandhom jinkludu informazzjoni, fit-termini u l-kundizzjonijiet tagħhom, dwar kull restrizzjoni li jimponu b'rabta mal-użu tas-servizz tagħhom fir-rigward tal-informazzjoni pprovduta mir-riċevituri tas-servizz. Dik l-informazzjoni għandha tinkludi informazzjoni dwar kull prassi, proċedura, miżura u għodda li tintuża għall-fini ta' moderazzjoni tal-kontenut, inkluż it-teħid algoritmiku tad-deċizzjonijiet u r-rieżami mill-bniedem. Din għandha tiġi stabbilita b'lingwaġġ ċar u mhux ambigwu u għandha tkun disponibbli għall-pubbliku b'format aċċessibbli faċilment.</p> <p><b><i>Dan jinkludi miżuri li jggarantixxu li riċevitur ta' servizz jkunx jista' jneħħi l-abbonament mingħajr xkiel minn servizzi intermedjarji. Fil-prattika, la l-abbonament u lanqas it-tneħħija tal-abbonament ma għandhom ikunu aktar esiġenti għal kwalunkwe riċevitur ta' servizz.</i></b></p>

**Raġuni**

It-tneħħija tal-abbonament ma' pjattaforma ewlenija għandha tkun faċli daqs l-abbonament magħha. L-informazzjoni dwar il-proċess ta' tneħħija tal-abbonament għandha tkun disponibbli għall-pubbliku f'format faċilment aċċessibbli wkoll.

**Emenda 20**

COM (2020) 825 final — Parti 1

Artikolu 14(5)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Il-fornitur għandu wkoll, mingħajr dewmien żejjed, javża lil dak l-individwu jew l-entità bid-deċizzjoni tiegħu rigward l-informazzjoni li l-avviż jirrelata magħha, u jipprovdi informazzjoni dwar il-possibbiltajiet ta' rimedju rigward dik id-deċizzjoni.</p>	<p>Il-fornitur għandu wkoll, mingħajr dewmien żejjed <b><i>u fi kwalunkwe każ fi żmien 5 ijiem ta' xogħol</i></b>, javża lil dak l-individwu jew l-entità bid-deċizzjoni tiegħu rigward l-informazzjoni li l-avviż jirrelata magħha, u jipprovdi informazzjoni dwar il-possibbiltajiet ta' rimedju rigward dik id-deċizzjoni.</p>

**Raġuni**

Għandu jiġi stabbilit qafas ta' żmien ċar għal reazzjoni obligatorja għall-avviżi skont l-Artikolu 14.

**Emenda 21**

COM (2020) 825 final — Parti 1

Artikolu 19(1)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Il-pjattaformi online għandhom jieħdu l-miżuri tekniċi u organizzattivi meħtieġa biex jiżguraw li l-avviżi sottomessi minn sinjalaturi fdati bil-mekkaniżmi msemmija fl-Artikolu 14, jiġu pproċessati u deċiżi bi prijorità <b>u</b> mingħajr dewmien.	Il-pjattaformi online għandhom jieħdu l-miżuri tekniċi u organizzattivi meħtieġa biex jiżguraw li l-avviżi sottomessi minn sinjalaturi fdati bil-mekkaniżmi msemmija fl-Artikolu 14, jiġu pproċessati u deċiżi bi prijorità, mingħajr dewmien <b>u fi kwalunkwe każ fi żmien 48 siegħa.</b>

**Raġuni**

Qafas ta' żmien strett għal reazzjonijiet obligatorji għall-avviżi skont l-Artikolu 19 huwa essenzjali biex il-pjattaformi online jiżguraw livell għoli ta' konformità.

**Emenda 22**

COM (2020) 825 final — Parti 1

Artikolu 22

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>1. Meta pjattaforma online tippermetti li <b>l-konsumaturi</b> jikkonkludu kuntratti mill-bogħod ma' <b>kummerċjanti</b>, din għandha tiżgura li <b>l-kummerċjanti</b> jkunu jistgħu jużaw biss is-servizzi tagħha biex jippromwovu messaġġi dwar prodotti jew servizzi jew biex joffru prodotti jew servizzi lill-konsumaturi li jinsabu fl-Unjoni jekk, qabel l-użu tas-servizzi tagħha, il-pjattaforma online tkun kisbet l-informazzjoni li ġejja:</p> <p>(a) l-isem, l-indirizz, in-numru tat-telefown u l-indirizz tal-email <b>tal-kummerċjant</b>;</p> <p>(b) kopja tad-dokument tal-identifikazzjoni tal-kummerċjant jew xi identifikazzjoni elettronika oħra kif definit fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u <b>tal-Kunsill</b><sup>50</sup>;</p> <p>(c) id-dettalji tal-kont bankarju tal-kummerċjant, meta l-kummerċjant ikun persuna fiżika;</p> <p>(d) l-isem, l-indirizz, in-numru tat-telefown u l-indirizz tal-email tal-operatur ekonomiku, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(13) u tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u <b>tal-Kunsill</b><sup>51</sup> jew xi att rilevanti tal-liġi tal-Unjoni;</p> <p>(e) meta l-kummerċjant ikun irreġistrat f'reġistru tal-kummerċ jew f'reġistru pubbliku simili, ir-reġistru tal-kummerċ li fih ikun irreġistrat il-kummerċjant u n-numru tar-reġistrazzjoni tiegħu, jew mezz ekwivalenti ta' identifikazzjoni f'dak ir-reġistru;</p> <p>(f) awtoċertifikazzjoni mill-kummerċjant li jimpenja ruħu li joffri biss prodotti jew servizzi li jikkonformaw mar-regoli applikabbli tal-liġi tal-Unjoni.</p>	<p>1. Meta pjattaforma online tippermetti li jikkonkludu kuntratti mill-bogħod ma' <b>konsumaturi</b>, din għandha tiżgura li <b>l-persuni fiżiċi jew legali li joffru prodotti jew servizzi permezz tal-pjattaforma</b> jkunu jistgħu jużaw biss is-servizzi tagħha biex jippromwovu messaġġi dwar prodotti jew servizzi jew biex joffru prodotti jew servizzi lill-konsumaturi li jinsabu fl-Unjoni jekk, qabel l-użu tas-servizzi tagħha, il-pjattaforma online tkun kisbet l-informazzjoni li ġejja:</p> <p>(a) l-isem, l-indirizz, in-numru tat-telefown u l-indirizz tal-email <b>tar-riċevitur</b>;</p> <p>(b) <b>meta r-riċevitur ikun irreġistrat f'reġistru pubbliku, in-numru tar-reġistrazzjoni jew mezz ekwivalenti ta' identifikazzjoni f'dak ir-reġistru</b>;</p>

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>2. Il-pjattaforma online għandha, malli tirċievi dik l-informazzjoni, tagħmel sforzi <b>raġonevoli</b> biex tivvaluta jekk l-informazzjoni msemmija fil-punti (a), (d) u (e) tal-paragrafu 1 hix affidabbli permezz tal-użu ta' xi bażi tad-data online uffiċjali aċċessibbli mingħajr ħlas jew interfaċċa online li ssir disponibbli minn Stat Membru jew mill-Unjoni jew permezz ta' talbiet <b>lill-kummerċjant</b> biex jipprovdi dokumenti ġustifikattivi mingħand sorsi affidabbli.</p> <p>3. Meta l-pjattaforma online tikseb indikazzjonijiet li xi oġġett tal-informazzjoni msemmija fil-<b>paragrafu 1</b> miksub mingħand <b>il-kummerċjant</b> ikkonċernat ma jkunx preċiż jew ma jkunx komplut, dik il-pjattaforma għandha titlob <b>lill-kummerċjant</b> biex jikkoreġi l-informazzjoni sa fejn ikun meħtieġ biex ikun żgurat li l-informazzjoni kollha tkun preċiża u kompluta, mingħajr dewmien <b>jew fil-perjodu ta' żmien stabbilit mil-liġi tal-Unjoni u nazzjonali</b>. Meta <b>l-kummerċjant</b> jonqos milli jikkoreġi jew jikkompleta dik l-informazzjoni, il-pjattaforma online għandha tissospendi l-forniment tas-servizz tagħha <b>lill-kummerċjant</b> sakemm it-talba tiġi ssodisfata.</p> <p>4. Il-pjattaforma online għandha taħżen l-informazzjoni miksuba skont <b>il-paragrafi 1 u 2</b> b'mod sigur għat-tul tar-relazzjoni kuntrattwali tagħha <b>mal-kummerċjant</b> ikkonċernat. Dawn għandhom sussegwentement iħassru l-informazzjoni.</p>	<p>2. <b>Meta l-fornitur ta' prodotti jew servizzi jikkwalifika bħala kummerċjant skont il-Liġi tal-Unjoni, minbarra l-obbligi stabbiliti fil-paragrafu 1, il-pjattaforma online għandha tiżgura li l-kummerċjant jista' juża s-servizzi tiegħu biss biex jipromwovi messaġġi dwar, jew biex joffri, prodotti jew servizzi lill-konsumaturi li jinsabu fl-Unjoni jekk, qabel l-użu tas-servizzi tagħha, il-pjattaforma online tkun kisbet l-informazzjoni li ġejja:</b></p> <p>(a) kopja tad-dokument tal-identifikazzjoni tal-kummerċjant jew xi identifikazzjoni elettronika oħra kif definit fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u <b>tal-Kunsill</b>;</p> <p>(b) id-dettalji tal-kont bankarju tal-kummerċjant, meta l-kummerċjant ikun persuna fiżika;</p> <p>(c) l-isem, l-indirizz, in-numru tat-telefown u l-indirizz tal-email tal-operatur ekonomiku, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(13) u tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u <b>tal-Kunsill</b> jew xi att rilevanti tal-liġi tal-Unjoni;</p> <p>(d) meta l-kummerċjant ikun irregiŋtrat f'reġistru tal-kummerċ jew f'reġistru pubbliku simili, ir-regiŋstru tal-kummerċ li fih ikun irregiŋtrat il-kummerċjant u n-numru tar-regiŋtrazzjoni tiegħu, jew mezzi ekwivalenti ta' identifikazzjoni f'dak ir-regiŋstru;</p> <p>(e) awtoċertifikazzjoni mill-kummerċjant li jimpenja ruħu li joffri biss prodotti jew servizzi li jikkonformaw mar-regoli applikabbli tal-liġi tal-Unjoni.</p> <p>3. Il-pjattaforma online għandha, malli tirċievi dik l-informazzjoni, tagħmel <b>l-aħjar</b> sforzi <b>tagħha</b> biex tivvaluta jekk l-informazzjoni msemmija fil-punti (a), u (b) <b>tal-paragrafu 1 u fil-punti (c) u (d)</b> tal-paragrafu 2 hix affidabbli permezz tal-użu ta' xi bażi tad-data online uffiċjali aċċessibbli mingħajr ħlas jew interfaċċa online li ssir disponibbli minn Stat Membru jew mill-Unjoni jew permezz ta' talbiet <b>lir-riċevitur</b> biex jipprovdi dokumenti ġustifikattivi mingħand sorsi affidabbli.</p> <p>4. Meta l-pjattaforma online tikseb indikazzjonijiet li xi oġġett tal-informazzjoni msemmija fil-<b>paragrafi 1 jew 2</b> miksub mingħand <b>ir-riċevitur</b> ikkonċernat ma jkunx preċiż jew ma jkunx komplut, dik il-pjattaforma għandha titlob <b>lir-riċevitur</b> biex jikkoreġi l-informazzjoni sa fejn ikun meħtieġ biex ikun żgurat li l-informazzjoni kollha tkun preċiża u kompluta, mingħajr dewmien. <b>Filwaqt li r-riċevitur</b> jonqos milli jikkoreġi jew jikkompleta dik l-informazzjoni, il-pjattaforma online għandha tissospendi l-forniment tas-servizz tagħha <b>lir-riċevitur</b> sakemm it-talba tiġi ssodisfata.</p>

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>5. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu <b>2</b>, il-pjattaforma għandha tiżvela biss l-informazzjoni lil partijiet terzi meta jkun meħtieġ f'konformità mal-liġi applikabbli, inkluż l-ordnijiet imsemmija fl-Artikolu 9 kwalunkwe ordni maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jew mill-Kummissjoni għat-tweġiq tal-kompiti tagħhom skont dan ir-Regolament.</p> <p>6. Il-pjattaforma online għandha tagħmel l-informazzjoni msemija fil-punti (a), <b>(d)</b>, <b>(e)</b> u <b>(f)</b> tal-paragrafu <b>1</b> disponibbli għar-riċevituri tas-servizz, b'mod ċar, aċċessibbli faċilment u komprensibbli.</p> <p>7. Il-pjattaforma online għandha tfassal u torganizza l-interfaċċa online tagħha b'mod li <b>l-kummerċjanti</b> jkunu jistgħu jikkonformaw mal-obbligi tagħhom rigward l-informazzjoni prekuntrattwali u l-informazzjoni dwar is-sikurezza tal-prodott skont il-liġi applikabbli tal-Unjoni.</p>	<p>5. Il-pjattaforma online għandha taħżen l-informazzjoni miksuba skont <b>il-paragrafi 1, 2 u 3</b> b'mod sigur għat-tul tar-relazzjoni kuntrattwali tagħha <b>mar-riċevitur</b> ikkonċernat. Dawn għandhom sussegwentement iħassru l-informazzjoni.</p> <p>6. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu <b>3</b>, il-pjattaforma għandha tiżvela biss l-informazzjoni lil partijiet terzi meta jkun meħtieġ f'konformità mal-liġi applikabbli, inkluż l-ordnijiet imsemmija fl-Artikolu 9 kwalunkwe ordni maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jew mill-Kummissjoni għat-tweġiq tal-kompiti tagħhom skont dan ir-Regolament.</p> <p>7. Il-pjattaforma online għandha tagħmel l-informazzjoni msemija fil-punti (a) u <b>(b) tal-paragrafu 1, u fil-punti (c), (d) u (e)</b> tal-paragrafu <b>2</b> disponibbli għar-riċevituri tas-servizz, b'mod ċar, aċċessibbli faċilment u komprensibbli.</p> <p>8. Il-pjattaforma online għandha tfassal u torganizza l-interfaċċa online tagħha b'mod li <b>r-riċevituri</b> jkunu jistgħu jikkonformaw mal-obbligi tagħhom rigward l-informazzjoni prekuntrattwali u l-informazzjoni dwar is-sikurezza tal-prodott skont il-liġi applikabbli tal-Unjoni.</p>

### Raġuni

Parti sinifikanti mis-servizzi huma offruti minn persuni fiżiċi, mhux professjonisti kif definit bit-terminu ta' "kummerċjant". Dawn il-persuni fiżiċi għandhom it-tendenza li ma jirrispettawx ir-regolamenti nazzjonali jew lokali dwar kirjiet għal żmien qasir pereżempju u jmessxu negozju mhux iddikjarat li ma jirrispettax kwalunkwe regolazzjoni relatata.

### Emenda 23

COM(2020) 825 final — Parti 1

Artikolu 25(2)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 69 biex taġġusta l-għadd ta' riċevituri medji fix-xahar tas-servizz fl-Unjoni msemmi fil-paragrafu 1, meta l-popolazzjoni tal-Unjoni tiżdied jew tonqos b'mil-l-anqas 5 % fir-rigward tal-popolazzjoni tagħha fl-2020 jew, wara aġġustament b'att delegat, tal-popolazzjoni tagħha fis-sena meta jkun ġie adottat l-aħħar att delegat. F'dak il-każ, din għandha taġġusta l-għadd biex ikun jikkorrispondi għal <b>10 %</b> tal-popolazzjoni tal-Unjoni fis-sena meta tadotta l-att delegat, aġġustat 'il fuq jew 'l isfel biex l-għadd ikun jista' jiġi espress f'miljuni.</p>	<p>Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 69 biex taġġusta l-għadd ta' riċevituri medji fix-xahar tas-servizz fl-Unjoni msemmi fil-paragrafu 1, meta l-popolazzjoni tal-Unjoni tiżdied jew tonqos b'mil-l-anqas 5 % fir-rigward tal-popolazzjoni tagħha fl-2020 jew, wara aġġustament b'att delegat, tal-popolazzjoni tagħha fis-sena meta jkun ġie adottat l-aħħar att delegat. F'dak il-każ, din għandha taġġusta l-għadd biex ikun jikkorrispondi għal <b>7 %</b> tal-popolazzjoni tal-Unjoni fis-sena meta tadotta l-att delegat, aġġustat 'il fuq jew 'l isfel biex l-għadd ikun jista' jiġi espress f'miljuni.</p>

### Raġuni

L-Att dwar is-Servizzi Diġitali għandu jimmira għal limiti aktar stretti li jikkonċernaw pjattaformi online kbar ħafna.

**Emenda 24**

COM (2020) 825 final — Parti 1

Artikolu 31(1)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Il-pjattaformi online kbar ħafna għandhom jipprovdu lill-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali tal-istabbiliment jew lill-Kummissjoni, meta ssir talba motivata minnhom u fi żmien raġonevoli, kif speċifikat fit-talba, aċċess għad-data meħtieġa għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-konformità ma' dan ir-Regolament. Dak il-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali u l-Kummissjoni għandhom jużaw dik id-data biss għal dawk il-finijiet.	Il-pjattaformi online kbar ħafna għandhom jipprovdu lill-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali tal-istabbiliment jew lill-Kummissjoni, meta ssir talba motivata minnhom u fi żmien raġonevoli, kif speċifikat fit-talba, <b>fi kwalunkwe każ mhux aktar minn 72 siegħa</b> , aċċess għad-data meħtieġa għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-konformità ma' dan ir-Regolament. Dak il-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali u l-Kummissjoni għandhom jużaw dik id-data biss għal dawk il-finijiet.

**Raġuni**

Perjodu ta' żmien strett għal reazzjonijiet obligatorji fuq talba mill-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali fil-pajjiż tal-istabbiliment huwa essenzjali biex jiġi żgurat livell għoli ta' konformità.

**Emenda 25**

COM(2020) 825 final — Parti 1

Artikolu 41(1)(a)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Meta meħtieġ għat-tweġiq tal-kompiti tagħhom, il-Koordinaturi tas-Servizzi Diġitali għandu jkollhom mill-inqas is-setgħat ta' investigazzjoni li ġejjin, fir-rigward tal-kon-dotta minn fornituri tas-servizzi intermedjarji fil-ġurisdi-zzjoni tal-Istat Membru tagħhom:	Meta meħtieġ għat-tweġiq tal-kompiti tagħhom, il-Koordinaturi tas-Servizzi Diġitali għandu jkollhom mill-inqas is-setgħat ta' investigazzjoni li ġejjin, fir-rigward tal-kon-dotta minn fornituri tas-servizzi intermedjarji fil-ġurisdi-zzjoni tal-Istat Membru tagħhom:
(a) is-setgħa li jitolbu li dawk il-fornituri, u kull persuna oħra li taġixxi għal finijiet relatati mal-kummerċ, man-negozju, mas-sengħa jew mal-professjoni tagħhom li jaf b'mod raġonevoli jkollha konnoxxenza ta' informazzjoni relatata ma' suspettat ksur ta' dan ir-Regolament, inkluż organizzazzjonijiet li jwettqu l-awditi msemmija fl-Artikoli 28 u 50(3), biex jipprovdu din l-informazzjoni fi żmien raġonevoli;	(a) is-setgħa li jitolbu li dawk il-fornituri, u kull persuna oħra li taġixxi għal finijiet relatati mal-kummerċ, man-negozju, mas-sengħa jew mal-professjoni tagħhom li jaf b'mod raġonevoli jkollha konnoxxenza ta' informazzjoni relatata ma' suspettat ksur ta' dan ir-Regolament, inkluż organizzazzjonijiet li jwettqu l-awditi msemmija fl-Artikoli 28 u 50(3), biex jipprovdu din l-informazzjoni fi żmien raġonevoli <b>u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn 72 siegħa</b> ;

**Raġuni**

L-introduzzjoni ta' perjodi ta' żmien obligatorji speċifiċi tiggarrantixxi azzjoni rapida mill-fornitur, sabiex il-ħsara tkun limitata.

**Emenda 26**

COM(2020) 825 final — Parti 1

Artikolu 45(1)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Meta Koordinatur tas-Servizzi Diġitali jkollu raġunijiet biex jissuspetta li fornitur tas-servizz intermedjarju, li ma jkunx fil-ġurisdizzjoni tal-Istat Membru kkonċernat, ikun kiser dan ir-Regolament, dan għandu jitlob lill-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali tal-istabbiliment biex jivvaluta l-kwistjoni u jieħu l-miżuri investigattivi u ta' infurzar meħtieġa biex jiżgura l-konformità ma' dan ir-Regolament.	Meta Koordinatur tas-Servizzi Diġitali jkollu raġunijiet biex jissuspetta li fornitur tas-servizz intermedjarju, li ma jkunx fil-ġurisdizzjoni tal-Istat Membru kkonċernat, ikun kiser dan ir-Regolament, dan għandu jitlob lill-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali tal-istabbiliment biex jivvaluta l-kwistjoni u jieħu l-miżuri investigattivi u ta' infurzar meħtieġa biex jiżgura l-konformità ma' dan ir-Regolament.

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Meta l-Bord ikollu raġunijiet biex jissuspetta li fornitur tas-servizzi intermedjarji jkun kiser dan ir-Regolament b'mod li jinvolvi mill-inqas tliet Stati Membri, dan <b>jista' jirrakkomanda</b> lill-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali tal-istabbiliment biex jivvaluta l-kwistjoni u jieħu l-miżuri investigattivi u ta' infurzar meħtieġa biex jiżgura l-konformità ma' dan ir-Regolament.</p>	<p>Meta l-Bord ikollu raġunijiet biex jissuspetta li fornitur tas-servizzi intermedjarji jkun kiser dan ir-Regolament b'mod li jinvolvi mill-inqas tliet Stati Membri, dan <b>għandu jitlob</b> lill-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali tal-istabbiliment biex jivvaluta l-kwistjoni u jieħu l-miżuri investigattivi u ta' infurzar meħtieġa biex jiżgura l-konformità ma' dan ir-Regolament.</p>

### Raġuni

Il-Bord ma għandux jirrakkomanda iżda jitlob lill-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali tal-istabbiliment biex jivvaluta l-kwistjoni u jieħu l-miżuri investigattivi u ta' infurzar meħtieġa biex jiżgura l-konformità ma' dan ir-Regolament.

### Emenda 27

COM(2020) 825 final — Parti 1

Artikolu 45(2)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Talba <b>jew rakkomandazzjoni</b> skont il-paragrafu 1 għandha mill-inqas tindika:</p> <p>(a) il-punt ta' kuntatt tal-fornitur tas-servizzi intermedjarji kkonċernati kif previst fl-Artikolu 10;</p> <p>(b) deskrizzjoni tal-fatti rilevanti, id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament ikkonċernati u r-raġunijiet għalfejn il-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali li bagħat it-talba, jew il-Bord, jissuspetta li l-fornitur kiser dan ir-Regolament;</p> <p>(c) kull informazzjoni oħra li l-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali li bagħat it-talba, jew il-Bord, jidhirlu li hija rilevanti, inkluż, meta xieraq, informazzjoni miġbura b'inizjattiva tiegħu stess jew suġġerimenti għal miżuri investigattivi jew ta' infurzar speċifiċi li jridu jittieħdu, inkluż miżuri interim.</p>	<p>Talba skont il-paragrafu 1 għandha mill-inqas tindika:</p> <p>(a) il-punt ta' kuntatt tal-fornitur tas-servizzi intermedjarji kkonċernati kif previst fl-Artikolu 10;</p> <p>(b) deskrizzjoni tal-fatti rilevanti, id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament ikkonċernati u r-raġunijiet għalfejn il-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali li bagħat it-talba, jew il-Bord, jissuspetta li l-fornitur kiser dan ir-Regolament;</p> <p>(c) kull informazzjoni oħra li l-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali li bagħat it-talba, jew il-Bord, jidhirlu li hija rilevanti, inkluż, meta xieraq, informazzjoni miġbura b'inizjattiva tiegħu stess jew suġġerimenti għal miżuri investigattivi jew ta' infurzar speċifiċi li jridu jittieħdu, inkluż miżuri interim.</p>

### Raġuni

Dan m'għandux ikun sempliċement rakkomandazzjoni iżda talba.

**Emenda 28**

COM(2020) 825 final — Parti 1

Artikolu 46(2)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Meta Koordinatur tas-Servizzi Diġitali tal-istabbiliment <b>ikollu</b> raġunijiet biex jissuspetta li pjattaforma online kbira ħafna tkun kisret dan ir-Regolament, dan jista' jitlob lill-Kummissjoni biex tieħu l-miżuri investigattivi u ta' infurzar meħtieġa ħalli tiżgura l-konformità ma' dan ir-Regolament, f'konformità mat-Taqsima 3. Din it-talba għandha tinkludi l-informazzjoni kollha elenkata fl-Artikolu 45(2) u tipprovdi r-raġunijiet għalfejn qed issir talba biex il-Kummissjoni tintervjeni.</p>	<p>Meta Koordinatur tas-Servizzi Diġitali tal-istabbiliment <b>jew il-Koordinaturi tas-Servizzi Diġitali ta' mill-inqas tliet Membri Stati jkollhom</b> raġunijiet biex jissuspetta li pjattaforma online kbira ħafna tkun kisret dan ir-Regolament, dan jista' jitlob lill-Kummissjoni biex tieħu l-miżuri investigattivi u ta' infurzar meħtieġa ħalli tiżgura l-konformità ma' dan ir-Regolament, f'konformità mat-Taqsima 3. Din it-talba għandha tinkludi l-informazzjoni kollha elenkata fl-Artikolu 45(2) u tipprovdi r-raġunijiet għalfejn qed issir talba biex il-Kummissjoni tintervjeni.</p>

**Raġuni**

Dan ir-Regolament għandu jkollu l-għan li jaġhti lill-Koordinaturi tas-Servizzi Diġitali strumenti biex jaġixxu flimkien f'każ li jkun hemm raġunijiet biex wieħed jissuspetta li pjattaforma online kbira ħafna tkun kisritu.

**Emenda 29**

COM(2020) 842 final — Parti 1

Premessa ġdida wara l-premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
	<p><b>Ma jista' jkun hemm l-ebda dubju li s-suq Ewropew ilu ddominat minn pjattaformi bi rwol ta' gwardjan li jipprovdu servizzi ta' pjattaformi ċentrali għal snin sħaħ. Filwaqt li ma hemm xejn kontra l-kompetizzjoni fil-bini ta' negozju ta' suċċess, is-saħħa eċċessiva fis-suq u l-abbużi potenzjali għandhom jiġu rimedjati.</b></p>

**Raġuni**

Ma hemm xejn kontra l-kompetizzjoni fil-bini ta' negozju ta' suċċess, kif huma ħafna pjattaformi. Madankollu, ir-rilevanza u l-konsegwenzi ġenerali tal-mudelli ta' negozju mmexxija mid-data għandhom jiġu enfasizzati, u għandhom jissemmew l-assimetriji fl-informazzjoni bejn l-gwardjani u l-utenti finali u n-negozji peress li din hija fil-biċċa l-kbira r-raġuni għaliex il-proposta kienet meqjusa neċessarja.

**Emenda 30**

COM(2020) 842 final — Parti 1

Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p><b><i>Il-frammentazzjoni tas-suq intern tista' tiġi evitata b'mod effettiv biss jekk l-Istati Membri ma jitħallewx japplikaw regoli nazzjonali li jkunu speċifiċi għat-tipi ta' impriżi u servizzi koperti minn dan ir-Regolament. Fl-istess ħin, dan ir-Regolament għandu l-għan li jikkumplimenta l-infurzar tal-liġi tal-kompetizzjoni, u għalhekk jenħtieġ jiġi speċifikat li dan ir-Regolament hu mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 101 u 102 tat-TFUE, għar-regoli nazzjonali korrispondenti tal-kompetizzjoni u għal regoli nazzjonali oħra tal-kompetizzjoni dwar l-imġiba unilaterali li huma bbażati fuq valutazzjoni individwalizzata tal-pożizzjonijiet u tal-imġiba fis-suq, inkluż l-effetti probabbli tagħha u l-kamp ta' applikazzjoni preċiż tal-imġiba pprojbita, u li jipprevedu l-possibbiltà li l-impriżi jagħmlu argumenti ta' effiċjenza u ġustifikazzjoni oġġettiva għall-imġiba inkwistjoni. Madankollu, jenħtieġ li l-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli ma taffettwax l-obbligi imposti fuq il-gwardjani skont dan ir-Regolament u l-applikazzjoni uniformi u effettiva tagħhom fis-suq intern.</i></b></p>	<p><b><i>Xejn f'dan ir-Regolament ma jipprekludi lill-Istati Membri milli jimponu l-istess obbligi, aktar stretti jew differenti fuq l-impriżi sabiex isegwu interessi pubbliċi leġittimi, f'konformità mal-liġi tal-Unjoni. Dawk l-interessi pubbliċi leġittimi jistgħu jkunu, fost l-oħrajn, il-protezzjoni tal-konsumaturi, il-ġlieda kontra atti ta' kompetizzjoni inġusta u l-protezzjoni tal-libertà u l-pluraliżmu tal-midja. B'mod partikolari, xejn f'dan ir-Regolament ma jipprekludi lill-Istati Membri milli jsegu dawk l-interessi leġittimi billi jimponu obbligi fuq impriżi li għandhom status ta' gwardjan fis-sens ta' dan ir-Regolament kif ukoll impriżi oħra. Billi dan ir-Regolament għandu l-għan li jikkumplimenta l-infurzar tal-liġi tal-kompetizzjoni, jenħtieġ li jiġi speċifikat li dan ir-Regolament hu mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 101 u 102 tat-TFUE, għar-regoli nazzjonali korrispondenti tal-kompetizzjoni u għal regoli nazzjonali oħra tal-kompetizzjoni dwar l-imġiba unilaterali li huma bbażati fuq valutazzjoni individwalizzata tal-pożizzjonijiet u tal-imġiba fis-suq, inkluż l-effetti probabbli tagħha u l-kamp ta' applikazzjoni preċiż tal-imġiba pprojbita, u li jipprevedu l-possibbiltà li l-impriżi jagħmlu argumenti ta' effiċjenza u ġustifikazzjoni oġġettiva għall-imġiba inkwistjoni.</i></b></p>



## Emenda 31

COM(2020) 842 final — Parti 1

Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Dan ir-Regolament jenħtieġ jikkumplimenta wkoll, min-għajr preġudizzju għall-applikazzjoni tagħhom, ir-regoli li jirriżultaw minn atti oħra tal-liġi tal-Unjoni li jirregolaw ċerti aspetti tal-forniment tas-servizzi koperti minn dan ir-Regolament, b'mod partikolari r-Regolament (UE) 2019/1150 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(1)</sup>, ir-Regolament (UE) xx/xx/UE [DSA] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(2)</sup>, ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(3)</sup>, id-Direttiva (UE) 2019/790 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(4)</sup>, id-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(5)</sup>, u d-Direttiva (UE) 2010/13 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(6)</sup>, kif ukoll regoli nazzjonali <b>mmirati biex jinforzaw jew, skont il-każ, jimplimentaw</b> dik il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.</p> <p><sup>(1)</sup> <b>Ir-Regolament (UE) 2019/1150 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-promozzjoni tal-korrettezza u tat-trasparenza għall-utenti kummerċjali tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online</b> (ĠU L 186, 11.7.2019, p. 57).</p> <p><sup>(2)</sup> <b>Ir-Regolament (UE) .../. tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill — proposta dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE.</b></p> <p><sup>(3)</sup> <b>Ir-Regolament (EU) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data)</b> (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).</p> <p><sup>(4)</sup> <b>Id-Direttiva (UE) 2019/790 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar id-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-Suq Uniku Diġitali u li temenda d-Direttivi 96/9/KE u 2001/29/KE</b> (ĠU L 130, 17.5.2019, p. 92).</p> <p><sup>(5)</sup> <b>Id-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) 1093/2010, u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE</b> (ĠU L 337, 23.12.2015, p. 35).</p> <p><sup>(6)</sup> <b>Id-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media awdjoviżiva)</b> (ĠU L 95, 15.4.2010, p. 1).</p>	<p>Dan ir-Regolament jenħtieġ jikkumplimenta wkoll, min-għajr preġudizzju għall-applikazzjoni tagħhom, ir-regoli li jirriżultaw minn atti oħra tal-liġi tal-Unjoni li jirregolaw ċerti aspetti tal-forniment tas-servizzi koperti minn dan ir-Regolament, b'mod partikolari r-Regolament (UE) 2019/1150 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament (UE) xx/xx/UE [DSA] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttiva (UE) 2019/790 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u d-Direttiva (UE) 2010/13 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(1)</sup>, kif ukoll regoli nazzjonali <b>meħuda f' konformità ma'</b> dik il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.</p> <p><sup>(1)</sup> <b>Id-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media awdjoviżiva)</b> (ĠU L 95, 15.4.2010, p. 1).</p>

## Emenda 32

COM(2020) 842 final — Parti 1

Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>B'mod partikolari, is-servizzi ta' intermedjazzjoni online, il-magni tat-tiftix online, is-sistemi operatorji, in-networking soċjali online, is-servizzi ta' pjattaforma tal-video-sharing, is-servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali indipendenti min-numri, is-servizzi ta' cloud computing u s-servizzi ta' reklamar online kollha għandhom il-kapaċità li jaffettwaw għadd kbir ta' utenti finali u negozji bl-istess mod u dan johlqo riskju ta' prattiki kummerċjali inġusti. Għalhekk jenħtieġ li dawn jiġu inklużi fid-definizzjoni ta' servizzi ewlenin tal-pjattaforma u jkunu jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Is-servizzi ta' intermedjazzjoni online jistgħu jkunu attivi wkoll fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, u jistgħu jintermedjaw jew jiġu użati biex jipprovdu tali servizzi kif elenkati b'mod mhux eżawrjenti fl-Anness II tad-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(1)</sup>. F'ċerti ċirkostanzi, il-kunċett ta' utenti finali jenħtieġ ikun jinkludi lill-utenti li tradizzjonalment jitqiesu bħala utenti kummerċjali, iżda f'sitwazzjoni partikolari ma jużawx is-servizzi ewlenin tal-pjattaforma biex jipprovdu oġġetti jew servizzi lil utenti finali oħra, bħal pereżempju n-negozji li jiddependu fuq servizzi ta' cloud computing għall-finijiet tagħhom stess.</p> <p><sup>(1)</sup> Id-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika, ĠU L 241, 17.9.2015, p. 1.</p>	<p>B'mod partikolari, is-servizzi ta' intermedjazzjoni online, <b>inklużi s-swieq (online), il-ħwienet tal-applikazzjonijiet tas-software, l-assistenti tal-vuċi diġitali u l-pjattaformi li jinkorporaw teknoloġiji tal-assistenti tal-vuċi u servizzi tal-intermedjazzjoni online f'setturi oħra bħall-mobbiltà, it-trasport, jew l-enerġija, kif ukoll</b> il-magni tat-tiftix online, is-sistemi operatorji, in-networking soċjali online, is-servizzi ta' pjattaforma tal-video-sharing, is-servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali indipendenti min-numri, is-servizzi ta' cloud computing u s-servizzi ta' reklamar online kollha għandhom il-kapaċità li jaffettwaw għadd kbir ta' utenti finali u negozji bl-istess mod u dan johlqo riskju ta' prattiki kummerċjali inġusti. Għalhekk jenħtieġ li dawn jiġu inklużi fid-definizzjoni ta' servizzi ewlenin tal-pjattaforma u jkunu jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Is-servizzi ta' intermedjazzjoni online jistgħu jkunu attivi wkoll fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, u jistgħu jintermedjaw jew jiġu użati biex jipprovdu tali servizzi kif elenkati b'mod mhux eżawrjenti fl-Anness II tad-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(1)</sup>. F'ċerti ċirkostanzi, il-kunċett ta' utenti finali jenħtieġ ikun jinkludi lill-utenti li tradizzjonalment jitqiesu bħala utenti kummerċjali, iżda f'sitwazzjoni partikolari ma jużawx is-servizzi ewlenin tal-pjattaforma biex jipprovdu oġġetti jew servizzi lil utenti finali oħra, bħal pereżempju n-negozji li jiddependu fuq servizzi ta' cloud computing għall-finijiet tagħhom stess.</p> <p><sup>(1)</sup> Id-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika, ĠU L 241, 17.9.2015, p. 1.</p>

**Emenda 33**

COM(2020) 842 final — Parti 1

Premessa 43

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>F'ċerti ċirkostanzi, gwardjan jista' jaqdi rwol doppju bħala fornitur ta' servizzi ewlenin tal-pjattaforma li jipprovdi servizz ewlieni tal-pjattaforma lill-utenti kummerċjali tiegħu, u fl-istess ħin jikkompeti wkoll ma' dawk l-istess utenti kummerċjali fil-forniment tal-istess servizzi jew prodotti, jew ta' oħrajn simili, lill-istess utenti finali. F'dawn iċ-ċirkostanzi, gwardjan jista' jieħu vantaġġ mir-rwol doppju tiegħu u juża d-data ġġenerata permezz tat-tranżazzjonijiet mill-utenti kummerċjali tiegħu fuq il-pjattaforma, għall-fini tas-servizzi tiegħu stess li joffru servizzi simili għal dawk tal-utenti kummerċjali tiegħu. Dan jista' jkun il-każ, pereżempju, meta gwardjan jipprovdi post tas-suq online jew ħanut ta' applikazzjonijiet tas-software lill-utenti kummerċjali, u fl-istess ħin joffri servizzi bħala bejjiegħ online jew fornitur ta' applikazzjonijiet tas-software kontra dawk l-utenti kummerċjali. Biex jiġi evitat li l-gwardjani jibbenefikaw inġustament mir-rwol doppju tagħhom, jenħtieġ jiġi żgurat li dawn ma jużawx data aggregata jew mhux aggregata, li tista' tinkludi data anonimizata u personali <b>li ma tkunx disponibbli pubblikament</b>, biex joffru servizzi simili għal dawk tal-utenti kummerċjali tagħhom. Dan l-obbligu jenħtieġ japplika għall-gwardjan kollu kemm hu, inkluż iżda mhux limitat għall-unità kummerċjali tiegħu li tikkompeti mal-utenti kummerċjali ta' servizz ewlieni tal-pjattaforma.</p>	<p>F'ċerti ċirkostanzi, gwardjan jista' jaqdi rwol doppju bħala fornitur ta' servizzi ewlenin tal-pjattaforma li jipprovdi servizz ewlieni tal-pjattaforma lill-utenti kummerċjali tiegħu, u fl-istess ħin jikkompeti wkoll ma' dawk l-istess utenti kummerċjali fil-forniment tal-istess servizzi jew prodotti, jew ta' oħrajn simili, lill-istess utenti finali. F'dawn iċ-ċirkostanzi, gwardjan jista' jieħu vantaġġ mir-rwol doppju tiegħu u juża d-data ġġenerata permezz tat-tranżazzjonijiet mill-utenti kummerċjali tiegħu fuq il-pjattaforma, għall-fini tas-servizzi tiegħu stess li joffru servizzi simili għal dawk tal-utenti kummerċjali tiegħu. Dan jista' jkun il-każ, pereżempju, meta gwardjan jipprovdi post tas-suq online jew ħanut ta' applikazzjonijiet tas-software lill-utenti kummerċjali, u fl-istess ħin joffri servizzi bħala bejjiegħ online jew fornitur ta' applikazzjonijiet tas-software kontra dawk l-utenti kummerċjali. Biex jiġi evitat li l-gwardjani jibbenefikaw inġustament mir-rwol doppju tagħhom, jenħtieġ jiġi żgurat li dawn ma jużawx data aggregata jew mhux aggregata, li tista' tinkludi data anonimizata u personali biex joffru servizzi simili għal dawk tal-utenti kummerċjali tagħhom. Dan l-obbligu jenħtieġ japplika għall-gwardjan kollu kemm hu, inkluż iżda mhux limitat għall-unità kummerċjali tiegħu li tikkompeti mal-utenti kummerċjali ta' servizz ewlieni tal-pjattaforma.</p>

**Raġuni**

Dik id-definizzjoni tagħti lill-gwardjani marġni ta' manuvra wiesa' wisq.

**Emenda 34**

COM(2020) 842 final — Parti 1

Artikolu 1(5)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>L-Istati Membri ma għandhomx jimponu obbligi ulterjuri fuq il-gwardjani permezz ta' liġijiet, regolamenti jew azzjoni amministrattiva bil-għan li jiżguraw swieq kontestabbli u ġusti. Dan hu mingħajr preġudizzju għar-regoli li jsegwu interessi pubbliċi leġittimi oħra, f'konformità mal-liġi tal-Unjoni. B'mod partikolari, xejn f'dan ir-Regolament ma jipprekludi lill-Istati Membri milli jimponu obbligi kompatibbli mal-liġi tal-Unjoni fuq impriżi, inkluż fuq fornituri ta' servizzi ewlenin tal-pjattaforma, <b>meta dawn l-obbligi ma jkunux relatati mal-impriżi rilevanti li jkollhom status ta' gwardjan skont it-tifsira ta' dan ir-Regolament</b>, biex jipproteġu lill-konsumaturi <b>jew</b> jiġġieldu kontra atti ta' kompetizzjoni inġusta.</p>	<p>L-Istati Membri ma għandhomx jimponu obbligi ulterjuri fuq il-gwardjani permezz ta' liġijiet, regolamenti jew azzjoni amministrattiva bil-għan li jiżguraw swieq kontestabbli u ġusti. Dan hu mingħajr preġudizzju għar-regoli li jsegwu interessi pubbliċi leġittimi oħra, f'konformità mal-liġi tal-Unjoni. B'mod partikolari, xejn f'dan ir-Regolament ma jipprekludi lill-Istati Membri milli jimponu obbligi kompatibbli mal-liġi tal-Unjoni fuq impriżi, inkluż fuq fornituri ta' servizzi ewlenin tal-pjattaforma, biex jipproteġu lill-konsumaturi, jiġġieldu kontra atti ta' kompetizzjoni inġusta, <b>jippromwovu l-pluraliżmu tal-midja jew ifittxu interessi leġittimi</b>.</p>

## Emenda 35

COM(2020) 842 final — Parti 1

Artikolu 1(6)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Dan ir-Regolament hu mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-Artikoli 101 u 102 tat-TFUE. <b>Hu mingħajr preġudizzju</b> wkoll għall-applikazzjoni ta': regoli nazzjonali li jipprojbixxu ftehimiet, deċiżjonijiet minn assoċjazzjonijiet ta' impriżi u prattiki miftiehma li jkunu antikompetittivi, u abbużi ta' pożizzjonijiet dominanti; regoli nazzjonali tal-kompetizzjoni li jipprojbixxu forom oħra ta' mġiba unilaterali <b>diment li dawn jiġu applikati għall-impriżi li mhumiex gwardjani jew jammontaw għall-impożizzjoni ta' obbligi addizzjonali fuq il-gwardjani</b>; ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(1)</sup> u r-regoli nazzjonali dwar il-kontroll tal-amalgamazzjonijiet; ir-Regolament (UE) 2019/1150 u r-Regolament (UE) .../.. tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(2)</sup>.</p> <p><sup>(1)</sup> r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ir-“Regolament dwar l-Għaqdiet”) (ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1).</p> <p><sup>(2)</sup> Ir-Regolament (UE) .../.. tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill — proposta dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE.</p>	<p>Dan ir-Regolament hu mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-Artikoli 101 u 102 tat-TFUE. <b>M'għandux jaffettwa</b> wkoll l-applikazzjoni ta': regoli nazzjonali li jipprojbixxu ftehimiet, deċiżjonijiet minn assoċjazzjonijiet ta' impriżi u prattiki miftiehma li jkunu antikompetittivi, u abbużi ta' pożizzjonijiet dominanti; regoli nazzjonali tal-kompetizzjoni li jipprojbixxu forom oħra ta' mġiba unilaterali; ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 u r-regoli nazzjonali dwar il-kontroll tal-amalgamazzjonijiet; ir-Regolament (UE) 2019/1150 u r-Regolament (UE) .../.. tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. <b>B'mod partikolari, xejn f'dan ir-Regolament ma jipprekludi lill-Istati Membri milli jimponu obbligi fuq impriżi li mhumiex gwardjani jew obbligi addizzjonali fuq il-gwardjani</b>;</p>

## Emenda 36

COM(2020) 842 final — Parti 1

Artikolu 1(7)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>L-awtoritajiet nazzjonali ma għandhomx jieħdu deċiżjonijiet li jmorru kontra deċiżjoni adottata mill-Kummissjoni skont dan ir-Regolament. <b>Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jaħdmu b'kooperazzjoni u koordinazzjoni mill-qrib fl-azzjonijiet ta' infurzar tagħhom.</b></p>	<p>L-awtoritajiet nazzjonali ma għandhomx jieħdu deċiżjonijiet li jmorru kontra deċiżjoni adottata mill-Kummissjoni skont dan ir-Regolament. <b>Fir-rigward tal-miżuri ta' infurzar, il-Kummissjoni u l-Istati Membri li, internament, għandhom jipproċedu b'mod koordinat mal-awtoritajiet sottonazzjonali rilevanti, fejn jitqies meħtieġ, għandhom jikkooperaw mill-qrib u jikkoordinaw mill-qrib.</b></p>

## Raġuni

Ir-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali għandu jkun enfasizzat. Hemm pjattaformi speċifiċi, bħal dawk li jittrattaw l-akkomodazzjoni, li joperaw fil-livell tal-villaġġ u tal-belt. L-awtoritajiet lokali u reġjonali jiddependu mil-livell nazzjonali u Ewropew għall-appoġġ f'azzjonijiet ta' infurzar rilevanti.

**Emenda 37**

COM(2020) 842 final — Parti 1

Artikolu 2(2)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>“servizz ewlieni tal-pjattaforma” tfisser kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin:</p> <p>(a) servizzi ta’ intermedjazzjoni online;</p> <p>(b) magni tat-tiftix online;</p> <p>(c) servizzi ta’ networking soċjali online;</p> <p>(d) servizzi ta’ pjattaforma tal-video-sharing;</p> <p>(e) servizzi ta’ komunikazzjoni interpersonali indipendenti min-numri;</p> <p>(f) sistemi operatorji;</p> <p>(g) servizzi ta’ cloud computing;</p> <p>(h) servizzi ta’ reklamar, inkluż kwalunkwe network ta’ reklamar, skambji ta’ reklamar u kwalunkwe servizz ieħor ta’ intermedjazzjoni tar-reklamar, ipprovduti minn fornitur ta’ xi wieħed mis-servizzi ewlenin tal-pjattaforma elenkati fil-punti (a) sa (g);</p>	<p>“servizz ewlieni tal-pjattaforma” tfisser kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin:</p> <p>(a) servizzi ta’ intermedjazzjoni online;</p> <p>(b) magni tat-tiftix online;</p> <p>(c) servizzi ta’ networking soċjali online;</p> <p>(d) servizzi ta’ pjattaforma tal-video-sharing;</p> <p>(e) servizzi ta’ komunikazzjoni interpersonali indipendenti min-numri;</p> <p>(f) sistemi operatorji;</p> <p>(g) servizzi ta’ cloud computing;</p> <p>(h) servizzi ta’ reklamar, inkluż kwalunkwe network ta’ reklamar, skambji ta’ reklamar u kwalunkwe servizz ieħor ta’ intermedjazzjoni tar-reklamar, ipprovduti minn fornitur ta’ xi wieħed mis-servizzi ewlenin tal-pjattaforma elenkati fil-punti (a) sa (g);</p> <p><b>(i) brawżers tal-web;</b></p>

**Emenda 38**

COM(2020) 842 final — Parti 1

Artikolu 2(24) (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
	<p><b>“brawżers tal-web” tfisser programm ta’ software għall-klijenti li jaħdem fuq web server jew server tal-Internet ieħor u jippermetti lil utent jinnaviga fil-World Wide Web biex jaċċessa u juri data jew jinteraġixxi ma’ kontenut ospitat fuq servers li huma konnessi ma’ dan in-network, inklużi brawżers tal-web awtonomi kif ukoll brawżers tal-web integrati jew inkorporati f’software jew simili;</b></p>

**Emenda 39**

COM(2020) 842 final — Parti 1

Artikolu 3(8)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Il-gwardjan għandu jikkonforma mal-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 5 u 6 <b>fi żmien sitt xhur</b> wara li servizz ewlieni tal-pjattaforma jkun ġie inkluż fil-lista skont il-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu.	Il-gwardjan għandu jikkonforma mal-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 5 u 6 <b>kemm jista' jkun malajr, u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn tliet</b> xhur wara li servizz ewlieni tal-pjattaforma jkun ġie inkluż fil-lista skont il-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu.

**Emenda 40**

COM(2020) 842 final — Parti 1

Artikolu 4(2)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Il-Kummissjoni għandha twettaq rieżami regolarmet, u mill-inqas kull sentejn, dwar jekk il-gwardjani ddeżinjati għadhomx jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 3(1), <b>jew</b> jekk fornituri ġodda ta' servizzi ewlenin tal-pjattaforma jissodisfawx dawk ir-rekwiżiti. Ir-rieżami regolari għandha teżamina wkoll jekk jeħtieġx tiġi aġġustata l-lista tas-servizzi ewlenin tal-pjattaforma affettwati tal-gwardjan.	Il-Kummissjoni għandha twettaq rieżami regolarmet, u mill-inqas kull sentejn, dwar jekk il-gwardjani ddeżinjati għadhomx jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 3(1). <b>Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha teżamina regolarmet, u mill-inqas kull 12-il xahar,</b> jekk fornituri ġodda ta' servizzi ta' pjattaformi ewlenin, <b>irrispettivament mill-pajjiż ta' stabbiliment tagħhom,</b> jissodisfawx dawk ir-rekwiżiti. Ir-rieżami regolari għandha teżamina wkoll jekk jeħtieġx tiġi aġġustata l-lista tas-servizzi ewlenin tal-pjattaforma affettwati tal-gwardjan.

**Raġuni**

Eżami perġodiku jitqies neċessarju hekk kif is-suq jevolvi b'mod rapidu.

**Emenda 41**

COM(2020) 842 final — Parti 1

Artikolu 4(3)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Il-Kummissjoni għandha tippubblika u taġġorna kontinwament il-lista tal-gwardjani u l-lista tas-servizzi ewlenin tal-pjattaforma li għalihom jeħtieġ jikkonformaw mal-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 5 u 6.	Il-Kummissjoni għandha tippubblika u taġġorna kontinwament il-lista tal-gwardjani u l-lista tas-servizzi ewlenin tal-pjattaforma li għalihom jeħtieġ jikkonformaw mal-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 5 u 6.  <b>Il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport annwali li jistabbilixxi r-riżultati tal-attivitajiet ta' monitoraġġ tagħha u tippreżentah lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.</b>

**Raġuni**

Sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' trasparenza fl-infurzar tar-regolament dwar l-Att dwar is-Swieq Diġitali, dan ir-rapport annwali jista' jinkludi kwalunkwe konklużjoni, deċiżjoni u riżultat ta' investigazzjonijiet imwettqa mill-Kummissjoni minn naħa waħda, u kwalunkwe informazzjoni rrapportata mill-gwardjan min-naħa l-oħra.

**Emenda 42**

COM(2020) 842 final — Parti 1

Artikolu 5(b)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
jippermetti li l-utenti kummerċjali joffru l-istess prodotti jew servizzi lill-utenti finali tramite s-servizzi ta' intermedjazzjoni online ta' partijiet terzi bi prezzijiet jew b'kundizzjonijiet differenti minn dawk offruti mis-servizzi ta' intermedjazzjoni online tal-gwardjan;	jippermetti li l-utenti kummerċjali joffru l-istess prodotti jew servizzi lill-utenti finali tramite s-servizzi ta' intermedjazzjoni online <b>u dawk affiljati</b> ta' partijiet terzi bi prezzijiet jew b'kundizzjonijiet differenti minn dawk offruti mis-servizzi ta' intermedjazzjoni online <b>u dawk affiljati</b> tal-gwardjan;

**Raġuni**

Jinkludu servizzi affiljati.

**Emenda 43**

COM(2020) 842 final — Parti 1

Artikolu 5(h) (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
	<i>min-natura tiegħu, gwardjan għandu jitqies bħala fornitur ta' infrastruttura ewlenija u għalhekk ma għandux jitħalla jiċħad l-aċċess għal servizz lil negozji u utenti finali. Jekk negozju jew utent finali jiġi miċħud l-aċċess għal servizz ta' pjattaforma ewlenija pprovdut minn gwardjan, l-utent jista' appell kontra dan. Għal dan il-għan, il-Kumitat Konsultattiv tas-Swieq Diġitali, previst fl-Artikolu 32 ta' dan ir-Regolament, għandu jaġixxi bħala Punt Uniku ta' Kuntatt.</i>

**Raġuni**

Għandha tiġi ddikjarata l-ħtieġa ta' Punt Uniku ta' Kuntatt.

**Emenda 44**

COM(2020) 842 final — Parti 1

Artikolu 6(1)(l) (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
	<i>jiżgura fluss kontinwu, standardizzat u awtomatizzat ta' informazzjoni, jiggarantixxi li l-Interfaċċi għall-Ipprogrammar tal-Applikazzjonijiet (API) tal-gwardjani jkun kompatibbli mas-sistemi proprjetarji tal-awtoritajiet amministrattivi u tal-infurzar, u ma joħloqx piż amministrattiv addizzjonali billi jinħoloq ambjent tal-API li jkun ostili għal kooperazzjoni u infurzar effettivi fis-sens ta' dan ir-Regolament.</i>

**Raġuni**

Sabiex iwettqu b'mod effettiv id-dmirijiet amministrattivi tagħhom, l-Istati Membri jiddependu mill-forniment ta' data adegwata mill-gwardjani. Għalhekk huwa importanti li l-gwardjani jipprovdu l-mezzi teknoloġiċi biex jiżguraw l-interoperabbiltà tal-interfaċċja tagħhom mas-sistemi proprjetarji rispettivi tal-awtoritajiet tal-Istati Membri biex jiżguraw fluss kontinwu, awtomatizzat u standardizzat ta' informazzjoni għal kooperazzjoni effettiva.

**Emenda 45**

COM(2020) 842 final — Parti 1

Artikolu 7(8) (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
	<b><i>Sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-obbligi tal-gwardjani, il-Kumitat Konsultattiv stabbilit għas-Swieq Diġitali għandu jiġi stabbilit bħala Punt Uniku ta' Kuntatt u għandu jiġi mħeġġeġ jinkludi lill-imsieħba soċjali nazzjonali fil-proċeduri tiegħu.</i></b>

**Raġuni**

It-twaqqif ta' Punt Uniku ta' Kuntatt, inklużi l-imsieħba soċjali nazzjonali.

**II. RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA****IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI****Introduzzjoni**

1. jilqa' l-proposti tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-Att dwar is-Servizzi Diġitali u l-Att dwar is-Swieq Diġitali u l-ambizzjoni tagħhom li jintroduċu regoli armonizzati u orizzontali sabiex jimmodernizzaw il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-servizzi diġitali u l-pjattaformi online;
2. iqis li l-proposti jsibu bilanċ proporzjonat biex jindirizzaw l-abbuż tas-suq u l-falliment tas-suq, biex b'hekk irawmu kundizzjonijiet ekwi fi ħdan is-Suq Uniku Diġitali Ewropew u jipprevjenu x-xkiel tal-innovazzjoni u l-funzjonament effiċjenti tas-Suq Uniku Diġitali Ewropew;
3. iwissi kontra kwalunkwe bidla fil-proposti li tirriżulta f'regolamentazzjoni rigoruża li tipprevjeni l-innovazzjoni u toħloq piż regolatorju addizzjonali għan-negozji. Jissottolinja li huwa biss ambjent regolatorju bbilanċjat tajjeb u favorevoli għan-negozju li jista' jgħin lill-UE tilħaq bis-sħiħ l-oġettiv tagħha ta' tranżizzjoni diġitali;
4. huwa tal-fehma li l-proposti tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali u tal-Att dwar is-Swieq Diġitali jindirizzaw l-inċertezza legali u l-piż amministrattiv li joriġinaw mill-frammentazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE li tirregola s-servizzi diġitali, inkluża l-każistika reċenti. Approċċ legali koerenti u armonizzat, bħala rekwiżit bażi, jiffaċilita l-fehim u l-applikazzjoni mill-awtoritajiet lokali u reġjonali tar-regoli orizzontali li jiddefinixxu r-responsabbiltajiet u l-obbligi tal-fornituri tas-servizzi diġitali u jsaħħaħ is-Suq Uniku (Diġitali);
5. jinnota d-dimensjoni lokali u reġjonali qawwija tal-proposti tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali u tal-Att dwar is-Swieq Diġitali. Is-servizzi diġitali jinfluwenzaw il-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini u xi wħud mis-setturi li fihom huma attivi ċerti pjattaformi, bħall-akkomodazzjoni u l-akkomodazzjoni turistika, it-trasport urban u l-forniment ta' servizzi pubbliċi, huma regolati fil-livell lokali u reġjonali; jenfasizza f'dan ir-rigward il-ħtieġa ta' approċċ regolatorju li jippermetti l-innovazzjoni, il-kompetittività tal-Ewropa u l-kompetizzjoni ġusta;
6. jinsab kuntent li l-proposti jindirizzaw ukoll ħafna mit-tħassib li jqajjem il-KtR fl-Opinjoni tiegħu dwar *Qafas Ewropew għal reazzjonijiet regolatorji għall-ekonomija kollaborattiva* <sup>(1)</sup>;
7. huwa tal-fehma li l-mudelli ta' negozju tas-servizzi tal-informazzjoni huma mmexxija mid-data u l-informazzjoni, u huma sensitivi għaż-żmien. B'riżultat ta' dan, jitlob li jkun hemm provvista effiċjenti ta' informazzjoni, dwar l-aċċess għad-data kif ukoll dwar it-tneħħija tal-kontenut illegali, u fl-iżgurar ta' monitoraġġ u rappurtar trasparenti mill-Kummissjoni Ewropea;

(1) Opinjoni tal-KtR dwar "Qafas Ewropew għal reazzjonijiet regolatorji għall-ekonomija kollaborattiva", relatur: Peter Florianschütz (AT/PSE). Dossier ECON-VI-048.



8. jiġbed l-attenzjoni għall-opportunitajiet offruti mill-pjattaformi online biex jipromovu d-diskors pubbliku u l-għoti ta' informazzjoni liċ-ċittadini. Jinnota li l-pandemija tal-COVID-19 kompliet iżżid l-użu tal-pjattaformi online mill-awtoritajiet lokali u reġjonali u li l-pandemija tat prova tal-kapaċità tal-SMEs u n-negozji ġodda tradizzjonali biex jiżviluppaw innovazzjonijiet rivoluzzjonarji b'reazzjoni għall-ħtiġijiet reali tad-dinja, jinħolqu impjegi ġodda u jinbnew sinerġiji;

9. jenfasizza li kundizzjonijiet ekwi fis-settur diġitali huma ta' importanza kbira, b'mod partikolari għall-SMEs li joffru l-prodotti u s-servizzi tagħhom fuq il-pjattaformi u li l-kummerċjalizzazzjoni u l-bejgħ tagħhom huma dipendenti mill-pjattaformi diġitali<sup>(2)</sup>. F'dan il-kuntest, jilqa' b'sodisfazzjon il-projbizzjoni ppjanata tal-awtopreferenzjar;

#### *Ir-responsabbiltà għall-kontenut u l-azzjonijiet illegali*

10. iqis li l-isfida ewlenija għall-proposta tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali tinsab fis-salvagwardja tal-prinċipji ewlenin tad-Direttiva dwar il-Kummerċ Elettroniku, li ħadmet tajjeb, u b'mod partikolari fiż-żamma tal-kunċett ġenerali li jirfed l-Artikoli 13 u 14, il-proċeduri attwali ta' avvż u azzjoni u l-ħtieġa li jitqiesu d-dinamika ġdida tas-suq u l-fallimenti tas-suq;

11. jinnota li r-Regolament jiddefinixxi biss il-proċess formali ta' kif jiġi indirizzat il-kontenut illegali u li jibqa' f'idejn l-Istati Membri li jiddeterminaw x'jikkostitwixxi kontenut illegali skont it-tifsira tar-Regolament;

12. huwa kuntent li, bħala rekwiżit bażiku għall-provvista tas-servizzi fis-suq Uniku Diġitali Ewropew, il-fornituri tas-servizzi online se jinżammu responsabbli għal azzjonijiet illegali jew għat-tixrid ta' kontenut illegali. Dan se jsir permezz ta' regoli armonizzati dwar l-eżenzjonijiet tar-responsabbiltà u l-moderazzjoni tal-kontenut, rappurtar ċar, responsabbiltajiet ta' trasparenza u obbligi ta' diliġenza dovuta għal ċerti servizzi intermedjarji; jenfasizza hawnhekk id-daqs u l-iskala tal-pjattaformi li jinfluwenzaw b'mod sinifikanti l-kapaċità tagħhom li jippromulgaw miżuri proattivi kontra l-kontenut illegali online;

13. jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li, fir-rigward tad-dritt għall-anonimità tal-utenti, dan huwa minqax fir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR)<sup>(3)</sup>, iżda jenfasizza li l-prinċipju ta' "dak li huwa illegali offline huwa illegali online" għandu jipprevali;

14. jiddistingwi, f'dan ir-rigward, bejn l-anonimità sħiħa u li ma tkunx identifikabbli għalkollox u jipponta lejn teknoloġiji blockchain biex jiġi ffaċilitat approċċ bħal dan. Jenfasizza li kwalunkwe miżura ta' moderazzjoni tal-kontenut għandha tkun akkumpanjata minn salvagwardji xierqa biex jiġi żgurat li dawn il-prattiki jkunu proporzjonati;

#### **Sorveljanza u investigazzjoni**

15. jappoġġja l-introduzzjoni ta' kontrolli bbażati fuq l-algoritmi u obbligi ta' trasparenza fil-każ ta' problemi bejn il-kuntratturi, u jikkonferma li dawn il-miżuri għandhom il-potenzjal li jipprovdu appoġġ sostanzjali lill-awtoritajiet lokali u reġjonali li jistgħu jsibu li s-servizzi online joperaw fit-territorju tagħhom mingħajr ma josservaw il-liġijiet rilevanti;

#### **L-infurzar**

16. japprova l-proposta li biha l-infurzar se jinvolvi sistema li tinkludi Bord Ewropew għas-Servizzi Diġitali, Koordinatur tas-Servizzi Diġitali u koordinaturi nazzjonali tas-servizzi diġitali, bil-Kummissjoni Ewropea twettaq rwol ta' monitoraġġ. Dan se jipprovdi appoġġ għal dawk l-awtoritajiet lokali u reġjonali li kienu qed jitħabtu mal-infurzar tal-leġiżlazzjoni lokali kontra s-servizzi diġitali bbażati fi Stati Membri oħrajn tal-UE minħabba nuqqas ta' riżorsi u kapaċità li jressqu t-tilwim tagħhom fi Stat Membru ieħor tal-UE;

17. jenfasizza l-ħtieġa li tinbena kooperazzjoni effettiva bejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri sabiex jiġu stabbiliti Koordinaturi tas-Servizzi Diġitali, tiġi kondiviża d-data u jiġu infurzati r-regoli applikabbli; jinnota wkoll li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jirrapportaw lill-Koordinaturi rilevanti tas-Servizzi Diġitali fi Stati Membri oħrajn u jiġu inklużi fil-proċess;

<sup>(2)</sup> L-istħarriġ tal-Bundesnetzagentur (l-Aġenzija Federali Ġermaniża tan-Network għall-Elettriku, il-Gass, it-Telekomunikazzjoni, il-Posta u l-Ferroviji) ta' Ottubru 2020 juri li l-SMEs jiddependu ħafna minn pjattaformi online, b'mod partikolari għall-kummerċjalizzazzjoni u l-bejgħ. Bundesnetzagentur – Interim results — public consultation on digital platforms

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

18. jinsab imħasseb li filwaqt li l-proċeduri u l-ordnijiet ta' notifika u ta' azzjoni huma koperti fil-Kapitolu II (l-Artikoli 8 u 9), il-ġurisdizzjoni hija koperta mill-Kapitolu III, u dan iwassal għal kwistjonijiet legali potenzjali rigward l-infurzar ta' dawn id-dispożizzjonijiet; huwa mħasseb ukoll li l-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni transfruntier jista' ma jkunx biżżejjed;

### L-aċċess għad-data

19. jirrikonoxxi l-importanza tal-kondiviżjoni tad-data għal infurzar effettiv fil-livell nazzjonali u subnazzjonali u jirrimarka li l-aċċess għad-data huwa kwistjoni kruċjali għall-awtoritajiet pubbliċi, b'mod partikolari fil-livell lokali u reġjonali; huwa impossibbli li jiġu infurzati r-regoli applikabbli u jiġu salvagwardjati l-mekkaniżmi ta' kontroll mingħajr aċċess għad-data rilevanti minn pjattaformi li joperaw f'territorju partikolari; ifakkar fil-pożizzjoni reċenti tal-KtR li sostniet li approċċi inkonsistenti jwasslu għal aktar frammentazzjoni u għandhom jiġu evitati<sup>(4)</sup>;

20. jilqa' b'sodisfazzjon l-introduzzjoni ta' rekwiżiti rilevanti għall-kondiviżjoni tad-data, peress li l-awtoregolamentazzjoni volontarja ma kinix biżżejjed biex tiggarrantixxi aċċess għad-data għall-awtoritajiet lokali u reġjonali;

21. jitlob lill-Kummissjoni Ewropea tagħti pariri dwar sett komuni ta' rekwiżiti standard għall-interoperabbiltà tas-sistemi proprjetarji tal-awtoritajiet. Għandu jiġi kkunsidrat l-istabbiliment ta' APIs (interfaċċji għall-ipprogrammar tal-applikazzjonijiet);

22. jappoġġja d-dispożizzjonijiet dwar il-portabbiltà tad-data u jisħaq li t-tneħħija ta' abbonament minn servizz ma għandhiex issir sostanzjalment aktar diffiċli milli biex wieħed jabbona għalih;

### Ekonomija lokali

23. jenfasizza l-importanza tar-regolamenti proposti għall-ekonomija lokali, peress li l-SMEs u n-negozji ġodda se jibbenefikaw minn regoli armonizzati. Ir-regolamenti jiffurmaw qafas li fih l-SMEs jistgħu jikbru fi ħdan is-Suq Uniku. Stħarriġ tal-Eurochambres li jenfasizza l-potenzjal li jiżdiedu l-operazzjonijiet fi ħdan is-Suq Uniku sab li l-SMEs huma aktar involuti minn qatt qabel fil-kummerċ diġitali, iżda ċ-ċifri tal-istħarriġ tal-EWROBAROMETRU ta' Settembru 2020 juru li 4 % biss ibiġħu l-prodotti tagħhom online lill-konsumaturi fi Stati Membri oħrajn<sup>(5)</sup>;

24. huwa kuntent li l-proposti jfittxu li jippromovu industrija u innovazzjoni kompetittiva, vibranti u reżiljenti fl-Ewropa, u jenfasizza r-rilevanza għall-awtoritajiet lokali u reġjonali li jappoġġjaw lill-atturi lokali permezz ta' mekkaniżmi ta' finanzjament u appoġġ;

25. jittama li l-proposti attwali jkunx xprunaturi li jġibu bidla għas-servizzi bħall-ħolqien tal-kumpaniji, il-preżentazzjoni tat-taxxi, il-parteċipazzjoni fl-akkwist pubbliku, l-identità elettronika u l-firem diġitali;

26. jinnota li ħafna parteċipanti iżgħar jiddependu minn ekosistemi ta' pjattaformi online stabbiliti għat-tranżazzjonijiet kummerċjali u li l-pandemija tal-COVID-19 kompliet iżżid id-dipendenza ta' negozji iżgħar li jiddependu minn ekosistemi ta' pjattaformi online stabbiliti biex jilhqnu lill-utenti tan-negozju u lill-konsumaturi;

27. jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tqis b'mod aktar effettiv id-diversi gradi ta' trasformazzjoni diġitali fil-livell reġjonali fil-proposti leġiżlattivi tagħha. F'dan il-kuntest, jikkoopera mal-istituzzjonijiet u ċ-ċentri ta' għarfien rilevanti biex jgħin ħalli jiġu mifhuma l-komplessitajiet li huma l-ixpruni tal-bidla fil-livell nazzjonali u reġjonali sabiex jinbnew strateġiji innovattivi b'saħħithom iżda flessibbli dwar it-trasformazzjoni diġitali. Dawn l-istrateġiji se jnaqqsu d-disparitajiet identifikati bejn l-Istati Membri u r-reġjuni u d-distakk bejn iż-żoni iżolati, rurali, periferiċi u urbani;

28. iqis li, fil-kuntest tal-irkupru ekonomiku fl-Ewropa, il-koeżjoni diġitali u l-koeżjoni ambjentali u klimatika, huma dimensjoni addizzjonali essenzjali tal-kunċett tradizzjonali tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali mħaddan fit-Trattat tal-UE u jitlob li jiġu rikonoxxuti aktar bħala valuri fundamentali fid-dawl tal-bidliet għal mudelli ekonomiċi aktar sostenibbli;

(4) Opinjoni tal-KtR dwar "Strateġija għall-ġejjieni diġitali tal-Ewropa u Strateġija għad-data", relatur: Mark Weinmeister (DE/PPE). Dossier ECON-VII-004.

(5) Flash Eurobarometer 486 kif ikkwotat fil-Eurochambres, Rakkomandazzjonijiet Ġenerali għall-Att dwar is-Servizzi Diġitali, 9 ta' Diċembru 2020: Digital Services Act -EUROCHAMBRES RECOMMENDATIONS (Att dwar is-Servizzi Diġitali -RAKKOMANDEZZJONIJET TAL-EUROCHAMBRES).

29. huwa tal-fehma li “distakk diġitali doppju” minħabba nuqqas ta’ infrastruttura u litteriżmu u ħiliet fl-IT għandu jiġi evitat. Fejn il-pandemija tal-COVID-19 kompliet tkabbar id-disparitajiet, hemm hteieġa urġenti li jiġi appoġġjat il-bini tal-kapaċitajiet għaċ-ċittadini u n-negozji, b’mod partikolari l-SMEs tradizzjonali, in-negozji ġodda u s-settur pubbliku;

### Impatt fuq il-ġurnaliżmu u l-midja

30. jemma li hemm bżonn li tingħata ħarsa mill-qrib lejn il-finanzjament ta’ reklami f’kontenut ta’ aħbarijiet bil-ħlas; il-bidliet regolatorji jista’ jkollhom effett qawwi fuq il-mudelli ta’ negozju vijabbli ta’ fornituri tal-aħbarijiet li se jidħlu fil-futur u għalhekk il-Kumitat jitlob li jkun hemm aktar attenzjoni fuq il-pluraliżmu tal-midja;

31. jiġbed l-attenzjoni għall-importanza ta’ ċarezza massima u koeżjoni leġiżlattiva, u sabiex jiġu evitati konsegwenzi mhux intenzjonati, jenfasizza li l-Att dwar is-Servizzi Diġitali għandu jinkludi qafas orizzontali partikolarment rilevanti għal leġiżlazzjoni speċifika għas-settur, pereżempju ksur tad-drittijiet tal-awtur, kontenut terroristiku, materjal ta’ abbuż sesswali tat-tfal jew diskors illegali ta’ mibegħda, u prodotti illegali; jemma li fil-prinċipju, id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Awtur<sup>(6)</sup>, id-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva<sup>(7)</sup> u l-GDPR għandhom jitqiesu bħala *lex specialis vis-à-vis* l-Att dwar is-Servizzi Diġitali u l-Att dwar is-Swieq Diġitali;

32. iqis li għandhom jiġu rispettati l-kompetenzi fil-livell nazzjonali jew sottonazzjonali, skont it-tqassim rispettiv tal-kompetenzi legali, u l-istrumenti relatati mas-swieq tal-midja u tal-informazzjoni, sabiex jingħata rendikont tal-identitajiet kulturali, jiġi protett il-pluraliżmu, jiġi miġġieled b’mod effettiv id-diskors ta’ mibegħda u tiġi indirizzata l-informazzjoni dannuża online bħalma jsir offline. L-awtoritajiet rilevanti fl-Istati Membri għandhom jibqgħu intitolati li jżommu jew jistabbilixxu liġijiet aktar stretti sabiex isegwu interessi leġittimi;

### Sussidjarjetà

33. jemma li ż-żewġ proposti li huma bbażati fuq l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea — li jipprevedi l-istabbiliment ta’ miżuri biex jiġi żgurat il-funzjonament tas-Suq Intern — jikkonformaw mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Sabiex tiġi evitata l-frammentazzjoni tas-Suq Uniku, huma meħtieġa kundizzjonijiet armonizzati għas-servizzi transfruntiera u dawn jistgħu jiġu garantiti mill-mekkaniżmi għal superviżjoni u kooperazzjoni koordinati dwar is-servizzi diġitali bejn l-awtoritajiet fil-livell tal-UE;

34. huwa tal-fehma li miżuri bħal dawn iservu biex tinkiseb koerenza madwar l-UE u huma biżżejjed biex iġiegħlu lil fornituri ta’ pajjiżi terzi jaħtru rappreżentant legali għall-interessi tal-konsumatur fi ħdan l-UE, immudellat fuq il-GDPR;

35. jenfasizza li r-regolamenti Ewropej għandhom dejjem iqisu l-garanzija tal-awtonomija lokali u reġjonali stabbilita fil-liġi primarja mill-Artikolu 4(2) tat-TUE;

### Eżenzjonijiet mill-proposti: tassazzjoni u kundizzjonijiet tax-xogħol

36. jenfasizza li t-tassazzjoni lokali tas-servizzi diġitali, pereżempju t-taxxi turistiċi, mhijiex indirizzata direttament miż-żewġ regolamenti;

37. iqis li l-proposti għall-Att dwar is-Servizzi Diġitali u l-Att dwar is-Swieq Diġitali għandhom jitqiesu wkoll f’kuntast ta’ politika usa’. Dan jinkludi b’mod partikolari t-tassazzjoni ġusta tal-ekonomija diġitali bħal regoli tat-tassazzjoni aġġornati filwaqt li jitqies li l-kumpaniji diġitalizzati u l-mudelli tan-negozju tagħhom jistgħu jinvolvu ruħhom f’attivitajiet ta’ negozju f’ġurisdiżjoni mingħajr preżenza fiżika hemmhekk. Hawnhekk ifakkar fil-ħtieġa li jiġi rikonoxxt ir-rwol li għandhom l-utenti aħħarin biex jiġġeneraw l-valur għall-kumpaniji. Japprova għalhekk it-talba tal-Parlament Ewropew lill-Kummissjoni biex tressaq proposti sa Ġunju 2021 biex tiċċara u tarmonizza t-tassazzjoni tal-attivitajiet tan-negozju diġitali tal-atturi kollha, inklużi dawk stabbiliti barra mill-UE. Riforma bħal din għandha titqies u titwettaq f’qafas internazzjonali usa’, u l-Qafas Inklużiv G20/OECD b’mod partikolari. Jenfasizza l-importanza li jissaħħu l-kundizzjonijiet ekwi għall-fornituri ta’ servizzi tradizzjonali u servizzi diġitali fl-UE billi jiġi żgurat li r-regoli tat-taxxa jkunu adatti għar-realtajiet tal-ekonomija globali moderna u li jipproteġu l-kompetittività u l-attrazzjoni tal-Ewropa għall-investiment intern;

<sup>(6)</sup> Direttiva (UE) 2019/790 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta’ April 2019 dwar id-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-Suq Uniku Diġitali u li temenda d-Direttivi 96/9/KE u 2001/29/KE (ĠU L 130, 17.5.2019, p. 92).

<sup>(7)</sup> Id-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta’ Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta’ ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b’regolament jew b’azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta’ servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva) (ĠU L 95, 15.4.2010, p. 1).

38. jinnota li l-Kummissjoni Ewropea hija mistennija wkoll tippreżenta proposta leġislattiva separata dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema tal-pjattaformi diġitali fl-2021 u jirrimarka li l-KtR semma l-isfidi u l-kwistjonijiet regolatorji lokali u reġjonali rigward ix-xogħol fuq pjattaformi diġitali<sup>(8)</sup>, b'mod partikolari dawk li jirriżultaw mill-pandemija tal-COVID-19<sup>(9)</sup>;

39. jistenna bil-ħerqa li jaħdem mal-Kummissjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill biex ikompli jirfina l-qafas Ewropew għal reazzjonijiet regolatorji għal servizzi online b'mod li jisfrutta l-potenzjal għal innovazzjoni Ewropea akbar u biex in-negozji ġodda jikbru u jirnexxu, filwaqt li tingħata attenzjoni partikolari lill-kummerċ miftuħ u kompetittiv tal-Ewropa li dejjem inkoraġġixxa t-tkabbir.

Brussell, it-30 ta' Ġunju 2021.

Apostolos TZITZIKOSTAS

*Il-President*

*tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni*

---

<sup>(8)</sup> Opinjoni tal-KtR dwar *Strateġija għall-ġejjieni diġitali tal-Ewropa u Strateġija għad-data*, relatur: Mark Weinmeister (DE/PPE). Dossier ECON-VII-004.

<sup>(9)</sup> Opinjoni tal-KtR dwar *Strateġija għall-ġejjieni diġitali tal-Ewropa u Strateġija għad-data*, relatur: Mark Weinmeister (DE/PPE). Dossier ECON-VII-004.

## Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni dwar “Ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi”

(2021/C 440/14)

<b>Relatur:</b>	Mario GUARENTE (IT/KRE), Sindku ta' Potenza
<b>Dokument ta' referenza:</b>	Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi COM(2020) 829 final

## I. RAKKOMANDAZZJONIJIET SABIEX JITRESSQU EMENDI

## Emenda 1

Artikolu 3(2)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
L-istrateġija għandu jkun fiha mill-inqas l-elementi li ġejjin:	L-istrateġija għandu jkun fiha mill-inqas l-elementi li ġejjin:
a) objettivi strateġiċi u prijoritajiet għall-finijiet tat-tisħiħ tar-reżiljenza kumplessiva tal-entitajiet kritiċi li jqisu l-interdipendenzi transfruntiera u transsettorjali;	a) objettivi strateġiċi u prijoritajiet għall-finijiet tat-tisħiħ tar-reżiljenza kumplessiva tal-entitajiet kritiċi li jqisu l-interdipendenzi transfruntiera u transsettorjali;
b) qafas ta' governanza biex jinkisbu l-objettivi strateġiċi u l-prijoritajiet, li jinkludi deskrizzjoni tar-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet differenti, l-entitajiet kritiċi u partijiet oħra involuti fl-implimentazzjoni tal-istrateġija;	b) qafas ta' governanza biex jinkisbu l-objettivi strateġiċi u l-prijoritajiet, li jinkludi deskrizzjoni tar-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet differenti, l-entitajiet kritiċi u partijiet oħra involuti fl-implimentazzjoni tal-istrateġija;
c) deskrizzjoni tal-miżuri meħtieġa biex tissaħħaħ ir-reżiljenza ġenerali tal-entitajiet kritiċi, inkluż valutazzjoni tar-riskju nazzjonali, l-identifikazzjoni ta' entitajiet kritiċi u ta' entitajiet ekwivalenti għal entitajiet kritiċi, u l-miżuri biex jiġu appoġġati l-entitajiet kritiċi meħuda skont dan il-Kapitolu;	c) deskrizzjoni tal-miżuri meħtieġa biex tissaħħaħ ir-reżiljenza ġenerali tal-entitajiet kritiċi, inkluż valutazzjoni tar-riskju nazzjonali, l-identifikazzjoni ta' entitajiet kritiċi u ta' entitajiet ekwivalenti għal entitajiet kritiċi, u l-miżuri biex jiġu appoġġati l-entitajiet kritiċi meħuda skont dan il-Kapitolu;
d) qafas ta' politika għal koordinazzjoni msaħħa bejn l-awtoritajiet kompetenti maħtura skont l-Artikolu 8 ta' din id-Direttiva u skont [id-Direttiva NIS 2] għall-finijiet tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni dwar inċidenti u thedid ċibernetiku u l-eżerċizzju ta' kompiti superviżorji.	d) qafas ta' politika għal koordinazzjoni msaħħa bejn l-awtoritajiet kompetenti maħtura skont l-Artikolu 8 ta' din id-Direttiva u skont [id-Direttiva NIS 2] għall-finijiet tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni dwar inċidenti u thedid ċibernetiku u l-eżerċizzju ta' kompiti superviżorji;
L-istrateġija għandha tiġi aġġornata fejn meħtieġ u tal-anqas kull erba' snin.	L-istrateġija għandha tiġi aġġornata fejn meħtieġ u tal-anqas kull erba' snin.
	e) <b>linji gwida għal attivitajiet ta' komunikazzjoni li jsibu bilanċ proporzjonat bejn il-ħtieġa għall-kunfidenzjalità u l-informazzjoni dwar ir-riskju fir-rigward tal-awtoritajiet reġjonali u lokali u l-popolazzjoni.</b>

**Raġuni**

L-attivitajiet ta' komunikazzjoni u ta' rappurtar dwar ir-riskji minn diżastri li jistgħu jaffettwaw l-infrastrutturi kritiċi preżenti f'territorju partikolari, kemm fir-rigward tal-gvernijiet lokali kif ukoll tal-popolazzjoni, huma għodda importanti biex tiżied ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi, kif huwa previst ukoll fil-Prijorità 1 tal-Qafas ta' Sendai<sup>(1)</sup>. Dan għandu jsir b'attenzjoni partikolari wkoll għall-ħtieġa għall-kunfidenzjalità fir-rigward ta' informazzjoni kritika.

**Emenda 2**

## Artikolu 4(1)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>L-awtoritajiet kompetenti maħtura skont l-Artikolu 8 għandhom jistabbilixxu lista ta' servizzi essenzjali fis-setturi msemmija fl-Anness. Huma għandhom iwettqu sa [tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], u sussegwentement fejn meħtieġ, u mill-inqas kull erba' snin, valutazzjoni tar-riskji rilevanti kollha li jistgħu jaffettwaw il-forniment ta' dawk is-servizzi essenzjali, bl-għan li jiġu identifikati l-entitajiet kritiċi skont l-Artikolu 5(1), u tingħata għajjnuna lil dawk l-entitajiet kritiċi biex jieħdu miżuri skont l-Artikolu 11.</p> <p>Il-valutazzjoni tar-riskju għandha tqis ir-riskji naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem rilevanti kollha, inklużi l-inċidenti, id-diżastri naturali, l-emerġenzi tas-saħħa pubblika, it-theddid antagonistiku, inklużi r-reati terroristiċi skont id-Direttiva (UE) 2017/541 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.</p>	<p>L-awtoritajiet kompetenti maħtura skont l-Artikolu 8 għandhom jistabbilixxu lista ta' servizzi essenzjali fis-setturi msemmija fl-Anness. Huma għandhom iwettqu sa [tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], u sussegwentement fejn meħtieġ, u mill-inqas kull erba' snin, valutazzjoni tar-riskji rilevanti kollha li jistgħu jaffettwaw il-forniment ta' dawk is-servizzi essenzjali, bl-għan li jiġu identifikati l-entitajiet kritiċi skont l-Artikolu 5(1), u tingħata għajjnuna lil dawk l-entitajiet kritiċi biex jieħdu miżuri skont l-Artikolu 11.</p> <p>Il-valutazzjoni tar-riskju għandha tqis ir-riskji naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem rilevanti kollha, inklużi l-inċidenti, id-diżastri naturali, l-emerġenzi tas-saħħa pubblika, it-theddid antagonistiku, inklużi r-reati terroristiċi skont id-Direttiva (UE) 2017/541 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, <b>filwaqt li tagħti attenzjoni speċifika wkoll lill-kundizzjonijiet tal-infrastrutturi fiżiċi eżistenti sabiex jiġu ddefiniti programmi adegwati ta' titjib jew kostruzzjoni ta' bini ġdida.</b></p>

**Raġuni**

Il-kundizzjoni tal-infrastrutturi fiżiċi eżistenti hija komponent importanti tal-kapaċità attwali u futura tal-entitajiet kritiċi biex jipprevjenu u jimmaniġġjaw inċidenti possibbli u, għalhekk, għandhom jiġu inklużi fil-valutazzjoni tar-riskju u fil-valutazzjoni tal-ħtieġa konsegwenti ta' programmi ta' rinnovazzjoni jew ta' kostruzzjoni ta' bini ġdid.

**Emenda 3**

## Artikolu 6(1)(c) u (e)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Meta jiddeterminaw is-sinifikat ta' effett ta' tfixkil kif imsemmi fil-punt (c) tal-Artikolu 5(2), l-Istati Membri għandhom iqisu l-kriterji li ġejjin:</p> <p>a) l-għadd ta' utenti li jiddependu fuq is-servizz ipprovdut mill-entità;</p> <p>b) id-dipendenza ta' setturi oħra msemmija fl-Anness fuq dak is-servizz;</p>	<p>Meta jiddeterminaw is-sinifikat ta' effett ta' tfixkil kif imsemmi fil-punt (c) tal-Artikolu 5(2), l-Istati Membri għandhom iqisu l-kriterji li ġejjin:</p> <p>a) l-għadd ta' utenti li jiddependu fuq is-servizz ipprovdut mill-entità;</p> <p>b) id-dipendenza ta' setturi oħra msemmija fl-Anness fuq dak is-servizz;</p>

(1) <https://www.undrr.org/publication/sendai-framework-disaster-risk-reduction-2015-2030>.

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
c) l-impatti li l-inċidenti jista' jkollhom, f'termini ta' grad u tul ta' żmien, fuq l-attivitajiet ekonomiċi u tas-soċjetà, l-ambjent u s-sigurtà pubblika;	c) l-impatt li l-inċidenti jista' jkollhom, f'termini ta' grad u tul ta' żmien, fuq l-attivitajiet ekonomiċi u tas-soċjetà, l-ambjent u s-sigurtà pubblika, <b>f'konsultazzjoni mal-awtoritajiet lokali u reġjonali, fejn rilevanti;</b>
d) is-sehem mis-suq tal-entità fis-suq ta' tali servizzi;	d) is-sehem mis-suq tal-entità fis-suq ta' tali servizzi;
e) iż-żona ġeografika li tista' tiġi affettwata minn inċident, inkluż kwalunkwe impatt transfruntier;	e) iż-żona ġeografika li tista' tiġi affettwata minn inċident, inkluż kwalunkwe impatt transfruntier, <b>f'konsultazzjoni mal-awtoritajiet lokali u reġjonali, fejn rilevanti;</b>
f) l-importanza tal-entità biex jinżamm livell suffiċjenti tas-servizz, filwaqt li titqies id-disponibbiltà ta' mezzi alternattivi għall-forniment ta' dak is-servizz.	f) l-importanza tal-entità biex jinżamm livell suffiċjenti tas-servizz, filwaqt li titqies id-disponibbiltà ta' mezzi alternattivi għall-forniment ta' dak is-servizz.

**Raġuni**

L-impatt lokali u reġjonali tal-inċidenti jista' jiġi vvalutat aħjar mill-awtoritajiet lokali u reġjonali.

**Emenda 4**

Artikolu 8(5)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom, fejn xieraq, u f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u ma' dak nazzjonali, jikkonsultaw u jikkooperaw ma' awtoritajiet nazzjonali rilevanti oħra, b'mod partikolari dawk inkarigati mill-protezzjoni ċivili, l-infurzar tal-liġi u l-protezzjoni tad-data personali, kif ukoll ma' partijiet ikkonċernati rilevanti, inklużi entitajiet kritiċi.	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom, fejn xieraq, u f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u ma' dak nazzjonali, jikkonsultaw u jikkooperaw ma' awtoritajiet nazzjonali rilevanti oħra – <b>u, fejn xieraq, mal-awtoritajiet lokali u reġjonali</b> – b'mod partikolari dawk inkarigati mill-protezzjoni ċivili, l-infurzar tal-liġi u l-protezzjoni tad-data personali, kif ukoll ma' partijiet ikkonċernati rilevanti, inklużi entitajiet kritiċi.

**Raġuni**

It-tqassim tas-setgħat jista' jvarja minn Stat Membru għal ieħor.

**Emenda 5**

Artikolu 9(1)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
L-Istati Membri għandhom jappoġġaw lill-entitajiet kritiċi fit-tisħiħ tar-reżiljenza tagħhom. Dak l-appoġġ jista' jinkludi li jiżviluppaw materjali ta' gwida u metodoloġiji, jappoġġaw l-organizzazzjoni ta' eżerċizzji biex jittestjaw ir-reżiljenza tagħhom u jipprovdu taħriġ lill-persunal ta' entitajiet kritiċi.	L-Istati Membri għandhom jappoġġaw lill-entitajiet kritiċi fit-tisħiħ tar-reżiljenza tagħhom. Dak l-appoġġ jista' jinkludi li jiżviluppaw materjali ta' gwida u metodoloġiji, jappoġġaw l-organizzazzjoni ta' eżerċizzji biex jittestjaw ir-reżiljenza tagħhom u jipprovdu taħriġ lill-persunal ta' entitajiet kritiċi, <b>kif ukoll jippromovu attivitajiet ta' komunikazzjoni u rappurtar dwar riskji sinifikanti fir-rigward tal-gvernijiet lokali u tal-popolazzjoni li tgħix fiż-żoni potenzjalment affettwati.</b>

**Raġuni**

Il-komunikazzjoni għandha rwol fundamentali fit-tisħiħ tar-reżiljenza tal-komunitajiet.

**Emenda 6**

## Artikolu 16(2)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Il-Grupp tar-Reżiljenza tal-Entitajiet Kritiċi għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri u l-Kummissjoni. Fejn rilevanti għat-tweġġ tal-kompiti tiegħu, il-Grupp tar-Reżiljenza tal-Entitajiet Kritiċi jista' jistieden rappreżentanti tal-partijiet ikkonċernati biex jipparteċipaw fil-ħidma tiegħu.	Il-Grupp tar-Reżiljenza tal-Entitajiet Kritiċi għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri u l-Kummissjoni, <b>kif ukoll minn rappreżentant tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni bħala osservatur</b> . Fejn rilevanti għat-tweġġ tal-kompiti tiegħu, il-Grupp tar-Reżiljenza tal-Entitajiet Kritiċi jista' jistieden rappreżentanti tal-partijiet ikkonċernati biex jipparteċipaw fil-ħidma tiegħu.

**Raġuni**

Il-KtR jista' jikkontribwixxi għall-ħidma tal-Grupp tar-Reżiljenza tal-Entitajiet Kritiċi billi jirrappreżenta l-korpi tal-awtoritajiet lokali u reġjonali u jikkontribwixxi bl-esperjenza u l-għarfien tiegħu miksuba fil-qasam.

**Emenda 7**

## Artikolu 16(3)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Il-Grupp tar-Reżiljenza tal-Entitajiet Kritiċi għandu jkollu l-kompiti li ġejjin:	Il-Grupp tar-Reżiljenza tal-Entitajiet Kritiċi għandu jkollu l-kompiti li ġejjin:
a) li jappoġġa lill-Kummissjoni fl-assistenza tagħha lill-Istati Membri fit-tisħiħ tal-kapaċità tagħhom biex jikkontribwixxu għall-iżgurar tar-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi skont din id-Direttiva;	a) li jappoġġa lill-Kummissjoni fl-assistenza tagħha lill-Istati Membri fit-tisħiħ tal-kapaċità tagħhom biex jikkontribwixxu għall-iżgurar tar-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi skont din id-Direttiva;
b) li jevalwa l-istrategġija dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi msemmija fl-Artikolu 3 u l-identifikazzjoni tal-aħjar Prattiki fir-rigward ta' dawk l-istrategġija;	b) li jevalwa l-istrategġija dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi msemmija fl-Artikolu 3 u l-identifikazzjoni tal-aħjar Prattiki fir-rigward ta' dawk l-istrategġija;
c) li jiffaċilita l-iskambju tal-aħjar Prattiki fir-rigward tal-identifikazzjoni ta' entitajiet kritiċi mill-Istati Membri skont l-Artikolu 5, inkluż fir-rigward ta' dipendenzi transfruntieri u fir-rigward tar-riskji u l-inċidenti;	c) li jiffaċilita l-iskambju tal-aħjar Prattiki fir-rigward tal-identifikazzjoni ta' entitajiet kritiċi mill-Istati Membri skont l-Artikolu 5, inkluż fir-rigward ta' dipendenzi transfruntieri u fir-rigward tar-riskji u l-inċidenti;
d) li jikkontribwixxi għat-thejġija tal-linji gwida msemmija fl-Artikolu 6(3) u kwalunkwe att delegat u ta' implimentazzjoni taħt din id-Direttiva, fuq talba;	d) li jikkontribwixxi għat-thejġija tal-linji gwida msemmija fl-Artikolu 6(3) u kwalunkwe att delegat u ta' implimentazzjoni taħt din id-Direttiva, fuq talba;
e) li jeżamina, fuq bażi annwali, ir-rapporti ta' sinteżi msemmija fl-Artikolu 8(3);	e) li jeżamina, fuq bażi annwali, ir-rapporti ta' sinteżi msemmija fl-Artikolu 8(3);
f) li jiskambja l-aħjar Prattiki dwar l-iskambju ta' informazzjoni relatata man-notifika ta' inċidenti msemmija fl-Artikolu 13;	f) li jiskambja l-aħjar Prattiki dwar l-iskambju ta' informazzjoni relatata man-notifika ta' inċidenti msemmija fl-Artikolu 13;
g) li janalizza u jipprovdi pariri dwar ir-rapporti ta' missjonijiet konsultattivi skont l-Artikolu 15(3);	g) li janalizza u jipprovdi pariri dwar ir-rapporti ta' missjonijiet konsultattivi skont l-Artikolu 15(3);
h) li jiskambja informazzjoni u l-aħjar Prattiki dwar ir-riċerka u l-iżvilupp relatati mar-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi f'konformità ma' din id-Direttiva;	h) li jiskambja informazzjoni u l-aħjar Prattiki dwar ir-riċerka u l-iżvilupp relatati mar-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi f'konformità ma' din id-Direttiva;



Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
i) fejn rilevanti, li jiskambja informazzjoni dwar kwistjonijiet li jikkonċernaw ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi mal-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi rilevanti tal-Unjoni.	i) fejn rilevanti, li jiskambja informazzjoni dwar kwistjonijiet li jikkonċernaw ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi mal-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi rilevanti tal-Unjoni;  j) <b>li jikkondividi esperjenzi u data reġjonali, li jistgħu jintużaw għall-iżvilupp ta' strateġiji ta' reżiljenza, permezz tal-involviment tal-awtoritajiet lokali u reġjonali.</b>

### Raġuni

Huwa maħsub li l-kondiviżjoni ta' esperjenzi u data territorjali tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għat-tfassil u l-implimentazzjoni ta' strateġiji effettivi ta' reżiljenza.

## II. RAKKOMANDEZZJONIJIET TA' POLITIKA

### IL-KUMMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI

1. jilqa' l-fatt li l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva proposta ġie estiż b'mod sinifikanti biex jinkludi s-setturi tal-enerġija, it-trasport, is-saħħa, l-ilma tax-xorb, l-ilma mormi, l-infrastrutturi diġitali, l-amministrazzjoni pubblika u l-ispazju;
2. iħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea tikkunsidra l-possibbiltà li testendi aktar is-setturi li għandhom jiġu previsti fid-Direttiva, billi tinkludi wkoll is-settur tal-ktajjen tad-distribuzzjoni tal-oġġetti essenzjali, u b'mod partikolari s-settur tal-produzzjoni, l-ipproċessar u d-distribuzzjoni tal-ikel;
3. jenfasizza, fid-dawl tal-kumplessità speċifika tas-settur tal-ktajjen tad-distribuzzjoni, il-hteġa li din il-kwistjoni tiġi approfondita billi jiġu promossi studji speċifiċi biex jiġi stabbilit qafas metodoloġiku affidabbli għall-valutazzjoni u l-protezzjoni tagħhom;
4. jittama, fid-dawl ukoll tal-esperjenza drammatika marbuta mal-pandemija tal-COVID-19, li f'kull każ tinwieda azzjoni biex jissaħħu l-ktajjen tad-distribuzzjoni tal-oġġetti essenzjali billi jiġi ddiversifikat in-network tad-distribuzzjoni u jiddied in-numru ta' fornituri possibbli b'mod korrispondenti mar-rilevanza tal-merkanzija li għandha titqassam;
5. jirrimarka li, għalkemm il-biċċa l-kbira mil-leġiżlazzjoni f'dan il-qasam hija stabbilita fil-livell tal-UE jew dak nazzjonali, l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom kompiti u responsabbiltajiet kbar għall-protezzjoni tat-territorju tagħhom. Għaldaqstant, huma għandu jkollhom rwol speċifiku u sinifikanti biex jikkontribwixxu għar-reżiljenza tal-infrastrutturi kritiċi li jinsabu fiż-żona tagħhom, billi jiġbu l-għarfien u l-esperjenza tagħhom stess;
6. jilqa' l-bidla mill-protezzjoni tal-infrastrutturi għat-tisħiħ tar-reżiljenza tal-entitajiet li jħaddmuhom, iżda jissottolinja li l-protezzjoni tal-istrutturi jew tal-infrastrutturi ma għandhiex tiġi ttraskurata, minħabba l-ħsara fiżika possibbli f'każ ta' diżastri naturali jew dawk ikkawżati mill-bniedem u l-konsegwenzi potenzjalment serji tagħhom mhux biss fil-livell nazzjonali, iżda wkoll fil-livell lokali u reġjonali jew transfruntier;
7. jenfasizza l-valur miżjud tal-awtoritajiet lokali u reġjonali f'sitwazzjonijiet transkfruntiera, speċjalment fir-rigward tal-fehim tar-riskji u l-valutazzjoni tas-severità tal-inċidenti u l-konsegwenzi possibbli, kif ukoll l-interdipendenzi settorjali u territorjali;
8. jaqbel li, sabiex jiġi żgurat approċċ komprensiv għar-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi, kull Stat Membru għandu jkollu strateġija, mħejjija f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet lokali u reġjonali, li tiddefinixxi l-oġġettivi u l-miżuri ta' politika li għandhom jiġu implimentati, abbażi ta' valutazzjoni tar-riskji kollha rilevanti naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem li jistgħu jaffettwaw il-forniment ta' servizzi essenzjali, bħal inċidenti, diżastri naturali, emerġenzi ta' saħħa pubblika jew attacchi terroristiċi;
9. jenfasizza li l-Istati Membri għandhom jaqblu dwar x'jiġi f'entitajiet kritiċi u kif dawn għandhom jiġu protetti sabiex jiġu identifikati l-aħjar modi biex tiżdied ir-reżiljenza tagħhom, fid-dawl tal-impatt sinifikanti fuq il-funzjonament tas-suq intern;
10. jenfasizza l-każ speċifiku tar-reġjuni ultraperiferiċi, li r-realtà unika tagħhom tagħmilhom partikolarment vulnerabbli, u għaldaqstant hemm bżonn li tiġi żgurata r-reżiljenza tal-infrastruttura tagħhom;

11. iqis li huwa utli li l-Kummissjoni tfassal linji gwida speċifiċi biex tiżgura applikazzjoni effettiva u uniformi tad-Direttiva fl-Istati Membri kollha, billi tindirizza l-attivitajiet ta' valutazzjoni u kwalunkwe intervent sussegwenti abbażi ta' approċċ olistiku li jqis l-interdipendenzi transsettorjali u transfruntieri kollha sabiex tiżdied b'mod adegwat ir-reżiljenza li tqis il-protezzjoni, il-prevenzjoni tar-riskju, il-kontinwità operattiva u l-irkupru;
12. jissottolinja li t-tiżhif tal-kooperazzjoni bejn ir-reġjuni, pereżempju permezz tal-programmi INTERREG jew ir-Raggruppamenti Ewropej għall-Kooperazzjoni Territorjali (REKT), biex tiżdied ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi, inklużi l-infrastrutturi fiżiċi, huwa ta' importanza kruċjali biex tiġi evitata l-qerda jew il-ħsara ta' infrastrutturi bħal dawn, li jista' jkollhom effetti transfruntiera serji;
13. jemmen li l-livell sottonazzjonali għandu jitqies meta jsiru valutazzjonijiet tar-riskju nazzjonali, billi l-post fiżiku tal-infrastruttura ta' entità kritika jista' jiddetermina wkoll l-impatt u l-konsegwenzi potenzjali fuq il-post;
14. jaqbel mal-ħtieġa li tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi identifikati, filwaqt li jesprimi tħassib dwar il-piżijiet finanzjarji pjuttost sostanzjali li tista' tinvolvi l-konformità mal-obbligi skont id-Direttiva proposta;
15. jenfasizza l-opportunità għall-Kummissjoni li tipprevedi appoġġ speċifiku fi programmi diġà eżistenti, inkluż appoġġ finanzjarju, immirati għall-entitajiet kritiċi, b'mod partikolari dawk pubbliċi, fejn meħtieġ, biex tippromovi l-adozzjoni ta' miżuri effettivi u f'waqthom;
16. iqis li l-istrategġija għat-tiżhif tar-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi għandha titħejja fil-livell nazzjonali b'konsultazzjoni mal-livelli lokali u reġjonali;
17. jaqbel li, f'każ ta' inċident, l-entitajiet kritiċi għandhom jinnotifikaw lill-awtorità kompetenti mingħajr dewmien, u jinkludu "kwalunkwe informazzjoni disponibbli meħtieġa biex l-awtorità kompetenti tkun tista' tifhem in-natura, il-kawża u l-konsegwenzi possibbli tal-inċident". Meta ma jkunx hemm diġà fis-seħħ l-istrutturi u l-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni nazzjonali biex jindirizzaw il-kriżijiet, il-Kumitat jappella li fil-livell nazzjonali jiġu stabbiliti networks u mekkaniżmi ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet rilevanti, inklużi l-awtoritajiet lokali u reġjonali, u setturi rilevanti, iddedikati għall-ġestjoni tal-emerġenzi u li jkollhom il-possibbiltà ta' rispons rapidu;
18. jissottolinja li kull Stat Membru għandu r-responsabbiltà li jipproteġi l-infrastruttura essenzjali u jiżgura r-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi li jinsabu fit-territorju tiegħu, u jaqbel li l-entitajiet kritiċi ta' sinifikat Ewropew partikolari, jiġifieri dawk li jipprovdu servizzi essenzjali jew dawk li jipprovdu servizzi f'terz tal-Istati Membri jew aktar, għandhom ikunu soġġetti għal sorveljanza speċifika;
19. jenfasizza l-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza għall-ġestjoni tar-riskju billi tiġi promossa l-kooperazzjoni transfruntiera u dik bejn l-Istati Membri;
20. jaqbel li, peress li diġà jeżistu diversi strutturi u strumenti taħt il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili u n-Network Ewropew ta' Referenza għall-ħarsien tal-Infrastruttura Kritika (European Reference Network for Critical Infrastructure Protection, ERNCIP), dawn għandhom jitqiesu wkoll għall-finijiet tad-Direttiva proposta;
21. filwaqt li jirrikonoxxi r-rwol fundamentali li l-komunikazzjoni għandha biex iżżid ir-reżiljenza tal-komunitajiet, jirrakkomanda l-promozzjoni u l-appoġġ, f'konformità mal-oġġettivi stabbiliti fil-Qafas ta' Sendai, ta' inizjattivi ta' komunikazzjoni u ta' rappurtar dwar riskji minn diżastri li jistgħu jaffettwaw l-infrastrutturi kritiċi preżenti f'territorju partikolari, kemm fir-rigward tal-amministrazzjonijiet lokali kif ukoll fir-rigward tal-popolazzjoni;
22. jemmen li l-koordinazzjoni, il-komunikazzjoni u l-iskambju tal-aħjar prattiki bejn il-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali u bejn l-Istati Membri jistgħu jippromovu kooperazzjoni aktar effiċjenti f'termini ta' riżorsi, għarfien u sinerġiji matul iċ-ċiklu kollu tal-immaniġġjar tal-kriżijiet.

Brussell, l-1 ta' Lulju 2021.

Apostolos TZITZIKOSTAS

*Il-President*

*tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni*

**Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni dwar “Regolament Rivedut dwar l-Infrastruttura tal-Enerġija Trans-Ewropea, adatt għat-Tranżizzjoni Ekoloġika u dik Diġitali”**

(2021/C 440/15)

<b>Relatur:</b>	Robert Sorin NEGOIȚĂ (RO/PSE), Sindku tat-3 Settur, Belt ta' Bucharest
<b>Dokument ta' referenza:</b>	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar linji gwida għall-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea u li jirrevoka r-Regolament (UE) Nru 347/2013  COM(2020) 824 final

**I. RAKKOMANDAZZJONIJIET SABIEX JITRESSQU EMENDI**

**Emenda 1**

Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>(1) Fil-Komunikazzjoni tagħha tal-11 ta' Diċembru 2019 intitolata “Il-Patt Ekoloġiku Ewropew”, il-Kummissjoni stabbiliet strateġija ġdida ta' tkabbir tal-Ewropa li għandha l-għan li tittrasforma l-Unjoni f'soċjeta' ġusta u għanja, b'ekonomija moderna, effiċjenti fir-riżorsi u kompetittiva, fejn ma jkunx hemm emissjonijiet netti ta' gassijiet serra fl-2050 u fejn it-tkabbir ekonomiku jkun diżakkoppjat mill-użu tar-riżorsi. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Pjan ta' Mira għall-Klima li tipproponi li żżid il-livell ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra għal tal-anqas 55 % sal-2030 — ambizzjoni li ġiet approvata mill-Kunsill tal-Ewropea fil-11 ta' Diċembru 2020 — u l-valutazzjoni tal-impatt sottostanti tagħha tikkonferma li t-taħlita tal-enerġija tal-futur se tkun differenti ħafna minn dik tal-lum u ssostni l-ħtieġa li tiġi rieżaminata u, jekk ikun meħtieġ, li tiġi riveduta l-leġiżlazzjoni dwar l-enerġija. Jidher ċar li l-investimenti kurrenti fl-infrastruttura tal-enerġija mhumiex biżżejjed sabiex jittrasformaw u jibnu l-infrastruttura tal-enerġija tal-futur. Dak ifisser ukoll li l-infrastruttura jeħtieġ li tkun fis-seħħ sabiex tappoġġa t-tranżizzjoni enerġetika Ewropea, inklużi elettrifikazzjoni rapida, espansjoni fil-ġenerazzjoni tal-elettriku rinnovabbli, l-użu akbar ta' gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, integrazzjoni tas-sistema tal-enerġija u użu akbar ta' soluzzjonijiet innovattivi.</p>	<p>(1) Fil-Komunikazzjoni tagħha tal-11 ta' Diċembru 2019 intitolata “Il-Patt Ekoloġiku Ewropew”, il-Kummissjoni stabbiliet strateġija ġdida ta' tkabbir tal-Ewropa li għandha l-għan li tittrasforma l-Unjoni f'soċjeta' ġusta u għanja, b'ekonomija moderna, effiċjenti fir-riżorsi u kompetittiva, fejn ma jkunx hemm emissjonijiet netti ta' gassijiet serra fl-2050 u fejn it-tkabbir ekonomiku jkun diżakkoppjat mill-użu tar-riżorsi. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Pjan ta' Mira għall-Klima li tipproponi li żżid il-livell ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra għal tal-anqas 55 % sal-2030 — ambizzjoni li ġiet approvata mill-Kunsill tal-Ewropea fil-11 ta' Diċembru 2020 — u l-valutazzjoni tal-impatt sottostanti tagħha tikkonferma li t-taħlita tal-enerġija tal-futur se tkun differenti ħafna minn dik tal-lum u ssostni l-ħtieġa li tiġi rieżaminata u, jekk ikun meħtieġ, li tiġi riveduta l-leġiżlazzjoni <b>primarja u sekondarja</b> dwar l-enerġija <b>fil-livell Ewropew, nazzjonali u reġjonali</b>. Jidher ċar li l-investimenti kurrenti fl-infrastruttura tal-enerġija mhumiex biżżejjed sabiex jittrasformaw u jibnu l-infrastruttura tal-enerġija tal-futur, <b>filwaqt li fl-istess ħin jiżguraw provvista tal-enerġija li tindirizza l-ħtiġijiet u l-potenzjal speċifiċi ta' reġjuni differenti</b>. Dak ifisser ukoll li l-infrastruttura jeħtieġ li tkun fis-seħħ sabiex tappoġġa t-tranżizzjoni enerġetika Ewropea, inklużi elettrifikazzjoni rapida, espansjoni fil-ġenerazzjoni tal-elettriku rinnovabbli, l-użu akbar ta' gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, <b>l-iżvilupp ta' sistemi ta' tisħin u tkessiħ distrettwali</b>, integrazzjoni tas-sistema tal-enerġija u użu akbar ta' soluzzjonijiet innovattivi, <b>biex is-soċjeta' tagħna ssir ekoloġika, sostenibbli u affordabbli u biex jittejbu l-kundizzjonijiet tal-għajxien</b>.</p>

**Raġuni**

Evidenti.

**Emenda 2**

Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>(5) L-ewalwazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 347/2013 uriet b'mod ċar li l-qafas tejjeb b'mod effettiv l-integrazzjoni tan-networks tal-Istati Membri, stimula l-kummerċ tal-enerġija u, b'hekk, ikkontribwixxa għall-kompetittività tal-Unjoni. Il-proġetti ta' interess komuni fl-elettriku u fil-gass ikkontribwew ħafna għas-sigurtà tal-provvista. Għall-gass, l-infrastruttura issa hija konnessa sew u r-reżiljenza tal-provvista tjiebet sostanzjalment mill-2013. Il-koperazzjoni reġjonali fil-Gruppi Reġjonali u permezz tal-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet hija faċilitatur importanti għall-implimentazzjoni tal-proġetti. Madankollu, f'ħafna każijiet l-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet ma rriżultatx fi tnaqqis tad-diskrepanza tal-finanzjament tal-proġett, kif kien maħsub. Filwaqt li l-maġġoranza tal-proċeduri għall-għoti ta' permessi tqassar, f'xi każijiet il-proċess għadu twil. L-assistenza finanzjarja mill-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) kienet fattur importanti peress li l-għotjiet għall-istudji għenu lill-proġetti sabiex jitnaqqsu r-riskji fl-istadji bikrija tal-iżvilupp filwaqt li l-għotjiet għax-xogħlijiet appoġġaw proġetti li jindirizzaw il-konġestjonijiet ewlenin li l-finanzjament tas-suq ma setax jindirizza b'mod suffiċjenti.</p>	<p>(5) L-ewalwazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 347/2013 uriet b'mod ċar li l-qafas tejjeb b'mod effettiv l-integrazzjoni <b>tal-biċċa l-kbira</b> tan-networks tal-Istati Membri, stimula l-kummerċ tal-enerġija u, b'hekk, ikkontribwixxa għall-kompetittività tal-Unjoni. Il-proġetti ta' interess komuni fl-elettriku u fil-gass ikkontribwew ħafna għas-sigurtà tal-provvista. Għall-gass, l-infrastruttura issa hija konnessa sew <b>fil-parti l-kbira tar-reġjuni</b> u r-reżiljenza tal-provvista tjiebet sostanzjalment mill-2013. <b>Madankollu, sal-lum għad hemm reġjuni sħaħ li ma kinux kapaċi jtejbu b'mod suffiċjenti n-networks tal-gass, is-sigurtà tal-enerġija u l-kapaċità ta' reżiljenza tagħhom. Għad hemm proġetti għad-distribuzzjoni tal-gass li jinsabu f'fażijiet differenti ta' implimentazzjoni u li għad iridu jitlestew.</b> Il-koperazzjoni reġjonali fil-Gruppi Reġjonali u permezz tal-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet hija faċilitatur importanti għall-implimentazzjoni tal-proġetti. Madankollu, f'ħafna każijiet l-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet ma rriżultatx fi tnaqqis tad-diskrepanza tal-finanzjament tal-proġett, kif kien maħsub. Filwaqt li l-maġġoranza tal-proċeduri għall-għoti ta' permessi tqassar, f'xi każijiet il-proċess għadu twil. L-assistenza finanzjarja mill-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) kienet fattur importanti peress li l-għotjiet għall-istudji għenu lill-proġetti sabiex jitnaqqsu r-riskji fl-istadji bikrija tal-iżvilupp filwaqt li l-għotjiet għax-xogħlijiet appoġġaw proġetti li jindirizzaw il-konġestjonijiet ewlenin li l-finanzjament tas-suq ma setax jindirizza b'mod suffiċjenti <b>u li huma estremament importanti biex tiġi żgurata tranżizzjoni enerġetika sikura u ġusta.</b></p>

**Raġuni**

Evidenti.

**Emenda 3**

## Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
(11) Is-sigurtà tal-provvista, bħala mutur ewlieni wara r-Regolament (UE) Nru 347/2013, tjobbet b'mod sinifikanti permezz ta' proġetti ta' interess komuni. Barra minn hekk, il-valutazzjoni tal-impatt tal-mira klimatika 27 tal-Kummissjoni tistenna li l-konsum tal-gass naturali jonqos b'mod sinifikanti minħabba li l-użu mhux imrażżan tiegħu mhuwiex kompatibbli man-newtralità karbonika. Min-naħa l-oħra, il-konsum tal-bijogass, tal-idroġenu rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u tal-fjuwils gassużi sintetiċi se jżied b'mod sinifikanti lejn l-2050. Għalhekk, l-infrastruttura tal-gass naturali ma għadhiex teħtieġ appoġġ mill-politika tat-TE-N-E. Jenħtieġ li l-ippjanar tal-infrastruttura tal-enerġija jirrifletti dan ix-xenarju tal-gass li qed jinbidel.	(11) Is-sigurtà tal-provvista, bħala mutur ewlieni wara r-Regolament (UE) Nru 347/2013, tjobbet b'mod sinifikanti permezz ta' proġetti ta' interess komuni. Barra minn hekk, il-valutazzjoni tal-impatt tal-mira klimatika 27 tal-Kummissjoni tistenna li l-konsum tal-gass naturali jonqos b'mod sinifikanti minħabba li l-użu mhux imrażżan tiegħu mhuwiex kompatibbli man-newtralità karbonika. Min-naħa l-oħra, il-konsum tal-bijogass, tal-idroġenu rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u tal-fjuwils gassużi sintetiċi se jżied b'mod sinifikanti lejn l-2050. Għalhekk, l-infrastruttura <b>l-għida</b> tal-gass naturali ma għadhiex teħtieġ appoġġ mill-politika tat-TE-N-E. Jenħtieġ li l-ippjanar tal-infrastruttura tal-enerġija jirrifletti dan ix-xenarju tal-gass li qed jinbidel. <b>Fl-istess ħin, f'bosta pajjiżi tal-UE proġetti tal-gass naturali jgħinu biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> billi jiffaċilitaw it-tranżizzjoni minn fjuwils fossili solidi. Ir-reviżjoni tar-Regolament tal-UE inkwistjoni ma tridx taffettwa b'mod negattiv proġetti li għadhom ma tlestewx.</b>

**Raġuni**

Evidenti.

**Emenda 4**

## Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
(15) Barra minn hekk, jenħtieġ li tinħoloq kategorija ġdida ta' infrastruttura għall-grilji intelliġenti tal-gass sabiex issostni l-investimenti għall-integrazzjoni ta' gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju bħall-bijogass, il-bijometan u l-idroġenu, fin-network u tgħin fil-ġestjoni ta' sistema aktar kumplessa li tirriżulta, filwaqt li tibni fuq teknoloġiji diġitali innovattivi.	(15) Barra minn hekk, jenħtieġ li tinħoloq kategorija ġdida ta' infrastruttura għall-grilji intelliġenti tal-gass sabiex issostni l-investimenti għall-integrazzjoni ta' gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju bħall-bijogass, il-bijometan u l-idroġenu <b>nadif</b> fin-network u tgħin fil-ġestjoni ta' sistema aktar kumplessa li tirriżulta, filwaqt li tibni fuq teknoloġiji diġitali innovattivi, <b>kif ukoll soluzzjonijiet teknoloġiċi u tal-inġinerija għall-kwalità tal-gass u għall-ġestjoni tal-grilja tal-Kontroll Superviżorju u l-Akkwiżizzjoni tad-Data (Supervisory Control and Data Acquisition (SCADA)).</b>

**Raġuni**

Evidenti.

**Emenda 5**

Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
(25) Jenħtieġ li jitwaqqfu gruppi reġjonali bl-għan li jipproponu u jirrieżaminaw proġetti ta' interess komuni, li jwasslu għall-istabbiliment ta' listi reġjonali ta' proġetti ta' interess komuni. Sabiex jiġi żgurat kunsens mifruż, jenħtieġ li daww il-gruppi reġjonali jiżguraw kooperazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Membri, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, il-promoturi tal-proġetti u l-partijiet konċernati rilevanti. Fil-kuntest ta' dik il-kooperazzjoni, jenħtieġ li, meta jkun meħtieġ, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, jagħtu pariri lill-gruppi reġjonali, fost l-oħrajn dwar il-fattibbiltà tal-aspetti regolatorji tal-proġetti proposti u dwar il-fattibbiltà tal-iskeda ta' żmien proposta għall-approvazzjoni regolatorja.	(25) Jenħtieġ li jitwaqqfu gruppi reġjonali bl-għan li jipproponu u jirrieżaminaw proġetti ta' interess komuni, li jwasslu għall-istabbiliment ta' listi reġjonali ta' proġetti ta' interess komuni. Sabiex jiġi żgurat kunsens mifruż, jenħtieġ li daww il-gruppi reġjonali jiżguraw kooperazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Membri, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, <b>l-awtoritajiet lokali u reġjonali</b> , il-promoturi tal-proġetti u l-partijiet konċernati rilevanti. Fil-kuntest ta' dik il-kooperazzjoni, jenħtieġ li, meta jkun meħtieġ, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, jagħtu pariri lill-gruppi reġjonali, fost l-oħrajn dwar il-fattibbiltà tal-aspetti regolatorji tal-proġetti proposti u dwar il-fattibbiltà tal-iskeda ta' żmien proposta għall-approvazzjoni regolatorja.

**Raġuni**

Evidenti.

**Emenda 6**

Artikolu 1(1)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p><i>Artikolu 1</i></p> <p><b>Suġġett</b></p> <p>(1) Dan ir-Regolament jistabbilixxi linji gwida għall-iżvilupp f'waqtu u għall-interoperabbiltà tal-kurituri u tal-oqsma prijoritarji tal-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea stabbiliti fl-Anness I ("kurituri u oqsma prijoritarji tal-infrastruttura tal-enerġija") li jikkontribwixxu għall-miri klimatiċi u enerġetiċi tal-Unjoni għall-2030 u għall-oġġettiv tan-newtralità klimatika sal-2050.</p>	<p><i>Artikolu 1</i></p> <p><b>Suġġett</b></p> <p>1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi linji gwida għall-iżvilupp f'waqtu u għall-interoperabbiltà tal-kurituri u tal-oqsma prijoritarji tal-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea stabbiliti fl-Anness I ("kurituri u oqsma prijoritarji tal-infrastruttura tal-enerġija") li jikkontribwixxu għall-miri klimatiċi u enerġetiċi tal-Unjoni għall-2030, għall-oġġettiv tan-newtralità klimatika sal-2050, <b>għall-għanijiet relatati mal-bijodiversità għall-2030, u biex jiżguraw u jstimulaw is-sigurtà tal-enerġija, l-integrazzjoni tas-suq, il-kompetizzjoni ġusta, id-diversifikazzjoni tal-provvista tal-enerġija u l-enerġija affordabbli għal kulħadd.</b></p>

**Raġuni**

Ir-reviżjoni tat-TEN-E (inkluż l-ippjanar tal-infrastruttura) għandha tkun konsistenti mal-oġġettivi tal-Patt Ekoloġiku, man-newtralità klimatika sal-2050 u mal-oġġettiv li "ħadd ma jitħalla jibqa' lura", li jimplika enerġija affordabbli għal kulħadd.

## Emenda 7

## Artikolu 2

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
(4) “proġett ta’ interess komuni” tfisser proġett meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-kurituri u tal-oqsma prijoritarji tal-infrastruttura tal-enerġija stabbiliti fl-Anness I u li jkun parti mil-lista tal-Unjoni ta’ proġetti ta’ interess komuni msemmija fl-Artikolu 3;	(4) “proġett ta’ interess komuni” tfisser proġett meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-kurituri u tal-oqsma prijoritarji tal-infrastruttura tal-enerġija stabbiliti fl-Anness I u li jkun parti mil-lista tal-Unjoni ta’ proġetti ta’ interess komuni msemmija fl-Artikolu 3. <b>Meta jiġu vvalutati l-proġetti, għandhom jitqiesu l-istrateġiji ta’ żvilupp nazzjonali u l-potenzjal lokali u reġjonali tal-post fejn se jiġi implimentat il-proġett sabiex jiġi żgurata l-aħjar impatt benefiċjali;</b>
(...)	(...)
(16) “adattament għat-tibdil tal-klima” huwa proċess li jiżgura li r-reżiljenza għall-impatti negattivi potenzjali tat-tibdil fil-klima tal-infrastruttura tal-enerġija tiġi żgurata permezz ta’ valutazzjoni tal-vulnerabbiltà u tar-riskju tat-tibdil fil-klima, inkluż permezz ta’ miżuri ta’ adattament rilevanti.	(16) “adattament għat-tibdil tal-klima” huwa proċess li jiżgura li r-reżiljenza għall-impatti negattivi potenzjali tat-tibdil fil-klima tal-infrastruttura tal-enerġija tiġi żgurata permezz ta’ valutazzjoni tal-vulnerabbiltà u tar-riskju tat-tibdil fil-klima, inkluż permezz ta’ miżuri ta’ adattament rilevanti.
	(17) <b>“sostenibbiltà” tfisser il-potenzjal li kwalunkwe tip ta’ proġett jikkontribwixxi għall-kisba tal-objettiv tan-newtralità klimatika. Is-sostenibbiltà tiġi vvalutata f’termini tal-integrazzjoni tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli fil-grilja jew it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra li l-proġett se jkun qed jiġġenera matul il-ħajja mistennija tiegħu;</b>

**Raġuni**

“Sostenibbiltà” hija nieqsa fid-definizzjonijiet. Meta titqies il-ħajja twila, il-potenzjalità li proġett isir assi mhux rekuperabbli għandha tiġi vvalutata bir-reqqa hekk kif is-sistema timxi lejn in-newtralità karbonika.

## Emenda 8

## Artikolu 3(3)(a)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
(a) kull proposta individwali għal proġett ta’ interess komuni għandha teħtieġ l-approvazzjoni tal-istati, li mat-territorju tagħhom ikun relatat il-proġett; meta stat ma jagħtix l-approvazzjoni tiegħu, huwa għandu jippreżenta r-raġunijiet sostanzjali tiegħu għal dan lill-Grupp konċernat;	(a) kull proposta individwali għal proġett ta’ interess komuni għandha teħtieġ l-approvazzjoni tal-istati, li mat-territorju tagħhom ikun relatat il-proġett; meta stat ma jagħtix l-approvazzjoni tiegħu, huwa għandu jippreżenta r-raġunijiet sostanzjali tiegħu għal dan lill-Grupp konċernat. <b>Sabiex jiġi evitat kunflitt fil-livell reġjonali u dak tal-Istati Membri u biex jiġi pprovdut intermedjarju biex tiġi żgurata t-traspożizzjoni adatta tad-dispożizzjonijiet ta’ dan ir-Regolament u l-konformità magħhom, l-Unjoni Ewropea għandha tistabbilixxi awtorità unika maħtura għal dan il-għan;</b>

**Raġuni**

Evidenti.

**Emenda 9**

## Artikolu 4(2)(a)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
il-proġett jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-oġġettivi ta' dekarbonizzazzjoni tal-Unjoni u ta' dawk tal-pajjiż terz u għas-sostenibbiltà, inkluż permezz tal-integrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli fil-grilja u permezz tat-trażmissjoni tal-enerġija rinnovabbli lejn ċentri ta' konsum u siti ta' ħżin ewlenin, u;	il-proġett jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-oġġettivi ta' dekarbonizzazzjoni tal-Unjoni u ta' dawk tal-pajjiż terz u għas-sostenibbiltà, inkluż permezz tal-integrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli <b>u b'livell baxx ta' karbonju</b> fil-grilja u permezz tat-trażmissjoni tal-enerġija rinnovabbli <b>u b'livell baxx ta' karbonju</b> lejn ċentri ta' konsum u siti ta' ħżin ewlenin, u;

**Raġuni**

Evidenti.

**Emenda 10**

## Artikolu 5(5)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
5. Sal-31 ta' Jannar ta' kull sena, l-awtoritajiet kompetenti <b>msemmija fl-Artikolu 8</b> għandhom jissottomettu lill-Aġenzija u lill-Grupp rispettiv ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, issupplimentat b'informazzjoni dwar il-progress u, fejn rilevanti, dwar id-dewmien fl-implimentazzjoni ta' proġetti ta' interess komuni li jinsabu fit-territorju rispettiv tagħhom fir-rigward tal-proċessi għall-għoti ta' permessi, u dwar ir-raġunijiet għal dan id-dewmien. Il-kontribuzzjoni tal-awtoritajiet kompetenti għar-rapport għandha tkun immarkata b'mod ċar bħala tali u abbozzata mingħajr ma jiġi mmodifikat it-test introdott mill-promoturi tal-proġett.	5. Sal-31 ta' Jannar ta' kull sena, l-awtoritajiet kompetenti <b>stabbiliti fil-livell Ewropew u fi ħdan l-Istati Membri skont l-Artikolu 8 ta' dan ir-Regolament</b> għandhom jissottomettu lill-Aġenzija u lill-Grupp rispettiv ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, issupplimentat b'informazzjoni dwar il-progress u, fejn rilevanti, dwar id-dewmien fl-implimentazzjoni ta' proġetti ta' interess komuni li jinsabu fit-territorju rispettiv tagħhom fir-rigward tal-proċessi għall-għoti ta' permessi, u dwar ir-raġunijiet għal dan id-dewmien. Il-kontribuzzjoni tal-awtoritajiet kompetenti għar-rapport għandha tkun immarkata b'mod ċar bħala tali u abbozzata mingħajr ma jiġi mmodifikat it-test introdott mill-promoturi tal-proġett.

**Raġuni**

Evidenti.

**Emenda 11**

## Artikolu 8

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<i>Artikolu 8</i>	<i>Artikolu 8</i>
Organizzazzjoni tal-proċess għall-għoti ta' permessi	Organizzazzjoni tal-proċess għall-għoti ta' permessi
3. Mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti rilevanti skont id-dritt <b>internazzjonali</b> u tal-Unjoni, l-awtorità kompetenti għandha tiffaċilita l-ħruġ tad-deċiżjoni komprensiva. Id-deċiżjoni komprensiva għandha tkun il-prova finali li l-proġett ta' interess komuni jkun kiseb status lest għall-bini u ma għandu jkun hemm l-ebda rekwiżit ieħor għal kwalunkwe permess jew awtorizzazzjoni addizzjonali f'dak ir-rigward. Id-deċiżjoni komprensiva għandha tinħareġ fi ħdan it-terminu msemmi fl-Artikolu 10(1) u (2) u f'konformità ma' waħda mill-iskemi li ġejjin:	3. Mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti rilevanti skont id-dritt <b>reġjonali, nazzjonali</b> , tal-Unjoni <b>u internazzjonali</b> , l-awtorità kompetenti għandha tiffaċilita l-ħruġ tad-deċiżjoni komprensiva. Id-deċiżjoni komprensiva għandha tkun il-prova finali li l-proġett ta' interess komuni jkun kiseb status lest għall-bini u ma għandu jkun hemm l-ebda rekwiżit ieħor għal kwalunkwe permess jew awtorizzazzjoni addizzjonali f'dak ir-rigward. Id-deċiżjoni komprensiva għandha tinħareġ fi ħdan it-terminu msemmi fl-Artikolu 10 (1) u (2) u f'konformità ma' waħda mill-iskemi li ġejjin:

**Raġuni**

Evidenti.



## Emenda 12

## Artikolu 9

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Trasparenza u parteċipazzjoni pubblika</p> <p>1. Sal-[1 ta' Mejju 2023], l-Istat Membru jew l-awtorità kompetenti għandha, fejn applikabbli f'kollaborazzjoni ma' awtoritajiet konċernati oħra, tippubblika manwal aġġornat tal-proċeduri għall-proċess għall-għoti ta' permessi applikabbli għal proġetti ta' interess komuni sabiex dan ikun jinkludi tal-anqas l-informazzjoni speċifikata fil-punt (1) tal-Anness VI. Il-manwal ma għandux ikun legalment vinkolanti, iżda <b>jista'</b> jirreferi għal dispożizzjonijiet legali rilevanti jew jikkwotahom. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom <b>jikkoordinaw u jsibu sinerġiji mal-</b>pajjiżi ġirien <b>fl-iżvilupp tal-manwal tal-proċeduri tagħhom.</b></p> <p>(...)</p> <p>4. Meta dan ma jkunx diġà meħtieġ skont id-dritt nazzjonali bl-istess standards jew bi standards oġhla, il-promotur tal-proġett jew, fejn meħtieġ mid-dritt nazzjonali, l-awtorità kompetenti, għandha tal-anqas twestaq konsultazzjoni pubblika waħda, qabel is-sottomissjoni tal-fajl tal-applikazzjoni finali u komplut lill-awtorità kompetenti skont l-Artikolu 10(1)(a). Dik il-konsultazzjoni pubblika għandha tkun mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe konsultazzjoni pubblika li għandha ssir wara s-sottomissjoni tat-talba għall-kunsens għall-iżvilupp skont l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2011/92/UE. Il-konsultazzjoni pubblika għandha tinforma lill-partijiet konċernati msemmija fil-punt 3(a) tal-Anness VI dwar il-proġett fi stadju bikri u għandha tgħin sabiex jiġu identifikati l-aktar post jew trajettorja xierqa, anki fid-dawl ta' kunsiderazzjonijiet adegwati relatati mal-adattament għat-tibdil fil-klima għall-proġett, u l-kwistjonijiet rilevanti li għandhom jiġu indirizzati fil-fajl tal-applikazzjoni. (...)</p>	<p>Trasparenza u parteċipazzjoni pubblika</p> <p>1. Sal-[1 ta' Mejju 2023], l-Istat Membru jew l-awtorità kompetenti għandha, fejn applikabbli f'kollaborazzjoni ma' awtoritajiet konċernati oħra, tippubblika manwal aġġornat tal-proċeduri għall-proċess għall-għoti ta' permessi applikabbli għal proġetti ta' interess komuni sabiex dan ikun jinkludi tal-anqas l-informazzjoni speċifikata fil-punt (1) tal-Anness VI. Il-manwal ma għandux ikun legalment vinkolanti, iżda <b>għandu</b> jirreferi għal dispożizzjonijiet legali rilevanti jew jikkwotahom. L-awtoritajiet nazzjonali <b>u reġjonali</b> kompetenti għandhom <b>jikkooperaw mal-awtoritajiet tal-pajjiżi ġirien bil-għan li jiskambjaw prattiki tajba u jiffaċilitaw il-proċess tal-għoti tal-permessi.</b></p> <p>(...)</p> <p>4. Meta dan ma jkunx diġà meħtieġ skont id-dritt nazzjonali bl-istess standards jew bi standards oġhla, il-promotur tal-proġett jew, fejn meħtieġ mid-dritt nazzjonali, l-awtorità kompetenti, għandha tal-anqas twestaq konsultazzjoni pubblika waħda, qabel is-sottomissjoni tal-fajl tal-applikazzjoni finali u komplut lill-awtorità kompetenti skont l-Artikolu 10(1)(a). Dik il-konsultazzjoni pubblika għandha tkun mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe konsultazzjoni pubblika li għandha ssir wara s-sottomissjoni tat-talba għall-kunsens għall-iżvilupp skont l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2011/92/UE. Il-konsultazzjoni pubblika għandha tinforma lill-partijiet konċernati msemmija fil-punt 3(a) tal-Anness VI dwar il-proġett fi stadju bikri u għandha tgħin sabiex jiġu identifikati l-aktar post jew trajettorja xierqa, <b>inkluż, fejn xieraq, postijiet jew trajettorji alternattivi,</b> anki fid-dawl ta' kunsiderazzjonijiet adegwati relatati mal-adattament għat-tibdil fil-klima għall-proġett, u l-kwistjonijiet rilevanti li għandhom jiġu indirizzati fil-fajl tal-applikazzjoni. (...)</p>

## Raġuni

Evidenti.

## Emenda 13

## Artikolu 16

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Iffaċilitar ta' investimenti b'impatti transfruntiera</p> <p>1. Il-kostijiet ta' investiment imġarrba b'mod effiċjenti, li jeskludu l-kostijiet ta' manutenzjoni, relatati ma' proġett ta' interess komuni li jaqa' taħt il-kategorija stabbiliti fil-punti (1)(a), (b), (c) u (e) tal-Anness II u ma' proġetti ta' interess komuni li jaqgħu taħt il-kategorija stabbilita fil-punt (3) tal-Anness II, meta jaqgħu taħt il-kompetenza tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, għandhom jiġġarrbu <b>mit-TSO</b> rilevanti jew mill-promoturi tal-proġett tal-infrastruttura tat-trażmissjoni tal-Istati Membri li għalihom il-proġett jipprovdi impatt pożittiv nett, u, sa fejn ma jkunux koperti mill-kirjiet tal-konġestjoni jew minn imposti oħra, jitħallsu mill-utenti tan-network permezz ta' tariffi għall-aċċess tan-network f'dak l-Istat Membru jew f'dawk l-Istati Membri.</p> <p>2. Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw għal proġett ta' interess komuni li jaqa' taħt il-kategorija stabbiliti fil-punti (1)(a), (b), (c) u (e) tal-Anness II meta tal-anqas promotur ta' proġett wieħed jitlob lill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti l-applikazzjoni tagħhom għall-kostijiet tal-proġett. Għandu japplika biss għal proġett ta' interess komuni li jaqa' taħt il-kategorija stabbilita fil-punt (3) tal-Anness II, kif rilevanti, meta tkun diġà twettqet valutazzjoni tad-domanda tas-suq u jkun indikat li l-kostijiet ta' investiment imġarrba b'mod effiċjenti ma jistgħux ikunu mistennija li jkunu koperti mit-tariffi.</p> <p>4. (...) Meta jallokaw il-kostijiet b'mod transfruntier, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali rilevanti, f'konsultazzjoni <b>mat-TSOs</b> konċernati, għandhom ifittxu ftehim reċiproku bbażat fuq l-informazzjoni speċifikata fil-paragrafi 3(a) u (b) iżda mhux limitat għaliha. Il-valutazzjoni tagħhom għandha tkun ibbażata fuq l-istess xenarju użat fil-proċess tal-għażla għall-elaborazzjoni tal-lista tal-Unjoni fejn ikun elenkat il-proġett ta' interessi komuni.</p> <p>Meta proġett ta' interess komuni jtaffi l-esternalitajiet negattivi, bħal flussi ċirkolari, u dak il-proġett ta' interess komuni jiġi implimentat fl-Istat Membru fl-orijini tal-esternalità negattiva, tali mitigazzjoni ma għandhiex titqies bħala benefiċċju transfruntiera u, għalhekk, ma għandhiex tikkostitwixxi bażi għall-allokazzjoni tal-kostijiet <b>lit-TSO</b> tal-Istati Membri affettwati minn dawk l-esternalitajiet negattivi.</p>	<p>Iffaċilitar ta' investimenti b'impatti transfruntiera</p> <p>1. Il-kostijiet ta' investiment imġarrba b'mod effiċjenti, li jeskludu l-kostijiet ta' manutenzjoni, relatati ma' proġett ta' interess komuni li jaqa' taħt il-kategorija stabbiliti fil-punti (1)(a), (b), (c), <b>(d)</b>, (e) <b>u (2)(a)</b> tal-Anness II u ma' proġetti ta' interess komuni li jaqgħu taħt il-kategorija stabbilita fil-punt (3) tal-Anness II <b>u fil-punt (1)(c) tal-Anness IV</b>, meta jaqgħu taħt il-kompetenza tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, għandhom jiġġarrbu <b>mill-operatur tal-grilja</b> rilevanti jew mill-promoturi tal-proġett tal-infrastruttura tat-trażmissjoni <b>u/jew tad-distribuzzjoni</b> tal-Istati Membri li għalihom il-proġett jipprovdi impatt pożittiv nett, u, sa fejn ma jkunux koperti mill-kirjiet tal-konġestjoni jew minn imposti oħra, jitħallsu mill-utenti tan-network permezz ta' tariffi għall-aċċess tan-network f'dak l-Istat Membru jew f'dawk l-Istati Membri.</p> <p>2. Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw għal proġett ta' interess komuni li jaqa' taħt il-kategorija stabbiliti fil-punti (1)(a), (b), (c), <b>(d)</b>, (e) <b>u (2)(a)</b> tal-Anness II <b>u punt (1)(c) tal-Anness IV</b> meta tal-anqas promotur ta' proġett wieħed jitlob lill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti l-applikazzjoni tagħhom għall-kostijiet tal-proġett. Għandu japplika biss għal proġett ta' interess komuni li jaqa' taħt il-kategorija stabbilita fil-punt (3) tal-Anness II, kif rilevanti, meta tkun diġà twettqet valutazzjoni tad-domanda tas-suq u jkun indikat li l-kostijiet ta' investiment imġarrba b'mod effiċjenti ma jistgħux ikunu mistennija li jkunu koperti mit-tariffi.</p> <p>4. (...) Meta jallokaw il-kostijiet b'mod transfruntier, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali rilevanti, f'konsultazzjoni <b>mal-operaturi tal-grilja</b> konċernati, għandhom ifittxu ftehim reċiproku bbażat fuq l-informazzjoni speċifikata fil-paragrafi 3(a) u (b) iżda mhux limitat għaliha. Il-valutazzjoni tagħhom għandha tkun ibbażata fuq l-istess xenarju użat fil-proċess tal-għażla għall-elaborazzjoni tal-lista tal-Unjoni fejn ikun elenkat il-proġett ta' interessi komuni. Meta proġett ta' interess komuni jtaffi l-esternalitajiet negattivi, bħal flussi ċirkolari, u dak il-proġett ta' interess komuni jiġi implimentat fl-Istat Membru fl-orijini tal-esternalità negattiva, tali mitigazzjoni ma għandhiex titqies bħala benefiċċju transfruntiera u, għalhekk, ma għandhiex tikkostitwixxi bażi għall-allokazzjoni tal-kostijiet <b>lill-operaturi tal-grilja</b> tal-Istati Membri affettwati minn dawk l-esternalitajiet negattivi.</p>

## Raġuni

Il-grilji intelliġenti b'vultaġġ baxx u l-grilji intelliġenti tal-gass jippermettu liċ-ċittadini biex isiru prosumaturi u jgħinu fit-tranżizzjoni tal-enerġija. Il-proġetti tal-grilja intelliġenti bħalissa mhumiex rappreżentati biżżejjed fil-lista ta' proġetti ta' interess komuni minħabba d-definizzjoni restrittiva ta' grilji intelliġenti fir-Regolament TEN-E attwali. L-emenda għandha l-għan li twessa' din id-definizzjoni.

**Emenda 14**

## Artikolu 18(4)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>4. Proġetti ta' interess komuni li jaqgħu taħt il-kategoriji stabbiliti fil-punti (1)(d), (2) u (5) tal-Anness II għandhom ikunu eliġibbli wkoll għal assistenza finanzjarja tal-Unjoni fil-forma ta' għotjiet għal xogħlijiet, meta l-promoturi tal-proġetti konċernati jkunu jistgħu juru b'mod ċar esternalitajiet pożittivi sinifikanti, bħas-sigurtà tal-provvista, il-flessibbiltà tas-sistema, is-solidarjetà jew l-innovazzjoni, iġġenerati mill-proġetti u jipprovdu evidenza ċara tan-nuqqas ta' vijabbiltà kummerċjali tagħhom, f'konformità mal-analiżi kost-benefiċċji, mal-pjan ta' direzzjoni tan-negozju u mal-valutazzjonijiet imwettqa, b'mod partikolari minn investituri jew minn kredituri potenzjali jew, fejn applikabbli, minn awtorità regolatorja nazzjonali.</p>	<p>4. Proġetti ta' interess komuni li jaqgħu taħt il-kategoriji stabbiliti fil-punti (1)(d), (2), <b>(4)</b> u (5) tal-Anness II għandhom ikunu eliġibbli wkoll għal assistenza finanzjarja tal-Unjoni fil-forma ta' għotjiet għal xogħlijiet, meta l-promoturi tal-proġetti konċernati jkunu jistgħu juru b'mod ċar esternalitajiet pożittivi sinifikanti, bħas-sigurtà tal-provvista, il-flessibbiltà tas-sistema, is-solidarjetà jew l-innovazzjoni, iġġenerati mill-proġetti u jipprovdu evidenza ċara tan-nuqqas ta' vijabbiltà kummerċjali tagħhom, f'konformità mal-analiżi kost-benefiċċji, mal-pjan ta' direzzjoni tan-negozju u mal-valutazzjonijiet imwettqa, b'mod partikolari minn investituri jew minn kredituri potenzjali jew, fejn applikabbli, minn awtorità regolatorja nazzjonali.</p>

**Raġuni**

L-elettrolizzaturi għandhom ikunu eliġibbli għall-finanzjament tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa. Speċjalment fl-istadji bikrija, l-investimenti fin-networks jiddependu fuq il-kapaċità tal-produzzjoni u għalhekk għandhom jitqiesu flimkien. L-elettrolizzaturi għandhom impatt transfruntier, b'mod partikolari jekk jgħaqqdu l-ġenerazzjoni ta' H<sub>2</sub> mad-domanda f'reġjuni transfruntiera.

**Emenda 15**

## Anness II

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>(3) dwar l-idroġenu:</p> <p>(a) pipelines tat-trażmissjoni għat-trasport tal-idroġenu, li jaqgħu aċċess lil utenti multipli tan-network fuq bażi trasparenti u mhux diskriminatorja, li prinċipalment jikkonsistu f'pipelines tal-idroġenu bi pressa għolja, minbarra pipelines għad-distribuzzjoni lokali tal-idroġenu;</p> <p>(b) faċilitajiet ta' ħżin taħt l-art li huma konnessi mal-pajpijiet tal-idroġenu bi pressa għolja msemmijin fil-punt (a);</p> <p>(c) faċilitajiet ta' riċeviment, ħżin u tibdil mill-ġdid f'gass jew dekompressjoni għal idroġenu likwifikat jew idroġenu integrat f'sustanzi kimiċi oħra bil-għan li l-idroġenu jiġi injettat fil-grilja;</p> <p>(d) kwalunkwe tagħmir jew istallazzjoni essenzjali biex is-sistema tal-idroġenu toperaw b'sikurezza, sigurtà u effiċjenza jew biex jippermettu kapaċità bidirezzjonali, inklużi l-istazzjonijiet ta' kompressjoni;</p>	<p>(3) dwar l-idroġenu:</p> <p>(a) pipelines tat-trażmissjoni għat-trasport tal-idroġenu, li jaqgħu aċċess lil utenti multipli tan-network fuq bażi trasparenti u mhux diskriminatorja, li prinċipalment jikkonsistu f'pipelines tal-idroġenu bi pressa għolja, minbarra pipelines għad-distribuzzjoni lokali tal-idroġenu;</p> <p>(b) faċilitajiet ta' ħżin taħt l-art li huma konnessi mal-pajpijiet tal-idroġenu bi pressa għolja msemmijin fil-punt (a);</p> <p>(c) faċilitajiet ta' riċeviment, ħżin u tibdil mill-ġdid f'gass jew dekompressjoni għal idroġenu likwifikat jew idroġenu integrat f'sustanzi kimiċi oħra bil-għan li l-idroġenu jiġi injettat fil-grilja;</p> <p>(d) kwalunkwe tagħmir jew istallazzjoni essenzjali biex is-sistema tal-idroġenu toperaw b'sikurezza, sigurtà u effiċjenza jew biex jippermettu kapaċità bidirezzjonali, inklużi l-istazzjonijiet ta' kompressjoni;</p>

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Kwalunkwe mill-assi elenkati fil-punti (a), (b), (c), u (d) jistgħu jkunu assi mibnija ġodda jew assi konvertiti minn iddedikati għal gass naturali għall-idroġenu, jew kombinazzjoni tat-tnejn.	(e) <b>kwalunkwe tagħmir jew installazzjoni li jippermetti l-użu ta' fjuwil mill-idroġenu nadif fis-settur tat-trasport fi ħdan in-network ewlieni u komprensiv tat-TEN-T.</b>  Kwalunkwe mill-assi elenkati fil-punti (a), (b), (c), u (d) jistgħu jkunu assi mibnija ġodda jew assi konvertiti minn iddedikati għal gass naturali għall-idroġenu, jew kombinazzjoni tat-tnejn.

### Raġuni

L-inklużjoni se twassal għal interkonnessjoni aħjar tal-politika tat-trasport u l-enerġija. Huwa importanti li kemm in-network ewlieni tat-TEN-T kif ukoll in-network komprensiv TEN-T jiġu inklużi peress li dan jallinja aħjar mar-reġjuni attwali tal-wied tal-idroġenu, fejn huma ppjanati investimenti tal-idroġenu fuq skala kbira.

### Emenda 16

#### Anness IV

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
ANNEX IV  REGOLI U INDIKATORI LI JIKKONĊERNAW KRITERJI GĦAL PROĠETTI TA' INTERESS KOMUNI U GĦAL PROĠETTI TA' INTERESS REĊIPROKU  (c) fir-rigward tal-grilji tal-elettriku intelliġenti, il-proġett ikun iddisinjat għal tagħmir u installazzjonijiet ta' vultaġġ għoli u vultaġġ medju. Dan jinvolti l-operaturi tas-sistema tat-trażmissjoni, <b>l-operaturi tas-sistema tat-trażmissjoni u d-distribuzzjoni</b> jew <b>l-operaturi tas-sistema</b> tad-distribuzzjoni minn tal-anqas żewġ Stati Membri. <b>L-operaturi tas-sistema tad-distribuzzjoni jistgħu jkunu involuti biss bl-appoġġ tal-operaturi tas-sistema tat-trażmissjoni ta' mill-inqas żewġ Stati Membri, li huma assoċjati mill-qrib mal-proġett u jiżguraw l-interoperabbiltà. Proġett ikopri mill-inqas 50 000 utent, ġeneratur, konsumatur jew prosumatur tal-elettriku, f'żona ta' konsum ta' mill-inqas 300 GW-h fis-sena, li minnhom mill-inqas 20 % joriġinaw minn riżorsi rinnovabbli <b>varjabbli</b>;</b>	ANNEX IV  REGOLI U INDIKATORI LI JIKKONĊERNAW KRITERJI GĦAL PROĠETTI TA' INTERESS KOMUNI U GĦAL PROĠETTI TA' INTERESS REĊIPROKU  (c) fir-rigward tal-grilji tal-elettriku intelliġenti, il-proġett ikun iddisinjat għal tagħmir u installazzjonijiet <b>prinċipalment</b> ta' vultaġġ għoli <b>jew ta'</b> vultaġġ medju. Dan jinvolti l-operaturi tas-sistema tat-trażmissjoni <b>jew</b> tad-distribuzzjoni minn tal-anqas żewġ Stati Membri, <b>li jkopru</b> mill-inqas <b>50 000</b> utent <b>li jiġġeneraw jew jikkunsmaw elettriku jew jagħmlu t-tnejn li huma</b> f'żona ta' konsum ta' mill-inqas 300 GW-h fis-sena, li minnhom mill-inqas 20 % joriġinaw minn riżorsi rinnovabbli <b>li huma ta' natura varjabbli. Il-proġett jista' jipprevedi wkoll konnessjoni transfruntiera virtwali</b> ;

### Raġuni

Il-grilji intelliġenti b'vultaġġ baxx jippermettu liċ-ċittadini biex isiru prosumaturi u jgħinu fit-tranżizzjoni enerġetika. Il-proġetti tal-grilja intelliġenti b'ħalissa mhumiex rappreżentati biżżejjed fil-lista ta' proġetti ta' interess komuni minħabba d-definizzjoni restrittiva ta' grilji intelliġenti fir-Regolament TEN-E attwali. L-emenda għandha l-għan li twessa' din id-definizzjoni.

## II. RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA

### IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI

1. jilqa' l-Proposta għal Regolament biex jiġu riveduti l-linji gwida għall-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea (TEN-E). Jagħraf li, filwaqt li l-oġġettivi tar-Regolament attwali għadhom fil-biċċa l-kbira validi, il-qafas attwali tat-TEN-E għadu ma jirriflettix bis-sħiħ it-tibdiliet mistennija fis-sistema tal-enerġija li se jirriżultaw mill-kuntest politiku l-ġdid u mill-iżviluppi teknoloġiċi rapidi intiżi biex jaġġornaw il-miri tal-2030, kif ukoll l-oġġettiv tan-newtralità klimatika sal-2050 fi ħdan il-Patt Ekoloġiku Ewropew. Jenfasizza li t-tibdil fil-klima, li issa ma jistax jiġi evitat, se jkollu impatt sinifikanti fl-Ewropa minkejja l-isforzi ta' mitigazzjoni u adattament, u għalhekk jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżidu l-isforzi tagħhom biex jaġġornaw l-infrastruttura tal-enerġija bħala faċilitatur ewlieni għat-tranżizzjoni enerġetika, filwaqt li jiġu żgurati azzjoni klimatika u konservazzjoni tan-natura, kif ukoll konformità mal-kriterji tas-sostenibbiltà f'konformità mal-SDGs;

2. bi pjaċir jinnota li l-qafas futur ser jippreserva r-rwol ewlieni tal-gruppi reġjonali fil-proċess ta' identifikazzjoni u għażla tal-proġetti ta' interess komuni, fejn huwa ta' importanza kbira li tiġi garantita rappreżentanza reġjonali u lokali rilevanti;
3. jilqa' l-proposta li tiġi aġġornata l-lista ta' proġetti ta' interess komuni biex tirrifletti b'mod suffiċjenti l-aħħar żviluppi teknoloġiċi u tkopri l-kategoriji tal-infrastruttura rilevanti kollha, fid-dawl tal-oġettivi tan-newtralità klimatika u tas-sigurtà tal-provvista. Jilqa' b'mod speċifiku l-inklużjoni ta' soluzzjonijiet ta' grilji intelliġenti, l-integrazzjoni ta' sistemi intelliġenti (sistema li tibdel l-elettriku f'gass u setturi oħra), il-produzzjoni tal-idroġenu u l-gassijiet sintetiċi minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli, elettrolizzaturi, grilji lil hinn mill-kosta u sistemi ta' distribuzzjoni. Jenfasizza li hemm potenzjal kbir għat-tisħin u t-kessih distrettwali, minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli jew minn sħana mitlufa, xi drabi wkoll fuq skala reġjonali u bejn il-fruntieri tal-Istati Membri. Bi pjaċir jinnota l-esklużjoni tal-infrastruttura tal-gass għall-metan u l-pipelines taż-żejt, fejn din ma jkollhiex effett negattiv jew effetti sekondarji mhux mixtieqa minħabba s-sitwazzjoni lokali jew reġjonali speċifika;
4. jilqa' l-obbligu għall-proġetti kollha biex jissodisfaw kriterji obbligatorji ta' sostenibbiltà u jsegwu l-prinċipju ta' "la tagħmilx ħsara" kif stabbilit fil-Patt Ekoloġiku Ewropew (f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament dwar it-tassonomija tal-UE <sup>(1)</sup>) bħala pass kbir 'il quddiem biex jintlaħqu l-għanijiet ekoloġiċi kollettivi tal-UE;
5. jirrimarka li l-valutazzjoni tal-proġetti fi ħdan il-qafas TEN-E tinvolti bosta elementi li għandhom jitqiesu b'mod partikolari l-isfidi lokali u reġjonali speċifiċi minħabba t-tranżizzjoni enerġetika u l-miri klimatiċi, l-importanza tal-istabbiltà, is-sigurtà u l-provvista tal-enerġija, l-aċċess għall-enerġija għaċ-ċittadini Ewropej kollha, filwaqt li l-enerġija tinżamm affordabbli, il-għieda kontra l-faqar enerġetiku, ir-rabta mal-istrateġiji tal-enerġija nazzjonali, reġjonali u lokali, u l-koerenza mal-programmi u proġetti diġà eżistenti;
6. jenfasizza li l-infrastruttura tal-enerġija għandha rwol kruċjali fit-tranżizzjoni enerġetika u jista' jkollha impatt ambjentali u ekonomiku sinifikanti. Jitlob, għalhekk, lill-Kummissjoni tistabbilixxi mekkaniżmu permanenti ta' dialogu bejn il-gruppi reġjonali u l-awtoritajiet lokali u reġjonali kkonċernati, li jkun konsistenti mal-qafas għad-dialogu f'diversi livelli dwar il-klima u l-enerġija kif stabbilit mir-Regolament dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija;
7. jenfasizza l-ħtieġa ta' qafas robust għall-għoti tal-permessi. Bħalissa, il-proċeduri tal-għoti tal-permessi, anke għal proġetti ta' interess komuni, għadhom twal ħafna. Proċeduri konfliġġenti pre-eżistenti, xi drabi kkonbinati ma' kuntest istituzzjonali speċifiku, jistgħu jagħmlu l-progress diffiċli f'ċerti Stati Membri. Barra minn hekk, jista' jkun hemm ukoll oppożizzjoni pubblika minħabba nuqqas ta' attenzjoni għall-involviment mill-partijiet ikkonċernati;
8. jitlob li l-għoti ta' status ta' prijorità lill-proġetti ta' interess komuni jiġi kkuensidrat u li ma tingħatax prijorità lil daww il-proġetti li jista' jkollhom impatt negattiv fuq il-klima jew fuq il-habitats jew l-ispeċijiet protetti;
9. jissottolinja li l-proċeduri tal-għoti tal-permessi jeħtieġ li jitlestew bid-diliġenza dovuta meħtieġa. Madankollu, il-KtR jappoġġja l-passi proposti fl-Artikolu 10 tal-Proposta għal Regolament biex jiġi żgurat żmien raġonevoli għat-tlestija tal-proċeduri għall-għoti ta' permessi mill-istanzi differenti involuti. L-istabbiliment ta' punti uniċi ta' servizz b'kompetenzi suffiċjenti, b'setgħa ta' deċiżjoni u li jkunu marbuta bi skadenzi ċari huwa essenzjali f'dan ir-rigward. Dan, min-naħa tiegħu, iwassal għal aktar sigurtà għall-partiċipanti tal-proġett u stima aħjar tal-esponiment tagħhom għar-riskju meta jidhru f'dan il-proċess;
10. jilqa' l-attenzjoni dejjem akbar li qed tingħata fl-Unjoni Ewropea lir-rwol tal-idroġenu nadif, preferibbilment miksub minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli, u jilqa' din il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea, li twieġeb għal appell mill-KtR għal qafas legali tal-UE li jipprovdi aktar appoġġ għall-iżvilupp tas-suq u tal-infrastruttura li għandu jiġi stabbilit billi tiġi riveduta l-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE dwar in-networks trans-Ewropej tal-enerġija u, b'mod partikolari, permezz tal-aġġustament adatt tar-rekwiżiti għall-proġetti ta' interess komuni skont it-TEN-E <sup>(2)</sup> u l-pjani ta' għaxar snin għall-iżvilupp tan-network fl-UE kollha; jappoġġja wkoll l-introduzzjoni ta' kategoriji speċifiċi għall-infrastruttura tal-idroġenu fir-Regolament TEN-E bħal networks tat-trażmissjoni tal-idroġenu (inklużi pipelines tal-gass naturali eżistenti adattati għall-idroġenu pur), distribuzzjoni u ħżin kif ukoll elettrolizzaturi, li jridu jkunu jistgħu jirċievu finanzjament mill-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa;

(1) Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088.

(2) Opinjoni dwar Pjan Direzzjonali għal Idroġenu Nadif — il-kontribut tal-awtoritajiet lokali u reġjonali għal Ewropa newtrali għall-klima, Birgit Honé (DE/PSE), COR 2020-549.

11. jenfasizza l-ħtieġa għall-eletrifikazzjoni u r-rwol tal-idroġenu nadif fit-tranżizzjoni mill-fjuwils fossili u fit-tnaqqis tal-emissjonijiet persistenti minn setturi li jniġġsu bħall-industrija u t-trasport tqil, fejn l-eletrifikazzjoni diretta tista' tkun limitata; ifakkar li l-idroġenu rinnovabbli għandu jkun il-prijorità u l-idroġenu b'livell baxx ta' karbonju għandu jintuża għal skopijiet ta' dekarbonizzazzjoni sakemm l-idroġenu rinnovabbli jkun jista' jaqdi dan ir-rwol waħdu; jistieden għalhekk lill-istituzzjonijiet tal-UE, lill-Istati Membri u lill-industrija jżidu l-kapaċità tal-elettriku rinnovabbli u tal-idroġenu sabiex tiġi evitata kompetizzjoni kontroproduktiva bejn l-elektrolizzaturi għall-produzzjoni tal-idroġenu u użi diretti oħra tal-elettriku rinnovabbli <sup>(3)</sup>. Barra minn hekk, jistieden lill-Kummissjoni tfassal tassonomija ċara ta' gassijiet "rinnovabbli";

12. jinnota li t-trasport (mobilità) newtrali għall-klima kif ukoll il-produzzjoni tal-idroġenu nadif jeħtieġu żieda sostanzjali fil-kapaċità ta' produzzjoni għall-enerġija rinnovabbli u t-teknoloġiji rilevanti fl-UE fil-futur qrib;

13. jenfasizza l-importanza li l-attivitajiet taħt ir-Regolament TEN-E jkunu kompletament konformi mal-istrumenti ta' ppjanar rilevanti, b'mod partikolari l-Pjani Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima (NECP). F'dan ir-rigward, itenni l-importanza li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jkunu jistgħu jikkontribwixxu bis-siġħ għan-NECPs tal-Istat Membru tagħhom u jitlob li jkun hemm rappreżentanza ottima tal-awtoritajiet lokali u reġjonali matul dan il-proċess;

14. ifakkar li s-settur tat-trasport huwa responsabbli għal kwart tal-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> fl-UE, u huwa l-uniku settur fejn l-emissjonijiet ma tnaqqsu meta mqabbla mal-linja bażi tal-1990; jissottolinja l-potenzjal tal-idroġenu li jkun wieħed mill-istrumenti biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> fil-modi tat-trasport, b'mod partikolari fejn l-eletrifikazzjoni sħiħa tkun aktar diffiċli jew għadha mhix possibbli; jenfasizza li l-implimentazzjoni tal-infrastruttura ta' riforniment ta' fjuwil hija meħtieġa biex tingħata spinta lill-użu tal-idroġenu fis-settur tat-trasport;

15. iqis li r-reviżjoni tar-Regolament tan-Network Trans-Ewropew tat-Trasport (TEN-T) <sup>(4)</sup> għandha tpoġġi enfasi akbar fuq teknoloġiji ta' propulsjoni b'livell baxx ta' karbonju għat-trakkijiet u l-kowċis kif ukoll għat-trasport fuq il-passaġġi tal-ilma intern, bħall-muturi elettriċi mħaddma minn ċelloli tal-idroġenu jew minn linji ta' kuntatt, flimkien mal-bijogass u forum oħra tal-enerġija li jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-sostenibbiltà u tat-tnaqqis tal-gassijiet b'effett ta' serra. Il-bini tal-infrastruttura korrispondenti, inizjalment tul il-kuritur tan-network ewlieni u komprensiv, huwa prerekwiżit għat-tnedija ta' dawn it-teknoloġiji. Il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa għandha tipprovdi biżżejjed finanzjament għal dan il-għan;

16. jenfasizza l-ħtieġa li jinħolqu sinerġiji bejn it-TEN-T, it-TEN-E u l-istrateġiji għall-fjuwils alternattivi; jilqa', f'dan ir-rigward, l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tiżviluppa infrastruttura ta' riforniment tal-idroġenu fil-qafas tal-Istrateġija għal Mobilità Sostenibbli u Intelliġenti, u li tirrieżamina r-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-infrastruttura tal-fjuwils alternattivi, li toffri l-possibbiltà li jiġu stabbiliti rekwiżiti speċifiċi u standards armonizzati għall-introduzzjoni gradwali ta' stazzjonijiet tar-riforniment tal-idroġenu fl-Istati Membri, fir-reġjuni u l-bliet;

17. jemmen li għandu jiġi adottat approċċ aktar miftuħ għad-definizzjoni ta' proġetti transfruntiera, sabiex jiġu kkunsidrati mhux biss proġetti kbar ta' trażmissjoni, iżda wkoll proġetti ta' grilji intelliġenti lokali, deċentralizzati u ta' spiss parteċipattivi mingħajr fruntieri fiżiċi. Proġetti deċentralizzati reġjonali u lokali bejn il-fruntieri nazzjonali jistgħu tabilħaqq ikollhom effetti pożittivi mhux biss għas-sistemi reġjonali u nazzjonali, iżda wkoll fl-Istati Membri differenti, eż. billi jintegraw is-sorsi rinnovabbli, isolvu l-konġestjonijiet u jevitaw esternalitajiet negattivi;

18. jenfasizza li sabiex jikkontribwixxu bl-aħjar mod għall-kisba tal-miri klimatiċi u tal-enerġija tal-UE kif ukoll għar-responsabilizzazzjoni tal-klijenti, il-qafas TEN-E jrid jiġi rivedut sabiex jinkludi bis-siġħ u jibbenefika mill-kontributi tal-prosumaturi, mill-komunitajiet tal-enerġija lokali u mit-teknoloġiji l-ġodda <sup>(5)</sup>; jenfasizza l-importanza ta' grilja tal-elettriku b'vultaġġ baxx jew medju, fejn trid tinholq l-infrastruttura meħtieġa għal għadd kbir ta' produttori ġodda, deċentralizzati li jalimentaw l-elettriku fis-sistema; jissottolinja li hemm ukoll il-ħtieġa li produttori ġodda fuq skala żgħira jiġu konnessi ma' networks b'vultaġġ baxx jew medju; jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi qafas għall-aggregazzjoni ta' diversi proġetti żgħar, sabiex tippermettilhom jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fil-leġiżlazzjoni attwali. Il-flessibbiltà f'dan ir-rigward hija ta' importanza kbira għall-awtoritajiet lokali u reġjonali biex ikunu jistgħu jstabbilixxu ċerti proġetti aggregati u potenzjalment jiksbu finanzjament għal dawn l-isforzi;

<sup>(3)</sup> Il-prinċipju tal-addizzjonalità ġie ppreżentat mill-Parlament Ewropew fir-rapport tiegħu "Strateġija Ewropea għall-Idroġenu" (A9-0116/2021 ITRE Jens Geier).

<sup>(4)</sup> [https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/A-9-2021-0116\\_MT.html#\\_ftn20](https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/A-9-2021-0116_MT.html#_ftn20)

<sup>(5)</sup> Bħall-ħżin tal-enerġija, ir-rispons tad-domanda, il-mikrogrilji (possibbilment transfruntiera), il-mobilità elektrika;

19. jinnota li r-Regolament TEN-E, bħala pilastru ċentrali tal-iżvilupp tal-infrastruttura tal-enerġija tal-Unjoni Ewropea u li jagħti kontribut kruċjali għall-kisba tan-newtralità klimatika, b'mod ġenerali jirrispetta l-prinċipji tas-sussidjarjetà attiva u tal-proporzjonalità; jenfasizza l-valur miżjud tal-kooperazzjoni reġjonali fl-implimentazzjoni ta' proġetti transfruntiera, it-trasparenza, iċ-ċertezza regolatorja u l-aċċess għall-finanzjament; jitlob li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jiġu involuti bis-sħiħ bħala msieħba, mhux biss bħala partijiet interessati, f'konformità ma' dawn il-prinċipji tas-sussidjarjetà attiva u tal-proporzjonalità.

Brussell, l-1 ta' Lulju 2021.

Apostolos TZITZIKOSTAS

*Il-President  
tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni*

---











ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)  
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet  
tal-Unjoni Ewropea  
L-2985 Il-Lussemburgu  
IL-LUSSEMBURGU

MT